IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2019
COM(2019) 316 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-QORTI TAL-AWDITURI

KONTIJIET ANNWALI KONSOLIDATI TAL-UNJONI EWROPEA GĦAS-SENA FINANZJARJA 2018

Kontijiet Annwali Konsolidati tal-Unjoni Ewropea

Sena finanzjarja 2018

KONTENUT

DAĦLA 3
QAFAS POLITIKU U FINANZJARJU TAL-UNJONI EWROPEA, GOVERNANZA U RESPONSABBILTÀ 4
NOTA LI TAKKUMPANJA L-KONTIJIET KONSOLIDATI 13
PUNTI EWLENIN TAS-SENA FINANZJARJA 2018 14
RAPPORTI FINANZJARJI KONSOLIDATI U NOTI TA' SPJEGA 16
KARTA BILANĊJALI 18
RAPPORT TAL-INTROJTU 19
RAPPORT TAL-FLUSS TAL-FLUS 20
DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI 21
NOTI GĦAR-RAPPORTI FINANZJARJI 22
DISKUSSJONI U ANALIŻI TAR-RAPPORT FINANZJARJU 107
RAPPORTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI BAĠITARJA U NOTI TA' SPJEGA 123
GLOSSARJU 179
LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET 183

DAĦLA

Bi pjaċir nippreżenta l-kontijiet annwali tal-2018 tal-Unjoni Ewropea. Dawn jipprovdu ħarsa kompleta lejn il-finanzi tal-UE u l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena l-oħra, inkluża informazzjoni dwar obbligazzjonijiet kontingenti, impenji finanzjarji u obbligazzjonijiet oħra tal-Unjoni. Joffru spjegazzjonijiet taċ-ċifri finanzjarji ewlenin u l-evoluzzjoni tagħhom billi jirriflettu n-natura pluriennali tal-attivitajiet tal-Unjoni. Il-**kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea** huma parti mill-pakkett tar-**rapporti finanzjarji u ta' responsabbiltà integrati** tal-Kummissjoni u jiffurmaw parti essenzjali mis-sistema żviluppata ħafna tar-responsabbiltà finanzjarja.

Minkejja d-daqs relattivament żgħir tiegħu, il-baġit tal-UE jagħmel differenza kbira għal miljuni ta' Ewropej. Jikkomplementa l-baġits nazzjonali u jappoġġja l-prijoritajiet politiċi meta dan ikollu valur miżjud reali u meta jwassal riżultati bl-aktar mod effiċjenti.

L-2018 kienet il-ħames sena taħt il-qafas finanzjarju pluriennali attwali; il-programmi finanzjarji kollha huma kompletament operazzjonali. L-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE ammontat għal total ta' EUR 173,1 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, u EUR 156,7 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. Matul is-sena, il-baġit tal-UE kompla jipprovdi r-reazzjoni tagħna għall-isfidi li rriżultaw minn ambjent ġeopolitiku kumpless filwaqt li fl-istess ħin iggarantixxa investiment strateġiku u tkabbir sostenibbli fl-Ewropa.

Kważi nofs il-fondi kienu mmirati biex jistimulaw it-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività. Il-finanzjament ingħata għar-riċerka u l-innovazzjoni taħt Orizzont 2020, għall-intrapriżi żgħar u medji taħt il-programm COSME jew għall-edukazzjoni taħt Erasmus+. Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej kollha kellhom rwol importanti wkoll. Nistedinkom tiskopru l-istejjer kollha wara ħafna mill-investimenti tal-UE fil-portal InvestEU (https://europa.eu/investeu).

Il-baġit tal-UE offra wkoll appoġġ b'saħħtu f'oqsma oħra ta' prijorità bħall-approċċ komprensiv tal-UE għall-migrazzjoni, l-unjoni tas-sigurtà u l-azzjoni esterna tal-UE. Ippermetta li l-Unjoni jkollha rwol b'saħħtu lil hinn mill-fruntieri tagħna waqt perjodu ta' turbulenza fil-viċinat tal-Ewropa u kkontribwixxa biex jintlaħqu objettivi politiċi trasversali marbuta mat-tibdil fil-klima u mal-bijodiversita. L-ammont allokat għall-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima fl-2018 ammonta għal aktar minn EUR 32 biljun, li huwa 20 % tal-baġit totali.

Fl-aħħar nett, l-appoġġ kontinwu ngħata biex jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u l-preservazzjoni tar-riżorsi naturali permezz tal-Politika Agrikola u tas-Sajd Komuni u l-attivitajiet fl-oqsma tal-klima u tal-ambjent taħt il-programm LIFE.

Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea huma prodotti skont l-**Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku**. Sabiex jinżammu dawn l-istandards, il-Kummissjoni konsistentement ittejjeb ir-regoli u l-proċeduri, l-istruttura organizzazzjonali u l-aġilità tagħha. Ir-rappurtar konsistentement u effettivament iżid ir-responsabbiltà tan-nefqa tal-UE, mhux biss għall-fini ta' konformità legali. Dan jgħin biex tinvolvi ruħha maċ-ċittadini u ma' partijiet ikkonċernati oħra, u biex iżżomm il-kunfidenza u l-fiduċja tagħhom fl-Unjoni Ewropea.

Günther H. Oettinger

Il-Kummissarju għall-Baġit u r-Riżorsi Umani

QAFAS POLITIKU U FINANZJARJU TAL-UNJONI EWROPEA, GOVERNANZA U RESPONSABBILTÀ

L-Unjoni Ewropea (UE) hija Unjoni li fiha l-Istati Membri jikkonferixxu kompetenzi sabiex jiksbu objettivi li għandhom komuni bejniethom. L-Unjoni twaqqfet fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

1. QAFAS POLITIKU U FINANZJARJU

It-Trattati tal-UE

L-objettivi u l-prinċipji globali li jiggwidaw lill-Unjoni u lill-Istituzzjonijiet Ewropej huma definiti fit-Trattati. L-Unjoni u l-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jaġixxu biss fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija mit-Trattati sabiex jilħqu l-objettivi stabbiliti hemmhekk u jridu jagħmlu dan f'konformità mal-prinċipji[1] tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Sabiex tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq il-politiki tagħha, l-Unjoni tipprovdi lilha nnifisha bil-mezzi finanzjarji neċessarji. Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-implimentazzjoni tal-objettivi f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

L-UE ssegwi l-objettivi stabbiliti fit-Trattat b'għadd ta' għodod, li waħda minnhom hija l-baġit tal-UE. Oħrajn huma, pereżempju, il-proposta ta' leġiżlazzjoni jew is-segwitu tal-istrateġiji ta' politika.

Il-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni

Il-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni huma definiti fil-linji gwida politiċi stabbiliti mill-President tal-Kummissjoni. Dawn il-linji gwida jipprovdu pjan direzzjonali għall-azzjoni tal-Kummissjoni li hu konsistenti għalkollox u kompatibbli mal-Ewropa 2020 bħala l-istrateġija fit-tul tal-UE għat-tkabbir.

10 PRIJORITAJIET

Spinta ġdida għall-impiegi, it-tkabbir u l-investiment.

Politika kummerċjali bbilanċjata u progressiva sabiex tiġi kkontrollata l-globalizzazzjoni

Suq uniku diġitali konness.

Żona ta' Ġustizzja u Drittijiet Fundamentali abbażi tal-fiduċja reċiproka.

Unjoni tal-Enerġija reżiljenti b'politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem.

Lejn politika ġdida dwar il-migrazzjoni.

Suq intern aktar ġust u profond b'bażi industrijali msaħħa.



L-Ewropa bħala attur globali aktar b'saħħtu.

[1] Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk u safejn l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda minflok ikunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jaqbżu dawk meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattati. Ara l-Artikolu 5 tat-TFUE.

Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) aktar ġusta u profonda.

Unjoni tal-bidla demokratika.

Ewropa 2020 strateġija

L-istrateġija Ewropa 2020 miftiehma fl-2010 mill-Kapijiet tal-Istat jew mill-Gvern tal-Istati Membri tal-UE ddefiniet strateġija ta' tkabbir u impjiegi ta' 10 snin għall-UE[2]. L-istrateġija ppreżentat tliet prijoritajiet li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv b'ħames miri ewlenin tal-UE.
Il-baġit tal-UE huwa wieħed mil-lievi tal-UE li jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' Ewropa 2020. Qegħdin jiġu mobilizzati firxa wiesgħa ta' azzjonijiet fil-livelli nazzjonali, tal-UE u internazzjonali biex jinkisbu riżultati konkreti b'rabta mal-istrateġija Ewropa 2020.

Aġenda 2030 għal Żvilupp Sostenibbli[3]

L-iżvilupp sostenibbli ilu żmien twil fil-qalba tal-proġett Ewropew. It-Trattati tal-UE jagħrfu d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu li jenħtieġ li jiġu indirizzati flimkien. L-UE hija impenjata favur żvilupp li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-preżent u li ma jxekkilx il-ħila tal-ġenerazzjonijiet futuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom. Il-baġit tal-UE għandu rwol essenzjali f'ħafna sfidi għas-sostenibbiltà, li jvarjaw mill-qgħad fost iż-żgħażagħ għat-tixjiħ tal-popolazzjoni, it-tibdil fil-klima, it-tniġġis, l-enerġija sostenibbli u l-migrazzjoni. Taħt il-Kummissjoni preżenti, l-iżvilupp sostenibbli huwa integrat fi proġetti trażversali ewlenin, kif ukoll f'politiki u inizjattivi settorjali.

Il-politiki appoġġjati mill-baġit tal-UE huma implimentati f'konformità mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u mal-leġiżlazzjoni settorjali korrispondenti li tiddefinixxi l-programmi tal-infiq.

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali u l-programmi tal-infiq

Il-qafas Finanzjarju Pluriennali jittraduċi l-prijoritajiet politiċi tal-UE f'termini finanzjarji matul perjodu twil biżżejjed biex ikun effettiv u jipprovdi viżjoni koerenti fit-tul għall-benefiċjarji tal-fondi tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali li jipprovdu l-kofinanzjament. Huwa jiffissa ammonti massimi annwali (limiti massimi) għan-nefqa tal-UE kollha kemm hi u għall-kategoriji prinċipali tal-infiq (intestaturi). Is-somma tal-limiti massimi tal-intestaturi kollha tagħti l-limitu massimu totali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali huwa adottat b'unanimità u jindika l-qbil tal-Istati Membri kollha mal-objettivi u mal-livell tal-infiq (il-livell massimu tal-impenji u l-pagamenti tal-baġit), bil-kunsens tal-Parlament Ewropew.

Ftehim interistituzzjonali

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali huwa kkomplementat bil-ftehim interistituzzjonali[4] li huwa ftehim politiku bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. L-għan ta' dan il-ftehim, adottat fl-2013 skont l-Artikolu 295 tat-TFUE, huwa li jimplimenta d-dixxiplina baġitarja, itejjeb il-funzjonament tal-proċedura baġitarja annwali u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet fuq kwistjonijiet baġitarji, kif ukoll li jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba.

Il-baġit annwali

Il-baġit annwali jitħejja mill-Kummissjoni u ġeneralment jintlaħaq qbil dwaru sa nofs Diċembru mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-proċedura tal-Art. 314 tat-TFUE. Skont il-prinċipju tal-ekwilibriju baġitarju, id-dħul totali jrid ikun ugwali għan-nefqa totali (approprjazzjoniet ta' pagament) għal sena finanzjarja partikolari.

Is-sors ta' finanzjament ewlieni tal-UE huwa d-dħul mir-riżorsi proprji li huwa kkumplementat minn dħul ieħor. Hemm tliet tipi ta' riżorsi proprji: riżorsi proprji tradizzjonali (bħal dazji doganali jew imposti fuq iz-zokkor), ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u r-riżorsi proprji bbażati fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING). Dħul ieħor li jiġi mill-attivitajiet tal-UE (pereżempju multi relatati mal-kompetizzjoni) normalment jirrappreżenta inqas minn 10 % tad-dħul totali. L-ammont kumplessiv tar-riżorsi proprji meħtieġa għall-iffinanzjar tal-baġit jiġi ddeterminat min-nefqa totali bit-tnaqqis ta' dħul

---

[2] Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Ewropa 2020, *Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv*, COM(2010)2020, it-3 ta' Marzu 2010.

[3] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "*Il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli - Azzjoni Ewropea għas-sostenibbiltà*", SWD(2016) 390 finali, it-22 ta' Novembru 2016.

[4] Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (2013/C 373/01).

ieħor. Fil-QFP kurrenti, l-ammont totali ta' riżorsi proprji ma jistax jaqbeż il-1,20 % tas-somma tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-Istati Membri.

In-nefqa operattiva tal-UE tkopri d-diversi intestaturi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u tieħu forom differenti, skont kif jitħallsu u jiġu ġestiti l-flus. Il-baġit tal-UE huwa implimentat fi tliet modi ta' ġestjoni:

Ġestjoni kondiviża: skont dan il-metodu ta' implimentazzjoni tal-baġit, il-kompiti jiġu ddelegati lill-Istati Membri. Madwar 75 % tan-nefqa taqa' taħt dan il-mod ta' ġestjoni li jkopri oqsma bħall-infiq fuq l-agrikoltura u l-azzjonijiet strutturali.

Ġestjoni diretta: din hija meta l-baġit jiġi implimentat direttament mis-servizzi tal-Kummissjoni.

Ġestjoni indiretta: din tirreferi għal każijiet fejn il-Kummissjoni tikkonferixxi l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lil partijiet terzi, bħal aġenziji regolatorji tal-UE jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

Regolament Finanzjarju

Ir-Regolament Finanzjarju (RF)[5] applikabbli għall-baġit ġenerali huwa att ċentrali fl-arkitettura regolatorja tal-finanzi tal-UE li jiddefinixxi r-regoli finanzjarji tal-UE applikabbli għall-baġit tal-UE.

2. GOVERNANZA U RESPONSABBILTÀ

2.1. STRUTTURA ISTITUZZJONALI

Il-governanza organizzazzjonali tal-UE tikkonsisti f'istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħrajn tal-UE, li huma elenkati fin-nota **9** tan-noti għar-rapporti finanzjarji kkonsolidati. Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) mhumiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju. L-istituzzjonijiet ewlenin, fis-sens li huma responsabbli għat-tfassil ta' politiki u t-teħid tad-deċiżjonijiet, huma l-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni:

Il-Kummissjoni Ewropea hija organizzazzjoni unika. Skont it-Trattat, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-ippjanar, it-tħejjija u t-tressiq ta' proposti ta' leġiżlazzjoni; għall-immaniġġjar tal-politiki tal-UE, inkluż l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-iżgurar tal-infurzar tagħha u l-allokazzjoni tal-finanzjament tal-UE; u għar-rappreżentazzjoni tal-UE f'livell internazzjonali.

Kif previst fit-Trattat[6], il-Kummissjoni timplimenta l-baġit f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Flimkien, dawn jiżguraw li l-approprjazzjonijiet jintużaw f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Ir-regolamenti jistabbilixxu l-obbligi ta' kontroll u ta' awditjar tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-baġit u r-responsabbiltajiet li joħorġu minn din. Jistabbilixxu wkoll ir-responsabbiltajiet u r-regoli dettaljati għal kull istituzzjoni rigward is-sehem tagħha fl-implimentazzjoni tan-nefqa tagħha.

Il-Kummissjoni twettaq dawn ir-rwoli taħt it-tmexxija tal-Kulleġġ tal-Kummissarji, li jistabbilixxi l-prijoritajiet u jieħu responsabbiltà politika ġenerali għad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Il-President, li r-rwol tiegħu ssaħħaħ mit-Trattati ta' Nizza u ta' Lisbona, jiddeċiedi dwar l-organizzazzjoni interna tal-Kummissjoni, filwaqt li jiżgura li din taġixxi b'mod konsistenti, effiċjenti u bħala korp kulleġġjat.

Il-funzjonament intern tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq għadd ta' prinċipji ewlenin li jirfdu l-governanza tajba: irwoli u responsabbiltajiet ċari, impenn qawwi għall-ġestjoni tal-prestazzjoni u konformità mal-qafas legali, mekkaniżmi ta' akkontabbiltà ċari, qafas regolatorju inklużiv u ta' kwalità għolja, aċċess miftuħ u trasparenza u standards għoljin ta' mġiba etika.

---

5 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-L-Erbgħa, 18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 966/2012 – ĠU L 193 tat-30 ta' Lulju 2018, p. 1.

6 It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, art 317.

2.2. L-ISTRUTTURA TA' GOVERNANZA TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni Ewropea għandha sistema ta' governanza unika, b'distinzjoni ċara bejn l-istrutturi ta' sorveljanza politika u amministrattiva u linji definiti sewwa ta' responsabbiltà u responsabbiltà finanzjarja[7]. Is-sistema hija bbażata fuq it-Trattati u l-istruttura evolviet sabiex tadatta għal ambjent li qed jinbidel u sabiex tibqa' konformi mal-aħjar prattika kif stabbilita fl-istandards internazzjonali rilevanti[8].

Fl-2018, il-Kummissjoni adottat "pakkett ta' governanza"[9], li ssimplifika u saħħaħ b'mod sinifikanti l-arranġamenti tal-governanza korporattiva tagħha u ingrana l-ħidma riċenti fl-awditjar mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri[10] u mis-Servizz tal-Awditjar Intern.

- Il-Kulleġġ tal-Kummissarji jassumi responsabbiltà politika kolleġġjali għall-ħidma tal-Kummissjoni. L-implimentazzjoni operattiva tal-baġit hija ddelegata lid-Diretturi Ġenerali u lill-Kapijiet tas-Servizzi li jmexxu l-istruttura amministrattiva tal-Kummissjoni[11].

- Il-Kulleġġ jiddelega l-kompiti ta' ġestjoni finanzjarja lid-Diretturi Ġenerali jew lill-Kapijiet tas-Servizzi li b'hekk isiru Uffiċjali Awtorizzanti b'Delega (AOD). Dawn il-kompiti jistgħu ulterjorment jiġu ddelegati lil Diretturi, Kapijiet ta' Unitajiet u oħrajn, li b'hekk isiru Uffiċjali Awtorizzanti b'Sottodelega. Ir-responsabbiltà tal-Uffiċjali Awtorizzanti tkopri l-proċess sħiħ tal-ġestjoni, mid-determinazzjoni ta' x'hemm bżonn li jsir biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika stabbiliti mill-istituzzjoni sal-ġestjoni tal-attivitajiet minn perspettiva kemm operattiva kif ukoll baġitarja.

- Il-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar jagħti segwitu għall-implimentazzjoni tal-awditi, b'mod partikolari s-Servizz tal-Awditjar Intern, iżda anki fuq il-bażi tal-awditi tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

- Taħt l-awtorità tal-President, il-Bord għall-Ġestjoni Korporattiva, ippresedut mis-Segretarju Ġenerali, ilaqqa' flimkien fuq bażi regolari lid-Diretturi Ġenerali responsabbli għall-baġit, ir-riżorsi umani u s-sigurtà, u d-Direttur Ġenerali tas-Servizz Legali. Il-Membru/i responsabbli għall-baġit u l-amministrazzjoni fil-Kabinett tal-President, kif ukoll il-Kap(ijiet) tal-Kabinett tal-Membru/i tal-Kummissjoni inkarigat(i) mill-baġit, ir-riżorsi umani u l-amministrazzjoni, huma osservaturi. Il-bord jipprovdi koordinazzjoni, superviżjoni, pariri u orjentazzjonijiet strateġiċi dwar kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni korporattiva, f'oqsma li jinkludu l-ġestjoni ta' riżorsi finanzjarji u umani, ġestjoni tar-riskju, ġestjoni tal-prestazzjoni, governanza tal-IT, ċibersigurtà u sigurtà fiżika, kontinwità tal-operat, u ġestjoni tal-informazzjoni. B'dan il-mod, il-Bord tat-Tmexxija Korporattiva jikkontribwixxi għall-iżgurar li l-istrutturi, il-proċessi u l-politiki amministrattivi neċessarji jkunu implimentati fil-Kummissjoni sabiex jitwettqu l-prijoritajiet politiċi tal-Kulleġġ u l-kompiti inkarigati lilu mit-Trattati b'mod effiċjenti u effettiv.

2.3. IL-ĠESTJONI FINANZJARJA TAL-KUMMISSJONI

Fil-Kummissjoni, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet fil-ġestjoni finanzjarja huma definiti (eż. fir-Regolament Finanzjarju) u applikati b'mod ċar. Dan huwa approċċ deċentralizzat b'responsabbiltajiet ċari bil-għan li tinħoloq kultura amministrattiva li tħeġġeġ lill-impjegati taċ-ċivil jerfgħu r-responsabbiltà għall-attivitajiet li fuqhom għandhom kontroll u sabiex jingħataw kontroll fuq l-attivitajiet li għalihom huma responsabbli.

---

7 Għal aktar dettalji, ara l-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni mill-President Juncker u mill-Ewwel Viċi President Timmermans: Il-Governanza fil-Kummissjoni Ewropea, C(2017) 6915 final tal-11 ta' Ottubru 2017, URL: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/c_2017_6915_final_en.pdf.

8 Pereżempju, l-istandards ta' kontroll intern huma bbażati fuq il-prinċipji ta' Kontroll Intern skont COSO 2013.

9 https://ec.europa.eu/info/publications/governance-in-the-commission_mt. Għal aktar dettalji ara l-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni C(2018)7704 "Streamlining and strengthening corporate governance within the European Commission", https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file_import/streamlining-strengthening-corporate-governance-european-commission_en.pdf.

10 Ir-Rapport Speċjali Nru 27/2016 dwar "Governance at the European Commission – best practice?"

11 Bħala riżultat, it-terminu 'Kummissjoni Ewropea' jintuża biex jirreferi kemm għall-istituzzjoni - il-Kulleġġ - iffurmata mill-Membri tal-Kummissjoni, kif ukoll għall-amministrazzjoni tagħha ġestita mid-Diretturi Ġenerali tad-dipartimenti tagħha (u kapijiet ta' strutturi amministrattivi oħrajn bħal servizzi, uffiċċji u aġenziji eżekuttivi).

Il-Kummissjoni tista' tiddelega wkoll l-implimentazzjoni ta' programmi speċifiċi lil aġenziji eżekuttivi. Id-deċiżjonijiet dwar in-nefqa jistgħu jiġu mmaniġġjati wkoll permezz ta' istituzzjonijiet jew korpi oħrajn jew flimkien ma' dawn. Sehem kbir mill-baġit hu mmaniġġjat b'sistema ta' ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-fondi strutturali u l-agrikoltura.

Il-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit huma inkarigati wkoll lil:

- aġenziji nazzjonali;
- il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment;
- pajjiżi terzi;
- organizzazzjonijiet internazzjonali (eż. il-Bank Dinji jew in-Nazzjonijiet Uniti);
- entitajiet oħra.

Bħala uffiċjali awtorizzanti b'delega, id-Diretturi Ġenerali huma responsabbli għall-ġestjoni finanzjarja tajba tar-riżorsi. Fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, l-uffiċjali awtorizzanti b'delega jridu jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u jistabbilixxu qafas xieraq għall-kontroll intern. Fost affarijiet oħra, l-objettivi tal-kontroll intern jiffokaw fuq:

- l-effettività, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-operazzjonijiet;
- il-kontroll finanzjarju u l-ġlieda kontra l-frodi;
- l-integrità u l-etika;
- il-ġestjoni tar-riżorsi umani;
- ir-rapportar affidabbli;
- il-komunikazzjoni;
- is-salvagwardja tal-assi u tal-informazzjoni.

Kull uffiċjal awtorizzanti b'delega jista' jibbaża fuq maniġer superjuri jew medju wieħed jew tnejn inkarigat(i) mill-ġestjoni tar-riskju u l-kontroll intern biex jissorvelja u jimmonitorja l-implimentazzjoni tas-sistemi tal-kontroll intern. Is-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni jipprovdu gwida u pariri u jippromwovu l-aħjar prattiki.

Fi ħdan il-kuntest taċ-ċiklu tal-Ippjanar u tal-Programmazzjoni Strateġiċi tal-Kummissjoni, kull uffiċjal awtorizzanti hu meħtieġ iħejji rapport annwali tal-attività ("AAR") dwar l-attivitajiet u l-kisbiet u r-riżultati politiċi tas-sena. Fl-AAR huwa jiddikjara li r-riżorsi ntużaw abbażi tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u li huwa daħħal fis-seħħ proċeduri ta' kontroll li jipprovdu l-garanzija meħtieġa li tikkonċerna l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażi. Fil-livell tal-Kummissjoni, ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-baġit tal-UE hu l-istrument ewlieni li **l-Kulleġġ tal-Kummissarji jieħu responsabbiltà politika għall-ġestjoni tal-baġit**.

L-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni huwa ċentralment responsabbli għall-ġestjoni tat-teżor, għall-proċeduri ta' rkupru, għall-istabbiliment ta' regoli tal-kontabbiltà bbażati fuq metodi u Standards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku, għall-validazzjoni tas-sistemi kontabilistiċi u għat-tħejjija tal-kontijiet annwali konsolidati tal-Kummissjoni u tal-UE. Barra minn hekk, l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà huwa mitlub jiffirma l-kontijiet annwali, filwaqt li jiddikjara li dawn jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u l-flussi tal-flus fl-aspetti materjali kollha tal-Unjoni. Il-kontijiet annwali jiġu adottati mill-Kulleġġ tal-Kummissarji. L-Uffiċjal tal-Kontabbiltà huwa funzjoni indipendenti u għandu responsabbiltà ewlenija fir-rigward tar-rapportar finanzjarju fil-Kummissjoni. L-Awditur Intern tal-Kummissjoni huwa wkoll funzjoni ċentralizzata u indipendenti u jipprovdi pariri, opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet indipendenti dwar il-kwalità u l-funzjonament ta' sistemi ta' kontroll intern ġewwa l-Kummissjoni, aġenziji tal-UE u korpi awtonomi oħrajn.

2.4. QAFAS TAL-PRESTAZZJONI

L-implimentazzjoni ta' oqfsa tal-prestazzjoni robusti hija essenzjali għall-iżgurar ta' enfasi qawwija fuq ir-riżultati, valur miżjud tal-UE u l-ġestjoni tajba tal-programmi tal-UE. Il-qafas tal-prestazzjoni tal-baġit tal-UE huwa speċifikat ħafna, u jġib punteġġ ogħla minn kwalunkwe pajjiż tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) fl-indiċi standard tal-oqfsa tal-ibbaġitjar tal-prestazzjoni. Il-qafas tal-prestazzjoni tal-baġit tal-UE jirrapporta dwar diversi tipi u livelli ta' għanijiet, objettivi u miri strateġiċi, inklużi l-istrateġija Ewropa 2020 u prijoritajiet politiċi oħrajn. Huwa jrid iqis ukoll il-komplementarjetà u l-integrazzjoni tal-politiki u l-programmi u r-rwol ewlieni tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Baġit tal-UE.

- L-objettivi, l-indikaturi u l-miri jidhru b'mod qawwi fil-bażi ġuridika tal-programmi u kull sena l-Kummissjoni tirrapporta dwarhom permezz tad-**Dikjarazzjonijiet tal-Programm** li jakkumpanjaw l-abbozz tal-baġit. Huma jipprovdu l-informazzjoni ewlenija kollha li hija meħtieġa għall-iskrutinju bir-reqqa tal-programm u l-kejl tal-prestazzjoni: dan jinkludi impenji finanzjarji ta' kull seba' snin; il-linji ta' bażi tal-prestazzjoni tal-programm (il-punti tat-tluq għal azzjoni ta' politika); l-għanijiet finali (li għandhom jinkisbu fi tmiem il-perjodu ta' programmar pluriennali); u l-istadji intermedji ewlenin.

- Sabiex tiżgura li jiġu allokati r-riżorsi għall-prijoritajiet u li kull azzjoni trendi prestazzjoni għolja u valur miżjud, il-Kummissjoni tippromwovi kultura orjentata lejn il-prestazzjoni fost is-servizzi tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, tul l-aħħar snin hi żviluppat approċċ li jippromwovi bilanċ aħjar bejn il-konformità u l-prestazzjoni.

- Ir-**Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-baġit tal-UE** jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn il-prestazzjoni, il-ġestjoni u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE. Huwa jispjega kif il-baġit tal-UE jappoġġa l-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea, ir-riżultati miksuba bil-baġit tal-UE, u l-irwoli li għandha l-Kummissjoni fl-iżgurar u l-promozzjoni tal-ogħla standards ta' ġestjoni baġitarja u finanzjarja.

- Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tieħu approċċ sistematiku u bir-reqqa sabiex tivvaluta l-aspetti kwalitattivi tal-ibbaġitjar, inkluża d-dimensjoni tal-prestazzjoni, bħala parti normali mir-rapportar annwali tagħha u permezz ta' rapporti speċjali.

Dawn l-elementi kollha jqiegħdu lill-awtorità tal-baġit f'pożizzjoni b'saħħitha sabiex tqis il-prestazzjoni bħala fattur sinifikanti fid-deċiżjoni dwar il-baġit annwali li jmiss.

2.5. RAPPORTAR FINANZJARJU

L-element ewlieni tar-rapportar finanzjarju tal-UE hu r-**Rapportar Finanzjarju u tar-Responsabbiltà Integrat** tal-UE, li jinkludi l-kontijiet annwali konsolidati tal-UE, ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Presazzjoni għall-baġit li jinkludi r-rapport ta' evalwazzjoni skont l-art. 247(1)(e) RF, ir-rapport annwali tal-awditjar intern, previżjoni fit-tul tal-flussi ta' flus deħlin u ħerġin fil-ġejjieni li tkopri l-ħames snin li jmiss u r-rapport dwar is-segwitu għall-kwittanza. Ir-Rapport Finanzjarju u dwar ir-Responsabbiltà Integrat jipprovdi lill-pubbliku b'ħarsa komprensiva lejn is-sitwazzjoni finanzjarja u operattiva tal-UE kull sena.

Il-kontijiet annwali kkonsolidati tal-UE jipprovdu informazzjoni finanzjarja dwar l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, tal-aġenziji u tal-korpi l-oħrajn tal-UE mill-perspettiva baġitarja u tal-kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti. Dawn il-kontijiet ma jinkludux il-kontijiet annwali tal-Istati Membri.

Il-kontijiet annwali kkonsolidati tal-UE jikkonsistu f'żewġ partijiet separati iżda marbuta ma' xulxin:

a) ir-rapporti finanzjarji konsolidati; u

b) ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, li jipprovdu rekord aggregat tal-implimentazzjoni tal-baġit.

Barra minn hekk, il-kontijiet annwali kkonsolidati tal-UE huma akkumpanjati minn Analiżi u Diskussjoni tar-Rapport Finanzjarju ('Financial Statement Discussion and Analysis' - FSDA), li tiġbor fil-qosor il-bidliet u x-xejriet sinifikanti fir-rapporti finanzjarji u tispjega r-riskji u l-inċertezzi sinifikanti li ffaċċjat l-UE u li jeħtieġ li tindirizza fil-ġejjieni.

Rapportar u Akkontabbiltà fil-Kummissjoni:

Rapportar Finanzjarju u dwar ir-Responsabbiltà Art. 247 RF	• **Il-kontijiet Annwali Konsolidati tal-UE** • **Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-baġit tal-UE (inkl. rapportar dwar l-evalwazzjoni tal-finanzi tal-UE)** • **Rapport annwali dwar l-awditjar intern** • **Previżjoni fit-tul tal-flussi dieħlin u ħierġin fil-ġejjieni għal 5 snin** • **Rapport dwar is-segwitu għall-kwittanza**
Rapporti oħrajn	• **Il-pakkett ta' komunikazzjoni fl-okkażjoni tad-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni** • **Rapport Ġenerali dwar l-attivitajiet tal-UE** • **Rapporti Annwali tal-Attività tad-Direttorati Ġenerali** • **Rapport dwar il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja**

2.6. AWDITJAR ESTERN U PROĊEDURA TA' KWITTANZA

Awditjar estern

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-QEA) hija l-awditur estern tal-istituzzjonijiet (u l-korpi) tal-UE. Il-missjoni tal-QEA hija li tikkontribwixxi biex ittejjeb il-ġestjoni finanzjarja tal-UE, tippromwovi l-akkontabbiltà u t-trasparenza u taġixxi bħala l-gwardjana indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-UE. Ir-rwol tagħha bħala l-awditur estern indipendenti tal-UE huwa li tivverifika li l-fondi tal-UE qegħdin jiġu kontabilizzati b'mod korrett, jinġabru u jintefqu f'konformità mar-regoli u r-regolamenti rilevanti u li jkunu kisbu valur għall-flus.

Bħala parti mill-attivitajiet tagħha, il-QEA tfassal għall-użu mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill:

(1) rapport annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mill-baġit ġenerali, li fih tispjega fid-dettall l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet annwali u t-tranżazzjonijiet sottostanti;

(2) opinjoni, ibbażata fuq l-awditi tagħha u inkluża fir-rapport annwali fil-forma ta' dikjarazzjoni ta' aċċertament, dwar (i) l-affidabbiltà tal-kontijiet u (ii) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti li jinvolvu kemm id-dħul miġbur kif ukoll il-pagamenti lil benefiċjarji finali; u

(3) rapporti speċjali li jkopru oqsma speċifiċi kif ukoll rapporti annwali speċifiċi (fuq eż. il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, fuq l-Aġenziji tal-UE).

Kwittanza

L-aħħar pass taċ-ċiklu tal-ħajja tal-baġit huwa l-proċedura ta' kwittanza għal sena finanzjarja partikolari. Hija tirrappreżenta d-dimensjoni politika tal-kontroll estern tal-implimentazzjoni tal-baġit u hija d-deċiżjoni li permezz tagħha "l-Awtorità tar-Rilaxx" (jiġifieri l-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill) "jirrilaxxa" lill-Kummissjoni (u lill-korpi l-oħra tal-UE) mir-responsabbiltà tagħhom għall-ġestjoni ta' baġit partikolari. Din id-deċiżjoni hija bbażata fuq eżami tal-kontijiet annwali kkonsolidati tal-UE u sett ta' rapporti tal-Kummissjoni (ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-baġit tal-UE, ir-rapport dwar is-segwitu għall-kwittanza tas-sena preċedenti u r-rapport annwali lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa), kif ukoll fuq ir-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-opinjoni tal-awditjar (id-"Dikjarazzjoni ta' Aċċertament") u Rapporti Speċjali. Hija tqis ukoll it-tweġibiet bil-miktub tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet u aktar talbiet ta' informazzjoni, kif ukoll is-seduti ta' smigħ tal-Kummissarju tal-Baġit, tal-Kummissarji u tad-Diretturi Ġenerali responsabbli għall-oqsma ewlenin tal-infiq u tas-Segretarju Ġenerali quddiem il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew (CONT).

L-eżitu tal-proċedura ta’ kwittanza jista’ jkun tripplu: l-għoti, il-posponiment jew ir-rifjut tal-kwittanza. Ir-rapporti finali dwar il-kwittanza jinkludu wkoll talbiet speċifiċi indirizzati lill-Kummissjoni kemm mill-Parlament Ewropew kif ukoll mill-Kunsill. Dawn it-talbiet huma soġġetti għal rapport ta’ segwitu li fih il-Kummissjoni tiddeskrivi l-azzjonijiet konkreti li diġà ħadet jew li biħsiebha tieħu.

NOTA LI TAKKUMPANJA L-KONTIJIET KONSOLIDATI

Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2018 tħejjew abbażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet u mill-korpi skont l-Artikolu 246(2) tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Jiena b'dan niddikjara li tħejjew skont it-Titolu XIII ta' dan ir-Regolament Finanzjarju u skont il-prinċipji kontabilistiċi, ir-regoli u l-metodi stabbiliti fin-noti tar-rapporti finanzjarji.

Ksibt l-informazzjoni kollha meħtieġa mingħand l-uffiċjali tal-kontabilità ta’ dawn l-istituzzjonijiet u l-korpi, li ċċertifikaw l-affidabilità tagħha, għall-produzzjoni tal-kontijiet li juru l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tal-baġit.

Jien b’dan niċċertifika li, abbażi ta’ din l-informazzjoni, u rigward il-kontrolli li qist li huma meħtieġa biex niffirma l-kontijiet tal-Kummissjoni Ewropea, għandi aċċertament raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw b’mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u l-flussi tal-flus tal-Unjoni Ewropea.

[iffirmat]

Rosa ALDEA BUSQUETS

Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni

Il-21 ta’ Ġunju 2019

PUNTI EWLENIN TAS-SENA FINANZJARJA 2018

Implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni tal-2018

Il-baġit adottat tal-2018 iffoka fuq żewġ prijoritajiet ta' politika ewlenin għall-Ewropa fost l-għaxar prijoritajiet stabbiliti mill-President Juncker fil-bidu tal-mandat tal-Kummissjoni. Waħda kienet rispons Ewropew għall-isfidi l-ġodda li jirriżultaw mill-ambjent ġeopolitiku kumpless, mill-ġestjoni tal-migrazzjoni sal-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-UE u s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha. L-oħra kienet investiment strateġiku u tkabbir sostenibbli, biex tiġi sostnuta l-koeżjoni ekonomika, u jinħolqu impjiegi, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ. Minbarra dawn iż-żewġ prijoritajiet ċari, fl-2018 il-baġit tal-UE u strumenti oħra komplew isostnu lill-bdiewa u l-iżvilupp rurali, u approfondew u saħħew l-interkonnetturi u n-netwerks strateġiċi bejn il-pajjiżi tal-UE bl-implimentazzjoni tas-suq uniku diġitali u l-unjoni tal-enerġija. Il-Kummissjoni kompliet issostni l-projjezzjoni esterna tal-UE bħala attur ekonomiku u politiku importanti kif ukoll fornitur internazzjonali prinċipali tal-investiment u tal-assistenza umanitarja.

L-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE fl-2018 ammontat għal total ta' EUR 173,1 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, u EUR 156,7 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

Kważi nofs il-fondi – EUR 87,4 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn – kienu mmirati biex jistimulaw **it-tkabbir, l-impjiegi, il-kompetittività u l-koeżjoni** intelliġenti u inklużivi. Dan inkluda l-finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni taħt Orizzont 2020, għall-edukazzjoni taħt Erasmus+, għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju taħt il-programm COSME, il-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa (FNE), il-fond ta' garanzija għall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) li huwa l-veikolu wara l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, kif ukoll għat-trawwim ta' konverġenza fost l-Istati Membri u fost ir-reġjuni permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE). Barra minn hekk, l-appoġġ mill-baġit tal-UE lil **bdiewa Ewropej** ammonta għal EUR 44,4 biljun f'pagamenti.

Il-baġit intuża wkoll biex isaħħaħ il-**fruntieri esterni** tal-Unjoni u jindirizza l-**kriżi tal-migrazzjoni u r-refuġjati** billi jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jinkludu assistenza għal emerġenzi, rilokazzjoni, kontroll tal-fruntieri, risistemazzjoni, ritorn u integrazzjoni ta' refuġjati u ta' persuni li jfittxu asil. Finalment, il-baġit kompla jiffinanzja programmi biex isostni l-protezzjoni tal-ġustizzja u tad-drittijiet fundamentali kif ukoll il-koeżjoni soċjali biex is-soċjetajiet Ewropej tagħna jibqgħu inklużivi, liberi u ġusti.

Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

Sfond

Fit-23 ta' Ġunju 2016, il-maġġoranza taċ-ċittadini tar-Renju Unit li vvutaw fir-referendum dwar is-sħubija fl-Unjoni Ewropea vvutaw favur li joħorġu mill-UE. Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill Ewropew b'mod formali li beħsiebu joħroġ mill-UE u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom). Permezz ta' dan, huwa skatta l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi l-proċedura sabiex Stat Membru joħroġ mill-Unjoni.

Il-proċess tan-negozjati

Fid-19 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni ppubblikat abbozz tal-Ftehim dwar il-Ħruġ li spjega l-progress li sar fin-negozjati. Fil-parti tas-saldu finanzjarju tal-abbozz tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, l-UE u r-Renju Unit ittraduċew il-progress miksub fl-ewwel fażi tan-negozjati f'test legali.

Fl-14 ta' Novembru 2018 ġie ppubblikat Rapport Konġunt li rrapporta l-ftehim fil-livell tan-negozjaturi dwar it-test sħiħ tal-abbozz tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u fuq spjegazzjoni tad-Dikjarazzjoni Politika dwar il-qafas għar-relazzjoni futura bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea. Fl-istess jum ġie ppubblikat dan l-abbozz aġġornat u miftiehem tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li fih ir-Renju Unit qabel li jħallas l-obbligi kollha tiegħu skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali u l-perspettivi finanzjarji preċedenti daqs li kieku kien għadu Stat Membru, inkluż is-sehem tiegħu tal-obbligazzjonijiet u l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-Unjoni. Il-gvern tar-Renju Unit approva l-abbozz tal-Ftehim dwar l-Irtirar fl-14 ta' Novembru u l-Kunsill Ewropew approvah fil-25 ta' Novembru 2018. Fil-11 ta' Jannar 2019, il-Kunsill (Artikolu 50) approva d-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u bagħtu lill-Parlament Ewropew għall-kunsens tiegħu. Fuq it-talba tar-Renju Unit, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 50 tat-

TFUE, fil-21 ta' Marzu 2019 il-Kunsill Ewropew qabel li jestendi d-data tat-tluq tar-Renju Unit għat-22 ta' Mejju 2019, dment li l-Ftehim dwar il-Ħruġ jiġi approvat mill-House of Commons sa mhux aktar tard mid-29 ta' Marzu 2019 u għat-12 ta' April 2019 jekk dan ma jseħħx (id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/476 tat-22 ta' Marzu 2019, ĠU L80 22.3.2019, p. 1). Sussegwentement, il-House of Commons ma approvatx il-Ftehim dwar il-Ħruġ sad-29 ta' Marzu 2019 u, għaldaqstant, għal darba oħra fuq talba mir-Renju Unit, fl-10 ta' April 2019, il-Kunsill Ewropew aċċetta estensjoni għall-ħruġ tar-Renju Unit sal-31 ta' Ottubru 2019 (id-Deċiżjoni tal-Kunsil Ewropew (UE) 2019/584 tal-11 ta' April 2019, ĠU L 101 11.4.2019, p. 1). Jenħtieġ li l-ħruġ iseħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara li jitlestew il-proċeduri tar-ratifika jew fl-1 ta' Novembru 2019, skont liema tkun l-ewwel. Ir-Renju Unit se jibqa' Stat Membru sad-data tal-ħruġ il-ġdida, bid-drittijiet u l-obbligazzjonijiet sħaħ skont l-Artikolu 50 tat-TUE u r-Renju Unit għandu dritt li jirrevoka n-notifika tiegħu fi kwalunkwe ħin.

Saldu finanzjarju u l-kontijiet annwali tal-UE għall-2018

Fir-rigward tas-saldu finanzjarju, ġie ddikjarat fl-abbozz tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ippubblikat fl-14 ta' Novembru 2018, li r-Renju Unit ser iħallas l-obbligi kollha tiegħu taħt il-QFP attwali u l-perspettivi finanzjarji preċedenti daqs li kieku kien għadu Stat Membru. B'mod aktar speċifiku, l-abbozz tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jgħid li r-Renju Unit għandu b'mod partikolari jkun responsabbli lejn l-Unjoni għas-sehem tiegħu ta':

- L-impenji baġitarji tal-baġit tal-Unjoni u tal-baġits tal-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni pendenti fil-31 ta' Diċembru 2020 – ara l-Artikolu 140 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ;
- Il-finanzjament tal-obbligazzjonijiet tal-Unjoni mġarrbin sal-31 ta' Diċembru 2020, b'ċerti eċċezzjonijiet – ara l-Artikolu 142;
- L-obbligazzjonijiet finanzjarji kontinġenti tal-Unjoni li jirriżultaw minn operazzjonijiet finanzjarji deċiżi/approvati qabel id-data tal-ħruġ - ara l-Artikoli 143 u 144; u
- Il-pagamenti meħtieġa sabiex jitwettqu l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-Unjoni li jsiru dovuti huma relatati ma' każijiet legali li jikkonċernaw interessi finanzjarji tal-Unjoni (sakemm il-fatti li jifformaw is-suġġett ta' dawk il-każijiet ikunu seħħew mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020) - ara l-Artikolu 147.

Fil-mument tal-iffirmar ta' dawn il-kontijiet, u fin-nuqqas ta' ratifika mir-Renju Unit, id-data propja tat-tluq u l-mod tat-tluq (bi ftehim jew mingħajru) għadhom mhumiex magħrufa. Fuq il-bażi tas-sitwazzjoni attwali, m'hemm ebda impatt finanzjarju x'jiġi rrapportat fil-kontijiet annwali kkonsolidati tal-2018 tal-UE.

RAPPORTI FINANZJARJI KONSOLIDATI U NOTI TA’ SPJEGA

Għandu jiġi nnotat li minħabba l-arrotondament taċ-ċifri f’miljuni ta’ euro, xi data finanzjarja fit-tabelli ta’ hawn taħt tista’ tidher li ma taqbilx fl-għadd finali.

KONTENUT

KARTA BILANĊJALI 18
RAPPORT TAL-INTROJTU 19
RAPPORT TAL-FLUSS TAL-FLUS 20
DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI 21
NOTI GĦAR-RAPPORTI FINANZJARJI 22
1. POLITIKI KONTABILISTIĊI SINIFIKANTI 23
2. NOTI GĦALL-KARTA BILANĊJALI 40
3. NOTI GĦAR-RAPPORT TAL-INTROJTU 71
4. OBBLIGAZZJONIJIET U ASSI KONTINĠENTI 80
5. IMPENJI LEGALI U BAĠITARJI 85
6. ĠESTJONI TAR-RISKJU FINANZJARJU 90
7. DIKJARAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET RELATATI 102
8. EVENTI WARA D-DATA TAL-KARTA BILANĊJALI 104
9. KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-KONSOLIDAZZJONI 105

KARTA BILANĊJALI

Miljuni ta' EURi

	Nota	31.12.2018	31.12.2017
ASSI MHUX KURRENTI			
Assi intanġibbli	2,1	446	405
Proprjetà, impjanti u tagħmir	2,2	11 185	10 745
Investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità	2,3	591	581
Assi finanzjarji	2,4	65 231	59 980
Prefinanzjament	2,5	26 006	25 022
Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju	2,6	416	611
		103 875	**97 344**
ASSI KURRENTI			
Assi finanzjarji	2,4	4 168	8 655
Prefinanzjament	2,5	23 968	24 005
Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju	2,6	24 248	11 755
Inventarji	2,7	73	295
Flus u l-ekwivalenti ta' flus	2,8	18 113	24 111
		70 570	**68 821**
ASSI TOTALI		**174 444**	**166 165**
OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI			
Benefiċċji tal-pensjoni u benefiċċji oħrajn tal-impjegati	2,9	(80 456)	(73 122)
Provvedimenti	2,10	(3 281)	(2 880)
Obbligazzjonijiet finanzjarji	2,11	(53 289)	(50 063)
		(137 025)	**(126 065)**
OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI			
Provvedimenti	2,10	(852)	(659)
Obbligazzjonijiet finanzjarji	2,11	(2 617)	(6 850)
Ammonti pagabbli	2,12	(32 227)	(39 048)
Imposti dovuti u introjtu differit	2,13	(63 186)	(63 902)
		(98 882)	**(110 459)**
OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI		**(235 907)**	**(236 524)**
ASSI NETTI		**(61 463)**	**(70 359)**
Riżervi	2,14	4 961	4 876
*Ammonti li għandhom jinġabru mill-Istati Membri**	2,15	(66 424)	(75 234)
ASSI NETTI		**(61 463)**	**(70 359)**

* *Fit-12 ta' Diċembru 2018 il-Parlament Ewropew adotta baġit li jipprevedi l-ħlas tal-obbligazzjonijiet tal-Unjoni għal perjodu ta' żmien qasir mir-riżorsi proprji li għandhom jinġabru mill-Istati Membri, jew jintalbu lilhom, fl-2019. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal (ir-Regolament tal-Kunsill 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 kif emendat), l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu b'mod konġunt l-obbligazzjoni għall-pensjonijiet.*

RAPPORT TAL-INTROJTU

Miljuni ta' EUR

	Nota	2018	2017
DĦUL			
Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju			
Riżorsi mill-ING	*3,1*	*105 780*	*78 620*
Riżorsi proprji tradizzjonali	*3,2*	*22 767*	*20 520*
Riżorsi tal-VAT	*3,3*	*17 624*	*16 947*
Multi	*3,4*	*6 740*	*4 664*
L-irkupru tal-ispejjeż	*3,5*	*2 215*	*1 879*
Oħrajn	*3,6*	*3 312*	*10 376*
		158 438	**133 006**
Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju			
Dħul finanzjarju	*3,7*	*3 115*	*1 845*
Oħrajn	*3,8*	*1 379*	*1 332*
		4 494	**3 177**
Dħul Totali		**162 932**	**136 183**
SPEJJEŻ			
Implimentati mill-Istati Membri	*3,9*		
Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija		*(43 527)*	*(44 289)*
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u strumenti oħrajn tal-iżvilupp rurali		*(13 149)*	*(11 359)*
Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni		*(30 230)*	*(17 650)*
Fond Soċjali Ewropew		*(11 935)*	*(7 353)*
Oħrajn		*(2 826)*	*(1 253)*
Implimentati mill-Kummissjoni, l-aġenziji eżekuttivi u l-fondi fiduċjarji	*3,10*	*(17 551)*	*(15 738)*
Implimentati minn aġenziji u korpi oħrajn tal-UE	*3,11*	*(3 396)*	*(2 667)*
Implimentati minn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali	*3,11*	*(4 016)*	*(4 115)*
Implimentati minn entitajiet oħrajn	*3,11*	*(3 569)*	*(1 478)*
Kostijiet tal-persunal u tal-pensjonijiet	*3,12*	*(10 929)*	*(10 002)*
Bidliet fis-suppożizzjonijiet attwarjali tal-benefiċċji tal-impjegati	*3,13*	*–*	*(3 544)*
Kostijiet tal-finanzjament	*3,14*	*(1 677)*	*(1 896)*
Spejjeż oħrajn	*3,15*	*(6 208)*	*(6 756)*
Spejjeż Totali		**(149 014)**	**(128 101)**
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA		**13 918**	**8 082**

RAPPORT TAL-FLUSS TAL-FLUS

Miljuni ta' EUR

	2018	2017
Riżultat ekonomiku tas-sena	13 918	8 082
Attivitajiet operatorji		
Amortizzament	104	99
Deprezzament	998	888
(Treġġigħ lura ta') telf minn indeboliment fuq investimenti	–	–
(Żieda)/tnaqqis fis-self	1 041	497
(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament	(947)	(3 557)
(Żieda)/tnaqqis fir-riċevibbli ta' skambju u fir-rekuperabbli mhux ta' skambju	(12 299)	(745)
(Żieda)/tnaqqis fl-inventarji	222	(130)
Żieda/(tnaqqis) fil-pensjonijiet u f'benefiċċji oħra għall-impjegati	7 334	5 891
Żieda/(tnaqqis) fil-provvedimenti	594	928
Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji	(1 007)	(438)
Żieda/(tnaqqis) fl-ammonti pagabbli	(6 821)	(957)
Żieda/(tnaqqis) fl-imposti dovuti u fl-introjtu differit	(716)	(3 678)
Surplus baġitarju tas-sena preċedenti meħud bħala dħul mhux fi flus	(556)	(6 405)
Kejl mill-ġdid tal-obbligazzjoni ta' benefiċċji tal-impjegati (ċaqliq mhux ta' flus mhux inkluż fir-rapport tal-introjtu)	(4 396)	–
Ċaqliq ieħor mhux fi flus	(71)	3
Attivitajiet ta' investiment		
(Żieda)/tnaqqis fl-assi intanġibbli u fil-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir	(1 583)	(1 687)
(Żieda)/tnaqqis fl-investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità	(9)	(53)
(Żieda)/tnaqqis fl-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	(1 811)	(3 190)
(Żieda)/tnaqqis fl-assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit	7	(22)
FLUSS TAL-FLUS NETT	**(5 998)**	**(4 474)**
Żieda/(tnaqqis) fl-imposti dovuti u fl-introjtu differit	(5 998)	(4 474)
Flus u l-ekwivalenti ta' flus fil-bidu tas-sena	24 111	28 585
Flus u ekwivalenti ta' flus fi tmiem is-sena	18 113	24 111

DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI

Miljuni ta' EURi

	Ammonti li għandhom jinġabru mingħand l-Istati Membri Surplus/(Defiċit) Akkumulat	Riżervi oħrajn	Riżerva ta' valur ġust	Assi netti
BILANĊ FIL-31.12.2016	**(76 881)**	**4 516**	**325**	**(72 040)**
Ċaqliq fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija	*(20)*	*20*	–	–
Ċaqliq fil-valur ġust	–	–	*(2)*	*(2)*
Oħrajn	*(11)*	*62*	*(46)*	*5*
Riżultat tal-baġit 2016 ikkreditat lill-Istati Membri	*(6 405)*	–	–	*(6 405)*
Riżultat ekonomiku tas-sena	*8 082*	–	–	*8 082*
BILANĊ FIL-31.12.2017	**(75 234)**	**4 598**	**278**	**(70 359)**
Ċaqliq fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija	*(186)*	*186*	–	–
Ċaqliq fil-valur ġust	–	–	*(47)*	*(47)*
Kejl mill-ġdid f'obbligazzjonijiet ta' benefiċċji tal-impjegati	*(4 396)*	–	–	*(4 396)*
Oħrajn	*30*	*(54)*	–	*(24)*
Riżultat tal-baġit 2017 ikkreditat lill-Istati Membri	*(556)*	–	–	*(556)*
Riżultat ekonomiku tas-sena	*13 918*	–	–	*13 918*
BILANĊ FIL-31.12.2018	**(66 424)**	**4 730**	**231**	**(61 463)**

NOTI GĦAR-RAPPORTI FINANZJARJI

1. POLITIKI KONTABILISTIĊI SINIFIKANTI

1.1. BAŻI ĠURIDIKA U REGOLI KONTABILISTIĊI

Il-kontijiet tal-UE huma miżmuma skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1046/2018 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30 ta' Lulju 2018, p. 1) minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"Regolament Finanzjarju" (RF).

F'konformità mal-artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju, l-UE tħejji r-rapporti finanzjarji tagħha fuq il-bażi ta' regoli kontabilistiċi abbażi tad-dovuti li huma bbażati fuq l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku ("International Public Sector Accounting Standards" – IPSAS). Dawn ir-regoli kontabilistiċi, adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni, għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni sabiex jiġi stabbilit sett uniformi ta' regoli għall-kontabbiltà, il-valwazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet bil-għan li jiġi armonizzat il-proċess għat-tfassil tar-rapporti finanzjarji u l-konsolidazzjoni.

L-applikazzjoni ta' regoli tal-kontabbiltà tal-Unjoni Ewropea (EAR) ġodda u emendati

EAR riveduta li hi effettiva għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2018 jew wara

Ir-regoli tal-kontabbiltà li ġejjin, adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni, saru effettivi b'mod obbligatorju fis-sena kurrenti:

- Reviżjoni tal-EAR 12 "Benefiċċji tal-Impjegati": L-EAR 12 riveduta ġiet adottata mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà fl-2017 li hija bbażata fuq l-IPSAS 39 il-ġodda "Benefiċċji tal-Impjegati" li ġiet ippubblikata f'Lulju 2016. Għall-ewwel applikazzjoni tal-EAR 12 riveduti ma kien hemm ebda impatti sinifikanti fuq ir-rapporti finanzjarji kkonsolidati tal-UE, minbarra r-rikonoxximent ta' kwalunkwe qligħ jew telf li jirriżulta mit-tibdiliet fis-suppożizzjonijiet attwarjali, li skont l-EAR riveduta hu rikonoxxut b'mod dirett fl-assi netti, għall-kuntrarju tar-rekwiżit preċedenti ta' rikonoxximent f'surplus jew f'defiċit.

EAR ġdida adottata iżda li għadha mhijiex effettiva fil-31 ta' Diċembru 2018

L-UE ma applikatx l-EAR ġdida li ġejja, li ġiet adottata mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni, iżda li għadha mhijiex effettiva:

- EAR 20 ġdida "Kombinamenti tas-Settur Pubbliku" (effettiva għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2019 jew wara): L-EAR 20, li hija bbażata fuq l-IPSAS 40 "Kombinamenti tas-Settur Pubbliku", tistabbilixxi l-klassifikazzjoni ta' kombinament tas-settur pubbliku f'żewġ tipi differenti skont jekk it-tranżazzjoni ssirx taħt kontroll komuni jew le: (i) amalgamazzjoni, fejn it-tranżazzjoni tkun ibbażata fuq l-ammonti riportati tal-entità flimkien mal-UE; u (ii) akkwiżizzjoni, fejn it-tranżazzjoni tkun ibbażata fuq il-valuri ġusti fid-data tal-akkwiżizzjoni tal-entità akkwiżita mill-UE. It-tnejn għandhom rekwiżiti u livelli ta' divulgazzjoni distinti, sabiex jipprovdu fehim aħjar tal-effetti ta' dan lill-utenti tar-rapporti finanzjarji tal-UE.

  L-impatt fuq ir-rapporti finanzjarji tal-UE fis-sena tal-applikazzjoni inizjali jiddependi fuq jekk f'dak il-perjodu l-UE tkunx sejra tidħol fi tranżazzjoni ta' kombinament tas-settur pubbliku.

1.2. -PRINĊIPJI KONTABILISTIĊI

L-għan tar-rapporti finanzjarji huwa li jipprovdu informazzjoni li tkun utli għal firxa wiesgħa ta' utenti dwar il-pożizzjoni finanzjarja, ir-rendiment u l-flussi tal-flus ta' entità. Għall-UE bħala entità tas-settur pubbliku, l-objettivi huma, b'mod aktar speċifiku, li tiġi pprovduta informazzjoni utli għat-teħid tad-deċiżjonijiet u li tintwera r-responsabbiltà tal-entità għar-riżorsi fdati lilha. Huwa b'kunsiderazzjoni ta' dawn l-għanijiet li tfassal dan id-dokument.

Il-kunsiderazzjonijiet kumplessivi (jew il-prinċipji kontabilistiċi) li għandhom jiġu segwiti meta jitħejjew ir-rapporti finanzjarji huma stipulati fir-regola kontabilistika 1 tal-UE "Rapporti Finanzjarji" u huma l-istess bħal dawk deskritti fl-IPSAS 1: preżentazzjoni ġusta, bażi tad-dovuti, negozju avvjat, konsistenza tal-preżentazzjoni, materjalità, aggregazzjoni, tpaċija u informazzjoni komparattiva. Il-karatteristiċi kwalitattivi tar-rapportar finanzjarju huma r-rilevanza, ir-rappreżentazzjoni fidila (l-affidabbiltà), il-komprensibbiltà, il-puntwalità, il-komparabbiltà u l-verifikabbiltà.

1.3. KONSOLIDAZZJONI

Kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni

Ir-rapporti finanzjarji kkonsolidati tal-UE jinvolvu l-entitajiet ikkontrollati kollha sinifikanti (jiġifieri l-istituzzjonijiet tal-UE (inkluża l-Kummissjoni) u l-aġenziji tal-UE), kumpaniji assoċjati u impriżi konġunti. Il-lista sħiħa ta' entitajiet konsolidati tinsab fin-nota **9** tar-rapporti finanzjarji tal-UE. Din il-lista issa tinkludi 52 entità kkontrollata u kumpanija assoċjata waħda. L-entitajiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni, iżda li huma immaterjali għar-rapporti finanzjarji kkonsolidati tal-UE b'mod ġenerali, ma għandhomx bżonn jiġu kkonsolidati jew kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità, meta dan ikun ser jirriżulta f'ħin jew kost eċċessiv għall-UE. Dawk l-entitajiet issir referenza għalihom bħala "Entitajiet minuri" u huma elenkati separatament fin-nota **9**. Fl-2018, kien hemm 7 entitajiet li kienu kklassifikati bħala entitajiet minuri.

Entitajiet ikkontrollati

Id-deċiżjoni li tiġi inkluża entità fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni hija bbażata fuq il-kunċett ta' kontroll. L-entitajiet ikkontrollati huma kollha entitajiet li għalihom l-UE hija esposta, jew għandha dritt, għal benefiċċji varjabbli mill-involviment tagħha u għandha r-responsabbiltà li taffettwa n-natura u l-ammont ta' dawk il-benefiċċji permezz tas-setgħa tagħha fuq l-entità l-oħra. Din is-setgħa għandha tkun eżerċitabbli fil-preżent u tkun relatata mal-attivitajiet rilevanti tal-entità. L-entitajiet ikkontrollati huma kkonsolidati kompletament. Il-konsolidazzjoni tibda fl-ewwel data li fiha jeżisti l-kontroll u tintemm meta ma jibqax jeżisti dan il-kontroll.

L-aktar indikaturi komuni ta' kontroll fl-UE huma: il-ħolqien tal-entità permezz ta' trattati fundaturi jew leġiżlazzjoni sekondarja, il-finanzjament tal-entità mill-baġit tal-UE, l-eżistenza tad-drittijiet tal-vot fil-korpi ta' governanza, l-awditjar mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-kwittanza mill-Parlament Ewropew. Issir valutazzjoni individwali għal kull entità sabiex jiġi deċiż dwar jekk wieħed mill-kriterji jew il-kriterji kollha elenkati hawn fuq humiex biżżejjed sabiex jirriżultaw f'kontroll.

Taħt dan l-approċċ, l-istituzzjonijiet (għajr il-Bank Ċentrali Ewropew) u l-aġenziji tal-UE (minbarra l-aġenziji ta' dak li qabel kien it-tieni pilastru) jitqiesu li huma taħt il-kontroll esklussiv tal-UE u, għalhekk, huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni. Barra minn hekk, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'Likwidazzjoni hija meqjusa wkoll bħala entità kkontrollata.

"It-tranżazzjonijiet u l-bilanċi materjali bejn l-entitajiet" kollha bejn entitajiet ikkontrollati mill-UE huma eliminati, filwaqt li l-qligħ u t-telf mhux realizzati fuq tali tranżazzjonijiet mhumiex materjali u allura ma ġewx eliminati.

Arranġamenti Konġunti

Arranġament konġunt huwa ftehim li fuqu għandhom kontroll konġunt l-UE u parti waħda jew aktar. Kontroll konġunt huwa l-kondiviżjoni miftiehma kuntrattwalment tal-kontroll fuq arranġament, li jeżisti biss meta d-deċiżjonijiet dwar l-attivitajiet rilevanti jkunu jeħtieġu l-kunsens unanimu tal-partijiet li jikkondividu l-kontroll. Il-ftehimiet konġunti jistgħu jkunu operazzjonijiet konġunti jew impriżi konġunti. F'każ li arranġament konġunt ikun strutturat permezz ta' veikolu separat u l-partijiet għall-arranġament konġunt ikollhom drittijiet għall-assi netti tal-arranġament, dan l-arranġament konġunt jikklassifika bħala impriża konġunta. Il-parteċipazzjonijiet f'impriżi konġunti jiġu kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità (ara n-nota **1.5.4**). F'każ li l-partijiet ikollhom drittijiet għall-assi, u obbligi għall-obbligazzjonijiet, relatati mal-arranġament, dan l-arranġament konġunt jiġi kklassifikat bħala operazzjoni konġunta. Fir-rigward tal-interess tagħha f'operazzjonijiet konġunti, l-UE tirrikonoxxi fir-rapporti finanzjarji tagħha: l-assi u l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż tagħha, kif ukoll is-sehem tagħha mill-assi, l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż miżmuma jew imġarrba b'mod konġunt.

Kumpaniji assoċjati

Il-kumpaniji assoċjati huma entitajiet li fuqhom l-UE għandha, direttament jew indirettament, influwenza sinifikanti, iżda mhux kontroll. Huwa preżunt li teżisti influwenza sinifikanti jekk l-UE jkollha, direttament jew indirettament, 20 % jew aktar mid-drittijiet tal-vot. Il-parteċipazzjonijiet f'kumpaniji assoċjati jiġu kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità (ara n-nota **1.5.4**).

Entitajiet mhux ikkonsolidati li l-fondi tagħhom huma ġestiti mill-Kummissjoni

Il-fondi tar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard għall-persunal tal-UE, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti huma ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom. Madankollu, billi dawn l-entitajiet mhumiex ikkontrollati mill-UE, huma mhumiex ikkonsolidati fir-rapporti finanzjarji tagħha.

1.4. BAŻI TAT-TĦEJJIJA

Ir-rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati kull sena. Is-sena kontabilistika tibda fl-1 ta' Jannar u tintemm fil-31 ta' Diċembru.

1.4.1. Il-munita u l-bażi għall-konverżjoni

Munita funzjonali u tar-rapportar

Ir-rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati f'miljuni ta' euro, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, billi l-euro hija l-munita funzjonali u tar-rapportar tal-UE.

Tranżazzjonijiet u bilanċi

It-tranżazzjonijiet f'muniti barranin jinqalbu f'euro bir-rati tal-kambju prevalenti fid-dati tat-tranżazzjonijiet. Il-qligħ u t-telf tal-kambju li jirriżultaw mis-saldu ta' tranżazzjonijiet f'muniti barranin u mill-konverżjoni mill-ġdid skont ir-rati tal-kambju fi tmiem is-sena tal-assi u l-obbligazzjonijiet monetarji denominati f'muniti barranin huma rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu. Id-differenzi fil-qlib fuq strumenti finanzjarji mhux monetarji kklassifikati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ huma inklużi fir-riżerva ta' valur ġust.

Japplikaw metodi ta' konverżjoni differenti għall-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir u għall-assi intanġibbli, li jżommu l-valur tagħhom f'euro bir-rata li tkun ġiet applikata fid-data meta nxtraw.

Il-bilanċi fi tmiem is-sena tal-assi u l-obbligazzjonijiet monetarji denominati f'muniti barranin jiġu kkonvertiti f'euro fuq il-bażi tar-rati tal-kambju tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) applikabbli fil-31 ta' Diċembru:

Rati tal-kambju tal-euro

Munita	31.12.2018	31.12.2017	Munita	31.12.2018	31.12.2017
BGN	**1,9558**	*1,9558*	**PLN**	**4,3014**	*4,177*
CZK	**25,7240**	*25,5350*	**RON**	**4,6635**	*4,6585*
DKK	**7,4673**	*7,4449*	**SEK**	**10,2548**	*9,8438*
GBP	**0,8945**	*0,8872*	**CHF**	**1,1269**	*1,1702*
HRK	**7,4125**	*7,4400*	**JPY**	**125,8500**	*135,01*
HUF	**320,9800**	*310,3300*	**USD**	**1,145**	*1,1993*

1.4.2. L-użu tal-estimi

F'konformità mal-IPSAS u mal-prinċipji kontabilistiċi aċċettati b'mod ġenerali, ir-rapporti finanzjarji bilfors iridu jinkludu ammonti bbażati fuq estimi u suppożizzjonijiet mill-maniġment ibbażati fuq l-aktar informazzjoni affidabbli disponibbli. L-estimi sinifikanti jinkludu, iżda mhumiex limitati għal: l-ammonti għall-obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati, il-provvedimenti, ir-riskju finanzjarju fuq l-inventarji u l-kontijiet riċevibbli, id-dħul u l-imposti dovuti, l-assi u l-obbligazzjonijiet kontinġenti, il-grad ta' indeboliment tal-assi intanġibbli u l-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir u l-ammonti divulgati fin-noti dwar l-istrumenti finanzjarji. Ir-riżultati attwali jistgħu jkunu differenti minn dawk l-estimi. Il-bidliet fl-estimi huma riflessi fil-perjodu li fih isiru magħrufa.

1.5. KARTA BILANĊJALI

1.5.1. Assi intanġibbli

Il-liċenzji ta' softwer tal-kompjuter akkwistati jiġu ddikjarati skont il-kost storiku nieqes l-amortizzazzjoni akkumulata u t-telf mill-indeboliment. L-assi huma amortizzati fuq bażi ta' "linja dritta" matul il-ħajja utli stmata tagħhom (3-11-il sena). L-istima tal-ħajja utli tal-assi intanġibbli tiddependi fuq il-ħajja ekonomika speċifika tagħhom jew il-ħajja legali tagħhom iddeterminata permezz ta' ftehim. L-assi intanġibbli żviluppati internament jiġu kapitalizzati meta jiġu ssodisfati l-kriterji rilevanti tar-regoli kontabilistiċi tal-UE u l-ispejjeż jirrigwardjaw biss il-fażi ta' żvilupp tal-assi. Il-kostijiet kapitalizzabbli jinkludu l-kostijiet direttament attribwibbli kollha meħtieġa għall-ħolqien, il-produzzjoni u t-tħejjija tal-assi sabiex ikun jista' jopera bil-mod maħsub mill-maniġment. Il-kostijiet assoċjati mal-attivitajiet ta' riċerka, il-kostijiet tal-iżvilupp mhux kapitalizzabbli u l-kostijiet tal-manutenzjoni huma rikonoxxuti bħala spejjeż kif imġarrba.

1.5.2. Proprjetà, impjanti u tagħmir

Il-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir kollha jiġu ddikjarati skont il-kost storiku nieqes id-deprezzament akkumulat u t-telf mill-indeboliment. Il-kost tinkludi nefqa li hija direttament attribwibbli għall-akkwiżizzjoni, il-kostruzzjoni jew it-trasferiment tal-assi.

Il-kostijiet sussegwenti huma inklużi fl-ammont riportat tal-assi jew rikonoxxuti bħala assi separat, kif xieraq, biss meta jkun probabbli li l-benefiċċji ekonomiċi futuri jew il-potenzjal tas-servizz assoċjat mal-partita jiġu ċċirkolati lill-UE u l-kost ta' dan ikun jista' jitkejjel b'mod affidabbli. Il-kostijiet tat-tiswija u tal-manutenzjoni jiġu ddebitati lir-rapport tal-introjtu matul il-perjodu finanzjarju li fih jiġġarrbu.

L-art u x-xogħlijiet artistiċi ma jiġux deprezzati billi huma jitqiesu li għandhom ħajja utli indefinita. L-assi taħt kostruzzjoni ma jiġux deprezzati billi dawn għadhom mhumiex disponibbli għall-użu. Id-deprezzament fuq assi oħrajn jiġi kkalkolat bl-użu tal-metodu tal-linja dritta sabiex jiġi allokat il-kost tagħhom nieqes il-valuri residwi tagħhom matul il-ħajjiet utli stmati tagħhom, kif ġej:

Tip ta' assi	Rata ta' deprezzament lineari
Binjiet	*minn 4 % sa 10 %*
Assi spazjali	*minn 8 % sa 25 %*
Impjanti u tagħmir	*10 % sa 25 %*
Għamara u vetturi	*0 % sa 25 %*
Ħardwer tal-kompjuter	*25 % sa 33 %*
Oħrajn	*10 % sa 33 %*

Il-qligħ jew it-telf fuq disponimenti jiġu ddeterminati billi r-rikavat nieqes l-ispejjeż tal-bejgħ jitqabbel mal-ammont riportat tal-assi disposti u jiġu inklużi fir-rapport tal-introjtu.

Lokazzjonijiet

Il-lokazzjonijiet ta' assi tanġibbli, meta l-UE jkollha sostanzjalment ir-riskji u l-benefiċċji kollha tas-sjieda, huma kklassifikati bħala lokazzjonijiet finanzjarji. Il-lokazzjonijiet finanzjarji jiġu kapitalizzati fil-bidu nett tal-lokazzjoni skont l-inqas mill-valur ġust tal-assi mogħti b'lokazzjoni u l-valur preżenti tal-pagamenti minimi tal-lokazzjoni. L-element tal-imgħax tal-ħlas ta' lokazzjoni finanzjarja jiġi ddebitat għan-nefqa matul il-perjodu tal-lokazzjoni f'rata perjodika kostanti fir-rigward tal-bilanċ pendenti. L-obbligi tal-kiri, wara li jkunu tnaqqsu l-imposti finanzjarji, jiġu inklużi fl-obbligazzjonijiet finanzjarji (kurrenti u mhux kurrenti). L-element tal-imgħax tal-kost finanzjarju jiġi ddebitat fir-rapport tal-introjtu matul il-perjodu tal-lokazzjoni b'mod li jipproduċi rata tal-imgħax perjodika kostanti fuq il-bilanċ li jibqa' tal-obbligazzjoni għal kull perjodu. L-assi miżmuma taħt lokazzjonijet finanzjarji jiġu deprezzati matul l-iqsar ħajja utli tal-assi u t-terminu tal-lokazzjoni.

Il-lokazzjonijiet fejn il-lokatur iżomm sehem sinifikanti mir-riskji u l-benefiċċji inerenti għas-sjieda huma kklassifikati bħala lokazzjonijiet operatorji. Il-pagamenti ta' lokazzjonijiet operatorji huma rikonoxxuti bħala spiża fir-rapport tal-introjtu fuq bażi ta' linja dritta matul it-terminu ta' lokazzjoni.

1.5.3. Indeboliment ta' assi mhux finanzjarji

L-assi li għandhom ħajja utli indefinita mhumiex soġġetti għal amortizzament/deprezzament u huma ttestjati kull sena għal indeboliment. L-assi li huma soġġetti għal amortizzament/deprezzament jiġu rieżaminati għal indeboliment kull meta avvenimenti jew bidliet fiċ-ċirkostanzi jindikaw li l-ammont riportat ma jkunx jista' jiġi rkuprat. Telf minn indeboliment huwa rikonoxxut għall-ammont li bih l-ammont riportat tal-assi jaqbeż l-ammont (servizz) rekuperabbli tiegħu. L-ammont (servizz) rekuperabbli huwa l-ogħla mill-valur ġust tal-assi nieqes il-kostijiet tal-bejgħ u l-valur tiegħu fl-użu.

Il-valuri residwi u l-ħajja utli tal-assi intanġibbli u tal-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir jiġu riveduti u, jekk ikun xieraq, aġġustati, mill-inqas darba fis-sena. L-ammont riportat ta' assi jitnaqqas minnufih għall-ammont (servizz) rekuperabbli tiegħu jekk l-ammont riportat tal-assi jkun akbar mill-ammont (servizz) rekuperabbli stmat tiegħu. Jekk ir-raġunijiet għall-indebolimenti rikonoxxuti fis-snin preċedenti ma japplikawx aktar, it-telf minn indeboliment jitreġġa' lura kif xieraq.

1.5.4. Investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità

Parteċipazzjonijiet f'kumpaniji assoċjati u impriżi konġunti

L-investimenti meqjusa bl-użu tal-metodu tal-ekwità inizjalment jiġu rikonoxxuti skont il-kost, li hu l-ammont tar-riport sussegwentement miżjud jew imnaqqas biex jiġi rikonoxxut is-sehem tal-UE mis-surplus jew mid-defiċit tad-destinatarja ta' investiment wara d-data tal-akkwiżizzjoni. Is-sehem tal-UE mis-surplus jew mid-defiċit tad-destinatarja ta' investiment fir-rapport tal-introjtu, u s-sehem tagħha miċ-ċaqliq tad-destinatarja ta' investiment fl-ekwità hu rikonoxxut fir-riżervi fi ħdan l-assi netti. Il-kost inizjali flimkien maċ-ċaqliq kollu (kontribuzzjonijiet oħrajn, is-sehem tar-riżultati ekonomiċi u ċ-ċaqliq tar-riżerva, indebolimenti u dividendi) jagħtu l-valur kontabilistiku tal-investiment fir-rapporti finanzjarji fid-data tal-karta bilanċjali. Id-distribuzzjonijiet riċevuti mill-investiment inaqqsu l-ammont riportat tal-assi.

Jekk is-sehem tal-UE tad-defiċits ta' investiment kontabilizzat bl-użu tal-metodu tal-ekwità jkun daqs jew aktar mill-interess tagħha fl-investiment, l-UE ma tibqax tirrikonoxxi s-sehem tagħha ta' telf ulterjuri ("telf mhux rikonoxxut"). Wara li l-interess tal-UE jitnaqqas għal żero, jiġi previst telf addizzjonali u tiġi rikonoxxuta obbligazzjoni, sal-punt biss li l-UE tkun ġarrbet obbligu legali jew kostruttiv jew tkun għamlet pagamenti f'isem l-entità.

Jekk ikun hemm indikazzjonijiet ta' indeboliment, tkun meħtieġa valwazzjoni negattiva għall-inqas ammont rekuperabbli. L-ammont rekuperabbli jiġi ddeterminat kif deskritt fin-nota **1.5.3**. Jekk ir-raġuni għall-indeboliment ma tibqax tapplika aktar tard, it-telf minn indeboliment jitreġġa' lura għall-ammont riportat li kien jiġi ddeterminat kieku ma kien rikonoxxut l-ebda telf minn indeboliment.

F'każijiet fejn l-UE jkollha 20 % jew aktar minn fond ta' kapital tal-investiment, hija ma tfittixx li teżerċita influwenza sinifikanti. Għalhekk, dawn il-fondi huma ttrattati bħala strumenti finanzjarji u kkategorizzati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ.

Il-kumpaniji assoċjati u l-impriżi konġunti kklassifikati bħala entitajiet minuri ma jiġux kontabilizzati skont il-metodu tal-ekwità. Il-kontribuzzjonijiet tal-UE għal dawk l-entitajiet jiġu kontabilizzati bħala spiża tal-perjodu.

1.5.5. Assi finanzjarji

Klassifikazzjoni

L-UE tikklassifika l-assi finanzjarji tagħha fil-kategoriji li ġejjin: assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit; selfiet u riċevibbli; investimenti miżmuma sal-maturità; u assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ. Il-klassifikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji tiġi ddeterminata mar-rikonoxximent inizjali u terġa' tiġi evalwata f'kull data tal-karta bilanċjali.

(i) Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit

Assi finanzjarju jiġi kklassifikat f'din il-kategorija jekk jiġi akkwistat primarjament għall-fini ta' bejgħ fuq perjodu qasir jew jekk tkun għażlet hekk l-entità. Id-derivattivi jiġu kkategorizzati wkoll f'din il-kategorija. L-assi f'din il-kategorija jiġu kklassifikati bħala assi kurrenti jekk ikunu mistennija li jiġu realizzati fi żmien 12-il xahar mid-data tal-karta bilanċjali.

(ii) Self u riċevibbli

Is-self u r-riċevibbli huma assi finanzjarji mhux derivattivi b'pagamenti fissi jew determinabbli li mhumiex ikkwotati f'suq attiv. Dawn jinħolqu meta l-UE tipprovdi flus, oġġetti jew servizzi direttament lil debitur mingħajr l-intenzjoni li jinnegozja r-riċevibbli, jew f'każ li l-UE tkun surrogata għad-drittijiet tal-mutwanti oriġinali wara pagament li jkun sar mill-UE taħt kuntratt ta' garanzija. Pagamenti dovuti fi żmien 12-il xahar mid-data tal-karta bilanċjali jiġu kklassifikati bħala assi kurrenti. Pagamenti dovuti wara 12-il xahar mid-data tal-karta bilanċjali jiġu kklassifikati bħala assi mhux kurrenti. Is-self u r-riċevibbli jinkludu depożiti ta' żmien fiss, li l-maturità oriġinali tagħhom tkun ta' aktar minn tliet xhur.

(iii) Investimenti miżmuma sal-maturità

L-investimenti miżmuma sal-maturità huma assi finanzjarji mhux derivattivi b'pagamenti fissi jew varjabbli u maturitajiet fissi li l-UE għandha l-intenzjoni pożittiva u l-kapaċità li żżomm sal-maturità. Matul din is-sena finanzjarja, l-UE ma żammet l-ebda investiment f'din il-kategorija.

(iv) Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ

Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ huma assi mhux derivattivi li huma nnominati f'din il-kategorija jew li ma huma kklassifikati f'ebda waħda mill-kategoriji l-oħrajn. Dawn huma kklassifikati bħala assi kurrenti jew mhux kurrenti, skont il-perjodu ta' żmien li matulu l-UE tistenna li żżommhom. L-investimenti f'entitajiet li la huma kkonsolidati u lanqas kontabbilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità u investimenti oħrajn ta' tip ta' ekwità (eż. Operazzjonijiet b'Kapital ta' Riskju) huma kklassifikati wkoll bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ.

Rikonoxximent u kejl inizjali

Ix-xiri u l-bejgħ ta' assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit, miżmuma sal-maturità u disponibbli għall-bejgħ jiġu rikonoxxuti fid-data tan-negozju – id-data li fiha l-UE timpenja ruħha li tixtri jew tbiegħ l-assi. L-ekwivalenti ta' flus u s-self jiġu rikonoxxuti meta l-flus kontanti jiġu depożitati f'istituzzjoni finanzjarja jew jiġu avvanzati għall-mutwatarji. L-istrumenti finanzjarji huma inizjalment rikonoxxuti bil-valur ġust. Għall-assi finanzjarji kollha mhux riportati abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit, l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet jiżdiedu mal-valur ġust fir-rikonoxximent inizjali. L-assi finanzjarji riportati abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit għall-ewwel jiġu rikonoxxuti abbażi tal-valur ġust u l-ispejjeż tat-tranżazzjoni jiġu ddebitati fir-rapport tal-introjtu.

Il-valur ġust ta' assi finanzjarju mar-rikonoxximent inizjali normalment ikun il-prezz tat-tranżazzjoni (jiġifieri l-valur ġust tal-korrispettiv riċevut), sakemm il-valur ġust ta' dak l-istrument ma jintweriex permezz ta' tqabbil ma' tranżazzjonijiet tas-suq kurrenti osservabbli oħrajn fl-istess strument jew abbażi ta' teknika ta' valwazzjoni li l-varjabbli tagħha jinkludu biss data minn swieq osservabbli (eż. f'każ ta' xi kuntratti tad-derivattivi). Madankollu, meta jingħata self fit-tul li ma jkollu ebda mgħax jew inkella jkollu mgħax bil-kundizzjonijiet tas-suq, il-valur ġust tiegħu jista' jiġi stmat bħala l-valur preżenti tar-riċevuti ta' flus kollha fil-ġejjieni skontati billi tintuża r-rata tal-imgħax tas-suq prevalenti għal strument simili bi klassifikazzjoni tal-kreditu simili.

Is-self mogħti jitkejjel fl-ammont nominali tiegħu, li jitqies li huwa l-valur ġust tas-self. Ir-raġunament għal dan huwa kif ġej:

- L-"ambjent tas-suq" għall-għoti b'self mill-UE huwa speċifiku ħafna u differenti mis-suq kapitali li jintuża sabiex jinħarġu bonds kummerċjali jew tal-gvern. Billi l-mutwanti f'dawn is-swieq għandhom l-opportunità li jagħżlu investimenti alternattivi, il-possibbiltà ta' opportunità tiddaħħal fil-kalkolu tal-prezzijiet tas-suq. Madankollu, din l-opportunità għal investimenti alternattivi ma teżistix għall-UE, li mhijiex permessa li tinvesti flus fis-swieq kapitali; hija tissellef biss fondi bl-iskop li ssellef bl-istess rata. Dan ifisser li ma hemm l-ebda għażla alternattiva ta' għoti b'self jew investiment disponibbli għall-UE għas-somom meħuda b'self. Għalhekk, ma hemm l-ebda kost ta' opportunità u għalhekk ma hemmx bażi ta' paragun mar-rati tas-suq. Fil-fatt, l-operazzjoni ta' għoti b'self tal-UE nnifisha tirrappreżenta lis-suq. Essenzjalment, billi l-"għażla" tal-kost ta' opportunità mhijiex applikabbli, il-prezz tas-suq ma jirriflettix b'mod ġust is-sustanza tat-tranżazzjonijiet ta' għoti b'self tal-UE. Għalhekk, mhuwiex xieraq li jiġi ddeterminat il-valur ġust tal-għoti b'self tal-UE b'referenza għal bonds kummerċjali jew tal-gvern.
- Barra minn hekk, minħabba li ma hemm l-ebda tranżazzjoni tas-suq attiv jew tranżazzjonijiet simili li wieħed jista' jqabbel magħhom, ir-rata tal-imgħax li trid tintuża mill-UE għall-valwazzjoni

ġusta tal-operazzjonijiet ta' għoti b'self tagħha taħt l-EFSM, il-BOP u self simili ieħor, għandha tkun ir-rata tal-imgħax imposta.

- Barra minn hekk, għal dan is-self, hemm effetti kumpensatorji bejn l-għoti ta' self u t-teħid b'self minħabba l-karattru spalla ma' spalla ("back-to-back") tagħhom. B'hekk, l-imgħax effettiv għas-self huwa daqs ir-rata effettiva tal-imgħax għat-teħid b'self relatat. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni mġarrba mill-UE u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self jiġu direttament rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu.

L-istrumenti finanzjarji ma jibqgħux rikonoxxuti meta jiskadu d-drittijiet li jiġu riċevuti flussi ta' flus mill-investimenti jew meta l-UE tkun ittrasferixxiet b'mod sostanzjali r-riskji u l-benefiċċji kollha tas-sjieda lil parti oħra.

Kejl sussegwenti

a) L-assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit sussegwentement jiġu riportati abbażi tal-valur ġust. Il-qligħ u t-telf li jirriżultaw minn bidliet fil-valur ġust tal-kategorija "strumenti finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit" huma inklużi fir-rapport tal-introjtu fil-perjodu meta jseħħu.

b) Is-self u r-riċevibbli jiġu riportati bil-kost amortizzat bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv. Fil-każ ta' self mogħti fuq fondi meħuda b'self, l-istess rata effettiva tal-imgħax tiġi applikata kemm għall-għoti ta' self kif ukoll għat-teħid b'self, minħabba li dan is-self għandu l-karatteristiċi ta' "operazzjonijiet spalla ma' spalla" u d-differenzi bejn is-self u l-kundizzjonijiet u l-ammonti tat-teħid b'self mhumiex materjali. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni mġarrba mill-UE u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self jiġu direttament rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu.

c) L-assi miżmuma sal-maturità jiġu riportati bil-kost amortizzat bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv. Bħalissa, l-UE ma għandhiex investimenti miżmuma sal-maturità.

d) L-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ jiġu riportati sussegwentement abbażi tal-valur ġust. Il-qligħ u t-telf li jirriżultaw minn bidliet fil-valur ġust tal-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ huma rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust, ħlief għad-differenzi fil-qlib fuq l-assi monetarji li huma rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu. Meta l-assi kklassifikati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ ma jibqgħux rikonoxxuti jew ikunu indeboliti, l-aġġustamenti kumulattivi abbażi tal-valur ġust li qabel kienu rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust jiġu rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu. L-imgħax fuq l-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ ikkalkolat bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv jiġi rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu. Id-dividendi fuq strumenti ta' ekwità disponibbli għall-bejgħ jiġu rikonoxxuti meta jiġi stabbilit id-dritt tal-UE li tirċievi ħlas.

Il-valuri ġusti tal-investimenti kkwotati fi swieq attivi huma bbażati fuq il-prezzijiet kurrenti tax-xiri. Jekk is-suq għal assi finanzjarju ma jkunx attiv (u għal titoli mhux ikkwotati u derivattivi barra l-Borża), l-UE tistabbilixxi valur ġust billi tuża tekniki ta' valwazzjoni. Dawn jinkludu l-użu ta' tranżazzjonijiet distakkati riċenti, referenza għal strumenti oħrajn li huma sostanzjalment l-istess, analiżi tal-flussi tal-flus skontati, mudelli tal-ipprezzar tal-opzjoni u tekniki ta' valwazzjoni oħrajn li jintużaw ta' spiss mill-parteċipanti fis-suq.

L-investimenti f'Fondi ta' Kapital ta' Riskju, ikklassifikati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ, li ma għandhomx prezz ikkwotat f'suq attiv, jiġu vvalutati bil-valur tal-assi netti attribwibbli, li jitqies bħala ekwivalenti tal-valur ġust tagħhom.

Fil-każijiet fejn il-valur ġust tal-investimenti fi strumenti ta' ekwità li ma għandhomx prezz tas-suq ikkwotat f'suq attiv ma jkunx jista' jitkejjel b'mod affidabbli, dawn l-investimenti jiġu vvalutati abbażi tal-kost tagħhom nieqes it-telf minn indeboliment.

Indeboliment tal-assi finanzjarji

Assi finanzjarju jkun indebolit u telf jiġi rikonoxxut jekk, u biss jekk, ikun hemm evidenza oġġettiva ta' indeboliment bħala riżultat ta' avveniment wieħed jew aktar li seħħew wara r-rikonoxximent inizjali tal-assi u dak l-avveniment (jew avvenimenti) ta' telf ikollu/ikollhom impatt fuq il-flussi tal-flus stmati fil-ġejjieni ta' assi finanzjarju li jista' jiġi stmat b'mod affidabbli. L-UE tivvaluta f'kull data tar-rapportar jekk hemmx evidenza oġġettiva li assi finanzjarju huwa indebolit.

(a) *Assi riportati bi prezz amortizzat*

Jekk ikun hemm evidenza oġġettiva li ġġarrab telf minn indeboliment fuq self u riċevibbli jew investimenti miżmuma sal-maturità riportati bil-kost amortizzat, l-ammont tat-telf jitkejjel bħala d-differenza bejn l-ammont riportat tal-assi u l-valur preżenti tal-flussi tal-flus stmati fil-ġejjieni (minbarra t-telf ta' kreditu futur li ma ġġarrabx) skontati bir-rata effettiva tal-imgħax oriġinali tal-assi finanzjarju. L-ammont riportat tal-assi jitnaqqas u l-ammont tat-telf jiġi rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu. Jekk self jew investiment miżmum sal-maturità jkollu rata tal-imgħax varjabbli, ir-rata ta' skont għall-kejl ta' kwalunkwe telf minn indeboliment tkun ir-rata effettiva tal-imgħax attwali stabbilita skont il-kuntratt. Il-kalkolu tal-valur preżenti tal-flussi ta' flus stmati fil-ġejjieni ta' assi finanzjarju kollateralizzat jirrifletti l-flussi ta' flus li jistgħu jirriżultaw minn preklużjoni neqsin il-kostijiet għall-kisba u l-bejgħ tal-kollateral, kemm jekk preklużjoni tkun probabbli kif ukoll jekk le. Jekk, f'perjodu sussegwenti, l-ammont tat-telf minn indeboliment jonqos u t-tnaqqis jista' jkun relatat b'mod oġġettiv ma' avveniment li jseħħ wara r-rikonoxximent tal-indeboliment, it-telf minn indeboliment rikonoxxut qabel jitreġġa' lura permezz tar-rapport tal-introjtu.

(b) *Assi riportati abbażi tal-valur ġust*

Fil-każ ta' investimenti ta' ekwità kklassifikati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ, tnaqqis sinifikanti jew permanenti (imtawwal) fil-valur ġust tat-titolu taħt il-kost tiegħu jiġi kkunsidrat fid-determinazzjoni ta' jekk it-titoli humiex indeboliti. Jekk tkun teżisti xi evidenza bħal din għal assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ, it-telf kumulattiv – imkejjel bħala d-differenza bejn il-kost ta' akkwiżizzjoni u l-valur ġust kurrenti, li minnha jitnaqqas kull telf minn indeboliment fuq dak l-ass finanzjarju rikonoxxut qabel fir-rapport tal-introjtu – jitnaqqas mir-riżervi u jkun rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu. It-telf minn indeboliment rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu fuq strumenti ta' ekwità ma jitreġġax lura permezz tar-rapport tal-introjtu. Jekk, f'perjodu sussegwenti, jiżdied il-valur ġust ta' strument ta' dejn ikklassifikat bħala assi finanzjarju disponibbli għall-bejgħ u ż-żieda tista' tkun relatata b'mod oġġettiv ma' avveniment li jseħħ wara li jkun ġie rikonoxxut it-telf minn indeboliment, it-telf minn indeboliment jitreġġa' lura permezz tar-rapport tal-introjtu.

1.5.6. Inventarji

L-inventarji jiġu ddikjarati skont l-inqas kost u valur nett realizzabbli. Il-kost jiġi ddeterminat bl-użu tal-metodu ta' dak li jidħol l-ewwel joħroġ l-ewwel ("first-in, first-out" - FIFO). Il-kost tal-oġġetti lesti u tax-xogħol li jkun għadu għaddej jinkludi l-kostijiet tal-materja prima, tax-xogħol dirett u kostijiet oħrajn direttament attribwibbli, kif ukoll spejjeż ġenerali tal-produzzjoni relatati (ibbażati fuq kapaċità operazzjonali normali). Il-valur nett realizzabbli huwa l-prezz tal-bejgħ stmat matul il-kors normali tan-negozju, nieqes il-kostijiet tat-tlestija u l-ispejjeż tal-bejgħ. Meta l-inventarji jinżammu għad-distribuzzjoni mingħajr ħlas jew għal ħlas nominali, dawn jitkejlu skont l-inqas kost u l-kost tas-sostituzzjoni kurrenti. Il-kost tas-sostituzzjoni kurrenti huwa l-kost li ġġarrab l-UE sabiex tikseb l-assi fid-data tar-rapportar.

1.5.7. Ammonti tal-prefinanzjament

Prefinanzjament huwa pagament maħsub sabiex jipprovdi lill-benefiċjarju b'avvanz ta' flus, jiġifieri "float". Huwa jista' jinqasam f'għadd ta' pagamenti fuq perjodu definit fil-kuntratt, fid-deċiżjoni, fil-ftehim jew fl-att ġuridiku bażiku partikolari. Il-float jew l-avvanz jew jintuża għall-finijiet li għalihom ġie pprovdut matul il-perjodu definit fil-ftehim jew inkella jitħallas lura. Jekk il-benefiċjarju ma jġarrabx in-nefqa eliġibbli, huwa għandu l-obbligu li jrodd lura l-avvanz ta' prefinanzjament lill-UE. L-ammont tal-prefinanzjament jista' jitnaqqas (kompletament jew parzjalment) bl-aċċettazzjoni tal-kostijiet eliġibbli (li huma rikonoxxuti bħala spejjeż).

F'dati sussegwenti tal-karta bilanċjali, il-prefinanzjament jitkejjel fl-ammont inizjalment rikonoxxut fil-karta bilanċjali nieqes l-ispejjeż eliġibbli (inklużi l-ammonti stmati fejn meħtieġ) imġarrba matul il-perjodu.

L-imgħax fuq il-prefinanzjament jiġi rikonoxxut hekk kif jiġi gwadanjat f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim rilevanti. Stima tad-dħul mill-imgħax dovut, abbażi tal-aktar informazzjoni affidabbli, issir fl-aħħar tas-sena u tiġi inkluża fil-karta bilanċjali.

Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri li joriġinaw minn rimborż mill-UE ta' ammonti mħallsa bil-quddiem mill-Istati Membri lill-benefiċjarji tagħhom (inklużi "strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża") huma rikonoxxuti bħala assi u ppreżentati taħt l-intestatura tal-prefinanzjament. Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri sussegwentement jitkejlu bl-ammont inizjalment rikonoxxut fil-karta bilanċjali nieqes l-aħjar

stima tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji finali, ikkalkolat abbażi ta' suppożizzjonijiet raġonevoli u li jistgħu jiġu appoġġjati.

Il-kontribuzzjonijiet tal-UE għall-fondi fiduċjarji tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp jew entitajiet oħrajn mhux ikkonsolidati huma kklassifikati bħala prefinanzjament minħabba li l-għan tagħhom huwa li jagħtu "float" għall-fond fiduċjarju sabiex dan ikun jista' jiffinanzja azzjonijiet speċifiċi definiti skont l-objettivi tal-fond fiduċjarju. Il-kontribuzzjonijiet tal-UE għall-fondi fiduċjarji jitkejlu fl-ammont inizjali tal-kontribuzzjoni tal-UE nieqes l-ispejjeż eliġibbli, inklużi l-ammonti stmati, fejn ikunu meħtieġa, imġarrba mill-fond fiduċjarju matul il-perjodu tar-rapportar u allokati għall-kontribuzzjoni tal-UE f'konformità mal-ftehim sottostanti.

1.5.8. Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju

Billi r-regoli kontabilistiċi tal-UE jeħtieġu preżentazzjoni separata tat-tranżazzjonijiet ta' skambju u ta' dawk mhux ta' skambju, għall-fini tat-tfassil tal-kontijiet, l-ammonti riċevibbli huma definiti bħala li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' skambju u l-ammonti rekuperabbli huma definiti bħala li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju, jiġifieri meta l-UE tirċievi valur mingħand entità oħra mingħajr ma tagħti direttament valur bejn wieħed u ieħor ugwali fil-borża (pereżempju, ammonti rekuperabbli minn Stati Membri relatati mar-riżorsi proprji).

L-ammonti riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju jissodisfaw id-definizzjoni ta' strumenti finanzjarji u, b'hekk, huma kklassifikati bħala self u riċevibbli u mkejla kif xieraq (ara n-nota **1.5.5**). Id-divulgazzjonijiet fin-noti tal-istrumenti finanzjarji li jikkonċernaw ir-riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju jinkludu d-dħul dovut u n-nefqiet differiti minn tranżazzjonijiet ta' skambju, minħabba li mhumiex materjali. Issir ukoll valwazzjoni negattiva ġenerali abbażi tal-esperjenza tal-passat għal ordnijiet ta' rkupru pendenti li mhumiex diġà soġġetti għal valwazzjoni negattiva speċifika.

Ir-rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju jiġu riportati fl-ammont oriġinali (aġġustat għal imgħax u penali) nieqes il-valwazzjoni negattiva għal indeboliment. Valwazzjoni negattiva għal indeboliment ta' rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju tiġi stabbilita meta jkun hemm evidenza oġġettiva li l-UE mhijiex se tkun tista' tiġbor l-ammonti kollha dovuti skont it-termini oriġinali tar-rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju. L-ammont tal-valutazzjoni negattiva huwa d-differenza bejn l-ammont riportat tal-assi u l-ammont rekuperabbli. L-ammont tal-valwazzjoni negattiva huwa rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu. Issir ukoll valwazzjoni negattiva ġenerali, abbażi tal-esperjenza tal-passat, għal ordnijiet ta' rkupru pendenti li mhumiex diġà soġġetti għal valwazzjoni negattiva speċifika. Ara n-nota **1.5.14** dwar it-trattament tad-dħul dovut fi tmiem is-sena. L-ammonti murija u divulgati bħala rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju mhumiex strumenti finanzjarji minħabba li ma jirriżultawx minn kuntratt li jwassal għal obbligazzjoni finanzjarja jew strument ta' ekwità. Madankollu, fin-noti għar-rapporti finanzjarji, l-ammonti rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju huma divulgati flimkien mal-ammonti riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju, fejn xieraq.

1.5.9. Flus u l-ekwivalenti ta' flus

Il-flus u l-ekwivalenti ta' flus huma strumenti finanzjarji u jinkludu kontanti, depożiti miżmuma fuq talba jew b'avviż ta' malajr mal-banek u investimenti ferm likwidi oħrajn għal perjodu ta' żmien qasir bil-maturitajiet oriġinali ta' tliet xhur jew inqas.

1.5.10. Benefiċċji tal-impjegati

Il-politika tal-kontabbiltà għall-benefiċċji tal-impjegati ġiet aġġornata skont ir-rekwiżiti tar-regola riveduta tal-kontabbiltà EAR 12 Benefiċċji tal-Impjegati, effettiva għall-perjodi li jibdew mill-1 ta' Jannar 2018 jew wara, abbażi tal-IPSAS 39 il-ġodda (Benefiċċji tal-Impjegati) ippubblikati f'Lulju 2016. It-tibdil ewlieni, li jirriżulta mir-reviżjoni tar-regola tal-kontabbiltà 12, hu l-preżentazzjoni tal-qligħ u t-telf attwarjali bħala ċaqliq fl-assi netti minflok fir-rapport tal-introjtu.

Il-kontabbiltà għal pjanijiet definiti tal-benefiċċji hi kumplessa minħabba li huma meħtieġa suppożizzjonijiet attwarjali u ġudizzju biex jitkejjel l-obbligu. Fl-applikazzjoni tar-regola riveduta tal-kontabbiltà, l-UE reġgħet ivvalutat il-ġudizzji użati, b'mod partikolari fir-rigward tal-istima tal-kost finali tal-benefiċċju attribwit għall-impjegati. Bħala riżultat ta' dan l-eżerċizzju, ġiet ikkonfermata l-idoneità tal-użu tal-perjodu tas-servizz attiv stmat tal-impjegat bħala l-bażi għall-attribuzzjoni tal-benefiċċji għall-perjodi ta' servizz. Il-benefiċċji li l-impjegati tal-UE huma intitolati għalihom jingħataw taħt pjan wieħed – għad li huma maqsuma f'żewġ skemi – u dawn iridu jiġu ttrattati b'mod simili biex tingħata preżentazzjoni ġusta tas-sitwazzjoni u tiġi riflessa r-realtà ekonomika.

L-UE tipprovdi sett ta' benefiċċji (emolumenti u sigurtà soċjali) lill-impjegati. Għall-finijiet kontabilistiċi, dawn iridu jiġu kklassifikati f'benefiċċji b'terminu qasir u ta' wara l-impjiegi.

Benefiċċji tal-impjegati b'terminu qasir

Il-benefiċċji tal-impjegati b'terminu qasir huma dawk il-benefiċċji li għandhom jiġu saldati qabel tnax-il xahar wara tmiem il-perjodu ta' rapportar li fih l-impjegati taw is-servizz, bħal salarji, liv annwali u minħabba mard bi ħlas, u allowances b'terminu qasir oħra. Il-benefiċċji b'terminu qasir tal-impjegati

huma rikonoxxuti bħala spiża meta jiġi pprovdut is-servizz relatat. Obbligazzjoni tiġi rikonoxxuta għall-ammont mistenni li jitħallas jekk l-UE jkollha obbligu legali jew kostruttiv preżenti xi tħallas bħala riżultat ta' servizz ipprovdut mill-impjegat fl-imgħoddi u l-obbligu jkun jista' jiġi stmat b'mod affodabbli.

Benefiċċji ta' wara l-impjieg

L-UE tagħti sett ta' benefiċċji ta' wara l-impjieg lill-impjegati, li jinkludu pensjonijiet tal-irtrar, tal-invalidità u tar-riverżjoni, kif ukoll kopertura medika (ara n-nota **2.9**).

L-UE tipprovdi lill-persunal tagħha bi pjan ta' benefiċċji ta' wara l-impjieg li jinkludi:

i. Skema ta' Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej (PSEO): Il-benefiċċji mogħtija skont din l-iskema ffinanzjata b'mod nozzjonali[12] huma relatati mal-anzjanità, l-invalidità u s-sopravvivenza, kif ukoll, allowances tal-familja, mewt qabel l-irtirar lil dawk l-impjegati li jaħdmu jew ħadmu fl-Istituzzjonijiet jew fl-Aġenziji tal-UE u f'korpi oħra tal-UE jew huma superstiti ta' uffiċjali deċeduti jew pensjonanti. Il-persunal jikkontribwixxi terz mill-kost mistenni ta' dawn il-benefiċċji mis-salarji tiegħu.

ii. Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS): Taħt din l-iskema, l-UE tipprovdi kopertura tas-saħħa għall-persunal tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Istituzzjonijiet, tal-Aġenziji u ta' korpi oħra tal-UE permezz tar-rimborż tal-ispejjeż mediċi. Il-benefiċċji mogħtija lill-persuni "inattivi" ta' din l-iskema (jiġifieri pensjonanti, orfni, eċċ.) huma kklassifikati bħala benefiċċji tal-impjegati ta' wara l-impjieg.

L-UE tipprovdi wkoll benefiċċji ta' wara l-impjieg lil membri tal-istituzzjonijiet tal-UE permezz ta' skemi tal-pensjoni separati. Dawn jintwerew taħt l-intestatura skemi oħra ta' benefiċċji tal-irtirar. Permezz ta' dawn l-iskemi l-UE tipprovdi benefiċċji tal-pensjoni lil membri tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kunsill, tal-Parlament Ewropew, tal-Ombudsman, tal-Kontrollur għall-Protezzjoni tad-Data, tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili. L-UE tipprovdi kopertura tas-saħħa lill-membri tal-Istituzzjonijiet tal-UE permezz tal-JSIS.

Il-benefiċċji ta' hawn fuq ta' wara l-impjieg jikkwalifikaw bħala obbligi tal-benefiċċji definiti tal-UE u huma kkalkolati f'kull data ta' rapportar billi jiġi stmat l-ammont tal-benefiċċju futur li l-impjegati jkunu ggwadanjaw fil-perjodi kurrenti u ta' qabel, filwaqt li jitnaqqas dak l-ammont u l-valur ġust ta' kwalunkwe assi tal-pjan. Il-kalkolu tal-obbligu tal-benefiċċju definit isir ta' kull sena bl-użu tal-metodu ta' kreditu għal kull unità proġettata. Il-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit jiġi ddeterminat billi l-ħruġ tal-flus stmat fil-ġejjieni jiġi skontat bl-użu ta' rati tal-imgħax ta' bonds tal-gvern li huma denominati fil-munita li biha jitħallsu l-benefiċċji u li għandhom perjodi ta' maturità li joqorbu lejn it-termini tal-obbligazzjoni tal-pensjoni relatata.

Il-benefiċċji ta' wara l-impjieg ipprovduti lill-persunal tal-UE huma inkorporati fi pjan wieħed li jinkludi kemm skema tal-pensjoni (PSEO) kif ukoll reġim tal-assigurazzjoni tal-mard (JSIS), bid-dritt ta' kopertura skont l-iskema JSIS li jiddependi mill-kisba tad-dritt għal kopertura skont l-iskema PSEO. Skont it-termini ta' dan il-pjan uniku, kif stipulat fir-Regolament dwar il-Persunal, ċerti intitolamenti, bħad-dritt għal pensjoni differita u mnaqqsa skont l-iskema PSEO, jinkisbu wara 10 snin servizz. Madankollu, l-intitolamenti miksuba skont il-pjan uniku mis-servizz sussegwenti tal-impjegat huma materjalment ogħla minn dawk l-intitolamenti inizjali kif riflessi mid-drittijiet sussegwenti tal-pensjoni li jsiru dovuti ta' kull sena.

Għaldaqstant, sabiex tintwera s-sustanza ekonomika tat-tranżazzjoni sottostanti rikjesta mill-karatteristika kwalitattiva tar-rappreżentazzjoni leali tar-rapportar finanzjarju kif deskritt kemm fl-EAR 1 kif ukoll fil-Qafas Kunċettwali tal-IPSAS, il-kost tas-servizz imġarrab fuq bażi ta' linja dritta tul il-perjodu ta' servizz attiv stmat tal-persunal, jiġifieri l-perjodu mid-data meta s-servizz mill-impjegat iwassal għall-ewwel darba għall-benefiċċji skont il-pjan (kemm jekk il-beneifċċji jkunu kundizzjonali għal servizz addizzjonali kif ukoll jekk le) sad-data meta s-servizz addizzjonali mill-impjegat ma jwassal għal ebda ammont materjali ta' benefiċċji addizzjonali skont il-pjan, ħlief żidiet ulterjuri fis-salarju. Dan l-approċċ hu applikat b'mod konssitenti għall-benefiċċji pprovduti skont il-pjan uniku.

---

[12] Il-PSEO huwa fond (virtwali) nozzjonali b'benefiċċji definiti, li fih il-kontribuzzjonijiet tal-persunal iservu biex jiffinanzjaw il-pensjonijiet futuri tagħhom. Għad li ma hemm ebda fond ta' investiment propju, l-ammont li kieku kien jinġabar minn fond bħal dan jitqies li ġie investit fil-bonds fit-tul tal-Istati Membri u huwa rifless fl-obbligazzjoni tal-pensjoni li hija rreġistrata fil-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri jiggarantixxu b'mod konġunt il-ħlas tal-benefiċċji skont l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (ara COM(2018) 829 għal deskrizzjoni dettaljata tal-iskema).

Il-kejl mill-ġdid tal-obbligazzjoni definita netta tal-benefiċċju jinkludi l-qligħ u t-telf attwarjali u r-redditu fuq l-assi tal-pjan, u hu rikonoxxut minnufih fl-assi netti.

L-UE tagħraf l-ispiża netta tal-imgħax (introjtu) u spejjeż oħra relatati mal-pjanijiet tal-benefiċċju definiti fir-rapport tal-introjtu fi ħdan id-didaskalija "kostijiet tal-persunal u tal-pensjoni".

Meta l-benefiċċji pprovduti jinbidlu jew jitnaqqsu, it-tibdil li jirriżulta fil-benefiċċji li jkun relatat mas-servizz fl-imgħoddi jew il-qligħ jew it-telf fuq it-trażżin jiġi rikonoxxut minnufih fir-rapport tal-introjtu. Il-qligħ u t-telf fid-dikjarazzjoni jiġu rikonoxxuti meta jseħħ is-saldu. Il-kost tas-servizz tal-passat jiġi rikonoxxut minnufih fir-rapport tal-introjtu, sakemm il-bidliet fil-pjan tal-pensjonijiet ma jkunux kundizzjonali fuq il-fatt li l-impjegati jibqgħu fis-servizz għal perjodu ta' żmien speċifikat.

1.5.11. Provvedimenti

Il-provvedimenti jiġu rikonoxxuti meta l-UE jkollha obbligu legali jew kostruttiv preżenti lejn il-partijiet terzi bħala riżultat ta' avvenimenti passati, meta jkun aktar probabbli milli le li jkun hemm ħtieġa ta' fluss ta' ħruġ ta' riżorsi sabiex jiġi saldat l-obbligu u meta l-ammont ikun jista' jiġi stmat b'mod affidabbli. Mhumiex rikonoxxuti provvedimenti għal telf operatorju fil-ġejjieni. L-ammont tal-provvediment huwa l-aħjar stima tal-ispejjeż li mistennija jkunu meħtieġa sabiex jiġi saldat l-obbligu preżenti fid-data tar-rapportar. Meta l-provvediment jinvolvi għadd kbir ta' partiti, l-obbligu jiġi stmat permezz tal-ponderazzjoni tal-eżiti kollha possibbli bil-probabbiltajiet assoċjati tagħhom (il-metodu tal-"valur mistenni").

Il-provvedimenti għal kuntratti onerużi jitkejlu bil-valur preżenti tal-inqas wieħed minn fost il-kost mistenni tat-terminazzjoni tal-kuntratt u l-kost nett mistenni tal-kontinwazzjoni bil-kuntratt.

1.5.12. Obbligazzjonijiet finanzjarji

L-obbligazzjonijiet finanzjarji huma kklassifikati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit, bħala obbligazzjonijiet finanzjarji riportati bil-kost amortizzat jew bħala obbligazzjonijiet ta' garanzija finanzjarja.

Is-self meħud jikkonsisti f'self meħud minn istituzzjonijiet ta' kreditu u djun ipprovati minn ċertifikati. Huma jiġu rikonoxxuti inizjalment abbażi tal-valur ġust, bħala r-rikavat mill-ħruġ tagħhom (il-valur ġust tal-korrispettiv riċevut) wara li jitnaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjoni mġarrba, imbagħad sussegwentement jiġu riportati bil-kost amortizzat bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv; kwalunkwe differenza bejn ir-rikavat, wara li jitnaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjoni, u l-prezz tal-fidwa tiġi rikonoxxuta fir-rapport tal-introjtu matul il-perjodu tat-teħid b'self bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv. Fil-każ tas-self mogħti fuq fondi missellfa, il-metodu tal-imgħax effettiv ma jistax jiġi applikat għall-għoti ta' self u t-teħid b'self, abbażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalità. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni mġarrba mill-UE u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self jiġu direttament rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu.

L-obbligazzjonijiet finanzjarji ikkategorizzati abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit jinkludu derivattivi li l-valur ġust tagħhom ikun negattiv. Huma jingħataw l-istess trattament kontabilistiku bħall-assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit, ara n-nota **1.5.5**.

L-obbligazzjonijiet tal-garanziji finanzjarji għall-ewwel jiġu rikonoxxuti abbażi tal-valur ġust, li huwa l-primjum riċevut. Sussegwentement, l-obbligazzjonijiet tal-garanziji finanzjarji jitkejlu skont l-ogħla stima tal-ispejjeż li mistennija jkunu meħtieġa sabiex tiġi saldata l-obbligazzjoni tal-garanzija finanzjarja u l-ammont inizjalment rikonoxxut nieqes, fejn xieraq, l-amortizzament kumulattiv. L-UE tirrikonoxxi obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja meta tirċievi korrispettiv għall-għoti tal-garanzija, jiġifieri f'termini tas-suq, jew meta l-valur ġust tal-garanzija jkun jista' jitkejjel b'mod affidabbli. F'każ li ma jeżisti l-ebda suq attiv għal kuntratt ta' garanzija direttament ekwivalenti, l-UE tiddivulga l-garanzija mogħtija bħala obbligazzjoni kontinġenti (ara n-nota **1.7.2**) jew - meta jkun aktar probabbli milli le li jkun meħtieġ ħruġ ta' riżorsi sabiex jiġi saldat l-obbligu - l-UE tirrikonoxxi dispożizzjoni (ara n-nota **1.5.11**).

L-obbligazzjonijiet finanzjarji huma kklassifikati bħala obbligazzjonijiet mhux kurrenti, għajr għall-maturitajiet ta' inqas minn 12-il xahar wara d-data tal-karta bilanċjali.

Il-fondi fiduċjarji tal-UE li huma meqjusa bħala parti mill-attivitajiet operattivi tal-Kummissjoni jiġu kontabilizzati fil-kontijiet tal-Kummissjoni u kkonsolidati ulterjorment fil-kontijiet annwali tal-UE. Għalhekk, il-kontribuzzjonijiet minn donaturi oħrajn għall-fondi fiduċjarji tal-UE jissodisfaw il-kriterji tad-

dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju taħt ċerti kundizzjonijiet u jiġu ppreżentati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet mehmuża mal-kontribuzzjonijiet ittrasferiti, jiġifieri jiġġarrbu l-kostijiet eliġibbli mill-fond fiduċjarju. Il-fond fiduċjarju huwa meħtieġ li jiffinanzja proġetti speċifiċi u jagħti lura l-bqija tal-fondi fil-mument tal-istralċ. Fid-data tal-karta bilanċjali, l-obbligazzjonijiet pendenti tal-kontribuzzjoni jitkejlu f'kontribuzzjonijiet riċevuti neqsin l-ispejjeż imġarrba mill-fond fiduċjarju, inklużi l-ammonti stmati, meta meħtieġ. Għall-finijiet ta' rapportar, l-ispejjeż netti jiġu allokati għall-kontribuzzjonijiet ta' donaturi oħrajn fi proporzjon għall-kontribuzzjonijiet netti mħallsin fil-31 ta' Diċembru. Din l-allokazzjoni ta' kontribuzzjonijiet hija biss indikattiva. Meta l-fond fiduċjarju jiġi stralċat, il-qasma attwali tar-riżorsi li jifdal tiġi deċiża mill-bord tal-fond fiduċjarju.

1.5.13. Ammonti pagabbli

Ammont sinifikanti mill-ammonti pagabbli tal-UE huma pretensjonijiet ta' kostijiet mhux imħallsin mill-benefiċjarji ta' għotjiet jew finanzjament ieħor mill-UE (tranżazzjonijiet mhux ta' skambju). Huma jiġu rreġistrati bħala ammonti pagabbli għall-ammont mitlub meta tiġi riċevuta l-pretensjoni tal-kost. Wara verifika u aċċettazzjoni tal-kostijiet eliġibbli, l-ammonti pagabbli jiġu vvalutati fl-ammont aċċettat u eliġibbli.

L-ammonti pagabbli li jirriżultaw mix-xiri ta' oġġetti u servizzi jiġu rikonoxxuti hekk kif tasal il-fattura għall-ammont oriġinali u l-ispejjeż korrispondenti jiddaħħlu fil-kontijiet meta l-provvisti jew is-servizzi jiġu kkonsenjati u aċċettati mill-UE.

1.5.14. Dħul u imposti dovuti u differiti

It-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti jiġu rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji fil-perjodu li miegħu huma relatati. Fl-aħħar tas-sena, jekk fattura tkun għadha ma nħarġitx iżda s-servizz ikun ingħata, il-provvisti jkunu ġew ikkonsenjati mill-UE, jew ikun jeżisti ftehim kuntrattwali (pereżempju, b'referenza għal trattat), dħul dovut jiġi rikonoxxut fir-rapporti finanzjarji. Barra minn hekk, fi tmiem is-sena, jekk tinħareġ fattura iżda s-servizzi jkunu għadhom ma ngħatawx jew il-prodotti fornuti jkunu għadhom ma ġewx ikkonsenjati, id-dħul jiġi differit u rikonoxxut fil-perjodu kontabilistiku sussegwenti.

L-ispejjeż jingħaddu wkoll fil-perjodu li jkunu relatati miegħu. Fl-aħħar tal-perjodu kontabilistiku, l-ispejjeż dovuti jiġu rikonoxxuti fuq il-bażi ta' ammont stmat tal-obbligu tat-trasferiment għall-perjodu. Il-kalkolu tal-ispejjeż dovuti jsir f'konformità mal-linji gwida operazzjonali u prattiċi dettaljati maħruġa mill-Kummissjoni, li għandhom l-għan li jiżguraw li r-rapporti finanzjarji jipprovdu rappreżentazzjoni fidila tal-fenomeni ekonomiċi u oħrajn li huma jippretendu li jirrappreżentaw. Permezz ta' analoġija, jekk ikun sar ħlas bil-quddiem għal servizzi jew oġġetti li jkunu għadhom ma ġewx riċevuti, l-ispiża tiġi differita u rikonoxxuta fil-perjodu kontabilistiku sussegwenti.

1.6. RAPPORT TAL-INTROJTU

1.6.1. Dħul

DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET MHUX TA' SKAMBJU

Il-maġġoranza kbira tad-dħul tal-UE huwa relatat mat-tranżazzjonijiet mhux ta' skambju:

Riżorsi bbażati fuq l-ING u r-riżorsi mill-VAT

Id-dħul jiġi rikonoxxut għall-perjodu li fih il-Kummissjoni tibgħat sejħa għal fondi lill-Istati Membri, fejn hija titlob il-kontribuzzjoni tagħhom. Huma jitkejlu abbażi tal-"ammont eżerċitat" tagħhom. Billi r-riżorsi mill-VAT u mill-ING huma bbażati fuq estimi tad-data għas-sena baġitarja kkonċernata, huma jistgħu jiġu riveduti skont il-bidliet li jseħħu sakemm tinħareġ id-data finali mill-Istati Membri. L-effett ta' bidla fl-istima jiġi inkluż meta jiġi ddeterminat il-bilanċ pożittiv jew id-defiċit nett għal dak il-perjodu li fih tkun seħħet il-bidla.

Riżorsi proprji tradizzjonali

L-ammonti rekuperabbli minn tranżazzjoni mhux ta' skambju u d-dħul relatat jiġu rikonoxxuti meta d-dikjarazzjonijiet rilevanti tat-tip "A" ta' kull xahar (li jinkludu d-dazji miġbura u l-ammonti dovuti li huma garantiti u mhux ikkontestati) jaslu għand l-Istati Membri. Fid-data ta' rapportar, id-dħul miġbur mill-Istati Membri għall-perjodu iżda li jkunu għadhom ma tħallsux lill-Kummissjoni Ewropea jiġi stmat u rikonoxxut bħala dħul dovut. Id-dikjarazzjonijiet tat-tip "B" ta' kull trimestru (li jinkludu dazji li la huma miġbura u lanqas garantiti, kif ukoll ammonti garantiti li ġew ikkontestati mid-debitur) li jaslu għand l-Istati Membri jiġu rikonoxxuti bħala dħul wara li jitnaqqsu minnhom il-kostijiet tal-ġbir li għalihom huma intitolati. Barra minn hekk, tnaqqis fil-valur huwa rikonoxxut għall-ammont stmat tad-differenza fl-irkupru.

Multi

Id-dħul minn multi jiġi rikonoxxut meta tittieħed id-deċiżjoni tal-UE li timponi multa u meta din tkun ġiet innotifikata b'mod uffiċjali lid-destinatarju. Jekk ikun hemm dubji dwar is-solvenza tal-impriża, għandu jiġi rikonoxxut tnaqqis fil-valur tal-intitolament. Wara d-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa, id-debituri għandhom xahrejn mid-data tan-notifika biex:

a) jew jaċċettaw id-deċiżjoni, u b'hekk ikollhom iħallsu l-multa fiż-żmien stipulat u l-ammont jinġabar b'mod definittiv mill-UE;

b) jew ma jaċċettawx id-deċiżjoni, u f'dak il-każ jappellaw skont il-liġi tal-UE.

Madankollu, anki jekk ikun hemm l-appell, il-multa għandha titħallas fiż-żmien stipulat ta' tliet xhur billi l-appell ma għandux l-effett ta' sospensjoni (l-Artikolu 278 tat-Trattat tal-UE) jew, taħt ċerti ċirkustanzi u suġġett għall-qbil mal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni, id-debitur jista' minflok jippreżenta garanzija bankarja għall-ammont.

Jekk l-impriża tappella kontra d-deċiżjoni, u tkun diġà ħallset il-multa b'mod provviżorju, l-ammont jiġi ddivulgat bħala obbligazzjoni kontinġenti. Madankollu, billi appell tad-destinatarju kontra deċiżjoni tal-UE ma għandux effett ta' sospensjoni, il-flus riċevuti jintużaw sabiex jillikwidaw l-ammont rekuperabbli. Jekk tiġi riċevuta garanzija minflok ħlas, il-multa tibqa' bħala ammont rekuperabbli. Jekk ikun jidher probabbli li l-Qorti Ġenerali ma tkunx se tiddeċiedi favur l-UE, jiġi rikonoxxut provvediment sabiex ikopri dan ir-riskju. Jekk minflok tkun ingħatat garanzija, mela l-ammont rekuperabbli pendenti jitnaqqas fil-valur tiegħu kif meħtieġ. L-imgħax akkumulat riċevut mill-Kummissjoni fil-kontijiet bankarji fejn jiġu ddepożitati l-pagamenti riċevuti jiġi rikonoxxut bħala dħul, u kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti tiżdied kif xieraq.

Mill-2010, il-multi kollha msarrfin b'mod provviżorju bdew jiġu amministrati mill-Kummissjoni f'fond maħluq speċifikament (BUFI) u investiti fi strumenti finanzjarji.

DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET TA' SKAMBJU

Id-dħul mill-bejgħ ta' oġġetti u servizzi jiġi rikonoxxut meta r-riskju u l-benefiċċji sinifikanti tas-sjieda tal-oġġetti jiġu ttrasferiti lill-akkwirent. Id-dħul assoċjat ma' tranżazzjoni li tinvolvi l-forniment ta' servizzi jiġi rikonoxxut b'referenza għall-istadju ta' meta titlesta t-tranżazzjoni fid-data tar-rapportar.

Dħul u spejjeż tal-imgħax

Id-dħul u l-ispejjeż tal-imgħax jiġu rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv. Dan huwa metodu li jintuża sabiex jiġi kkalkolat il-kost amortizzat ta' assi finanzjarju jew ta' obbligazzjoni finanzjarja u sabiex jiġi allokat id-dħul mill-imgħax jew l-ispiża tal-imgħax matul il-perjodu rilevanti. Meta tikkalkula r-rata effettiva tal-imgħax, l-UE tistma l-flussi tal-flus wara li tikkunsidra t-termini kuntrattwali kollha tal-istrument finanzjarju (pereżempju, għażliet ta' prepagament), iżda ma tqisx it-telf ta' kreditu fil-ġejjieni. Il-kalkolu jinkludi d-drittijiet u l-punti kollha mħallsin jew riċevuti bejn il-partijiet fil-kuntratt li huma parti integrali mir-rata effettiva tal-imgħax, mill-kostijiet tat-tranżazzjoni u mill-primjums jew l-iskontijiet l-oħrajn kollha.

Ladarba assi finanzjarju jew grupp ta' assi finanzjarji simili jkun tniżżel fil-valur minħabba telf minn indeboliment, id-dħul mill-imgħax jiġi rikonoxxut billi tintuża r-rata tal-imgħax sabiex jiġu skontati l-flussi ta' flus futuri għall-fini tal-kejl tat-telf minn indeboliment.

Dħul minn dividendi

Id-dħul minn dividendi u distribuzzjonijiet simili huwa rikonoxxut meta jiġi stabbilit id-dritt li jiġi riċevut pagament.

1.6.2. Spejjeż

L-ispejjeż minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-ispejjeż tal-UE. Huma jirrigwardjaw it-trasferimenti lill-benefiċjarji u jistgħu jkunu ta' tliet tipi: intitolamenti, trasferimenti skont ftehim u għotjiet diskrezzjonarji, kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet.

It-trasferimenti jiġu rikonoxxuti bħala spejjeż fil-perjodu li matulu jkunu seħħew l-avvenimenti li wasslu għat-trasferiment, sakemm in-natura tat-trasferiment tkun permessa mir-regolament (ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolamenti tal-Persunal jew regolament ieħor) jew ikun ġie ffirmat ftehim li jawtorizza t-trasferiment; ikun ġie ssodisfat kull kriterju ta' eliġibbiltà mill-benefiċjarju; u tkun tista' ssir stima raġonevoli tal-ammont.

Meta tasal talba għall-ħlas jew pretensjoni għall-kostijiet u din tissodisfa l-kriterji ta' rikonoxximent, hija tiġi rikonoxxuta bħala spiża għall-ammont eliġibbli. Fl-aħħar tas-sena, l-ispejjeż eliġibbli mġarrba dovuti lill-benefiċjarji, iżda li jkunu għadhom ma ġewx irrapportati, jiġu stmati u rreġistrati bħala spejjeż dovuti.

L-ispejjeż minn tranżazzjonijiet ta' skambju li jirriżultaw mix-xiri ta' oġġetti u servizzi jiġu rikonoxxuti meta l-provvisti jiġu kkonsenjati u aċċettati mill-UE. Dawn jiġu vvalutati fl-ammont oriġinali tal-fattura. Barra minn hekk, fid-data tal-karta bilanċjali, l-ispejjeż relatati mas-servizz mogħti matul il-perjodu li għalih ma tkunx għadha waslet jew aċċettata fattura jkunu stmati u rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu.

1.7. ASSI U OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI

1.7.1. Assi kontinġenti

Assi kontinġenti huwa assi possibbli li jinħoloq minn avvenimenti passati u li l-eżistenza tiegħu tiġi kkonfermata biss mill-okkorrenza jew min-nuqqas ta' okkorrenza ta' avveniment inċert wieħed jew aktar fil-ġejjieni mhux fil-kontroll sħiħ tal-UE. Assi kontinġenti jiġi ddivulgat meta jkun probabbli influss ta' benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz.

1.7.2. Obbligazzjonijiet kontingenti

Obbligazzjoni kontinġenti hija obbligu possibbli li jinħoloq minn avvenimenti passati u li l-eżistenza tiegħu tkun ikkonfermata biss mill-okkorrenza jew min-nuqqas ta' okkorrenza ta' avveniment inċert wieħed jew aktar fil-ġejjieni mhux fil-kontroll sħiħ tal-UE; jew obbligu preżenti li jirriżulta minn eventi li għaddew iżda mhux rikonoxxut għaliex: mhuwiex probabbli li jkun meħtieġ fluss ta' ħruġ ta' riżorsi li jkun fihom il-benefiċċji ekonomiċi jew il-potenzjal ta' servizz għas-saldu tal-obbligu jew fiċ-ċirkostanzi rari fejn l-ammont tal-obbligu ma jkunx jista' jitkejjel b'affidabbiltà suffiċjenti.

1.8. RAPPORT TAL-FLUSS TAL-FLUS

L-informazzjoni dwar il-fluss tal-flus tintuża sabiex tipprovdi bażi għall-valutazzjoni ta' kemm l-UE hija kapaċi tiġġenera l-flus u l-ekwivalenti ta' flus, kif ukoll il-ħtiġijiet tagħha sabiex tuża dawk il-flussi tal-flus.

Ir-rapport tal-fluss tal-flus jitħejja billi jintuża l-metodu indirett. Dan ifisser li r-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja jiġi aġġustat għall-effetti ta' tranżazzjonijiet ta' natura mhux ta' flus, kwalunkwe differimenti jew dovuti ta' riċevuti ta' flus jew pagamenti operatorji, kemm passati kif ukoll futuri, u partiti ta' dħul jew infiq assoċjati mal-flussi tal-flus tal-investimenti.

Il-flussi ta' flus li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet f'munita barranija jiġu rreġistrati fil-munita tar-rapportar tal-UE (Euro), billi tiġi applikata, għall-ammont ta' flus fil-munita barranija, ir-rata tal-kambju bejn l-euro u l-munita barranija fid-data tal-fluss ta' flus.

Ir-rapport tal-fluss tal-flus jirrapporta flussi ta' flus matul il-perjodu kklassifikat skont attivitajiet operatorji u ta' investiment (l-UE ma għandhiex attivitajiet ta' finanzjament).

Attivitajiet operatorji huma l-attivitajiet tal-UE li mhumiex attivitajiet ta' investiment. Dawn huma l-maġġoranza tal-attivitajiet imwettqa. Self mogħti lill-benefiċjarji (u l-għotjiet b'self relatati, meta

applikabbli) mhumiex ikkunsidrati bħala attivitajiet ta' investiment (jew finanzjament) minħabba li huma parti mill-objettivi ġenerali u, b'hekk, huma operazzjonijiet ta' kuljum tal-UE.

L-attivitajiet ta' investiment huma l-akkwiżizzjoni u d-disponiment ta' assi intanġibbli u proprjetà, impjanti u tagħmir u ta' investimenti oħrajn li mhumiex inklużi fl-ekwivalenti ta' flus. L-attivitajiet ta' investiment ma jinkludux is-self mogħti lill-benefiċjarji. L-għan huwa li jintwerew l-investimenti reali li jsiru mill-UE.

2. NOTI GĦALL-KARTA BILANĊJALI

ASSI

2.1. ASSI INTANĠIBBLI

Miljuni ta' EUR

Ammont gross riportat fil-31.12.2017	*940*
Żidiet	*152*
Disponimenti	*(16)*
Trasferiment bejn kategoriji ta' assi	*0*
Bidliet oħrajn	*(2)*
Ammont gross riportat fil-31.12.2018	*1 073*
Amortizzament akkumulat fil-31.12.2017	*(535)*
Imposta tal-amortizzament għas-sena	*(105)*
Amortizzament imħassar	*1*
Disponimenti	*13*
Trasferiment bejn kategoriji ta' assi	*-*
Bidliet oħrajn	*(1)*
Amortizzament akkumulat fil-31.12.2018	*(627)*
Ammont nett riportat fil-31.12.2018	**446**
Ammont nett riportat fil-31.12.2017	*405*

L-ammonti ta' hawn fuq huma primarjament relatati ma' softwer tal-kompjuter.

2.2. PROPRJETÀ, IMPJANTI U TAGĦMIR

Il-kategorija tal-assi tal-ispazju tkopri l-assi fissi operazzjonali relatati maż-żewġ programmi spazjali tal-UE: is-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS), jiġifieri Galileo u EGNOS, u l-programm Ewropew ta' osservazzjoni tad-Dinja Copernicus, filwaqt li l-assi tas-sistemi spazjali li għadhom mhumiex operattivi huma inklużi taħt l-intestatura Assi taħt kostruzzjoni.

Għal Galileo, fl-2018 ġew miżjuda erba' satelliti ġodda mal-kostellazzjoni operattiva, sabiex b'hekk din issa żdiedet għal 22 satellita. L-assi fissi operazzjonali ta' Galileo, li jkopru kemm satelliti kif ukoll installazzjonijiet fuq l-art, kienu jammontaw għal EUR 2 410 miljun fil-31 ta' Diċembru 2018, netti mid-deprezzament (2017: EUR 2 276 miljun). L-assi taħt kostruzzjoni li jifdal u li jammontaw għal total ta' EUR 1 324 miljun (2017: EUR 1 026 miljun) jinkludu erba' satelliti varati f'Lulju 2018 li għalihom l-ittestjar fl-orbita kien għadu ma tlestiex fid-data tal-karta bilanċjali. L-iżvilupp tas-sistema Galileo se jkompli sakemm is-sistema tilħaq il-kapaċità operattiva sħiħa tagħha. Meta titlesta, il-kostellazzjoni Galileo se tkun magħmula minn 24 satellita operattiva u 6 ta' riżerva.

Fir-rigward ta' Copernicus, fl-2018 bdew joperaw żewġ satelliti ġodda (Sentinel 5P u 3B), flimkien ma' ħames satelliti operattivi oħra ta' Copernicus, biex b'hekk il-valur totali tal-assi fissi operattivi ta' Copernicus żdied għal EUR 1 455 miljun (2017: EUR 1 140 miljun), netti mid-deprezzament akkumulat. EUR 1 207 miljun oħrajn relatati mas-satelliti ta' Copernicus huma rikonoxxuti bħala assi li qegħdin jinbnew (2017: EUR 1 443 miljun).

L-assi fissi relatati mal-infrastruttura fuq l-art tas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS) ta' EUR 52 miljun (2017: EUR 67 miljun) huma inklużi wkoll taħt l-intestatura Assi spazjali. Barra minn hekk, l-assi tal-EGNOS taħt kostruzzjoni jammontaw għal EUR 130 miljun (2017: EUR 52 miljun).

L-assi relatati mal-programmi spazjali tal-UE qegħdin jinbnew bl-assistenza tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA).

Proprjetà, impjanti u tagħmir

Miljuni ta' EUR

	Art u Bini	Assi spazjali	Impjanti u Tagħmir	Għamara u Vetturi	Ħardwer tal-Kompjuter	Oħrajn	Kirjiet finanzjarji	Assi taħt kostruzzjoni	Total
Ammont gross riportat fil-31.12.2017	*5 456*	*4 264*	*597*	*266*	*675*	*309*	*2 787*	*2 920*	*17 273*
Żidiet	*38*	*14*	*48*	*13*	*55*	*20*	*10*	*1 311*	*1 509*
Disponimenti	*(39)*	*(0)*	*(22)*	*(10)*	*(103)*	*(5)*	*(9)*	*(8)*	*(196)*
Trasferiment bejn kategoriji ta' assi	*202*	*982*	*0*	*0*	*5*	*3*	*(170)*	*(1 023)*	*0*
Bidliet oħrajn	*(31)*	*0*	*17*	*0*	*2*	*0*	*1*	*0*	*(11)*
Ammont gross riportat fil-31.12.2018	**5 626**	**5 259**	**641**	**270**	**634**	**327**	**2 620**	**3 199**	**18 575**
Deprezzament akkumulat fil-31.12.2017	*(3 035)*	*(780)*	*(502)*	*(188)*	*(553)*	*(226)*	*(1 244)*		*(6 528)*
Tnaqqis għad-deprezzament għas-sena	*(180)*	*(561)*	*(47)*	*(19)*	*(63)*	*(34)*	*(98)*		*(1 003)*
Deprezzament imħassar	*–*	*–*	*0*	*0*	*5*	*0*	*–*		*6*
Disponimenti	*10*	*0*	*14*	*9*	*96*	*5*	*7*		*142*
Trasferiment bejn kategoriji ta' assi	*(74)*	*–*	*(0)*	*(0)*	*(5)*	*(0)*	*79*		*–*
Bidliet oħrajn	*0*	*(0)*	*(5)*	*(0)*	*(1)*	*(0)*	*(1)*		*(7)*
Deprezzament akkumulat fil-31.12.2018	**(3 279)**	**(1 342)**	**(540)**	**(198)**	**(521)**	**(255)**	**(1 257)**		**(7 390)**
AMMONT NETT RIPORTAT FIL-31.12.2018	**2 347**	**3 917**	**101**	**72**	**113**	**72**	**1 363**	**3 199**	**11 185**
AMMONT NETT RIPORTAT FIL-31.12.2017	*2 422*	*3 484*	*95*	*78*	*122*	*83*	*1 543*	*2 920*	*10 745*

2.3. INVESTIMENTI MAGĦDUDA BL-UŻU TAL-METODU TAL-EKWITÀ

Il-parteċipazzjoni tal-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni, fil-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) hija ttrattata bħala l-kumpanija assoċjata bl-użu tal-metodu tal-ekwità tal-kontabbiltà. Il-FEI huwa l-istituzzjoni finanzjarja tal-UE li tispeċjalizza fil-forniment ta' kapital ta' riskju u garanziji lil Entitajiet Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs). Il-FEI jinsab fil-Lussemburgu u jopera bħala sħubija pubblika-privata, li l-membri tagħha huma l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), l-UE u grupp ta' istituzzjonijiet finanzjarji. Fil-31 ta' Diċembru 2018, l-UE kellha 29,7 % tal-interessi tas-sjieda fil-FEI (2017: 29,7 %) u 29,7 % tad-drittijiet tal-vot (2017: 29,7 %). Skont l-istatuti tiegħu, il-FEI huwa meħtieġ jalloka għal riżerva statutorja mill-inqas 20 % tar-riżultat nett annwali tiegħu sakemm ir-riżerva aggregata tkun tammonta għal 10 % tal-kapital sottoskritt. Din ir-riżerva mhijiex disponibbli għad-distribuzzjoni.

Miljuni ta' EUR

	Fond Ewropew tal-Investiment
Parteċipazzjoni fil-31.12.2017	**581**
Kontribuzzjonijiet	–
Dividendi rċevuti	*(3)*
Sehem mir-riżultat nett	*37*
Sehem fl-assi netti	*(24)*
Parteċipazzjoni fil-31.12.2018	**591**

L-ammonti riportati li ġejjin huma attribwibbli għall-UE abbażi tal-perċentwal tal-parteċipazzjoni tagħha:

Miljuni ta' EURi

	31.12.2018 Total tal-FEI	31.12.2017 Total tal-FEI
Assi	*2 662*	*2 488*
Obbligazzjonijiet	*(674)*	*(532)*
Dħul	*291*	*263*
Spejjeż	*(167)*	*(153)*
Surplus/(defiċit)	*124*	*110*

Ir-rikonċiljazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja miġbura fil-qosor hawn fuq mal-ammont riportat tal-imgħax miżmum fil-FEI hija kif ġej:

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Assi netti tal-kumpanija assoċjata	*1 988*	*1 956*
L-interessi proprjetarji tal-KE fil-FEI	**29,7%**	**29,7%**
Ammont riportat	*591*	*581*

L-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni, ħallset 20 % tal-ishma sottoskritti tagħha fil-kapital tal-FEI fil-31 ta' Diċembru 2018, bl-ammont mhux eżerċitat li hu kif ġej:

Miljuni ta' EUR

	Kapital totali tal-FEI	Is-sottoskrizzjoni tal-UE
Kapital azzjonarju totali	*4 500*	*1 337*
Imħallas	*(900)*	*(267)*
Mhux eżerċitat	**3 600**	**1 070**

2.4. ASSI FINANZJARJI

Miljuni ta' EUR

	Nota	31.12.2018	31.12.2017
Assi finanzjarji mhux kurrenti			
Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	*2.4.1*	*13 657*	*11 758*
Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit	*2.4.2*	*14*	*16*
Self	*2.4.3*	*51 560*	*48 205*
		65 231	**59 980**
Assi finanzjarji kurrenti			
Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	*2.4.1*	*1 786*	*1 873*
Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit	*2.4.2*	*2*	*6*
Self	*2.4.3*	*2 380*	*6 776*
		4 168	**8 655**
Total		**69 398**	**68 635**

2.4.1. Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Investimenti BUFI	*1 888*	*2 158*
Il-KEFA f'Likwidazzjoni	*1 506*	*1 658*
Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp	*188*	*188*
	3 582	**4 004**
Fondi ta' Garanzija għall-garanziji baġitarji		
Il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS	*5 000*	*3 414*
Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni	*2 465*	*2 199*
Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD	*9*	*–*
	7 474	**5 613**
L-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE:		
Orizzont 2020	*2 031*	*1 730*
Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji	*679*	*665*
Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa	*540*	*482*
Il-Faċilitajiet tal-UE ta' Ekwità għall-SMEs	*464*	*508*
Il-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa	*113*	*119*
Operazzjonijiet tal-Kapital ta' Riskju	*115*	*113*
Oħrajn	*444*	*397*
	4 386	**4 014**
Total	**15 443**	**13 632**
Mhux kurrenti	*13 657*	*11 758*
Kurrenti	*1 786*	*1 873*

Mit-total ta' EUR 15 443 miljun, l-UE għandha disponibbli għall-bejgħ assi finanzjarji fil-forma ta' titoli tad-dejn (eż. bonds) li jammontaw għal EUR 13 993 miljun (2017: EUR 12 048 million), strumenti ta' ekwità li jammontaw għal EUR 1 365 miljun (2017: EUR 1 333 miljun) u investimenti fil-Fond Unitarju tal-BEI (fond tas-suq tal-flus) li jammontaw għal EUR 85 miljun (2017: EUR 251 miljun). It-titoli tad-dejn u l-unitajiet fil-Fond Unitarju tal-BEI jintużaw prinċipalment sabiex l-ammonti allokati għall-garanzija tal-UE u l-istrumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji jiġu investiti temporanjament sakemm jintużaw sabiex jissodisfaw it-talbiet għal ħlas ta' garanzija.

Investimenti BUFI

Il-multi msarrfin b'mod proviżorju relatati ma' każijiet ta' kompetizzjoni jiġu allokati f'fond dedikat (Fond BUFI - Fond "Baġit Multi") u investiti mill-Kummissjoni fi strumenti ta' dejn kategorizzati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ.

Il-KEFA f'Likwidazzjoni

Fir-rigward tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'likwidazzjoni, l-assi finanzjarji kollha disponibbli għall-bejgħ huma titoli ta' dejn denominati f'EUR u kkwotati f'suq attiv.

Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp

L-UE għandha investiment finanzjarju fil-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), li fih, fil-31 ta' Diċembru 2018, in-numru ta' ishma miżmuma kien 90 044 (2017: 90 044 sehem), li jirrappreżentaw 3 % tal-kapital azzjonarju sottoskritt totali. L-UE ssottoskriviet għal ammont totali ta' EUR 900 miljun ta' kapital azzjonarju, li minnhom EUR 713 miljun attwalment mhumiex eżerċitati. Skont il-Ftehim li jistabbilixxi l-BERŻ, l-azzjonisti għandhom xi restrizzjonijiet kuntrattwali, bħall-fatt li l-ishma mhumiex trasferibbli u l-fidi tagħhom huwa limitat sal-massimu tal-kost oriġinali tax-xiri.

L-UE tkejjel l-investiment fil-BERŻ abbażi tal-valur ġust. Il-kost oriġinali tax-xiri huwa meqjus bħala l-aħjar stima tal-valur ġust, b'mod partikolari minħabba r-restrizzjonijiet kuntrattwali msemmija hawn fuq. Għalkemm l-ishma tal-BERŻ mhuma kkwotati fl-ebda borża, hemm tranżazzjonijiet riċenti fl-ekwità tal-entità (ħruġ ta' kapital b'valur pari), li jindikaw li l-ispiża hija l-aħjar stima tal-valur ġust f'din is-sitwazzjoni.

FONDI TA' GARANZIJA GĦALL-GARANZIJI BAĠITARJI

Il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS

Skont ir-Regolament tal-FEIS (ir-Regolament (UE) 2015/2017), il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS ġie stabbilit sabiex jipprovdi marġini ta' likwidità kontra t-telf potenzjali mġarrab mill-BEI b'rabta mal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tiegħu eliġibbli għall-garanzija tal-FEIS tal-UE skont il-Ftehim tal-FEIS - ara n-nota **4.1.1**. Il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS huwa ffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-UE. Huwa mogħni wkoll b'redditi fuq ir-riżorsi tal-fond ta' garanzija investiti, id-dħul riċevut mill-UE bħala rimunerazzjoni għall-garanzija skont il-Ftehim tal-FEIS u l-ammonti rkuprati mill-BEI minn debituri f'inadempjenza fir-rigward tat-talbiet għal ħlasijiet ta' garanziji preċedenti. Il-fond huwa ġestit mill-Kummissjoni, li hija awtorizzata li tinvesti l-assi tal-Fond ta' Garanzija tal-FEIS fis-swieq finanzjarji f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba skont ir-regoli prudenzjali xierqa. Il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS beda l-operazzjonijiet tiegħu f'April 2016. F'konformità mar-Regolament tal-FEIS, kif emendat fl-2017 (ir-Regolament (UE) 2017/2396), dan ser jiġi pprovdut b'mod progressiv u għandu gradwalment jilħaq id-EUR 9,1 biljun, jiġifieri 35 % tal-obbligi totali tal-garanzija tal-FEIS tal-UE.

Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni

Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni jkopri s-self garantit mill-baġit tal-UE, b'mod partikolari l-operazzjonijiet ta' self tal-BEI barra l-UE ffinanzjati mir-riżorsi proprji tal-BEI u s-self taħt assistenza makrofinanzjarja (MFA) u self tal-Euratom barra l-UE - ara n-nota **4.1.1**. Huwa strument fit-tul (il-parti mhux kurrenti: EUR 2 275 miljun) ġestit mill-BEI u maħsub sabiex ikopri kull self inadempjenti garantit mill-UE. Il-Fond huwa mogħni b'pagamenti mill-baġit tal-UE, ir-rikavat minn imgħaxijiet fuq investimenti magħmula mill-assi tal-Fond u l-ammonti rkuprati minn debituri inadempjenti u li għalihom il-Fond kellu jattiva l-garanzija tiegħu. Il-Fond għandu jinżamm fl-ammont fil-mira li jikkorrispondi għal 9 % tas-self garantit pendenti fi tmiem is-sena. Id-differenza bejn l-ammont fil-mira u l-valur tal-assi tal-Fond fi tmiem is-sena għandha tkun koperta mill-baġit tal-UE fis-sena N+2, filwaqt li kwalunkwe surplus jitħallas lura lill-baġit tal-UE.

Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD

Skont ir-Regolament tal-EFSD (ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017), il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD ġie stabbilit biex jipprovdi riżerva ta' likwidità li għandha tintuża f'każ ta' eżerċitar tal-garanzija tal-Unjoni mogħtija skont il-ftehimiet rilevanti dwar il-garanzija tal-EFSD. Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD huwa ffinanzjat minn kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-UE u minn kontribuzzjonijiet mill-11-il FEŻ għall-baġit tal-UE u kontribuzzjonijiet volontarji mingħand Stati Membri u mingħand kontributuri oħra. Il-fond hu fornit ukoll mir-redditi fuq ir-riżorsi investiti, l-ammonti rkuprati mingħand debituri inadempjenti, dħul u kwalunkwe ħlas ieħor riċevut mill-UE skont il-ftehimiet ta' garanzija tal-EFSD. Il-fond huwa ġestit direttament mill-Kummissjoni, li hija awtorizzata li tinvesti l-assi tal-fond f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba skont ir-regoli prudenzjali xierqa. L-ewwel kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-UE għall-Fond ta' Garanzija tal-EFSD ġew riċevuti f'Awwissu 2018. Il-ħlasijiet totali riċevuti fl-2018 jammontaw għal EUR 275,1 miljun, li EUR 9 miljun minnhom huma investiti f'assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ sal-31 ta' Diċembru 2018, filwaqt li EUR

325 miljun oħra (2017: EUR 275 miljun) ġew impenjati iżda għadhom ma tħallsux u huma inklużi fl-ammont iddivulgat bħala RAL fin-nota **5.1**. Ser isiru provvedimenti progressivi għall-Fond ta' Garanzija tal-EFSD li gradwalment se jilħaq is-EUR 750 miljun, jiġifieri 50 % mill-obbligi futuri totali tal-garanzija tal-EFSD koperti mill-baġit tal-UE, u jista' jkompli jiżdied b'kontribuzzjonijiet oħra.

STRUMENTI FINANZJARJI FFINANZJATI MILL-BAĠIT TAL-UE

Orizzont 2020

Skont ir-Regolament tal-UE li jistabbilixxi L-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020), strumenti finanzjarji ġodda ġew stabbiliti sabiex jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-entitajiet involuti fir-riċerka u l-innovazzjoni (RuI). Dawn l-istrumenti huma: *is-Servizz ta' Self u Garanzija InnovFin għar-Riċerka u l-Iżvilupp* li taħtu l-Kummissjoni tikkondividi r-riskju finanzjarju relatat ma' portafoll ta' operazzjonijiet ta' finanzjament ġodda li jkun daħal għalihom il-BEI; *il-Garanzija InnovFin għall-SMEs, inkluża l-Inizjattiva tal-SMEs Strument ta' Garanzija Mingħajr Limitu (SIUGI)* – tiggarantixxi faċilitajiet ta' garanzija ġestiti mill-FEI li jipprovdu garanziji u kontrogaranziji lill-intermedjarji finanzjarji għall-portafolli ġodda tas-self (skont SIUGI, il-Kummissjoni tikkondividi r-riskju finanzjarju relatat mal-garanzija mogħtija mal-Istati Membri, mal-FEI u mal-BEI); u *l-Faċilità tal-Ekwità ta' InnovFin għar-Riċerka u l-Innovazzjoni* li tipprevedi investimenti f'fondi ta' kapital tar-riskju u ġestiti mill-FEI.

Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji

Il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF) hija ġestita mill-BEI u l-portafoll ta' investiment tal-Kummissjoni jintuża sabiex jipprovdi riskju finanzjarju għas-self u l-garanziji mogħtija mill-BEI għal proġetti ta' riċerka eliġibbli. B'kollox, baġit tal-UE li jasal sa EUR 1 biljun ġie allokat għall-RSFF fil-QFP 2007–2013. Skont il-QFP 2014-2020, ma hemmx kontribuzzjonijiet baġitarji ġodda previsti għall-RSFF. Ir-riskju globali tal-UE huwa limitat għall-ammont li hija tikkontribwixxi għall-Faċilità.

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa

Skont ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013, l-istrument tad-dejn tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) ġie stabbilit bl-għan li jiffaċilita l-aċċess tal-proġetti ta' infrastruttura għal finanzjament fis-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija. Huwa ġestit mill-BEI skont ftehim mal-UE. L-istrument finanzjarju tad-dejn tal-FNE huwa l-kontinwità tal-Istrument ta' Garanzija fuq is-Self għall-proġetti TEN-T (LGTT) u tal-fażi pilota tal-Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti (PBI). L-LGTT u l-Portafoll tal-PBI ġew amalgamati fl-istrument finanzjarju tal-FNE b'effett mill-1 ta' Jannar 2016. Huwa joffri kondiviżjoni tar-riskji għall-finanzjament tad-dejn fil-forma ta' dejn jew garanzija superjuri u subordinat(a), kif ukoll appoġġ għall-bonds tal-proġetti.

Il-Faċilitajiet tal-UE ta' Ekwità għall-SMEs

Dawn huma istrumenti ta' ekwità ffinanzjati mill-programmi COSME, CIP u MIP u l-Proġett Pilota tat-Trasferiment tat-Teknoloġija, li l-FEI hu l-fiduċjarju tagħhom, li jagħtu l-appoġġ għall-ħolqien u l-finanzjament tal-SMEs tal-UE fl-istadji bikri (ta' ftuħ) u ta' tkabbir tagħhom billi jinvestu f'fondi ta' kapital ta' riskju speċjalizzati xierqa.

2.4.2. Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew deficit

Miljuni ta' EUR

Tip ta' derivattiv	31.12.2018 Ammont nozzjonali	31.12.2018 Valur ġust	31.12.2017 Ammont nozzjonali	31.12.2017 Valur ġust
Kuntratt forward f'munita barranija	*476*	*2*	*634*	*6*
Garanzija fuq portafoll ta' ekwità	*674*	*14*	*258*	*16*
Total	**1 150**	**16**	**892**	**23**
Mhux kurrenti	*674*	*14*	*258*	*16*
Kurrenti	*476*	*2*	*634*	*6*

L-UE tidħol f'kuntratti forward f'munita barranija sabiex tiħħeġġja r-riskju tal-kambju relatat mat-titoli tad-dejn denominati f'USD miżmuma fil-Fond ta' Garanzija tal-FEIS. Skont dawn il-kuntratti forward f'munita barranija, l-UE għandha twassal l-ammont nozzjonali miftiehem b'mod kuntrattwali f'munita barranija ('stadju ta' pagament'), kif ippreżentat fit-tabella ta' hawn fuq, u tirċievi l-ammont nozzjonali f'EUR ('stadju ta' riċeviment') fid-data tal-maturità. Dawn il-kuntratti derivattivi jitkejlu abbażi tal-valur

ġust fid-data tal-karta bilanċjali u huma kklassifikati bħala assi jew obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit skont jekk il-valur ġust tagħhom huwiex pożittiv jew negattiv.

Il-garanzija tal-FEIS hi mogħtija mill-UE lill-Grupp tal-BEI b'rabta mal-portafolli ta' investimenti ta' ekwità hija kklassifikata bħala strument finanzjarju derivattiv u titqies bħala assi finanzjarju jew obbligazzjoni finanzjarja bil-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit, ara n-nota **4.1.1**. Fil-31 ta' Diċembru 2018, l-ammont tal-investimenti ta' ekwità sottostanti żburżjati mill-BEI u l-FEI kienu jammontaw għal EUR 674 miljun u l-valur ġust tal-garanzija tal-UE tal-FEIS fuq il-portafolli tal-ekwità kien jammonta għal EUR 14-il miljun.

Ġerarkija f'valur ġust tal-assi finanzjarji mkejla abbażi tal-valur ġust

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Livell 1: Prezzijiet ikkwotati fi swieq attivi	*13 993*	*11 983*
Livell 2: Inputs osservabbli għajr il-prezzijiet ikkwotati	*275*	*510*
Livell 3: It-tekniki ta' valwazzjoni b'inputs mhux ibbażati fuq data osservabbli tas-suq	*1 191*	*1 161*
Total	**15 459**	**13 654**

Matul il-perjodu ma kienx hemm trasferimenti bejn il-livell 1 u l-livell 2.

Rikonċiljazzjoni tal-assi finanzjarji mkejla bl-użu ta' tekniki ta' valwazzjoni b'inputs mhux ibbażati fuq data osservabbli tas-suq (livell 3)

Miljuni ta' EUR

Bilanċ tal-ftuħ fil-1.1.2018	*1 161*
Xirjiet, bejgħ, ħruġ u saldi	*104*
Qligħ jew telf għall-perjodu f'introjtu finanzjarju jew spejjeż finanzjarji	*(36)*
Qligħ jew telf f'assi netti	*(37)*
Trasferimenti għall-livell 3	*–*
Trasferimenti mil-livell 3	*–*
Oħrajn	*–*
Bilanċ tal-għeluq fil-31.12.2018	**1 191**

2.4.3. Self

Miljuni ta' EUR

	Nota	31.12.2018	31.12.2017
Self għall-assistenza finanzjarja	*2.4.3.1*	*53 873*	*54 844*
Self ieħor	*2.4.3.2*	*67*	*137*
Total		**53 939**	**54 981**
Mhux kurrenti		*51 560*	*48 205*
Kurrenti		*2 380*	*6 776*

2.4.3.1. Self għall-assistenza finanzjarja

Miljuni ta' EUR

	EFSM	BTP	AMF	Euratom	Il-KEFA f'Likwid azzjoni	Total
Total fil-31.12.2017	*47 456*	*3 114*	*3 924*	*250*	*100*	*54 844*
Self ġdid	*4 500*	*–*	*515*	*50*	*–*	*5 065*
Ħlasijiet lura	*(4 500)*	*(1 350)*	*(56)*	*(46)*	*–*	*(5 952)*
Differenzi tal-kambju	*–*	*–*	*–*	*(0)*	*(1)*	*(1)*
Bidliet fl-ammont riportat	*(56)*	*(30)*	*5*	*0*	*(2)*	*(84)*
Indeboliment	*–*	*–*	*–*	*–*	*–*	*–*
Total fil-31.12.2018	**47 400**	**1 734**	**4 388**	**254**	**98**	**53 873**
Mhux kurrenti	*46 800*	*200*	*4 309*	*213*	*–*	*51 521*
Kurrenti	*600*	*1 534*	*79*	*41*	*98*	*2 351*

Il-valur nominali tas-self għall-assistenza finanzjarja fil-31 ta' Diċembru 2018, inkluż is-self tal-KEFA f'Likwidazzjoni, jammonta għal total ta' EUR 53 206 miljun (2017: EUR 54 093 miljun). Il-bidliet fl-ammonti kontabbli jikkorrispondu għall-bidla fl-interessi dovuti.

L-EFSM jippermetti l-għoti ta' assistenza finanzjarja lil Stat Membru f'diffikultajiet jew mhedded serjament b'diffikultajiet gravi kkaġunati minn ċirkostanzi eċċezzjonali barra l-kontroll tiegħu. L-assistenza tista' tieħu l-forma ta' self jew linja ta' kreditu. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN tad-

9 ta' Mejju 2010 jirrestrinġu l-faċilità għal EUR 60 biljun, iżda l-limitu legali jirrestrinġi l-ammont pendenti tas-self jew tal-linji ta' kreditu għall-marġini disponibbli taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji. Is-self meħud relatat mas-self żborżat skont l-EFSM huwa garantit mill-baġit tal-UE. Mhuwiex previst li l-EFSM jinvolvi ruħu fi programmi ta' finanzjament ġodda jew li jidħol fi ftehimiet ġodda dwar faċilità ta' self. Matul is-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018, iż-żewġ pajjiżi benefiċjarji – l-Irlanda u l-Portugall – talbu estensjoni tal-maturità fir-rigward tas-self tagħhom li kien ser ikun dovut fl-2018 għall-ammont ta' EUR 3,9 biljun u EUR 0,6 biljun, rispettivament.

Il-faċilità tal-BOP, strument finanzjarju bbażat fuq il-politika, tipprovdi assistenza finanzjarja għal perjodu ta' żmien medju lill-Istati Membri tal-UE li ma adottawx l-Euro. Hija tippermetti l-għoti ta' self lil Stati Membri li jkunu qegħdin jesperjenzaw, jew li jkunu mhedda serjament minn, diffikultajiet fil-bilanċi tal-pagamenti jew fil-movimenti tal-kapital tagħhom. L-ammont pendenti massimu ta' self mogħti taħt l-istrument huwa limitat għal EUR 50 biljun. Is-self meħud relatat ma' dan is-self tal-BOP huwa garantit mill-baġit tal-UE.

L-AMF hija forma ta' għajnuna finanzjarja estiża mill-UE lil pajjiżi msieħba li qed jesperjenzaw kriżi ta' bilanċ tal-pagamenti. Huwa jieħu l-forma ta' self jew għotjiet għal perjodu ta' żmien medju/twil jew kombinazzjoni xierqa tat-tnejn u ġeneralment jikkomplementa l-finanzjament ipprovdut fil-kuntest ta' programm ta' aġġustament u ta' riforma appoġġjat mill-FMI. Dan is-self huwa garantit mill-Fond ta' Garanzija għal azzjoniet esterni. Matul is-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018, ġew ipprovduti żborżi oħra ta' self skont l-AFM għal ammont totali ta' EUR 515-il miljun, li kienu ta' EUR 500 miljun lill-Ukrajna u ta' EUR 15-il miljun lill-Georgia – ara wkoll in-nota **4.1.2**.

Il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom, irrappreżentata mill-Kummissjoni) issellef flus kemm lil Stati Membri kif ukoll lil Stati li mhumiex Stati Membri, u lil entitajiet tat-tnejn, biex tiffinanzja proġetti relatati ma' istallazzjonijiet tal-enerġija. Ġew riċevuti garanziji minn partijiet terzi li ammontaw għal EUR 254 miljun (2017: EUR 250 miljun) biex ikopru s-self tal-Euratom - ara n-nota **4.1.2**.

Selfiet tal-KEFA f'Likwidazzjoni mhumiex self għal assistenza finanzjarja iżda ċedoli sabiex il-flussi ta' flus jinżammu paralleli mat-teħid b'self. Madankollu, b'mod simili għas-self għal assistenza finanzjarja, dawn ingħataw fuq fondi missellfa skont l-Artikoli 54 u 56 tat-Trattat tal-KEFA għall-finanzjament tal-proġetti.

Ir-rati effettivi tal-imgħax fuq is-self (espressi bħala firxa ta' rati tal-imgħax)

	31.12.2018	31.12.2017
L-Assistenza Makrofinanzjarja (MFA)	*minn 0 % sa 3,82 %*	*0 % - 4,54 %*
Euratom	*0,08 % - 5,76 %*	*0,08 % - 5,76 %*
Bilanċ tal-Pagamenti (BOP)	*2,88 % - 3,38 %*	*2,88 % - 3,38 %*
Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja ('European Financial Stability Mechanism' - EFSM)	*0,50 % - 3,75 %*	*0,62 % - 3,75 %*
Il-KEFA f'Likwidazzjoni	*5,23 % - 5,81 %*	*5,23 % - 5,81 %*

2.4.3.2. Self ieħor

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Self b'kundizzjonijiet speċjali	*64*	*78*
Self għall-akkomodazzjoni tal-KEFA f'likwidazzjoni	*2*	*4*
Depożiti ta' żmien fiss	*0*	*55*
Total	**67**	**137**
Mhux kurrenti	*38*	*61*
Kurrenti	*28*	*76*

Il-valur nominali ta' self ieħor fil-31 ta' Diċembru 2018 jammonta għal total ta' EUR 617-il miljun (2017: EUR 561 miljun).

Is-self b'kundizzjonijiet speċjali jingħata b'rati preferenzjali bħala parti mill-kooperazzjoni ma' Stati li mhumiex membri.

Id-depożiti ta' żmien fiss jinkludu prinċipalment ammonti b'maturità bejn 3 u12-il xahar li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' ekwivalenti ta' flus.

Indeboliment fuq self ieħor

Miljuni ta' EUR

	31.12.2017	Żidiet	Treġġigħ lura	Tħassir	Oħrajn	31.12.2018
Self b'kundizzjonijiet speċjali	*8*	*1*	*–*	*(0)*	*–*	*8*
Self surrogat	*432*	*147*	*–*	*–*	*–*	*579*
Total	**440**	**148**	**–**	**(0)**	**–**	**587**

Is-self surrogat huwa self inadempjenti li ngħata mill-BEI u garantit mill-baġit tal-UE, li għalih id-drittijiet kollha ġew surrogati lill-UE wara l-pagament mill-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni jew il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS. Dan is-self huwa indebolit kompletament għal ammont ta' EUR 579 miljun (2017: EUR 432 miljun). It-talbiet għal ħlas ta' garanzija, li seħħew fl-2018, kienu parzjalment koperti minn provvedimenti finanzjarji li saru fis-snin preċedenti. Skont il-ftehimiet rilevanti bejn l-UE u l-BEI, il-proċedimenti ta' rkupru jitwettqu mill-BEI f'isem l-UE bl-għan li tiġi rkuprata kwalunkwe somma dovuta.

2.5. PREFINANZJAMENT

Miljuni ta' EUR

	Nota	31.12.2018	31.12.2017
Prefinanzjament mhux kurrenti			
Prefinanzjament	*2.5.1*	*21 814*	*21 939*
Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri	*2.5.2*	*4 122*	*3 018*
Kontribuzzjoni fil-Fondi Fiduċjarji		*71*	*64*
		26 006	**25 022**
Prefinanzjament kurrenti			
Prefinanzjament	*2.5.1*	*21 572*	*22 361*
Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri	*2.5.2*	*2 396*	*1 645*
		23 968	**24 005**
Total		**49 974**	**49 027**

Il-livell tal-ammonti ta' prefinanzjament fil-programmi varji jrid ikun suffiċjenti biex jiżgura l-finanzjament meħtieġ sabiex il-benefiċjarju jkun jista' jibda l-proġett, filwaqt li jkunu mħarsa wkoll l-interessi finanzjarji tal-UE u jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-restrizzjonijiet legali, operazzjonali u tal-kosteffettività. Iż-żieda fl-ammont totali ta' prefinanzjament primarjament hija relatata maż-żieda f'"avvanzi oħra lil stati membri" (ara n-nota **2.5.2**).

2.5.1. Prefinanzjament

Miljuni ta' EUR

	Ammont gross	Ikklerjati permezz ta' dovuti	Ammont nett fil-31.12.2018	Ammont gross	Ikklerjati permezz ta' dovuti	Ammont nett fil-31.12.2017
Ġestjoni kondiviża						
Il-FAEŻR u strumenti oħrajn ta' żvilupp rurali	*3 743*		*3 743*	*3 735*	*–*	*3 735*
FEŻR u FK	*18 088*	*(3 461)*	*14 627*	*20 561*	*(5 678)*	*14 883*
FSE	*6 548*	*(1 147)*	*5 401*	*6 792*	*(1 182)*	*5 610*
Oħrajn	*tunnellati 4 684*	*(2 498)*	*2 186*	*5 037*	*(2 267)*	*2 770*
	33 063	**(7 105)**	**25 958**	**36 125**	**(9 127)**	**26 998**
Ġestjoni Diretta						
Implimentati minn:						
Il-Kummissjoni	*12 531*	*(8 262)*	*4 269*	*12 165*	*(8 331)*	*3 834*
L-aġenziji eżekuttivi tal-UE	*15 012*	*(9 540)*	*5 472*	*13 843*	*(8 749)*	*5 094*
Fondi fiduċjarji	*585*	*(433)*	*152*	*440*	*(212)*	*228*
	28 127	**(18 234)**	**9 893**	**26 447**	**(17 292)**	**9 155**
Ġestjoni Indiretta						
Implimentati minn:						
Aġenziji u korpi oħrajn tal-UE	*762*	*(207)*	*555*	*723*	*(148)*	*575*
Il-pajjiżi terzi	*1 546*	*(879)*	*667*	*1 586*	*(956)*	*630*
Organizzazzjoniji et internazzjonali	*7 684*	*(5 053)*	*2 631*	*9 000*	*(5 879)*	*3 121*
Entitajiet oħrajn	*9 107*	*(5 426)*	*3 681*	*7 753*	*(3 933)*	*3 820*
	19 099	**(11 565)**	**7 534**	**19 062**	**(10 916)**	**8 146**
Total	**80 289**	**(36 904)**	**43 386**	**81 635**	**(37 335)**	**44 300**
Mhux kurrenti	*21 814*	*–*	*21 814*	*21 939*	*–*	*21 939*
Kurrenti	*58 476*	*(36 904)*	*21 572*	*59 696*	*(37 335)*	*22 361*

Il-prefinanzjament jirrappreżenta l-flus imħallsin u, b'hekk, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament. Kif ġie spjegat fin-nota **1.5.7**, dawn huma avvanzi u, għalhekk, għadhom ma ġewx iddebitati. B'hekk, filwaqt li l-prefinanzjament inaqqas l-RAL pendenti (ara n-nota **5.1**), huwa jirrappreżenta l-ispejjeż li għadhom iridu jiġu rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu.

Għall-ġestjoni kondiviża, kważi l-ammonti ta' prefinanzjament kollha huma relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti. Hemm prefinanzjament inizjali li mhux se jiġi approvat qabel tmiem il-perjodu u jitqies bħala mhux kurrenti. Hemm ukoll prefinanzjament annwali li jiġi approvat fuq bażi annwali u jitqies bħala kurrenti. Fl-2018 tħallsu EUR 10 biljun fi prefinanzjament ġdid. L-ammonti tal-prefinanzjament relatati mal-ġestjoni kondiviża huma stabbli meta mqabbla mal-2017 ħlief għal tnaqqis fl-ammonti taħt ġestjoni kondiviża "oħra". Dan huwa relatat mal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ammonti għall-appoġġ għar-rikostruzzjoni fl-Italja wara t-terremoti tal-2016/2017 li seħħew hemm). Dawn l-ammonti tħallsu bħala prefinanzjament fl-2017 u ddaħħlu mal-ispejjeż tal-2018.

Għall-ġestjoni diretta, l-ammonti ta' prefinanzjament huma relatati prinċipalment ma' Orizzont 2020 u mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

Għall-ġestjoni indiretta, il-prefinanzjament ikopri prinċipalment programmi ta' politika interna bħal Erasmus, Galileo u EGNOS, iżda wkoll strumenti relatati mar-relazzjonijiet esterni bħall-ENI (l-Istrument Ewropew ta' Viċinat), DCI (l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp) u Għajnuna Umanitarja.

Garanziji rċevuti fir-rigward ta' prefinanzjament

Dawn huma garanziji li l-Kummissjoni titlob mill-benefiċjarji li mhumiex Stati Membri, f'ċerti każijiet, meta jħallsu pagamenti bil-quddiem (prefinanzjament). Hemm żewġ valuri li jridu jiġu ddivulgati għal dan it-tip ta' garanzija, il-valur "nominali" u dak "kurrenti". Għall-valur nominali, l-avveniment ġenerattiv huwa marbut mal-eżistenza tal-garanzija. Għall-valur kurrenti, l-avveniment ġenerattiv tal-garanzija huwa l-pagament tal-prefinanzjament u/jew l-approvazzjonijiet sussegwenti. Fil-31 ta' Diċembru 2018, il-

valur nominali tal-garanziji riċevuti fir-rigward tal-prefinanzjament kien jammonta għal EUR 516-il miljun, filwaqt li l-valur kontinwu ta' dawk il-garanziji kien ta' EUR 420 miljun (2017: EUR 620 miljun u EUR 462 miljun rispettivament).

Ċerti ammonti ta' prefinanzjament imħallsin taħt is-7 Programm Kwadru għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (FP7) u taħt Orizzont 2020 huma effettivament koperti minn Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti (PGF). Il-PGF huwa strument ta' benefiċċju reċiproku stabbilit biex ikopri r-riskji relatati ma' benefiċjarji li ma jħallsux l-ammonti matul l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet indiretti tal-FP7 u Orizzont 2020. Il-parteċipanti kollha fl-azzjonijiet indiretti li jirċievu għotja mill-UE jikkontribwixxu 5 % tal-ammont totali riċevut għall-kapital tal-PGF.

Fil-31 ta' Diċembru 2018, l-ammonti ta' prefinanzjament koperti mill-PGF kienu jammontaw għal EUR 2 biljun (2017: EUR 1,9 biljun). L-UE (irrappreżentata mill-Kummissjoni) taġixxi bħala aġent eżekuttiv tal-parteċipanti tal-PGF, iżda l-fond huwa proprjetà tal-parteċipanti.

Fi tmiem is-sena, il-PGF kellu assi totali ta' EUR 2,1 biljun (2017: EUR 2,0 biljun). L-assi tal-PGF jinkludu wkoll assi finanzjarji li huma ġestiti mid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-Kummissjoni. Minħabba li l-PGF huwa entità separata, l-assi tal-fond mhumiex ikkonsolidati f'dawn il-kontijiet annwali tal-UE.

2.5.2. Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Avvanzi lil Stati Membri għal strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża	*3 675*	*2 768*
Skemi ta' Għajnuna	*2 843*	*1 895*
Total	**6 518**	**4 663**
Mhux kurrenti	*4 122*	*3 018*
Kurrenti	*2 396*	*1 645*

Avvanzi lil Stati Membri għal strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża

Taħt il-qafas tal-programmi tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), huwa possibbli li jsiru pagamenti bil-quddiem mill-baġit tal-UE lill-Istati Membri sabiex jippermettulhom jikkontribwixxu għall-istrumenti finanzjarji (jiġifieri self, investimenti ta' ekwità jew inkella garanziji). Dawn l-istrumenti finanzjarji huma stabbiliti u mmaniġġati taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, u mhux tal-Kummissjoni. Madankollu, il-flejjes li ma jintużawx minn dawn l-istrumenti fi tmiem is-sena huma proprjetà tal-UE (bħal bil-prefinanzjament kollu) u b'hekk huma ttrattati bħala assi fuq il-karta bilanċjali tal-UE.

Perjodu 2014-2020:

Skont il-politika ta' koeżjoni, mill-EUR 5 790 miljun imħallsa, hu stmat li EUR 3 590 miljun ma kinux intużaw sal-31 ta' Diċembru 2018. Dan jinkludi l-kontribuzzjoni tal-Istati Membri lill-Inizjattiva tal-SMEs, strument intenzjonat li jistimula self addizzjonali mis-settur bankarju lill-SMEs (EUR 1 213-il miljun imħallsa, li minnhom EUR 391 miljun huma stmati bħala li mhumiex użati).

Għall-iżvilupp rurali, sa tmiem is-sena kien hemm EUR 83 miljun li kienu għadhom ma ntużawx.

Perjodu 2007-2013:

L-ammonti kollha relatati mal-politika ta' koeżjoni huma meqjusa li jew ġew implimentati jew ġew riallokati għal miżuri oħra, u għalhekk ma jifdal l-ebda assi fuq il-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2018. Ta' min jinnota li l-implimentazzjoni attwali tad-diversi strumenti se tiġi riveduta bħala parti mill-proċess ta' għeluq tal-programmi.

Skemi ta' Għajnuna

Simili għal dak li ntqal hawn fuq, l-avvanzi mħallsin mill-Istati Membri għal diversi skemi ta' għajnuna (għajnuna mill-Istat, miżuri tas-suq tal-FAEG jew miżuri ta' investiment tal-FAEŻR) li ma ntużawx sal-aħħar tas-sena huma rreġistrati bħala assi (avvanzi) fil-karta bilanċjali tal-UE. Il-Kummissjoni stmat il-valur ta' dawn l-avvanzi abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri; l-ammonti li rriżultaw huma inklużi taħt is-subintestatura Skemi ta' Għajnuna ta' hawn fuq.

Perjodu 2014-2020:

L-ammonti mhux użati fi tmiem is-sena kienu stmati għal EUR 1 477 miljun għall-politika ta’ koeżjoni u EUR 1 171 miljun għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali.

Perjodu 2007-2013:

Huwa stmat li EUR 195 miljun imħallsin fil-kuntest tal-iżvilupp rurali baqgħu ma ntużawx sal-aħħar tal-2018.

2.6. RIĊEVIBBLI TA’ SKAMBJU U AMMONTI REKUPERABBLI MHUX TA’ SKAMBJU

Miljuni ta’ EUR

	Nota	31.12.2018	31.12.2017
Mhux kurrenti			
Rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta’ skambju	*2.6.1*	*397*	*594*
Riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta’ skambju	*2.6.2*	*19*	*17*
		416	**611**
Kurrenti			
Rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta’ skambju	*2.6.1*	*22 212*	*11 065*
Riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta’ skambju	*2.6.2*	*2 036*	*689*
		24 248	**11 755**
Total		**24 664**	**12 366**

2.6.1. Rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta’ skambju

Miljuni ta’ EUR

	Nota	31.12.2018	31.12.2017
Mhux kurrenti			
L-Istati Membri	*2.6.1.1*	*397*	*594*
		397	**594**
Kurrenti			
L-Istati Membri	*2.6.1.1*	*10 900*	*6 190*
Multi tal-kompetizzjoni	*2.6.1.2*	*9 727*	*4 225*
Dħul dovut u nefqiet differiti	*2.6.1.3*	*1 511*	*570*
Ammonti rekuperabbli oħrajn		*74*	*81*
		22 212	**11 065**
Total		**22 609**	**11 659**

2.6.1.1. Rekuperabbli mill-Istati Membri

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Kontijiet A RPT	*5 609*	*3 113*
Kontijiet separati RPT	*1 612*	*1 617*
Riżorsi proprji li jridu jiġu riċevuti	*2 758*	*46*
Indeboliment	*(991)*	*(997)*
Oħrajn	*86*	*56*
Ammonti rekuperabbli tar-riżorsi proprji	**9 075**	**3 836**
Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)	*1 708*	*2 280*
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)	*859*	*955*
Strument Temporanju tal-Iżvilupp Rurali (STŻR)	*13*	*16*
Programm Speċjali tal-Adeżjoni għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (SAPARD)	*82*	*136*
Indeboliment	*(788)*	*(804)*
Il-FAEG u l-ammonti rekuperabbli tal-iżvilupp rurali	**1 875**	**2 583**
L-irkupru tal-prefinanzjament mistenni	**145**	**182**
Il-VAT imħallsa u r-rekuperabbli	**45**	**64**
Ammonti rekuperabbli oħrajn mill-Istati Membri	**158**	**120**
Total	**11 297**	**6 784**
Mhux kurrenti	*397*	*594*
Kurrenti	*10 900*	*6 190*

L-ammonti mhux kurrenti dovuti mill-Istati Membri jirrigwardjaw primarjament deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità mhux eżegwiti għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). L-ammonti relatati ma' dawn id-deċiżjonijiet qed jiġu rkuprati f'pagamenti akkont annwali.

Ammonti rekuperabbli tar-riżorsi proprji

"Kontijiet A" tirreferi għad-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar li fihom l-Istati Membri jikkomunikaw l-intitolamenti ta' Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT) stabbiliti lill-Kummissjoni iżda li jkunu għadhom ma ġewx irkuprati. Ir-RPT huma magħmula minn dazji doganali u imposti fuq iz-zokkor, u jinġabru mill-Istati Membri f'isem il-Kummissjoni.

Għall-2018, iċ-ċifra tal-"kontijiet A" fiha RPT mill-każ ta' ksur spjegat hawn taħt kif ukoll minn rapporti ta' spezzjoni. Iż-żieda fl-intestatura "kontijiet A" hija xprunata minn dawn il-każijiet. Peress li huwa applikabbli mgħax ta' inadempjenza ta' EUR 1,3 biljun, għaldaqstant dawk l-ammonti huma rrapportati f'dawn il-kontijiet annwali wkoll (ara n-noti **2.6.2** u **3.7**).

Rigward il-każ ta' ksur, fit-8 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni Ewropea bagħtet ittra ta' intimazzjoni (il-Ksur Nru 2018/2008) lir-Renju Unit minħabba li dan irrifjuta li jqiegħed id-dazji doganali għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-UE, kif rikjest mid-dritt tal-UE. Fid-dawl ta' nuqqas ta' tweġiba sodisfaċenti mir-Renju Unit, il-Kummissjoni bagħtet Opinjoni Motivata fl-24 ta' Settembru 2018 u fid-19 ta' Diċembru 2018 iddeċidiet li tirreferi l-każ lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. Ir-Renju Unit wieġeb għall-Opinjoni Motivata fil-11 ta' Frar 2019. Din it-tweġiba mill-ġdid tqieset mhux sodisfaċenti u fis-6 ta' Marzu 2019 il-Kummissjoni kkonfermat id-deċiżjoni tagħha li tirreferi l-ksur lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. L-applikazzjoni ġiet ippreżentata fis-7 ta' Marzu 2019. Rapport tal-OLAF tal-2017 kien sab li l-importaturi fir-Renju Unit evitaw ammont kbir ta' dazji doganali billi użaw fatturi fittizji u foloz u dikjarazzjonijiet mhux korretti tal-valur doganali fl-importazzjoni. Abbażi ta' metodoloġija żviluppata mill-OLAF u mill-JRC u abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tqis li l-ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE mir-Renju Unit irriżulta, matul il-perjodu minn Novembru 2011 sa Ottubru 2017, f'telf għall-baġit tal-UE li jammonta għal EUR 2,1 biljun (nett, jiġifieri wara li jitnaqqsu l-kostijiet tal-ġbir li għandhom jinżammu mir-Renju Unit mill-ammont gross ta' EUR 2,7 biljun). Ir-Renju Unit ma jaqbilx mal-metodoloġija użata mill-Kummissjoni li tqis it-telf ta' hawn fuq.

Barra minn hekk, fil-kontijiet il-Kummissjoni inkludiet stima tal-maniġment ta' EUR 0,7 biljun (li l-parti l-kbira minnha hija mgħax applikabbli) għad-dazji doganali stabbiliti. Ir-Renju Unit ma jaqbilx ma' dan l-ammont.

"Kontijiet separati" tirreferi għal intitolamenti stabbiliti li ma ġewx inklużi fil-"kontijiet A", minħabba li ma ġewx irkuprati mill-Istati Membri u ma ġie pprovdut ebda titolu ta' sigurtà (jew jekk ikun ġie pprovdut titolu ta' sigurtà iżda l-ammonti jkunu kkontestati). Dawn l-intitolamenti huma soġġetti għal indeboliment abbażi tal-informazzjoni pprovduta kull sena mill-Istati Membri.

"Riżorsi proprji li għandhom jiġu riċevuti" tirreferi għa rekuperabbli bħala riżultat tal-baġit emendatorju Nru 6/2018 fit-12 ta' Diċembru 2018. L-ammonti kellhom jiġu jiddaħħlu mill-Istati Membri fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Jannar 2019.

Il-FAEG u l-ammonti rekuperabbli tal-Iżvilupp Rurali

Din il-partita tkopri primarjament l-ammonti dovuti mill-Istati Membri fil-31 ta' Diċembru 2018, kif iddikjarati u ċċertifikati mill-Istati Membri fil-15 ta' Ottubru 2018. Issir stima għar-rekuperabbli li jirriżultaw wara din id-dikjarazzjoni u sal-31 ta' Diċembru 2018. Il-Kummissjoni qed tikkalkula wkoll tnaqqis fil-valur kontabbli tal-ammonti dovuti minn benefiċjarji, li aktarx ma jiġux irkuprati. Il-fatt li jsir dan l-aġġustament ma jfissirx li l-Kummissjoni qegħda tirrinunzja għall-irkupru ta' dawn l-ammonti fil-futur. Huwa inkluż ukoll tnaqqis ta' 20 % fl-aġġustament, li jikkorrispondi għal dak li l-Istati Membri jistgħu jżommu sabiex ikopru l-kostijiet amministrattivi.

2.6.1.2. Ammonti rekuperabbli mill-multi tal-kompetizzjoni

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Ammont rekuperabbli minn ammont gross tal-multi	*13 022*	*7 679*
Ħlasijiet provviżorji	*(3 131)*	*(3 282)*
Indeboliment	*(164)*	*(172)*
Total	**9 727**	**4 225**
Mhux kurrenti	*–*	*–*
Kurrenti	*9 727*	*4 225*

Il-pagamenti provviżorji jirrigwardjaw prinċipalment ir-riċevuti ta' flus minn kumpaniji li xorta bdew appell jew li għad għandhom l-għażla li jappellaw kontra d-deċiżjonijiet dwar il-multi fil-qrati tal-UE. Obbligazzjoni kontinġenti hija żvelata għall-possibbiltà li dawn l-ammonti jitħallsu lura lill-kumpaniji (ara n-nota **4.1.4**).

Kumpaniji mmultati li nedew jew qed jippjanaw li jniedu appell għandhom l-għażla li jew jagħmlu ħlasijiet proviżorji jew li jipprovdu garanziji bankarji lill-Kummissjoni. Għal EUR 9 354 miljun (2017: EUR 4 004 miljun) f'multi mhux imħallsa sa tmiem is-sena, il-Kummissjoni aċċettat garanziji.

L-ammonti mnaqqsa fil-valur minħabba indeboliment jirriflettu l-valutazzjoni każ b'każ mill-Kummissjoni tal-ammonti ta' multi mhux imsarrfa jew mhux koperti b'garanzija, li l-Kummissjoni tistenna li mhix se tirkupra.

Iż-żieda fl-ammonti rekuperabbli tal-multi tal-kompetizzjoni hi primarjament dovuta għal żewġ multi sinifikanti (li laħqu total ta' EUR 5 339 miljun) fejn il-kumpaniji kkonċernati koprew il-multa b'garanziji bankarji aċċettati mill-Kummissjoni.

2.6.1.3. Dħul dovut u nefqiet differiti

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Introjtu dovut ieħor	*1 240*	*328*
Nefqiet differiti relatati ma' tranżazzjonijiet mhux ta' skambju	*272*	*241*
Total	**1 511**	**570**
Mhux kurrenti	*–*	*–*
Kurrenti	*1 511*	*570*

Introjtu dovut ieħor jinkludi EUR 1 146 miljun li l-Kummissjoni tistenna li tirkupra mingħand l-Istati Membri fil-qasam tal-koeżjoni. L-irkupru ser isir bħala riżultat tal-eżami u l-aċċettazzjoni tal-kontijiet annwali sottomessi mill-Istati Membri fil-15 ta' Frar 2019. Din il-proċedura għall-aċċettazzjoni tal-kontijiet annwali tal-Istati Membri ġiet introdotta għall-ewwel darba fil-qasam tal-koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

2.6.2. Riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Mhux kurrenti		
Ammonti riċevibbli oħrajn	*19*	*17*
	19	**17**
Kurrenti		
Klijenti	*232*	*241*
Indeboliment tar-riċevibbli mingħand il-klijenti	*(143)*	*(141)*
Nefqiet differiti relatati ma' tranżazzjonijiet ta' skambju	*243*	*259*
Oħrajn	*1 704*	*331*
	2 036	**689**
Total	**2 055**	**707**

Ir-riċevibbli taħt l-intestatura oħrajn fihom EUR 1,4 biljun f'imgħax dovut għal pagamenti tard fuq ir-riżorsi proprji li minnhom EUR 1,3 biljun huma relatati mal-każijiet diġà msemmija fin-nota **2.6.1.1**.

2.7. INVENTARJI

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Materjali xjentifiċi	*52*	*45*
Oħrajn	*21*	*250*
Total	**73**	**295**

2.8. FLUS U L-EKWIVALENTI TA' FLUS

Miljuni ta' EUR

	Nota	31.12.2018	31.12.2017
Kontijiet ma' Teżori u Banek Ċentrali		*12 932*	*20 078*
Kontijiet kurrenti		*79*	*152*
Kontijiet tal-imprest		*5*	*5*
Trasferimenti (flus fi tranżitu)		*0*	*0*
Kontijiet bankarji għall-implimentazzjoni tal-baġit	2.8.1	**13 017**	**20 236**
Flus li jappartjenu għal strumenti finanzjarji	2.8.2	**2 377**	**1 608**
Flus relatati ma' multi	2.8.3	**1 438**	**1 234**
Flus relatati ma' istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħrajn		**1 167**	**999**
Flus relatati ma' fondi fiduċjarji		**114**	**34**
Total		**18 113**	**24 111**

2.8.1. Kontijiet bankarji għall-implimentazzjoni tal-baġit

Din l-intestatura tkopri l-fondi kollha li l-Kummissjoni żżomm fil-kontijiet tagħha f'kull Stat Membru u pajjiż tal-EFTA (teżor jew bank ċentrali), kif ukoll f'kontijiet kurrenti, kontijiet imprest u flejjes żgħar f'banek kummerċjali. Il-bilanċ tat-teżor fl-aħħar tal-2018 huwa dovut għall-elementi prinċipali li ġejjin:

- Rigward ir-riżorsi proprji, il-bilanċ tat-teżor fi tmiem is-sena jinkludi EUR 0,75 biljun imħallsa minn qabel minn uħud mill-Istati Membri b'rabta mal-baġit emendatorju 6 adottat fl-2018.

- Ammont ta' EUR 1,4 biljun f'multi imposti mill-Kummissjoni għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, li ssarraf b'mod definittiv fl-2018 u li għadu ma ġiex inkluż f'xi baġit emendatorju, ukoll huwa parti mill-bilanċ tat-teżor fi tmiem is-sena.

- Il-bilanċ tat-teżor jinkludi wkoll dħul assenjat u approprjazzjonijiet ta' pagament oħrajn ta' EUR 7,4 biljun.

2.8.2. Flus li jappartjenu għal strumenti finanzjarji

L-ammonti murija taħt din l-intestatura jikkonċernaw primarjament l-ekwivalenti ta' flus ġestiti mill-fiduċjarji f'isem il-Kummissjoni għall-iskop tal-implimentazzjoni ta' programmi partikolari ta' strumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE u flus u ekwivalenti ta' flus mżimuma fil-fondi ta' garanzija relatati mal-garanziji baġitarji (ara n-nota **2.4.1**). Il-flus li jappartjenu għal strumenti finanzjarji u fondi ta' garanzija jistgħu jintużaw biss fil-programm ikkonċernat.

2.8.3. Flus relatati ma' multi

Dawn huma flus riċevuti b'rabta mal-multi maħruġa mill-Kummissjoni li għalihom għad hemm każ miftuħ. Dawn l-ammonti jinżammu f'kontijiet ta' depożitu speċifiċi li ma jintużawx għal attivitajiet oħrajn. Meta jkun ġie ppreżentat appell jew meta ma jkunx magħruf jekk hux se jsir appell mill-parti l-oħra, l-ammont sottostanti jintwera bħala obbligazzjoni kontinġenti fin-nota **4.1.4**.

Sa mill-2010, il-multi ġodda kollha msarrfin b'mod provviżorju bdew jiġu amministrati mill-Kummissjoni fil-fond BUFI u investiti fi strumenti finanzjarji kategorizzati bħala disponibbli għall-bejgħ (ara n-nota **2.4.1**).

OBBLIGAZZJONIJIET

2.9. PENSJONI U BENEFIĊĊJI OĦRAJN TAL-IMPJEGATI

Obbligazzjoni ta' skema ta' benefiċċji netti tal-impjegati

Miljuni ta' EUR

	Skema tal-Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej	Skemi ta' benefiċċji tal-irtirar oħrajn	Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard	31.12.2018 Total	31.12.2017 Total
Obbligu ta' Benefiċċju Definit	*70 017*	*1 865*	*8 990*	*80 871*	*73 560*
Assi tal-pjan	*Mhux applikabbli*	*(119)*	*(296)*	*(415)*	*(438)*
Obbligazzjoni netta	**70 017**	**1 746**	**8 694**	**80 456**	**73 122**

Iż-żieda fl-obbligazzjoni totali tal-benefiċċji tal-impjegati hija primarjament dovuta għal żieda fl-obbligazzjoni netta tal-Iskema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej. Id-drittijiet miksuba matul is-sena minħabba servizz huma ogħla mill-benefiċċji mħallsa matul is-sena. Minbarra dan, hemm kost tal-imgħax annwali (tneħħija tat-tnaqqis tal-obbligazzjoni) kif ukoll it-telf attwarjali mill-esperjenza fejn ammont sinifikanti hu relatat mat-titjib imsemmi fin-nota **2.9.1**.

2.9.1. Skema tal-Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej

Dan l-obbligu tal-benefiċċju definit jirrappreżenta l-valur preżenti ta' pagamenti futuri mistennija li l-UE hija obbligata li tagħmel sabiex issalda l-obbligi ta' pensjoni li jirriżultaw mis-servizz tal-impjegati fil-perjodi kurrenti u ta' qabel. L-iskema għadha għaddejja u, bħala tali, il-pagamenti kollha meħtieġa li jridu jsiru mill-iskema fuq bażi annwali jiġu inklużi fil-baġit tal-UE kull sena.

Skont l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-ħlas tal-benefiċċji previsti fl-iskema tal-pensjonijiet tal-persunal jikkostitwixxi imposta fil-baġit tal-UE. L-iskema hija ffinanzjata nozzjonalment, u l-Istati Membri jiggarantixxu l-ħlas ta' dawn il-benefiċċji b'mod kollettiv. Kontribuzzjoni tal-pensjoni obbligatorja, li bħalissa hija ta' 10,0 %, titnaqqas mis-salarji bażiċi tal-membri attivi. Dawn il-kontribuzzjonijiet huma ttrattati bħala dħul tal-baġit għas-sena u jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-infiq tal-UE b'mod ġenerali, ara wkoll in-nota **3.6**.

L-obbligazzjonijiet ta' din l-iskema tal-pensjonijiet ġew ivvalutati fuq il-bażi tan-numru ta' persunal u tal-persunal irtirat fil-31 ta' Diċembru 2018 u fuq ir-regoli tar-Regolamenti tal-Persunal applikabbli f'din id-data. Din il-valwazzjoni twettqet f'konformità mal-metodoloġija tal-IPSAS 39 (u għalhekk f'konformità wkoll mar-regola tal-UE dwar il-kontabbiltà nru 12). Kif diġà ġie nnotat fil-kontijiet annwali tal-2017, is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni kienu qed jaħdmu sa biex isaħħu l-metodi għall-ġbir tad-data, kif ukoll sabiex itejbu s-suppożizzjonijiet u l-metodi ta' kalkolu. Riżultat minnhom ta' din il-ħidma kien valwazzjoni aktar preċiża tal-obbligazzjoni b'rabta mal-pensjonijiet tal-persuni superstiti (jiġifieri fejn il-membru jkun deċedut) billi tintuża l-aktar prattika attwarjali aġġornata. L-impatt ta' dan il-metodu mtejjeb fuq l-obbligazzjoni tal-2018 huwa żieda ta' EUR 2,1 biljun. Li kieku dan il-metodu ntuża fl-2017, dik l-obbligazzjoni kienet tkun EUR 2,3 biljun ogħla meta mqabbla mal-metodu preċedenti li kien jintuża.

2.9.2. Skemi ta' benefiċċji tal-irtirar oħrajn

Din tirreferi għall-obbligazzjoni li tirrigwardja l-obbligi tal-pensjonijiet fil-konfront tal-Membri u l-eks-Membri tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja (u tal-Qorti Ġenerali) u tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kunsill, l-Ombudsman, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u t-Tribunal tas-Servizz Ċivili tal-Unjoni Ewropea. F'din l-intestatura hemm inkluża wkoll obbligazzjoni relatata mal-pensjonijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew.

2.9.3. Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard

Barra mill-iskemi ta' benefiċċji għall-irtirar ta' hawn fuq, issir valutazzjoni għall-obbligazzjoni stmata li għandha l-UE rigward ir-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS) fir-rigward tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa li jridu jitħallsu matul il-perjodi ta' wara l-attività tal-impjegati (netti mill-kontribuzzjonijiet tagħhom). Kif iddikjarat fin-nota **1.5.10**, il-kalkolu ta' din l-obbligazzjoni jqis il-perjodu tas-servizz attiv sħiħ, filwaqt li jiżgura li kemm l-iskema tal-pensjoni kif ukoll tal-assigurazzjoni tal-mard tal-pjan ta' wara l-impjieg tal-persunal jitqiesu b'mod konsistenti. Meta wieħed iqis l-obbligazzjoni li tiġi ppreżentata b'mod leali s-sustanza ekonomika tat-tranżazzjoni sottostanti kif rikjest kemm mill-EAR kif ukoll mill-IPSAS, ma interpretajniex l-IPSAS 39 f'sens dejjaq meta ġew attribwiti l-benefiċċji għall-perjodi ta' servizz. Li kieku wieħed kellu jiġbor il-kost tas-servizz għall-iskema JSIS bis-sħiħ fuq 10 snin għall-uffiċjali kollha, minflok tal-perjodu tas-servizz attiv tal-impjegat, l-impatt ta' approċċ bħal dan fuq l-obbligu tal-benefiċċju definit fi tmiem is-sena jkun żieda ta' EUR 3 biljun. Madankollu, kif diġà ġie indikat, l-approċċ aktar dejjaq ma kienx ikun kompatibbli mal-karatteristika kwalitattiva tar-rappreżentazzjoni leali, u għaldaqstant ma kienx jitqies li jagħti informazzjoni affidabbli skont l-EAR 1 u l-Qafas Kunċettwali tal-IPSAS. Din l-istima hi sensittiva ħafna għall-evoluzzjoni tal-istatus amministrattiv tal-persunal kurrenti (b'mod partikolari n-numru ta' membri b'kuntratt b'terminu fiss maħtura biex isiru uffiċjali fil-ġejjieni).

Moviment fil-valur preżenti ta' obbligu ta' benefiċċju definit tal-benefiċċji tal-impjegati

Il-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit huwa l-pagamenti futuri mistennija skontati meħtieġa biex jiġi saldat l-obbligu li jirriżulta mis-servizz tal-impjegati fil-perjodi kurrenti u ta' qabel.

Hawn taħt hija ppreżentata analiżi taċ-ċaqliq tas-sena kurrenti fl-obbligu tal-benefiċċju definit:

Miljuni ta' EUR

	Skema tal-Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej	Skemi ta' benefiċċji tal-irtirar oħrajn	Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard	Total
Il-valur preżenti fil-31.12.2017	**63 951**	**1 854**	**7 756**	**73 560**
Rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu				
Spiża tas-Servizz kurrenti	*2 716*	*87*	*270*	*3 074*
Kost tal-imgħax	*1 215*	*32*	*155*	*1 402*
Rikonoxxuti fl-assi netti				
Kejl mill-ġdid f'obbligazzjonijiet ta' benefiċċji tal-impjegati				
(Qligħ)/telf attwarjali mill-esperjenza	*3 380*	*(15)*	*4*	*3 369*
(Qligħ)/telf attwarjali minn suppożizzjonijiet demografiċi	*–*	*1*	*–*	*1*
(Qligħ)/telf attwarjali minn suppożizzjonijiet finanzjarji	*251*	*(36)*	*901*	*1 115*
Oħrajn				
Benefiċċji mħallsa	*(1 496)*	*(58)*	*(96)*	*(1 650)*
Il-valur preżenti fil-31.12.2018	**70 017**	**1 865**	**8 990**	**80 872**

L-ispejjeż kurrenti tas-servizz huma ż-żieda fil-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit li jirriżulta mis-servizz tal-membri kurrenti fil-perjodu kurrenti.

L-ispejjeż tal-imgħax huma l-ispejjeż tal-imgħax, jiġifieri ż-żieda matul il-perjodu fil-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit minħabba li l-benefiċċji jkunu perjodu wieħed eqreb għas-saldu.

Il-qligħ u t-telf attwarjali mill-esperjenza jirreferu għall-effetti tad-differenzi bejn is-suppożizzjonijiet attwarjali preċedenti għall-2018 u dak li fil-fatt seħħ fl-2018. Dan l-ammont jinkludi t-titjib imsemmi fin-nota **2.9.1.**

Il-qligħ u t-telf attwarjali mis-suppożizzjonijiet attwarjali (rati ta' skont bħal demografiċi u finanzjarji u żidiet mistennija fis-salarji) jirriżultaw meta dawn is-suppożizzjonijiet jiġu aġġornati sabiex jirriflettu tibdiliet fil-kundizzjonijiet sottostanti.

Il-benefiċċji (pereżempju, pensjonijiet jew rimborżi ta' kostijiet mediċi) jitħallsu matul is-sena skont ir-regoli tal-iskema. Dawn il-benefiċċji mħallsa jwasslu għal tnaqqis fl-obbligu ta' benefiċċju definit.

Assi tal-pjan

Miljuni ta' EUR

	Skemi ta' benefiċċji tal-irtirar oħrajn	Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard	Total
Il-valur preżenti fil-31.12.2017	**137**	**301**	**438**
Ċaqliq nett fl-assi tal-pjan	*(18)*	*(5)*	*(23)*
Il-valur preżenti fil-31.12.2018	**119**	**296**	**415**

Suppożizzjonijiet attwarjali - benefiċċji tal-impjegati

Hawn taħt jidhru s-suppożizzjonijiet attwarjali prinċipali użati fil-valutazzjoni taż-żewġ skemi ewlenin ta' benefiċċju għall-impjegati tal-UE:

	Skema tal-Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej	Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard
2018		
Ir-rata ta' skont nominali	*1,9 %*	*2,0 %*
Ir-rata tal-inflazzjoni mistennija	*1,4 %*	*1,5 %*
Rata ta' skont reali	*0,5 %*	*0,5 %*
Ir-rata mistennija ta' żidiet fis-salarju	*1,9 %*	*1,8 %*
Tendenzi fir-rati tal-kost mediku	*Mhux applikabbli*	*3,0 %*
Età tal-irtirar	*63/64/66*	*63/64/66*
2017		
Ir-rata ta' skont nominali	*1,9 %*	*2,0 %*
Ir-rata tal-inflazzjoni mistennija	*1,5 %*	*1,6 %*
Rata ta' skont reali	*0,4 %*	*0,4 %*
Ir-rata mistennija ta' żidiet fis-salarju	*1,8 %*	*1,7 %*
Tendenzi fir-rati tal-kost mediku	*Mhux applikabbli*	*3,0 %*
Età tal-irtirar	*63/64/66*	*63/64/66*

Ir-rati ta' mortalità għall-2017 u għall-2018 huma bbażati fuq It-Tabella tal-UE dwar il-Ħajja tal-Impjegati taċ-Ċivil - EULT 2018.

Ir-rata ta' skont nominali hija ddeterminata bħala l-valur tar-rendiment mingħajr kupun tal-Euro (b'maturità ta' 20 sena minn Diċembru 2018 għall-Iskema tal-Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej (PSEO), u 25 sena għar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard). Ir-rata tal-inflazzjoni użata tkun ir-rata tal-inflazzjoni mistennija matul il-perjodu ekwivalenti. Hija trid tiġi ddeterminata b'mod empiriku, abbażi tal-valuri prospettivi kif espressi mill-bonds marbuta mal-indiċi fuq is-swieq finanzjarji Ewropej. Ir-rata ta' skont reali tiġi kkalkolata mir-rata ta' skont nominali u mir-rata ta' inflazzjoni mistennija fit-tul.

Analiżijiet tas-sensittività

L-analiżi tas-sensittività hija bbażata fuq simulazzjonijiet li jbiddlu, ceteris paribus, il-valur tas-suppożizzjonijiet ikkonċernati u wara li jiġi osservat kif jirreaġixxi l-mudell.

Sensittività tar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard

Bidla ta' għaxar punti perċentwali fir-rati tax-xejriet tal-kostijiet mediċi preżunti jkollha l-effetti li ġejjin:

Miljuni ta' EUR

	2018		2017	
	Żieda ta' 0,1%	Tnaqqis ta' 0,1%	Żieda ta' 0,1%	Tnaqqis ta' 0,1%
It-total tal-kost ta' servizz kurrenti u l-komponenti ta' kost ta' l-imgħax ta' l-ispejjeż mediċi ta' wara l-impieg perjodiċi netti;	*12*	*(12)*	*11*	*(11)*

Obbligi ta' benefiċċju definiti	*253*	*(246)*	*220*	*(213)*

Bidla ta’ għaxar punti perċentwali (0,1%) fir-rata ta’ skont preżunta jkollha l-effetti li ġejjin:

Miljuni ta’ EUR

	2018		2017	
	Żieda ta’ 0,1%	Tnaqqis ta’ 0,1%	Żieda ta’ 0,1%	Tnaqqis ta’ 0,1%
Obbligi ta' benefiċċju definiti	*(219)*	*226*	*(188)*	*194*

Bidla ta’ għaxar punti perċentwali (0,1%) fiż-żidiet mistennija fis-salarju jkollha l-effetti li ġejjin:

Miljuni ta’ EUR

	2018		2017	
	Żieda ta’ 0,1%	Tnaqqis ta’ 0,1%	Żieda ta’ 0,1%	Tnaqqis ta’ 0,1%
Obbligi ta' benefiċċju definiti	*(26)*	*25*	*(25)*	*24*

Bidla ta’ sena fl-età ta’ rtirar supponuta jkollha l-effetti li ġejjin:

Miljuni ta’ EUR

	2018		2017	
	Żieda ta’ sena	Tnaqqis ta’ sena	Żieda ta’ sena	Tnaqqis ta’ sena
Obbligi ta' benefiċċju definiti	*(91)*	*54*	*(82)*	*44*

Sensittività tal-Iskema ta’ Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej

Bidla ta’ għaxar punti perċentwali (0,1%) fir-rata ta’ skont preżunta jkollha l-effetti li ġejjin:

Miljuni ta’ EUR

	2018		2017	
	Żieda ta’ 0,1%	Tnaqqis ta’ 0,1%	Żieda ta’ 0,1%	Tnaqqis ta’ 0,1%
Obbligi ta' benefiċċju definiti	*(1 434)*	*1 478*	*(1 281)*	*1 319*

Bidla ta’ għaxar punti perċentwali (0,1%) fiż-żidiet mistennija fis-salarju jkollha l-effetti li ġejjin:

Miljuni ta’ EUR

	2018		2017	
	Żieda ta’ 0,1%	Tnaqqis ta’ 0,1%	Żieda ta’ 0,1%	Tnaqqis ta’ 0,1%
Obbligi ta' benefiċċju definiti	*1 427*	*(1 388)*	*1 313*	*(1 192)*

Bidla ta’ sena fl-età ta’ rtirar supponuta jkollha l-effetti li ġejjin:

Miljuni ta’ EUR

	2018		2017	
	Żieda ta’ sena	Tnaqqis ta’ sena	Żieda ta’ sena	Tnaqqis ta’ sena
Obbligi ta' benefiċċju definiti	*(573)*	*645*	*(496)*	*639*

2.10. DISPOŻIZZJONIJIET

Miljuni ta' EUR

	Ammont fil-31.12.2017	Provvedimenti addizzjonali	Ammonti mhux użati mreġġa' lura	Ammonti użati	Trasferimenti bejn kategoriji	Bidla fl-istima	Ammont fil-31.12.2018
Kawżi legali:							
Agrikoltura	*49*	270	*(2)*	*(47)*	–	–	*270*
Koeżjoni	*20*	–	*(20)*	–	–	–	*(0)*
Oħrajn	*120*	3	*(19)*	*(2)*	–	*(1)*	*100*
Żarmar ta' siti nukleari	*1 934*	–	–	*(34)*	–	*32*	*1 933*
Finanzjarji	*1 115*	590	*(7)*	*(149)*	–	*2*	*1 551*
Multi	*27*	–	*(27)*	–	–	–	–
Oħrajn	*272*	*38*	*(38)*	*(18)*	–	*24*	*278*
Total	**3 538**	**901**	**(115)**	**(249)**	**–**	**57**	**4 132**
Mhux kurrenti	**2 880**	**704**	**(38)**	**(52)**	**(272)**	**59**	**3 281**
Kurrenti	**659**	**197**	**(77)**	**(197)**	**272**	**(2)**	**852**

Il-provvedimenti huma ammonti stmati b'mod affidabbli, li jirriżultaw minn avvenimenti tal-passat, li probabbilment ser ikollhom jitħallsu mill-baġit tal-UE fil-ġejjieni.

Kawżi legali

Din hija l-istima tal-ammonti li probabbilment ikollhom jitħallsu wara tmiem is-sena fir-rigward ta' għadd ta' kawżi legali li jinsabu għaddejjin.

Żarmar ta' siti nukleari

Mill-2017, il-bażi għall-provvediment ġiet aġġornata skont l-"Istrateġija tad-Dekummissjonar tal-JRC u tal-Programm tal-Immaniġġjar tal-Iskart (D&WMP) – Aġġornata fl-2017". Ir-reviżjoni tal-istrateġija, flimkien mal-ħtiġijiet tal-persunal u l-baġit, twettqet flimkien mal-Grupp ta' Esperti indipendenti tad-D&WMP. Huwa jirrappreżenta l-aħjar stima disponibbli tal-baġit u l-persunal meħtieġa biex jitlestew id-dekummissjonar tas-siti tal-JRC ta' Ispra, Geel, Karlsruhe u Petten.

F'konformità mar-regoli kontabilistiċi tal-UE, din id-dispożizzjoni hija indiċizzata għall-inflazzjoni u mbagħad skontata sal-valur preżenti nett tagħha (bl-użu tal-kurva tal-iswap tal-Euro). Fil-31 ta' Diċembru 2018, dan irriżulta fi provvediment ta' EUR 1 933 miljun, maqsum bejn l-ammonti li mistennija jintużaw fl-2018 (EUR 31 miljun) u wara (EUR 1 902 miljun).

Ta' min jinnota li inċertezzi kbar, li huma inerenti għall-ippjanar fit-tul tad-dekummissjonar nukleari, jistgħu jaffettwaw din l-istima li tista' tiżdied b'mod sinifikanti fil-ġejjieni. Is-sorsi ewlenin ta' inċertezza huma relatati mal-istat aħħari tas-sit li ġie ddekummissjonat, il-materjali nukleari, l-aspetti tal-ġestjoni u tar-rimi tal-iskart, id-definizzjoni mhux kompluta jew nieqsa tal-oqfsa regolatorji nazzjonali, il-proċess ta' liċenzjar ikkumplikat u li jirrikjedi ħafna żmien u l-iżviluppi futuri tas-suq industrijali tad-dekummissjonar.

Provvedimenti finanzjarji

Dawn jikkonċernaw prinċipalment provvedimenti li jirrappreżentaw it-telf stmat li se jiġġarrab fir-rigward tal-garanziji mogħtija taħt strumenti finanzjarji differenti, fejn l-entitajiet fdati jingħataw is-setgħa li joħorġu garanziji f'isimhom stess iżda f'isem u għar-riskju tal-UE. Ir-riskju finanzjarju tal-UE marbut mal-garanziji huwa limitat u l-assi finanzjarji huma pprovduti gradwalment biex ikopru s-sejħiet futuri ta' garanzija. Din l-intestatura tinkludi wkoll provvedimenti għal self pendenti lis-Sirja maħruġa mill-BEI taħt il-mandat ta' self estern tiegħu u, b'hekk, garantiti mill-UE permezz tal-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni. Il-provvedimenti finanzjarji mhux kurrenti huma skontati sal-valur nett preżenti tagħhom.

Iż-żieda fil-provvediment finanzjarju hija relatata maż-żieda tal-volum tal-operazzjonijiet garantiti skont l-istrumenti finanzjarji ta' H2020 u ta' COSME.

2.11. OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI

Miljuni ta' EUR

	Nota	31.12.2018	31.12.2017
Obbligazzjonijiet finanzjarji mhux kurrenti			
Obbligazzjonijiet finanzjarji b'kost amortizzat	*2.11.1*	*53 281*	*50 061*
Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit	*2.11.2*	*7*	*2*
		53 289	**50 063**
Obbligazzjonijiet finanzjarji kurrenti			
Obbligazzjonijiet finanzjarji b'kost amortizzat	*2.11.1*	*2 602*	*6 850*
Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit	*2.11.2*	*15*	*–*
		2 617	**6 850**
Total		**55 906**	**56 913**

2.11.1. Obbligazzjonijiet finanzjarji b'kost amortizzat

Miljuni ta' EUR

	Nota	31.12.2018	31.12.2017
Self meħud għall-assistenza finanzjarja	*2.11.1.1*	*53 872*	*54 841*
Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn	*2.11.1.2*	*2 012*	*2 070*
Total		**55 884**	**56 911**
Mhux kurrenti		*53 281*	*50 061*
Kurrenti		*2 602*	*6 850*

2.11.1.1. Self meħud għall-assistenza finanzjarja

Miljuni ta' EUR

	EFSM	BTP	AMF	Euratom	Il-KEFA f'Likwid azzjoni	Total
Total fil-31.12.2017	*47 456*	*3 114*	*3 924*	*250*	*97*	*54 841*
Ammonti missellfa ġodda	*4 500*	*–*	*515*	*50*	*–*	*5 065*
Ħlasijiet lura	*(4 500)*	*(1 350)*	*(56)*	*(46)*	*–*	*(5 952)*
Differenzi tal-kambju	*–*	*–*	*–*	*(0)*	*(1)*	*(1)*
Bidliet fl-ammonti riportati	*(56)*	*(30)*	*5*	*0*	*0*	*(82)*
Total fil-31.12.2018	**47 400**	**1 734**	**4 388**	**254**	**97**	**53 872**
Mhux kurrenti	*46 800*	*200*	*4 309*	*213*	*–*	*51 521*
Kurrenti	*600*	*1 534*	*79*	*41*	*97*	*2 350*

Is-self meħud jinkludi prinċipalment djun murija b'evidenza minn ċertifikati li jammontaw għal EUR 53 725 miljun (2017: EUR 54 674 miljun). Il-bidliet fl-ammont riportat jikkorrispondu għall-bidla fl-imgħaxijiet dovuti.

Minbarra l-KEFA f'likwidazzjoni, il-ħlas lura tas-self meħud imsemmi hawn fuq huwa fl-aħħar mill-aħħar garantit mill-baġit tal-UE – ara n-nota **4.1.2**, u b'estensjoni minn kull Stat Membru.

Ir-rati effettivi tal-imgħax fuq is-self meħud (espressi bħala firxa ta' rati tal-imgħax)

	31.12.2018	31.12.2017
L-Assistenza Makrofinanzjarja (MFA)	*0 % - 3,82 %*	*0 % - 4,54 %*
Euratom	*0 % - 5,68 %*	*0 % - 5,68 %*
Bilanċ tal-Pagamenti (BOP)	*2,88 % - 3,38 %*	*2,88 % - 3,38 %*
Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja ('European Financial Stability Mechanism' - EFSM)	*0,50 % - 3,75 %*	*0,62 % - 3,75 %*
Il-KEFA f'Likwidazzjoni	*6,91 % - 8,97 %*	*6,91 % - 8,97 %*

2.11.1.2. Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Mhux kurrenti		
Obbligazzjonijiet ta' lokazzjonijiet finanzjarji	*1 331*	*1 456*
Binjiet imħallsin b'pagamenti akkont	*314*	*305*
Oħrajn	*115*	*159*
	1 760	**1 920**
Kurrenti		
Obbligazzjonijiet ta' lokazzjonijiet finanzjarji	*93*	*89*
Binjiet imħallsin b'pagamenti akkont	*29*	*24*
Multi li jridu jiġu rrimborżati	*125*	*13*
Oħrajn	*5*	*24*
	252	**150**
Total	**2 012**	**2 070**

Obbligazzjonijiet ta' lokazzjonijiet finanzjarji

Miljuni ta' EUR

Deskrizzjoni	Ammonti futuri li jridu jitħallsu			
	< 1 sena	1-5 snin	> 5 snin	Obbligazzjoni Totali
Art u bini	*86*	*428*	*893*	*1 407*
Assi fissi oħra	*7*	*10*	*–*	*17*
Total fil-31.12.2018	**93**	**438**	**893**	**1 424**
Element tal-imgħax	*60*	*216*	*196*	*472*
Total tal-pagamenti minimi futuri tal-lokazzjonijiet fil-31.12.2018	**153**	**654**	**1 089**	**1 896**
Total tal-pagamenti minimi futuri tal-lokazzjonijiet fil-31.12.2017	*158*	*682*	*1 271*	*2 111*

L-ammonti relatati mal-kiri u l-bini hawn fuq iridu jiġu ffinanzjati minn baġits futuri.

2.11.2. Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit

Miljuni ta' EUR

Tip ta' derivattiv	31.12.2018		31.12.2017	
	Ammont nozzjonali	Valur ġust	Ammont nozzjonali	Valur ġust
Garanzija fuq portafoll ta' ekwità	*536*	*20*	*–*	*–*
Opzjoni FX ("put spread")	*11*	*2*	*9*	*2*
Total	**546**	**22**	**9**	**2**
Mhux kurrenti	*82*	*7*	*9*	*2*
Kurrenti	*464*	*15*	*–*	*–*

Garanzija fuq portafoll ta' ekwità

Il-garanziji mogħtija fuq il-portafoll ta' ekwità huma kklassifikati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji skont il-valur ġust permezz tas-surplus jew id-defiċit peress li ma jistgħux jissodisfaw id-definizzjoni ta' obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja – ara n-nota **1.5.12**. Sal-31 ta' Diċembru 2018 din l-intestatura

hija relatata ma' garanzija pprovduta mill-UE skont l-istrumenti finanzarji ta' H2020 (ara n-nota **2.4.1**) lill-Grupp tal-BEI għal operazzjonijiet tal-portafolli ta' ekwità. L-obbligazzjoni finanzjarja tal-UE titkejjel fuq il-bażi tal-valur tal-investimenti sottostanti.

Opzjoni tal-kambju

Sal-31 ta' Diċembru 2018, l-UE għandha strument finanzjarju derivattiv (Opzjoni tal-kambju – tip ta' opzjoni "put spread") li bih tkopri l-iżvalutazzjoni tal-munita barranija (UHA) b'rabta ma' self mogħti minn istituzzjonijiet finanzjarji lill-SMEs fl-Ukrajna bl-għan li jittejbu l-aċċess għall-finanzjament, kif ukoll l-attraenza tal-kundizzjonijiet tas-self fl-Ukrajna. Skont it-termini tal-kuntratt, l-UE tipprovdi lill-imsieħba tagħha b'opzjoni eżerċitabbli, għal kull self eliġibbli, sa massimu ta' 30 %, għal kontribuzzjoni tal-UE fil-każ ta' żvalutazzjoni tal-proporzjon UHA/EUR.

Ġerarkija f'valur ġust tal-obbligazzjonijiet finanzjarji mkejla skont il-valur ġust

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Livell 1: Prezzijiet ikkwotati fi swieq attivi	*–*	*–*
Livell 2: Inputs osservabbli għajr il-prezzijiet ikkwotati	*2*	*2*
Livell 3: It-tekniki ta' valwazzjoni b'inputs mhux ibbażati fuq data osservabbli tas-suq	*20*	*–*
Total	**22**	**2**

2.11.3. Obbligazzjonijiet tal-garanziji finanzjarji

Il-garanzija tal-FEIS fuq il-portafoll tad-dejn żburżjat mill-BEI skont it-tieqa ta' Innovazzjoni u Infrastruttura FEIS (IIW) hija kklassifikata bħala obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja. Fil-31 ta' Diċembru 2018, l-obbligazzjoni tal-garanzija finanzjarja tal-FEIS tammonta għal EUR żero, hekk kif id-dħul li jrid jiġi riċevut taħt il-garanzija jaqbeż it-telf mistenni (ara n-nota **4.1.1**).

2.12. PAGABBLI

Miljuni ta' EUR

	Ammont gross	Aġġusta-menti	Ammont Nett fil-31.12.2018	Ammont gross	Aġġusta-menti	Ammont Nett fil-31.12.2017
Talbiet ta' kost u fatturi riċevuti minn:						
Stati Membri:						
Il-FAEŻR u strumenti oħrajn ta' żvilupp rurali	*247*	*–*	*247*	*481*	*–*	*481*
FEŻR u FK	*10 761*	*(1 724)*	*9 037*	*12 602*	*(883)*	*11 719*
FSE	*5 195*	*(496)*	*4 699*	*4 183*	*(264)*	*3 919*
Oħrajn	*632*	*(75)*	*557*	*746*	*(280)*	*466*
Entitajiet pubbliċi u privati	*1 461*	*(179)*	*1 282*	*1 563*	*(144)*	*1 419*
Pretensjonijiet totali tal-kostijiet u l-fatturi riċevuti	**18 296**	**(2 475)**	**15 821**	**19 574**	**(1 571)**	**18 004**
FAEG	**14 772**	**Mhux applikabbli**	**14 772**	**11 534**	**Mhux applikabbli**	**11 534**
Ammonti pagabbli tar-riżorsi proprji	**769**	**Mhux applikabbli**	**769**	**8 836**	**Mhux applikabbli**	**8 836**
Ammonti pagabbli varji	**570**	**Mhux applikabbli**	**570**	**341**	**Mhux applikabbli**	**341**

Oħrajn	**294**	**Mhux applikabbli**	**294**	**333**	**Mhux applikabbli**	**333**
Total	**34 701**	**(2 475)**	**32 227**	**40 618**	**(1 571)**	**39 048**

L-ammonti pagabbli jinkludu l-fatturi u l-pretensjonijiet tal-ispejjeż riċevuti iżda li jkunu għadhom ma tħallsux sa tmiem is-sena. Huma jiġu rikonoxxuti inizjalment fil-mument tal-wasla tal-fatturi / pretensjonijiet tal-ispejjeż għall-ammonti mitluba. L-ammonti pagabbli sussegwentement jiġu aġġustati sabiex ikunu jirriflettu biss l-ammonti aċċettati wara r-reviżjoni tal-ispejjeż, u l-ammonti stmati li huma eliġibbli. L-ammonti stmati li mhumiex eliġibbli huma inklużi fil-kolonna "Aġġustamenti"; l-akbar ammonti jirrigwardaw l-azzjonijiet strutturali.

Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) applikabbli għall-Fondi Strutturali (il-FEŻR u l-FSE), għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) jipprevedi li l-baġit tal-UE huwa protett permezz ta' żamma sistematika ta' 10 % tal-pagamenti interim magħmula. Sa Frar wara t-tmiem tas-sena ta' kontabbiltà tas-CPR (1 ta' Lulju - 30 ta' Ġunju), iċ-ċiklu ta' kontroll huwa komplut kemm permezz ta' verifiki ta' ġestjoni mill-awtoritajiet ta' ġestjoni kif ukoll permezz ta' awditi mill-awtoritajiet tal-awditjar. Il-Kummissjoni teżamina d-dokumenti ta' assigurazzjoni u l-kontijiet ipprovduti mill-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri. Il-ħlas jew l-irkupru tal-bilanċ finali jsir biss wara li tiġi ffinalizzata din il-valutazzjoni u jiġu aċċettati l-kontijiet. L-ammont miżmum skont dan il-provvediment fi tmiem l-2018 kien jammonta għal EUR 5,7 biljun. Parti minn dan l-ammont (EUR 0,9 biljun) hija stmata bħala mhux eliġibbli abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fil-kontijiet tagħhom u hija inkluża wkoll fil-kolonna "Aġġustamenti". Il-komponent finali tal-aġġustamenti għall-ammonti pagabbli huwa rrappreżentat mill-ammonti li jikkorrispondu għal avvanzi oħrajn lill-Istati Membri (ara n-nota **2.5.2**) li għadhom iridu jitħallsu fi tmiem is-sena (EUR 0,8 biljun).

L-ammonti pagabbli li jikkonċernaw il-politika ta' koeżjoni (FEŻR, FK, FSE) raw tnaqqis li hu primarjament relatat mal-fatt li l-pretensjonijiet relatati mal-perjodu 2007-2013 naqsu b'mod sinifikanti għal EUR 3,5 biljun (2017: EUR 10 biljun), peress li l-Kummissjoni qed tivverifika l-pretensjonijiet tal-kostijiet finali sottomessi mill-Istati Membri. Fl-istess ħin, il-pretensjonijiet relatati mal-perjodu 2014-2020 żdiedu għal EUR 10 biljun (2017: EUR 5 biljun) wara l-progress ulterjuri fl-implimentazzjoni tal-programmi.

Iż-żieda fl-ammonti pagabbli tal-FAEG hija relatata mat-tqassim mill-ġdid tal-obbligazzjonijiet totali tal-FAEG bejn l-ammonti pagabbli u l-miżati dovuti. L-obbligazzjonijiet totali tal-FAEG għadhom relattivament stabbli għal EUR 44 159 miljun meta mqabbla mal-EUR 44 837 miljun tas-sena l-oħra. Madankollu, fl-2018 l-ammonti mitluba diġà koperti b'deċiżjoni dwar il-konformità (meqjusa bħala ammont pagabbli) huma ogħla milli kienu fl-2017.

Talbiet għal prefinanzjament

Minbarra l-ammonti speċifikati hawn fuq, fi tmiem l-2018 kienu rċevuti EUR 0,5 biljun f'talbiet għal prefinanzjament u dawn kienu għadhom ma tħallsux sa l-aħħar tas-sena. Skont ir-regoli kontabilistiċi tal-UE, dawn l-ammonti ma jiddaħħlux bħala ammonti pagabbli.

Ammonti Pagabbli tar-Riżorsi Proprji

L-ammonti pagabbli tar-riżorsi proprji jirreferu għall-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE li jridu jiġu rimborżati fi tmiem is-sena wara l-baġit emendatorju nru 6/2018 adottat fit-12 ta' Diċembru 2018. Il-baġits emendatorji jiġu implimentati skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament nru 609/2014. Skont din id-dispożizzjoni legali, l-ammonti li rriżultaw ġew irritornati lill-Istati Membri fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Jannar 2019. L-ammont sinifikanti fil-31 ta' Diċembru 2017 kien dovut għall-adozzjoni tal-baġit emendatorju nru 6/2017 fit-30 ta' Novembru 2017. Din is-sena l-baġit emendatorju primarjament wassal għal kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri (ara n-nota **2.6.1.1**).

2.13. IMPOSTI DOVUTI U INTROJTU DIFFERIT

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Imposti dovuti	*62 877*	*63 588*
Introjtu differit	*96*	*111*
Oħrajn	*213*	*203*
Total	**63 186**	**63 902**

L-imposti dovuti jitqassmu kif ġej:

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
FAEG	*29 387*	*33 303*
Il-FAEŻR u strumenti oħrajn ta' żvilupp rurali	*18 687*	*17 464*
Il-FEŻR u l-FK	*5 863*	*4 249*
FSE	*2 321*	*2 870*
Oħrajn	*6 619*	*5 702*
Total	**62 877**	**63 588**

L-akbar ċaqliq jikkonċerna l-agrikoltura (FAEG), għall-ispjegazzjoni ara n-nota **2.12**. Għall-politika ta' koeżjoni, iż-żieda għall-FEŻR u għall-FK hija dovuta għad-dovuti dejjem akbar għall-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti 2014-2020 hekk kif il-programmi jkomplu jiżviluppaw.

ASSI NETTI

2.14. RIŻERVI

Miljuni ta' EUR

	Nota	31.12.2018	31.12.2017
Riżerva ta' valur ġust	*2.14.1*	*231*	*278*
Riżerva tal-Fond ta' Garanzija	*2.14.2*	*2 849*	*2 663*
Riżervi oħrajn	*2.14.3*	*1 881*	*1 935*
Total		**4 961**	**4 876**

2.14.1. Riżerva ta' valur ġust

F'konformità mar-regoli dwar il-kontabbiltà tal-UE, l-aġġustament fil-valur ġust tal-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ jingħadd permezz tar-riżerva ta' valur ġust.

Ċaqliq tar-riżerva ta' valur ġust matul il-perjodu

Miljuni ta' EUR

	2018	2017
Inklużi fir-riżerva ta' valur ġust	*(70)*	*(8)*
Inklużi fir-rapport tal-introjtu	*23*	*6*
Total	**(47)**	**(2)**

2.14.2. Riżerva tal-Fond ta' Garanzija

Din ir-riżerva tirrifletti l-ammont fil-mira ta' 9 % mill-ammonti pendenti garantiti mill-baġit tal-UE taħt il-mandat ta' self estern tal-BEI, li jeħtieġ li jinżammu bħala assi fil-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni (ara n-nota **2.4.1**).

2.14.3. Riżervi oħrajn

L-ammont jirrigwarda primarjament ir-riżervi tal-KEFA f'likwidazzjoni (EUR 1 514 miljun) għall-assi tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, li nħolqu fil-kuntest tal-istralċ tal-KEFA.

2.15. AMMONTI LI JRIDU JIĠU EŻERĊITATI MILL-ISTATI MEMBRI

	Miljuni ta' EUR
Ammonti li għandhom jiġu eżerċitati mill-Istati Membri fil-31.12.2017	**75 234**
Ritorn tal-bilanċ pożittiv fil-baġit 2017 lill-Istati Membri	*556*
Ċaqliq fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija	*186*
Kejl mill-ġdid f'obbligazzjonijiet ta' benefiċċji tal-impjegati	*4 396*
Movimenti oħra fir-riżervi	*(30)*
Riżultat ekonomiku tas-sena	*(13 918)*
Ammonti totali li għandhom jiġu eżerċitati mill-Istati Membri fil-31.12.2018	**66 424**

Dan l-ammont jirrappreżenta dik il-parti mill-ispejjeż imġarrba mill-UE sal-31 ta' Diċembru li trid titħallas minn baġits futuri. Ħafna mill-ispejjeż huma rikonoxxuti skont ir-regoli dwar il-kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti fis-sena N, għalkemm effettivament jistgħu jitħallsu fis-sena N+1 (jew aktar tard) u, għalhekk, jiġu ffinanzjati billi jintuża l-baġit tas-sena N+1 (jew aktar tard). L-inklużjoni ta' dawn l-obbligazzjonijiet fil-kontijiet, flimkien mal-fatt li l-ammonti korrispondenti huma ffinanzjati minn baġits futuri, iwasslu sabiex ikun hemm ħafna aktar obbligazzjonijiet milli assi fi tmiem is-sena. L-aktar ammonti sinifikanti li għandhom jiġu enfasizzati jikkonċernaw l-attivitajiet tal-FAEG u obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati.

Għandu jiġi nnotat ukoll li dan ta' hawn fuq ma għandu ebda effett fuq ir-riżultat tal-baġit – id-dħul tal-baġit għandu dejjem ikun daqs jew akbar min-nefqa tal-baġit u kwalunkwe dħul eċċessiv jintradd lura lill-Istati Membri.

Il-kejl mill-ġdid fl-obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati huwa relatat mal-qligħ u t-telf attwarjali li jirriżultaw mill-valwazzjoni attwarjali ta' dawn l-obbligazzjonijiet. Mill-1 ta' Jannar 2018 hija applikabbli r-regola kontabilistika emendata tal-UE nru 12 (ibbażata fuq IPSAS 39) għall-benefiċċji tal-impjegati. Skont din ir-regola, il-qligħ u t-telf attwarjali huma ppreżentati bħala ċaqliq fl-assi netti minflok fid-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni finanzjarja.

3. NOTI GĦAR-RAPPORT TAL-INTROJTU

DĦUL

DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET MHUX TA' SKAMBJU RIŻORSI PROPRJI

3.1. RIŻORSI TAL-ING

Ir-riżorsi proprji huma l-element primarju tad-dħul operatorju tal-UE. Id-dħul tal-ING (introjtu nazzjonali gross) jammonta għal EUR 105 780 miljun għall-2018 (2017: EUR 78 620 miljun) u huwa l-aktar sinifikanti mit-tliet kategoriji ta' riżorsi proprji. Jiġi impost perċentwal uniformi fuq l-ING ta' kull Stat Membru. Id-dħul tal-ING jibbilanċja d-dħul u l-infiq, jiġifieri jiffinanzja l-parti mill-baġit li mhijiex koperta minn sorsi oħrajn ta' introjtu. Iż-żieda fid-dħul tal-ING hija spjegata prinċipalment miż-żieda tal-approprjazzjonijiet ta' pagament fl-2018 flimkien mas-surplus tal-baġit limitat mis-sena finanzjarja preċedenti (EUR 556 miljun; eskluż ir-riżultat tal-EFTA). Iż-żewġ elementi impattaw il-kontribuzzjonijiet tal-ING mitluba mill-Istati Membri fl-2018, billi din il-kontribuzzjoni hija figura saldatorja.

3.2. RIŻORSI PROPRJI TRADIZZJONALI

Miljuni ta' EUR

	2018	2017
Dazji doganali	*22 763*	*20 475*
Imposti fuq iz-zokkor	*4*	*45*
Total	**22 767**	**20 520**

Ir-Riżorsi proprji tradizzjonali jikkonsistu f'dazji doganali u imposti fuq iz-zokkor. L-Istati Membri jżommu, permezz tal-kostijiet tal-ġbir, 20 % tar-riżorsi proprji tradizzjonali, u l-ammonti ta' hawn fuq huma murija netti minn dan it-tnaqqis. Iż-żieda fid-dazji doganali primarjament tirreferi għad-dħul dovut tal-każ ta' ksur (ara n-nota **2.6.1.1**).

3.3. RIŻORSI MILL-VAT

Il-VAT hija definita bħala t-tieni tip ta' riżorsi proprji tal-Unjoni peress li dan it-tip ta' taxxa l-ewwel kellu jiġi armonizzat primarjament fil-livell tal-UE. Il-kontribuzzjoni tal-VAT hija kkalkolata billi tiġi applikata rata ta' ġbir uniformi ta' 0,3 % għall-bażi nazzjonali tal-VAT li ma tistax taqbeż il-50 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING) ta' kull Stat Membru. Għall-perjodu 2014–2020, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom, tipprevedi rata ta' ġbir imnaqqsa ta' 0,15 % għall-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja.

DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET MHUX TA’ SKAMBJU TRASFERIMENTI

3.4. MULTI

Dan id-dħul ta’ EUR 6 740 miljun (2017: EUR 4 664 miljun) jirrigwardja multi li l-Kummissjoni imponiet fuq il-kumpaniji għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE u multi li l-Kummissjoni imponiet fuq l-Istati Membri għal ksur tad-dritt tal-UE. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi d-dħul mill-multi meta tadotta d-deċiżjoni li timponi multa u tinnotifika uffiċjalment lid-destinatarju. L-ammonti tal-multi huma prinċipalment multi tal-kompetizzjoni (EUR 6 534 miljun). L-akbar każijiet jikkonċernaw ksur tar-regoli tal-UE dwar l-antitrust, jiġifieri multa imposta fuq Google għall-impożizzjoni ta’ restrizzjonijiet illegali fuq il-manifatturi ta’ apparati Android u fuq l-operaturi tan-netwerks mobbli (EUR 4 343 miljun) u multa imposta fuq Qualcomm talli abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq taċ-chipsets (EUR 997 miljun).

3.5. RKUPRU TA’ SPEJJEŻ

Miljuni ta’ EUR

	2018	2017
Ġestjoni kondiviża	*2 116*	*1 775*
Ġestjoni diretta	*65*	*81*
Ġestjoni indiretta	*34*	*23*
Total	**2 215**	**1 879**

Din l-intestatura tirrappreżenta prinċipalment l-ordnijiet ta’ rkupru maħruġa mill-Kummissjoni li jiġu msarrfa jew paċuti kontra (jiġifieri mnaqqsa minn) pagamenti sussegwenti rreġistrati fis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni, magħmula b’tali mod li tirkupra n-nefqa li kienet preċedentament imħallsa mill-baġit tal-UE. L-irkupri huma bbażati fuq kontrolli, awditi jew analiżi tal-eliġibbiltà u, għalhekk, dawn l-azzjonijiet huma kunsiderazzjoni importanti fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Dawn l-operazzjonijiet jipproteġu l-baġit tal-UE min-nefqa mġarrba bi ksur tal-liġi.

Ġew inklużi wkoll l-ordnijiet ta’ rkupru maħruġa mill-Istati Membri lill-benefiċjarji tan-nefqa tal-FAEG, kif ukoll il-varjazzjoni tal-estimi tal-introjtu dovut mit-tmiem is-sena preċedenti sa dik kurrenti.

L-ammonti inklużi fit-tabella ta’ hawn fuq jirrappreżentaw dħul li jsir permezz tal-ħruġ ta’ ordnijiet ta’ rkupru. Għal din ir-raġuni, dawn iċ-ċifri ma jistgħux juru l-firxa sħiħa tal-miżuri meħuda biex ikun protett il-baġit tal-UE, partikolarment għall-politika ta’ koeżjoni fejn hemm fis-seħħ mekkaniżmi speċifiċi sabiex jiżguraw il-korrezzjoni ta’ nefqa ineliġibbli, li ħafna minnha ma tinvolvix il-ħruġ ta’ ordni ta’ rkupru. Mhux inklużi huma l-ammonti rkuprati permezz ta’ tpaċija mal-ispejjeż, l-ammonti rkuprati permezz tal-irtirar u l-irkupri tal-ammonti ta’ prefinanzjament.

L-irkupri tal-ġestjoni kondiviża jifformaw il-biċċa l-kbira tat-total:

L-agrikoltura: il-FAEG u l-iżvilupp rurali

Fil-qafas tal-FAEG u tal-FAEŻR, l-ammonti kontabilizzati bħala dħul għas-sena taħt din l-intestatura huma korrezzjonijiet finanzjarji tas-sena u rimborżi ddikjarati mill-Istati Membri u rkuprati matul is-sena, kif ukoll iż-żieda netta fl-ammonti pendenti ddikjarati mill-Istati Membri li għandhom jiġu rkuprati fi tmiem is-sena fir-rigward ta’ frodi u irregolaritajiet.

Il-politika ta’ koeżjoni

L-ammonti ewlenin relatati mal-politika ta’ koeżjoni huma relatati mal-introjtu dovut ta’ EUR 1 146 miljun li l-Kummissjoni qed tistenna li se tirkupra mingħand l-Istati Membri. L-irkupru ser isir bħala riżultat tal-eżami u l-aċċettazzjoni tal-kontijiet annwali sottomessi mill-Istati Membri fil-15 ta’ Frar 2019. Din il-proċedura għall-aċċettazzjoni tal-kontijiet annwali tal-Istati Membri ġiet introdotta għall-ewwel darba fil-qasam tal-koeżjoni għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020.

3.6. DĦUL IEĦOR MINN TRANŻAZZJONIJIET MHUX TA' SKAMBJU

Miljuni ta' EUR

	2018	2017
Taxxi u kontribuzzjonijiet tal-persunal	*1 268*	*1 218*
Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi	*1 376*	*1 269*
Kontribuzzjonijiet minn Stati Membri għal għajnuna esterna	*594*	*988*
Trasferiment ta' assi	*85*	*208*
Aġġustament tal-provvedimenti	*100*	*29*
Imposti agrikoli	*4*	*4*
Aġġustamenti tal-baġit	*(726)*	*5 806*
Oħrajn	*612*	*854*
Total	**3 312**	**10 376**

Id-dħul mit-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tal-persunal hu relatat primarjament mat-tnaqqisiet mis-salarji tal-persunal. Il-kontribuzzjonijiet tal-irtirar u t-taxxa fuq l-introjtu jirrappreżentaw l-ammonti sostanzjali fi ħdan il-kategorija.

Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi huma kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi tal-EFTA u mill-pajjiżi tal-adeżjoni.

Kontribuzzjonijiet minn Stati Membri għal għajnuna esterna huma primarjament l-ammonti riċevuti sabiex tiġi stabbilita l-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija.

It-trasferiment ta' dħul mill-assi huwa relatat primarjament mat-trasferiment ta' satelliti taħt il-programm Copernicus mill-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) għall-Kummissjoni (ara n-nota **2.2**). Dan it-trasferiment huwa tranżazzjoni mhux ta' skambju skont ir-regoli tal-UE dwar il-kontabbiltà u jseħħ f'perjodi futuri għall-bqija tas-satelliti Copernicus li attwalment qegħdin jinbnew.

L-aġġustamenti baġitarji rriżultaw f'ammont negattiv peress li jinkludu surplus baġitarju konsiderevolment inqas mis-sena ta' qabel (EUR 555 miljun meta mqabbla ma' EUR 6,4 biljun fl-2017) u aġġustamenti għoljin fl-ING/VAT ta' EUR 1 292 miljun.

L-ammont ta' dħul ieħor fl-2018 minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju jinkludi ammont ta' EUR 100 miljun eżerċitat mill-FEŻ, li jirrappreżenta l-kontribuzzjoni tiegħu għall-baġit tal-UE għall-finijiet tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD stabbilit fl-2018 skont ir-Regolament (UE) 2017/1601. Ammonti sinifikanti oħra huma relatati mal-Finanzjament mill-KESE għar-Riċerka fil-Faħam u l-Azzar (EUR 64 miljun) u l-kontribuzzjonijiet minn entitajiet oħra (EUR 176 miljun).

DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET TA' SKAMBJU

3.7. DĦUL FINANZJARJU

Miljuni ta' EUR

	2018	2017
Imgħax fuq:		
Pagamenti tard	*1 458*	*217*
Self	*1 265*	*1 379*
Oħrajn	*68*	*41*
Primjum fuq l-obbligazzjoni tal-garanzija finanzjarja (FEIS)	*121*	*61*
Dividendi	*103*	*23*
Dħul finanzjarju minn assi jew obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit	*29*	*57*
Qligħ realizzat fuq assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	*23*	*38*
Oħrajn	*48*	*28*
Total	**3 115**	**1 845**

Id-dħul mill-imgħax fuq arretrati jirriżulta prinċipalment minn multi u kontribuzzjonijiet mir-riżorsi proprji dovuti u mhux imħallsa fil-ħin. Ammont ta' EUR 1,3 biljun huwa relatat mal-każijiet ta' riżorsi proprjimsemmija fin-nota **2.6.1.1**.

Id-dħul mill-imgħax fuq self huwa prinċipalment relatat ma' self mogħti għal assistenza finanzjarja (ara n-nota **2.4.3**).

3.8. DĦUL IEĦOR MINN TRANŻAZZJONIJIET TA' SKAMBJU

Miljuni ta' EUR

	2018	2017
Dħul mit-tariffi għall-għoti ta' servizzi (aġenziji)	*602*	*557*
Qligħ mir-rata tal-kambju	*329*	*281*
Dħul mit-tariffi u mill-primjums relatat mal-istrumenti finanzjarji	*54*	*51*
Sehem mir-riżultat nett tal-FEI	*37*	*21*
Bejgħ ta' prodotti	*33*	*42*
Dħul relatati ma' assi fissi	*27*	*43*
Oħrajn	*297*	*338*
Total	**1 379**	**1 332**

Id-dħul mit-tariffi għall-għoti ta' servizzi jinkludi prinċipalment it-tariffi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mitluba mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u t-tariffi tal-marka kummerċjali miġbura mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea.

SPEJJEŻ

3.9. ĠESTJONI KONDIVIŻA

Miljuni ta' EUR

Implimentati mill-Istati Membri	2018	2017
Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija	*43 527*	*44 289*
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u strumenti oħrajn tal-iżvilupp rurali	*13 149*	*11 359*
Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni	*30 230*	*17 650*
Fond Soċjali Ewropew	*11 935*	*7 353*
Oħrajn	*2 826*	*1 253*
Total	**101 666**	**81 905**

L-akbar żieda tikkonċerna l-politika ta' koeżjoni (FEŻR, FK u FSE) u primarjament hi relatata mal-ispejjeż iddikjarati matul is-sena li tħallsu jew intużaw għall-approvazzjoni tal-prefinanzjament. Filwaqt li kien hemm tnaqqis fl-ispejjeż għall-perjodu 2007-2013 (fażi ta' għeluq), l-implimentazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti 2014-2020 żdiedet b'mod sinifikanti fl-2018. L-istess jgħodd għall-FAEŻR u strumenti oħrajn tal-iżvilupp rurali.

Spejjeż oħrajn jinkludu prinċipalment: L-Asil u l-Migrazzjoni (EUR 0,6 biljun), il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (EUR 0,4 biljun), il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (EUR 0,9 biljun) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (EUR 0,6 biljun). Iż-żieda mqabbla mas-sena l-oħra primarjament hija relatata mal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

3.10. ĠESTJONI DIRETTA

Miljuni ta' EUR

	2018	2017
Implimentati mill-Kummissjoni	*8 120*	*8 831*
Implimentati minn Aġenziji Eżekuttivi tal-UE	*8 964*	*6 699*
Implimentati minn Fondi fiduċjarji	*468*	*208*
Total	**17 551**	**15 738**

Dawn l-ammonti jikkonċernaw prinċipalment l-implimentazzjoni tal-Politika dwar ir-Riċerka (EUR 7,3 biljun), il-Programmi tan-Netwerks (EUR 2,7 biljun), l-Istrumenti ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (EUR 1,4 biljun), il-Politika Ewropea tal-Viċinat (EUR 1,1 biljun).

Iż-żieda fl-ispejjeż tal-ġestjoni diretta implimentati mill-aġenziji Eżekuttivi tal-UE primarjament (EUR 1,7 biljun) tirreferi għall-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA) b'mod partikolari l-parti tat-trasport tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE). Il-FNE għat-trasport hija l-istrument ta' finanzjament għall-implimentazzjoni tal-politika Ewropea dwar l-infrastruttura tat-trasport u għandha l-għan li tibni jew taġġorna/tagħti ħajja ġdida lill-infrastruttura tat-trasport fl-Ewropa.

3.11. ĠESTJONI INDIRETTA

Miljuni ta' EUR

	2018	2017
Implimentati minn aġenziji u korpi oħra tal-UE	*3 396*	*2 667*
Implimentati minn pajjiżi terzi	*679*	*1 101*
Implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali	*3 337*	*3 014*
Implimentati minn entitajiet oħrajn	*3 569*	*1 478*
Total	**10 981**	**8 260**

Mill-ispejjeż tal-ġestjoni indiretta, EUR 4,2 biljun huma relatati ma' azzjonijiet esterni (prinċipalment l-oqsma ta' qabel l-adeżjoni, l-għajnuna umanitarja, il-kooperazzjoni internazzjonali u l-viċinat). EUR 6 biljun oħra huma relatati maż-żieda fil-kompetittività tal-Ewropa (f'oqsma bħar-riċerka, is-sistemi tan-navigazzjoni bis-satellita u l-edukazzjoni).

3.12. KOSTIJIET TAL-PERSUNAL U TAL-PENSJONIJIET

Miljuni ta' EUR

	2018	2017
Il-kostijiet tal-persunal	*6 454*	*6 193*
Il-kostijiet tal-pensjonijiet	*4 476*	*3 808*
Total	**10 929**	**10 002**

Il-kostijiet tal-pensjonijiet jirrappreżentaw elementi tal-movimenti li nqalgħu wara r-rivalwazzjoni attwarjali tal-obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati minbarra s-suppożizzjonijiet attwarjali. Għalhekk, huma ma jirrappreżentawx il-pagamenti tal-pensjoni attwali tas-sena, li huma ferm aktar baxxi.

3.13. BIDLIET FIS-SUPPOŻIZZJONIJIET ATTWARJALI TAL-BENEFIĊĊJI TAL-IMPJEGATI

Mill-1 ta' Jannar 2018 hija applikabbli r-regola kontabilistika emendata tal-UE nru 12 (ibbażata fuq IPSAS 39) għall-benefiċċji tal-impjegati. Skont din ir-regola, il-qligħ u t-telf attwarjali ("kejl mill-ġdid fl-obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati) huma ppreżentati bħala ċaqliq fl-assi netti minflok fid-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni finanzjarja. Ir-regola kontabilistika l-ġdida ma tħallix impatt fuq l-istima ta' dawn l-ammonti.

3.14. KOSTIJIET TAL-FINANZJAMENT

Miljuni ta' EUR

	2018	2017
Spejjeż tal-imgħax:		
Teħid b'self	*1 260*	*1 373*
Oħrajn	*26*	*22*
Telf minn indeboliment ta' self u riċevibbli	*126*	*324*
Telf fuq assi jew obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit	*95*	*12*
Kirjiet finanzjarji	*73*	*81*
Telf minn indeboliment fuq assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	*25*	*39*
Telf realizzat fuq assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	*21*	*2*
Oħrajn	*50*	*42*

Total	**1 677**	**1 896**

L-ammont ta' spejjeż tal-imgħax fuq teħid b'self jikkorrispondi prinċipalment għal dħul mill-imgħax fuq self għal assistenza finanzjarja (tranżazzjonijiet spalla ma' spalla).

3.15. SPEJJEŻ OĦRAJN

Miljuni ta' EUR

	2018	2017
Spejjeż amministrattivi u tal-IT	*2 313*	*2 521*
Spejjeż relatati ma' assi fissi	*1 608*	*1 423*
Aġġustament tal-provvedimenti	*923*	*1 377*
Telf mir-rata tal-kambju	*341*	*446*
Impenji ta' lokazzjonijiet operatorji	*424*	*414*
Tnaqqis ta' multi mill-Qorti tal-Ġustizzja	*1*	*67*
Oħrajn	*598*	*509*
Total	**6 208**	**6 756**

Spejjeż relatati mar-riċerka u l-iżvilupp huma inklużi fl-ispejjeż amministrattivi u dawk tal-IT u huma kif ġej:

Miljuni ta' EUR

	2018	2017
Kostijiet tar-riċerka	*385*	*376*
Kostijiet tal-iżvilupp mhux kapitalizzati	*106*	*81*
Total	**491**	**456**

3.16. RAPPORTAR FUQ IS-SEGMENT SKONT L-INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI (QFP)

Miljuni ta' EUR

	Tkabbir inklużiv u intelliġenti	It-tkabbir sostenibbli	Is-sigurtà u ċ-ċittadinanza	Ewropa Globali	Amministrazzjoni	Mhux assenjat għall-intestatura tal-QFP*	Total
Riżorsi mill-ING	–	–	–	–	–	*105 780*	*105 780*
Riżorsi proprji tradizzjonali	–	–	–	–	–	*22 767*	*22 767*
VAT	–	–	–	–	–	*17 624*	*17 624*
Multi	–	–	–	–	–	*6 740*	*6 740*
L-irkupru tal-ispejjeż	*1 395*	*777*	*6*	*35*	*0*	*2*	*2 215*
Oħrajn	*1 223*	*48*	*109*	*228*	*5 077*	*(3 374)*	*3 312*
Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju	**2 619**	**825**	**115**	**262**	**5 077**	**149 540**	**158 438**
Dħul finanzjarju	*282*	*0*	*0*	*16*	*0*	*2 816*	*3 115*
Oħrajn	*170*	*(14)*	*(8)*	*6*	*337*	*887*	*1 379*
Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju	**453**	**(13)**	**(8)**	**23**	**337**	**3 703**	**4 494**
Dħul totali	**3 072**	**812**	**107**	**285**	**5 414**	**153 243**	**162 932**
Spejjeż implimentati mill-Istati Membri:							
FAEG	–	*(43 527)*	–	–	–	–	*(43 527)*
Il-FAEŻR u strumenti oħrajn ta' żvilupp rurali	–	*(13 149)*	–	–	–	–	*(13 149)*
FEŻR u FK	*(30 230)*	–	–	–	–	–	*(30 230)*
FSE	*(11 935)*	–	–	–	–	–	*(11 935)*
Oħrajn	*(437)*	*(596)*	*(1 762)*	*(31)*	–	–	*(2 826)*
Implimentati mill-KE u minn aġenziji eżekuttivi u fondi fiduċjarji	*(11 565)*	*(571)*	*(930)*	*(4 496)*	*(13)*	*24*	*(17 551)*
Implimentati minn aġenziji u korpi oħrajn tal-UE	*(2 767)*	*2*	*(810)*	*(48)*	–	*226*	*(3 396)*
Implimentati minn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali	*(505)*	*(74)*	*(202)*	*(3 236)*	*(0)*	–	*(4 016)*
Implimentati minn entitajiet oħrajn	*(2 696)*	*(0)*	*2*	*(875)*	*(0)*	–	*(3 569)*
Il-kostijiet tal-persunal u tal-pensjonijiet	*(1 675)*	*(369)*	*(447)*	*(699)*	*(6 697)*	*(1 043)*	*(10 929)*
Bidliet fis-suppożizzjonijiet attwarjali tal-benefiċċji tal-impjegati	–	–	–	–	–	–	–
Kostijiet tal-finanzjament	*(149)*	*(22)*	*(0)*	*(16)*	*(93)*	*(1 397)*	*(1 677)*
Spejjeż oħrajn	*(1 945)*	*(313)*	*(137)*	*(109)*	*(3 231)*	*(472)*	*(6 208)*
Spejjeż totali	**(63 903)**	**(58 620)**	**(4 287)**	**(9 510)**	**(10 034)**	**(2 661)**	**(149 014)**
Riżultat ekonomiku tas-sena	**(60 831)**	**(57 808)**	**(4 180)**	**(9 225)**	**(4 620)**	**150 581**	**13 918**

* *"Mhux assenjat għal intestatura tal-QFP" tinkludi l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-entitajiet konsolidati u l-eliminazzjonijiet ta' konsolidazzjoni, l-operazzjonijiet barra mill-baġit u l-programmi mhux allokati b'ammonti individwalment immaterjali.*

Il-wiri tad-dħul u tal-ispejjeż skont l-intestatura tal-QFP huwa bbażat fuq stima minħabba li mhux l-impenji kollha huma marbuta ma' intestatura tal-QFP.

4. OBBLIGAZZJONIJIET U ASSI KONTINĠENTI

4.1. OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI

L-obbligazzjonijiet kontinġenti huma obbligi ta' ħlas futuri possibbli għall-UE li jistgħu jinqalgħu minħabba avvenimenti li seħħew fil-passat jew impenji legalment vinkolanti meħuda, iżda li jiddependu fuq avvenimenti futuri li mhumiex kompletament taħt il-kontroll tal-UE. Huma jirrigwardjaw prinċipalment il-garanziji finanzjarji mogħtija (fuq self u programmi ta' assistenza finanzjarja) u r-riskji legali. L-obbligazzjonijiet kontinġenti kollha, għajr dawk li jirrigwardjaw il-multi u l-garanziji koperti mill-fondi (ara n-nota **2.4.1**), jiġu ffinanzjati, jekk ikunu dovuti, mill-baġit tal-UE (u b'hekk mill-Istati Membri tal-UE) fis-snin li ġejjin.

4.1.1. Garanziji baġitarji

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018			31.12.2017		
	Limitu Massimu	Iffirmati	Żborżati	Limitu Massimu	Iffirmati	Żborżati
Garanziji tal-mandat ta' self estern tal-BEI	*40 417*	*30 889*	*20 510*	*37 479*	*28 950*	*19 972*
Garanziji tal-FEIS	*25 898*	*19 842*	*15 764*	*16 000*	*13 473*	*10 128*
Total	**66 315**	**50 731**	**36 273**	**53 479**	**42 423**	**30 100**

It-tabella ta' hawn fuq turi l-firxa tal-iskopertura tal-baġit tal-UE għall-pagamenti futuri possibbli marbuta mal-garanziji mogħtija lill-grupp tal-BEI. L-ammonti żborżati jirrappreżentaw l-ammonti diġà mogħtija lill-benefiċjarji finali, filwaqt li l-ammonti ffirmati jinkludu dawn il-flejjes żborżati flimkien mal-ftehimiet diġà ffirmati mal-benefiċjarji jew l-intermedjarji finanzjarji, iżda li għadhom ma ġewx żborżati. Il-limitu massimu jirrappreżenta l-garanzija totali li l-baġit tal-UE u, b'hekk, l-Istati Membri tal-istess UE, impenjaw ruħhom li jkopru.

Garanziji tal-mandat ta' self estern tal-BEI

Il-baġit tal-UE jiggarantixxi s-self iffirmat u mogħti mill-BEI mir-riżorsi proprji tal-BEI lil pajjiżi terzi. Fil-31 ta' Diċembru 2018, l-ammont ta' self pendenti u kopert mill-garanzija tal-UE kien jammonta għal total ta' EUR 20 510 miljun (2017: EUR 19 972 miljun). Il-garanziji tal-baġit tal-UE:

- EUR 19 360 miljun (2017: EUR 18 583 miljun) permezz tal-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni (ara n-nota **2.4.1**), u

- EUR 1 150 miljun (2017: EUR 1 389 miljun) direttament għas-self mogħti lill-Istati Membri qabel l-adeżjoni.

Minbarra l-EUR 20 510 miljun divulgati hawn fuq bħala li ġew żborżati, l-UE tiggarantixxi EUR 210 miljun oħrajn ta' self pendenti lis-Sirja, li għalihom saru provvedimenti.

Il-garanzija tal-mandat ta' self estern tal-UE li tirrigwardja s-self mogħti mill-BEI hija limitata għal 65 % tal-bilanċi pendenti għall-ftehimiet iffirmati wara l-2007 (il-mandati 2007-2013 u 2014-2020). Għall-ftehimiet ta' qabel l-2007, il-garanzija tal-UE hija limitata għal perċentwal tal-limitu massimu tal-linji ta' kreditu awtorizzati, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet 65 %, iżda wkoll 70 %, 75 % jew saħansitra 100 %. Meta l-limitu massimu ma jintlaħaqx, il-garanzija tal-UE tkopri l-ammont sħiħ.

Madankollu, sabiex jiddivulga l-iskopertura massima ffaċċjata mill-UE fil-31 ta' Diċembru 2018, wieħed irid jinkludi wkoll is-self awtorizzat sabiex jiġi ffirmat, iżda li fil-fatt għadu ma ġiex iffirmat (EUR 9 528 miljun), u s-self iffirmat iżda li għadu ma ġiex żborżat (EUR 10 379 miljun).

F'Marzu 2018 id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill li tippermetti għal żieda fil-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI taħt il-garanzija tal-

UE. Il-ftehim ta' garanzija mal-BEI ġie emendat kif xieraq, u dan wassal għal żieda fl-iskopertura massima tal-UE bi EUR 3,4 biljun fl-2018.

Il-garanzija tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS)

Il-FEIS huwa inizjattiva li għandha l-għan li żżid il-kapaċità tal-Grupp tal-BEI li jġorr ir-riskju billi tippermetti lill-BEI jestendi l-investimenti tiegħu fl-UE. L-objettiv tal-FEIS huwa li jappoġġa investimenti addizzjonali fl-UE u l-aċċess għall-finanzjament għal kumpaniji żgħar. Il-FEIS mhuwiex entità legali separata jew fond ta' investiment fis-sens strett. Ir-riżerva tar-riskju tal-FEIS toffri protezzjoni lill-BEI kontra telf potenzjali għall-operazzjonijiet sottostanti. Hija magħmula minn allokazzjoni gradwali ta' mill-inqas EUR 7,5 biljun mill-kapital proprju tal-BEI u garanzija baġitarja tal-UE ta' mhux aktar minn EUR 26 biljun ("garanzija tal-FEIS tal-UE"). Il-garanzija tal-UE tal-FEIS tingħata lill-BEI skont ftehim bejn l-UE u l-BEI, minn hawn' il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim dwar il-FEIS". Il-Ftehim dwar il-FEIS ġie emendat fl-2018, b'tali mod li jirrifletti ż-żieda fil-limitu massimu tal-garanzija tal-FEIS tal-UE ta' EUR 26 biljun b'mod allinjat mar-Regolament emendat dwar il-FEIS (ir-Regolament UE 2017/2396).

L-operazzjonijiet tal-FEIS isiru f'żewġ twieqi: it-tieqa għall-Infrastruttura u l-Innovazzjoni (Infrastructure and Innovation Window, IIW) implimentata mill-BEI (garanzija tal-UE tal-FEIS ta' EUR 19,5-il biljun) u t-Tieqa tal-SMEs (SME Window, SMEW) implimentata mill-FEI (garanzija tal-UE tal-FEIS ta' EUR 6,5 biljun), li t-tnejn li huma għandhom portafoll tad-dejn u portafoll tal-ekwità. Il-FEI jaġixxi skont ftehim mal-BEI abbażi ta' garanzija tal-BEI li hija kontrogarantita mill-Garanzija tal-UE tal-FEIS skont il-Ftehim dwar il-FEIS.

L-UE u l-BEI għandhom irwoli distinti fi ħdan il-FEIS. Il-FEIS huwa stabbilit fil-BEI li jiffinanzja l-operazzjonijiet (investimenti ta' dejn u ta' ekwità) u, biex jagħmel dan, jissellef il-fondi neċessarji fuq is-swieq kapitali. Fir-rigward tal-IIW, il-BEI jieħu d-deċiżjonijiet ta' investiment b'mod indipendenti u jiġġestixxi l-operazzjonijiet f'konformità mar-regoli u l-proċeduri tiegħu. L-istess japplika għall-operazzjonijiet tal-SMEW ġestiti mill-FEI.

Sabiex jiġi żgurat li l-investimenti magħmula permezz tal-FEIS jibqgħu ffukati fuq l-għan speċifiku li jindirizzaw il-fallimenti tas-suq li jfixklu l-investiment fl-UE u li huma jkunu eliġibbli għall-protezzjoni tal-garanzija tal-UE, twaqqfet struttura ddedikata ta' governanza. Il-Kumitat tal-Investiment ta' esperti indipendenti jeżamina kull proġett propost mill-BEI skont l-IIW rigward l-eliġibbiltà tiegħu għall-kopertura tal-garanzija tal-UE. Ladarba operazzjoni tiġi kkonfermata li hija eliġibbli bħala operazzjoni garantita tal-FEIS, id-deċiżjoni li jitkomplew il-proġett u l-ġestjoni tiegħu mbagħad tkun soġġetta għaċ-ċiklu tal-proġett u l-proċess ta' governanza normali tal-BEI. Fir-rigward tal-SMEW, ir-rwol tal-Kumitat tal-Investiment huwa limitat għall-konsultazzjoni dwar id-deskrizzjoni tal-Prodotti tal-SMEW, li qed jiġu approvati mill-Bord ta' Tmexxija tal-FEIS u mid-Direttur Maniġerjali tal-FEIS. Il-FEIS huwa ssorveljat ukoll minn bord tat-tmexxija msawwar minn ħames membri, li tlieta minnhom huma maħtura mill-Kummissjoni, wieħed mill-BEI u membru wieħed mingħajr vot mill-Parlament Ewropew. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'kunsens, u - jekk il-kunsens ma jkunx jista' jinkiseb - bil-votazzjoni unanima fost il-membri tiegħu li jivvotaw. Il-bord ta' tmexxija tal-FEIS ma jiħux deċiżjonijiet ta' investiment.

Ir-rwol tal-UE huwa marbut mal-forniment tal-garanzija tal-baġit tal-UE għal parti mit-telf potenzjali li l-BEI jista' jsofri mill-investimenti tiegħu fl-istrumenti ta' dejn u ekwità. Konsegwentement, l-UE ma tintervjenix fl-għażla u l-ġestjoni tal-operazzjonijiet tal-FEIS, ma tinvestix flus fl-operazzjonijiet tal-FEIS u mhijiex parti kuntrattwali diretta għall-istrumenti sottostanti. Peress li l-kriterji ta' kontroll u r-rekwiżiti ta' kontabilità għal konsolidazzjoni skont ir-regoli tal-UE dwar il-kontabilità (u l-IPSAS) mhumiex issodisfati, l-assi garantiti relatati mhumiex kontabilizzati fil-kontijiet annwali konsolidati tal-UE.

Il-garanzija tal-UE mogħtija lill-Grupp tal-BEI skont il-FEIS, skont ir-regoli tal-UE dwar il-kontabbiltà, kontabilizzata bħala garanzija finanzjarja fir-rigward tal-portafoll tad-dejn tal-IIW, bħala provvediment finanzjarju għall-portafoll tad-dejn tal-SMEW u bħala derivattiv (assi finanzjarju jew obbligazzjoni bil-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit) għaż-żewġ portafolli tal-ekwità. Barra minn hekk, obbligazzjoni kontinġenti relatata mal-garanzija mogħtija tal-FEIS tingħata f'din in-nota.

Skont il-portafoll tad-dejn IIW tal-FEIS, il-garanzija tal-UE tkopri l-ewwel biċċa telf ta' portafoll tal-operazzjonijiet ta' finanzjament li jkun daħal għalihom il-BEI, li huma prinċipalment is-self u l-garanziji standard. Il-garanzija tal-UE tiġi eżerċitata meta d-debitur jonqos milli jagħmel pagament meta jkun dovut jew fil-każ ta' ristrutturar ta' dejn. Il-garanzija tal-UE hija rimunerata fi proporzjon mar-riskju meħud mill-UE u dan iseħħ fil-forma ta' distribuzzjoni, bejn il-BEI u l-UE, tad-dħul relatat mar-riskju riċevut mill-BEI mill-operazzjonijiet garantiti. Id-dħul tal-UE għandu l-ewwel ikopri t-telf imġarrab fuq l-operazzjonijiet garantiti. Għalhekk, il-garanzija tal-UE titqies bħala obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja u titkejjel, mar-rikonoxximent inizjali, abbażi tal-valur ġust, li huwa l-valur nett preżenti tal-primjums riċevibbli (id-dħul tal-UE). F'dati sussegwenti tal-karta bilanċjali, l-obbligazzjoni tal-garanzija finanzjarja

titkejjel fl-ogħla mit-telf mistenni u l-ammont inizjalment rikonoxxut, li minnu jitnaqqas, meta jkun xieraq, l-amortizzament akkumulat tad-dħul. L-obbligazzjoni tal-garanzija finanzjarja hija ppreżentata netta mid-dħul tal-UE li għad irid jiġi riċevut – żero fil-31 ta' Diċembru 2018 (2017: żero) – ara n-nota **2.11.3**.

Skont il-portafoll ta' ekwità tal-IIW tal-FEIS, li jikkonsisti f'parteċipazzjonijiet ta' ekwità diretta jew kważi ekwità jew self subordinat, il-BEI jinvesti pari passu għar-riskju tiegħu stess, kif ukoll għar-riskju tal-UE. Konsegwentement, il-garanzija tal-UE tkopri - għall-parti tal-investimenti ta' ekwità garantiti mill-UE - l-aġġustamenti tal-valur negattiv (telf mhux realizzat) f'kull data tal-karta bilanċjali, it-telf realizzat fl-iżvestiment u l-kostijiet tal-finanzjament tal-BEI. F'każijiet fejn il-valur ta' investiment, li qabel kien soġġett għal aġġustament b'valur negattiv, jiżdied fid-dati tar-rapportar sussegwenti, l-ammont sal-kost oriġinali tal-investiment jiġi rrimborżat mill-BEI lill-UE. Fiż-żmien tad-diżinvestiment, l-UE hija intitolata wkoll għal qligħ fuq l-investiment li jaqbeż il-kost oriġinali. Il-garanzija tal-UE tiġi rimunerata mid-dħul riċevut mill-BEI mill-operazzjonijiet garantiti, inklużi l-imgħaxijiet, id-dividendi u l-qligħ realizzat. Is-saldu bejn l-UE u l-BEI jseħħ kull sena wara li jitnaqqsu t-telf u d-dħul.

Taħt il-portafoll tal-ekwità SMEW tal-FEIS, l-UE tiggarantixxi investimenti ta' ekwità f'kapital ta' riskju u fondi ta' ekwità privata, iffinanzjati mill-BEI u oriġinati u ġestiti mill-FEI. Il-garanzija tal-UE hija pprovduta fuq bażi ta' portafoll għal żewġ portafolli: sub-window 1 u sub-window 2. Il-garanzija tal-FEIS hija eżerċitata biex tkopri l-indeboliment u t-telf realizzat mill-investimenti garantiti u l-kostijiet ta' finanzjament tal-BEI. L-UE hija intitolata għar-rimunerazzjoni għar-riskju meħud fil-forma ta' dividendi u qligħ realizzat mill-operazzjonijiet ta' ekwità garantiti. Taħt is-subqasam 2, il-programm Orizzont 2020 tal-UE wkoll parzjalment jinvesti fl-istess portafoll ta' ekwità (l-investiment H2020 iffinanzjat mill-UE huwa kontabilizzat bħala assi finanzjarju disponibbli għall-bejgħ fil-kontijiet tal-UE) u jġorr l-ewwel telf mill-investimenti, filwaqt li aktar telf huwa kopert mill-Garanzija tal-UE u mill-FEI.

Il-garanzija tal-FEIS fuq il-portafoll ta' ekwità tal-FEIS hija kklassifikata bħala strument finanzjarju derivattiv u hija kkontabilizzata bħala assi finanzjarju jew obbligazzjoni finanzjarja fil-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit. Fil-31 ta' Diċembru 2018, il-valur ġust tal-garanzija tal-FEIS tal-UE fuq il-portafoll tal-ekwità tal-FEIS kien jammonta għal EUR 14-il miljun (2017: EUR 16-il miljun) – ara n-nota **2.4.2**.

L-obbligazzjoni kontinġenti msemmija hawn fuq tinkludi operazzjonijiet tal-programmi COSME, H2020, CCS u EaSI għall-parti koperta mill-garanzija tal-UE tal-FEIS taħt il-portafoll tad-dejn tal-SMEW.

Il-pagamenti ta' garanzija tal-UE jsiru mill-Fond ta' Garanzija tal-FEIS – ara n-nota **2.4.1**. Fi tmiem l-2018, l-assi tal-fond ta' garanzija kienu jammontaw għal total ta' EUR 5 452 biljun (2017: EUR 3 504 biljun), filwaqt li EUR 2 688 biljun oħrajn (2017: EUR 2 633 biljun) ġew impenjati iżda għadhom ma tħallsux u huma inklużi fl-ammont iddivulgat bħala RAL fin-nota **5.1**. Matul l-2018, EUR 61 miljun f'garanziji eżerċitati tħallsu mill-Fond ta' Garanzija tal-FEIS.

4.1.2. Garanziji relatati mal-assistenza finanzjarja (l-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self)

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018			31.12.2017		
	Miġbuda	Mhux miġbuda	Total	Miġbuda	Mhux miġbuda	Total
EFSM	*47 400*	*–*	*47 400*	*47 456*	*–*	*47 456*
BTP	*1 734*	*–*	*1 734*	*3 114*	*–*	*3 114*
AMF	*4 388*	*980*	*5 368*	*3 924*	*460*	*4 384*
Euratom	*254*	*200*	*454*	*250*	*250*	*500*
Total	**53 775**	**1 180**	**54 955**	**54 744**	**710**	**55 454**

Il-baġit tal-UE jiggarantixxi s-self tal-Kummissjoni meħud biex jiffinanzja s-self lil Stati Membri u pajjiżi li mhumiex Stati Membri fit-tranżazzjonijiet dahar ma' dahar. Dan it-teħid b'self huwa diġà rikonoxxut bħala obbligazzjonijiet fuq il-karta bilanċjali tal-UE - ara n-nota **2.11.1**. Madankollu, jekk ikun hemm inadempjenza fuq is-self dahar ma' dahar mogħti b'dan is-self, il-baġit tal-UE, ibbażat fuq l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill 609/2014, ikollu jħallas l-ispiża sħiħa tal-ammont inadempjenti:

- It-teħid b'self relatat mas-self żborżat skont l-EFSM huwa garantit biss mill-baġit tal-UE;
- It-teħid b'self relatat mas-self tal-BOP huwa garantit biss mill-baġit tal-UE;

- Is-self tal-AMF l-ewwel jiġi garantit mill-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni (ara n-nota **2.4.1**) u mbagħad mill-baġit tal-UE; u

- Il-garanziji minn partijiet terzi huma l-ewwel kopertura għall-ammonti kollha tas-self pendenti tal-Euratom. Il-Fond ta' Garanzija jkopri l-ammonti ta' self estern jekk il-garanziji ta' parti terza ma jipprovdux għalihom.

Is-self tal-KEFA f'Likwidazzjoni li jingħata fuq fondi missellfa mhuwiex kopert minn garanzija baġitarja tal-UE. Minflok, dawn huma koperti minn assi finanzjarji tal-KEFA f'Likwidazzjoni – ara n-nota **2.4.1**.

4.1.3. Garanziji mogħtija għall-istrumenti finanzjarji tal-UE

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Orizzont 2020	*1 467*	*1 297*
Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji	*642*	*654*
Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa	*579*	*490*
Oħrajn	*29*	*32*
Total	**2 717**	**2 473**

Kif issemma fl-Artikolu 210(1) tar-RF, in-nefqa baġitarja marbuta ma' strument finanzjarju u l-obbligazzjoni finanzjarja tal-UE fl-ebda każ ma għandhom jaqbżu l-ammont tal-impenn baġitarju rilevanti magħmul għalih, sabiex b'hekk jiġu esklużi l-obbligazzjonijiet kontinġenti għall-baġit. Fil-prattika, dan ifisser li dawn l-obbligazzjonijiet għandhom kontroparti fuq in-naħa tal-assi tal-karta bilanċjali jew huma koperti mill-impenji baġitarji pendenti li għadhom ma ntefqux. L-obbligazzjonijiet kontinġenti ta' hawn fuq huma murija netti mill-provvedimenti finanzjarji magħmula għal dawn l-istrumenti - ara n-nota **2.10**.

4.1.4. Kawżi legali

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Multi	*3 187*	*3 242*
Agrikoltura	*653*	*1 737*
Il-koeżjoni	*26*	*3*
Oħrajn	*1 867*	*481*
Total	**5 732**	**5 463**

Multi

Dawn l-ammonti jikkonċernaw primarjament multi imposti mill-Kummissjoni għal ksur ta' regoli ta' kompetizzjoni li tħallsu provviżorjament minn kumpaniji mmultati u fejn jew ikun ġie ppreżentat appell jew fejn ma jkunx magħruf jekk ikunx se jsir appell. L-obbligazzjoni kontinġenti tinżamm sakemm deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-każ issir finali jew sakemm jiskadi l-perjodu għall-appell. L-imgħax miksub fuq pagamenti provviżorji huwa inkluż fir-riżultat ekonomiku tas-sena, kif ukoll bħala obbligazzjoni kontinġenti biex tkun riflessa l-inċertezza tat-titolu tal-Kummissjoni għal dawn l-ammonti.

Jekk l-UE titlef xi wieħed minn dawn il-każijiet relatati mal-multi imposti, l-ammonti li ġew riċevuti b'mod provviżorju jiġu ritornati lill-kumpaniji. L-ammont ta' multi jiġi rikonoxxut biss bħala dħul tal-baġit meta l-multi jkunu definittivi (l-Artikolu 107 RF).

Agrikoltura

Dawn huma obbligazzjonijiet kontinġenti lejn l-Istati Membri konnessi mad-deċiżjonijiet ta' konformità tal-FAEG, l-iżvilupp rurali u l-korrezzjonijiet finanzjarji ta' qabel l-adeżjoni li għadha ma nqatgħetx sentenza dwarhom mill-Qorti tal-Ġustizzja. Id-determinazzjoni tal-ammont finali tal-obbligazzjoni u s-sena li fiha l-effett ta' appell li jirnexxi jkun attribwit lill-baġit jiddependu fuq it-tul tal-proċedura quddiem il-Qorti.

Il-koeżjoni

Dawn huma obbligazzjonijiet kontinġenti lejn l-Istati Membri b'rabta ma' azzjonijiet skont il-politika ta' koeżjoni li qegħdin jistennew id-data tas-smigħ orali jew sakemm ikun hemm sentenza pendenti tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Kawżi legali oħrajn

Din l-intestatura tirrigwardja l-azzjonijiet għad-danni li fil-preżent qed jinġiebu kontra l-UE, tilwimiet legali oħrajn u l-ispejjeż legali stmati. Għandu jiġi osservat li f'azzjoni għad-danni skont l-Artikolu 340 TFUE, l-applikant irid juri ksur serju biżżejjed, mill-istituzzjoni, ta' regola tal-liġi maħsuba sabiex tagħti drittijiet lill-individwi, dannu reali mġarrab mill-applikant u rabta kawżali diretta bejn l-att illegali u d-dannu. L-ammont għall-2018 jikkonċerna primarjament talba għad-danni kontra l-Kummissjoni Ewropea għal deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' fużjoni. Il-każ legali hu pjuttost ġdid u jinsab fi stadju bikri. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' stima affidabbli, l-ammont iddivulgat huwa relatat mal-ammont mitlub.

4.2. ASSI KONTINĠENTI

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Garanziji riċevuti:		
Garanziji ta' prestazzjoni	*321*	*352*
Garanziji oħrajn	*19*	*22*
Assi kontinġenti oħrajn	*25*	*34*
Total	**366**	**409**

Garanziji tal-prestazzjoni jintalbu biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE jissodisfaw l-obbligi tal-kuntratti tagħhom mal-UE.

5. IMPENJI LEGALI U BAĠITARJI

Din in-nota tipprovdi informazzjoni dwar il-proċess baġitarju u l-ħtiġijiet ta' finanzjament fil-ġejjieni u mhux dwar l-obbligazzjonijiet eżistenti fil-31 ta' Diċembru 2018.

Il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) maqbul mill-Istati Membri jiddefinixxi l-programmi u jistabbilixxi l-limiti massimi tal-intestaturi għal approprjazzjonijiet ta' impenn u t-total għall-approprjazzjonijiet ta' pagament li fihom l-UE tista' tidħol f'impenji baġitarji u legali, u finalment tagħmel pagamenti għal perjodu ta' 7 snin – ara t-tabella 1.1 fin-noti għar-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit.

Il-limiti massimi tal-QFP ġew adottati mill-Kunsill (l-Istati Membri), bil-kunsens tal-Parlament Ewropew u l-Artikolu 16 tar-Regolament 1306/2013 dwar il-finanzjament tal-PAK jagħmel rabta diretta bejn il-limitu massimu annwali tan-nefqa tal-FAEG u r-Regolament dwar il-QFP. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ukoll l-atti bażiċi rispettivi għan-nefqa tal-FAEG li stabbilixxew in-nefqa għal kull Stat Membru għall-perjodu kollu bejn l-2014 u l-2020.

L-impenji legali jikkorrespondu għall-programmi, il-proġetti, il-ftehimiet jew il-kuntratti ffirmati, sabiex b'hekk jorbtu legalment lill-UE. Impenn legali huwa l-att li permezz tiegħu l-uffiċjal awtorizzanti jidħol fi jew jistabbilixxi obbligu (għall-UE) li jirriżulta f'imposta (l-Artikolu 2(37) RF).

Fil-prinċipju, impenn baġitarju jsir qabel l-impenn legali, iżda għal xi programmi/proġetti pluriennali jsir bil-maqlub, bl-impenji baġitarji rilevanti jsiru f'pagamenti akkont annwali, fuq medda ta' diversi snin, meta l-att bażiku hekk jipprevedi. Pereżempju, għall-koeżjoni, l-Artikolu 76 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni ('Common Provisions Regulation' - CPR) (ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013) jistabbilixxi li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta programm għandha tikkostitwixxi impenn legali skont it-tifsira tar-Regolament Finanzjarju, iżda li l-impenji tal-baġit tal-Unjoni fir-rigward ta' kull programm għandhom isiru f'pagamenti akkont annwali għal kull Fond matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2020. Bażijiet ġuridiċi oħrajn jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet simili. Għal din ir-raġuni, jista' jkun hemm ammonti li l-UE tkun impenjat ruħha legalment li tħallas, iżda fejn l-impenn baġitarju jkun għadu ma sarx – ara n-noti **5.2** u **5.3** ta' hawn taħt.

Jekk l-impenn baġitarju jkun sar, iżda l-pagamenti sussegwenti jkunu għadhom ma sarux, l-ammont ta' impenn pendenti jissejjaħ "Reste à Liquider" (RAL). Dan jista' jirrappreżenta programmi jew proġetti, spiss pluriennali, iffirmati u li għalihom il-pagamenti ser isiru biss fi snin aktar tard. Huma jirrappreżentaw l-obbligi ta' ħlas għas-snin futuri. Peress li r-rapporti finanzjarji huma ppreparati fuq bażi tad-dovuti, filwaqt li r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit huma mħejjija fuq bażi ta' flus kontanti, parti mill-ammonti globali mhux imħallsa (RAL) diġà tħallset u hija rikonoxxuta bħala obbligazzjoni fuq il-karta bilanċjali (ara n-noti **2.12** u **2.13**). Il-kalkolu ta' dawn l-ispejjeż isir jew fuq talbiet għal spejjeż/fatturi riċevuti jew fuq l-implimentazzjoni stmata ta' programm jew proġett fejn għad ma ġiet innotifikata l-ebda pretensjoni lill-UE – ara n-nota **5.1** ta' hawn taħt. Ladarba l-pagamenti li jirrigwardjaw l-RAL isiru wara l-31 ta' Diċembru 2018, l-obbligazzjoni fuq il-karta bilanċjali ma tibqax rikonoxxuta. Il-parti tal-RAL li għadha ma ġietx iddebitata mhijiex inkluża taħt l-obbligazzjonijiet, iżda minflok hija divulgata hawn taħt.

B'hekk, id-divulgazzjonijiet ta' hawn taħt jirrappreżentaw ammonti li, fil-31 ta' Diċembru 2018, l-UE impenjat ruħha li tħallas abbażi tal-issodisfar tal-ftehimiet kuntrattwali u li għalhekk huma maħsuba sabiex jiġu ffinanzjati minn baġits futuri tal-UE.

Miljuni ta' EUR

	Nota	31.12.2018	31.12.2017
Impenji baġitarji pendenti li għadhom ma ġewx iddebitati	*5.1*	*235 836*	*221 391*
Impenji legali ta' ġestjoni kondiviża taħt il-QFP attwali sakemm issir l-implimentazzjoni	*5.2*	*143 883*	*211 688*
Impenji legali sinifikanti f'oqsma oħrajn	*5.3*	*18 126*	*20 030*
Total		**397 845**	**453 109**

5.1. IMPENJI BAĠITARJI PENDENTI LI GĦADHOM MA ĠEWX IDDEBITATI

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Impenji baġitarji pendenti li għadhom ma ġewx iddebitati	*235 836*	*221 391*

L-ammont divulgat hawn fuq huwa l-RAL ("Reste à Liquider") baġitarju ta' EUR 281 175 miljun (ara t-Tabella 4.4 fin-noti għar-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit), bit-tnaqqis ta' ammonti relatati li ġew inklużi bħala obbligazzjonijiet fuq il-karta bilanċjali u bħala spejjeż fir-rapport tal-introjtu. Ir-RAL baġitarju huwa ammont li jirrappreżenta impenji miftuħa li għalihom għadhom ma sarux il-pagamenti u/jew id-diżimpenji. Kif ġie spjegat hawn fuq, din hija l-konsegwenza normali tal-eżistenza ta' programmi pluriennali.

Għandu jiġi nnotat li l-avvanzi tal-prefinanzjament pendenti fil-31 ta' Diċembru 2018 kienu jammontaw għal total ta' EUR 50 biljun (ara n-nota **2.5**). Dan jirrappreżenta l-impenji baġitarji li tħallsu, li jnaqqsu l-RAL, iżda fejn l-ammonti mħallsa għadhom meqjusa bħala li jappartjenu lill-UE u mhux lill-benefiċjarju, sakemm jiġu ssodisfati l-impenji kuntrattwali. B'hekk, huma bħall-RAL divulgat hawn fuq, iżda għadhom ma ġewx iddebitati.

5.2. IMPENJI LEGALI TA' ĠESTJONI KONDIVIŻA TAĦT IL-QFP ATTWALI SAKEMM ISSIR L-IMPLIMENTAZZJONI

Miljuni ta' EUR

Fondi	Il-qafas finanzjarju 2014-2020 (A)	Impenji legali konklużi (B)	Impenji tal-baġit (C)	Impenji legali bl-impenji baġitarji mnaqqsa minnhom (B-C)
Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni	*262 408*	*262 408*	*179 831*	*82 578*
Fond Soċjali Ewropew	*92 935*	*92 819*	*65 230*	*27 588*
Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija				*–*
Il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn	*3 814*	*3 814*	*2 670*	*1 144*
INTESTATURA 1B: FONDI TAL-POLITIKA TA' KOEŻJONI	**359 157**	**359 041**	**247 731**	**111 310**
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali	*100 079*	*100 079*	*70 748*	*29 331*
Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd	*5 749*	*5 749*	*4 048*	*1 702*
INTESTATURA 2: RIŻORSI NATURALI	**105 828**	**105 828**	**74 795**	**31 033**
Il-Fond għall-Asil u l-Migrazzjoni	*5 028*	*4 393*	*3 577*	*816*
Il-Fond għas-Sigurtà Interna	*3 016*	*2 883*	*2 159*	*724*
INTESTATURA 3: IS-SIGURTÀ U Ċ-ĊITTADINANZA	**8 044**	**7 276**	**5 736**	**1 540**
Total	**473 030**	**472 145**	**328 262**	**143 883**

Dawn huma obbligi legali li l-UE impenjat ruħha li tħallas meta tadotta l-programmi operazzjonali relatati mal-ġestjoni kondiviża. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta programm operazzjonali għandha tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 110 tar-RF u, ladarba tiġi nnotifikata lill-Istat Membru kkonċernat, impenn legali fis-sens ta' dak ir-Regolament.

L-Artikolu 76 tas-CPR għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) jiddikjara:

"L-impenji baġitarji tal-Unjoni fir-rigward ta' kull programm għandhom isiru f'pagamenti akkont annwali għal kull Fond matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2020. L-impenji baġitarji

relatati mar-riżerva ta' prestazzjoni f'kull programm għandhom isiru b'mod separat mill-allokazzjoni li jkun fadal għall-programm."

It-tabella ta' hawn fuq tibda bil-QFP totali (il-kolonna A) u turi l-impenji legali li għalihom għadhom ma sarux impenji baġitarji għall-QFP 2014-2020, l-intestaturi 1B, 2 u 3. Dawn l-impenji legali għalhekk jirrappreżentaw l-ammonti pendenti li l-UE se timpenja b'mod baġitarju u mbagħad tħallashom wara l-31 ta' Diċembru 2018. Il-kolonna B turi l-impenji legali konklużi mill-Kummissjoni fi tmiem is-sena u l-kolonna Ċ turi l-impenji tal-baġit magħmula disponibbli fir-rigward ta' dawn l-impenji legali fi tmiem is-sena.

5.3. IMPENJI LEGALI SINIFIKANTI F'OQSMA OĦRAJN

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018	31.12.2017
Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa	*11 554*	*12 676*
ITER	*1 489*	*1 496*
Copernicus	*1 267*	*1 841*
Galileo	*493*	*253*
Ftehimiet tas-sajd	*46*	*133*
Impenji ta' lokazzjonijiet operatorji	*2 352*	*2 577*
Impenji kuntrattwali oħrajn	*924*	*1 054*
Total	**18 126**	**20 030**

Dawn l-ammonti jirriflettu l-impenji legali fit-tul li kienu għadhom mhumiex koperti mill-approprjazzjonijiet ta' impenn fil-baġit fi tmiem is-sena. Dawn l-obbligi vinkolanti se jkunu bbaġitjati f'pagamenti akkont annwali fi snin futuri u mħallsa.

Xi programmi importanti (ara hawn taħt) jistgħu jiġu implimentati b'pagament akkont annwali skont l-Artikolu 112(2) FR. Dan jippermetti lill-UE tagħmel impenji legali (tiffirma ftehimiet ta' għotjiet, ftehimiet ta' delega u kuntratt ta' akkwist pubbliku) li jaqbżu l-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli ta' sena partikolari. Għalhekk, jista' jkun impenjat diġà ammont sostanzjali tal-allokazzjoni globali għall-QFP attwali. Dan japplika b'mod partikolari għall-programmi deskritti hawn taħt:

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)

L-FNE tipprovdi assistenza finanzjarja lin-netwerks trans-Ewropej sabiex jappoġġjaw proġetti ta' interess komuni fis-setturi tal-infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija. L-impenji legali għall-programm tal-FNE jkopru perjodu ta' implimentazzjoni li jibda mill-2014 sal-2023 għall-FNE fis-settur tat-Trasport u sal-31.12.2024 għall-FNE fis-settur tal-Enerġija. Il-bażi ġuridika ta' dawn l-impenji hija r-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-PE u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 348, l-20 ta' Diċembru 2013), li jipprevedi l-użu tal-pagament akkont annwali fl-Artikolu 19 tiegħu.

Copernicus

Copernicus huwa l-programm Ewropew ta' osservazzjoni tad-Dinja - ara wkoll in-nota **2.2**. Dawn l-impenji huma magħmula għall-perjodu sal-2020. Abbażi tar-Regolament (UE) 377/2014 tal-PE u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 (ĠU L 122/44 tal-24 ta' April 2014), il-Kummissjoni ffirmat ftehimiet ta' delega mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), mal-EUMETSAT, ma' Mercator u maċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Metereoloġiċi fuq Perjodu Medju. L-Artikolu 8 tar-Regolament 377/2014 jawtorizza l-użu ta' pagamenti akkont annwali.

Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali ('International Thermonuclear Experiemental Reactor' - ITER)

Dawn l-impenji huma maħsuba biex ikopru l-ħtiġijiet futuri ta' finanzjament tal-faċilitajiet tal-ITER sal-2021. Il-kontribuzzjoni tal-UE (Euratom) lill-ITER Internazzjonali tingħata permezz tal-Aġenzija Fużjoni għall-Enerġija, inklużi wkoll il-kontribuzzjonijiet minn Stati Membri u mill-Isvizzera. Dawn l-impenji huma magħmula abbażi tad-deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 791/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 li temenda d-deċiżjoni (Euratom) 198/2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, li tawtorizza l-użu ta' pagamenti akkont annwali. L-ITER inħoloq sabiex jiġġestixxi u jinkoraġġixxi l-esplojtazzjoni tal-faċilitajiet tal-ITER, jippromwovi l-fehim pubbliku u l-aċċettazzjoni tal-

enerġija mill-fużjoni u jwettaq kwalunkwe attività oħra li tkun meħtieġa sabiex jilħaq l-iskop tiegħu. L-ITER jinvolvi l-UE, iċ-Ċina, l-Indja, ir-Russja, il-Korea t'Isfel, il-Ġappun u l-Istati Uniti tal-Amerika.

Galileo

Dawn huma ammonti impenjati għall-programm Galileo li qed jiżviluppa Sistema Globali Ewropea ta' Navigazzjoni bis-Satellita – ara wkoll in-nota **2.2**. Dawn l-impenji huma magħmula għall-perjodu sal-2020. Abbażi tar-Regolament (UE) 1285/2013 tal-PE u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 347/1 tal-20 ta' Diċembru 2013), il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' delega mal-ESA. L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 1285/2013 jawtorizza l-użu ta' pagamenti akkont annwali.

Ftehimiet tas-sajd

Dawn jirrappreżentaw impenji meħuda ma' pajjiżi terzi għal operazzjonijiet taħt il-ftehimiet internazzjonali dwar is-sajd sal-2023. L-impenji meħuda huma bbażati fuq id-deċiżjonijiet tal-Kunsill għal kull pajjiż terz (eż. Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/385 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju (2018–2024); ĠU L 70, it-12 ta' Marzu 2019) u huma kkunsidrati trattati internazzjonali speċifiċi bi drittijiet u obbligi pluriennali.

Impenji ta' lokazzjonijiet operatorji

L-ammonti minimi li ġew impenjati sabiex jitħallsu skont il-kuntratti sottostanti matul il-bqija tat-terminu ta' dawn il-kuntratti ta' lokazzjonijiet huma kif ġej:

Miljuni ta' EUR

	Pagamenti minimi ta' lokazzjoni			
	< 1 sena	1 - 5 snin	> 5 snin	Total
Binjiet	*439*	*943*	*940*	*2 321*
Materjali tal-IT u tagħmir ieħor	*9*	*21*	*0*	*31*
Total	**448**	**964**	**940**	**2 352**

Fil-kuntest tan-notifika tar-Renju Unit bl-intenzjoni tagħha li toħroġ mill-Unjoni Ewropea, u b'riżultat tar-Regolament (UE) 2018/1718 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004, is-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ("EMA") ġiet rilokata minn Londra għal Amsterdam. Il-kuntratt ta' lokazzjoni attwali għall-bini f'Londra għandu terminu li jiskadi fl-2039 u għaldaqstant jenħtieġ li jintemm kmieni jew jiġi soġġett għal riassenjar jew ftehim ta' sullokazzjoni ma' parti terza.

L-ammonti żvelati fit-tabella hawn fuq jinkludu EUR 468 miljun li għadhom dovuti taħt dan il-kuntratt ta' lokazzjoni, madankollu l-impatt finanzjarju nett futur fir-rapporti finanzjarji konsolidati, jekk hemm, jiddependi fuq in-negozjati ta' terminazzjoni ma' sid il-kera jew fuq it-termini kuntrattwali tal-ftehim ta' sullokazzjoni ma' parti terza.

Impenji kuntrattwali oħrajn

L-ammonti inklużi f'din id-divulgazzjoni jikkorrispondu għal ammonti impenjati sabiex jitħallsu matul it-terminu tal-kuntratti. L-aktar ammont sinifikanti inkluż hawnhekk jirrigwardja l-kuntratti tal-bini tal-Parlament Ewropew (EUR 87 miljun).

6. ĠESTJONI TAR-RISKJU FINANZJARJU

Id-divulgazzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju tal-UE huma relatati ma':

- L-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self għall-assistenza finanzjarja mwettqa mill-Kummissjoni permezz ta': Azzjonijiet tal-EFSM, tal-BOP, tal-AMF u tal-Euratom u għal self minn fondi missellfa tal-KEFA f'Likwidazzjoni;

- L-operazzjonijiet tat-teżor imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea sabiex timplimenta l-baġit tal-UE, inkluża r-riċevuta ta' multi;

- L-assi miżmuma f'fondi għall-garanziji baġitarji: il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni, il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD; u

- Strumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE.

6.1. TIPI TA' RISKJU

Riskju tas-suq huwa r-riskju li l-valur ġust jew il-flussi tal-flus futuri ta' strument finanzjarju jvarjaw, minħabba varjazzjonijiet fil-prezzijiet tas-suq. Ir-riskju tas-suq jinkorpora mhux biss il-potenzjal għal telf, iżda wkoll il-potenzjal għal qligħ. Huwa jinkludi *r-riskju tal-valuta, ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax u riskju ieħor tal-prezz* (l-UE ma għandha l-ebda riskju ieħor tal-prezz sinifikanti).

- *Ir-riskju tal-valuta* huwa r-riskju li l-operazzjonijiet tal-UE jew il-valur tal-investimenti tagħha jiġu affettwati minn bidliet fir-rati tal-imgħax. Dan ir-riskju jinħoloq mit-tibdil fil-prezz ta' munita kontra oħra.

- *Ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax* huwa l-possibbiltà ta' tnaqqis fil-valur ta' titolu ta' sigurtà, speċjalment bond, li jirriżulta minn żieda fir-rati tal-imgħax. B'mod ġenerali, rati tal-imgħax ogħla jwasslu għal prezzijiet aktar baxxi ta' bonds b'rata fissa, u viċi versa.

Riskju ta' kreditu huwa r-riskju ta' telf dovut għan-nuqqas ta' pagament minn debitur/ mutwatarju ta' self jew linja ta' kreditu oħra (il-kapital jew l-imgħax jew it-tnejn li huma) jew nuqqas ieħor li jiġi ssodisfat obbligu kuntrattwali. L-avvenimenti inadempjenti jinkludu dewmien fil-ħlasijiet lura, ir-ristrutturar tal-ħlasijiet lura tal-mutwatarju u falliment.

Riskju ta' likwidità huwa r-riskju li jinħoloq mid-diffikultà fil-bejgħ ta' assi; pereżempju, ir-riskju li titolu ta' sigurtà jew assi partikolari ma jkunx jista' jiġi nnegozjat malajr biżżejjed fis-suq sabiex jiġi evitat telf jew jiġi ssodisfat obbligu.

6.2. POLITIKI TAL-ĠESTJONI TAR-RISKJU

L-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE tiddependi dejjem aktar fuq l-użu ta' strumenti finanzjarji ta' programmi operazzjonali. Għal aktar informazzjoni dwar l-ammonti kkonċernati, ara n-nota **2.4.1**.

Komuni għall-biċċa l-kbira tal-istrumenti finanzjarji huwa l-fatt li l-implimentazzjoni tiġi ddelegata jew lill-grupp tal-BEI (inkluż il-FEI) jew inkella lil istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn abbażi ta' ftehim bejn il-Kummissjoni u l-istituzzjoni finanzjarja. Ftehimiet iffirmati ma' dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji jinkludu kundizzjonijiet u obbligi stretti fuq l-intermedjarji biex ikun żgurat li l-flus tal-UE jkunu ġestiti sew u li jsir rappurtar fuqhom. Ladarba tkun saret kontribuzzjoni finanzjarja għal wieħed mill-istrumenti, il-fondi jkunu trasferiti għal kont bankarju tal-istituzzjoni finanzjarja maħluqa speċifikatament (jiġifieri kont fiduċjarju). L-istituzzjoni finanzjarja tista', skont l-istrument inkwistjoni, tuża l-fondi fuq dan il-kont fiduċjarju biex tipprovdi self, toħroġ strumenti ta' dejn, tinvesti fi strumenti ta' ekwità jew tkopri s-sejħiet ta' garanzija. Bħala regola ġenerali, ir-rikavat mill-istrumenti finanzjarji għandu jiġi rimborżat lill-baġit tal-UE.

Ir-riskju fir-rigward ta' dawn l-istrumenti finanzjarji huwa limitat għal limitu massimu kif indikat fil-ftehimiet sottostanti, li huwa l-ammont ibbaġitjat previst għall-istrument. Billi l-Kummissjoni ta' spiss ikollha "biċċa mill-ewwel telf" u minħabba li l-istrumenti huma maħsuba biex jiffinanzjaw lill-benefiċjarji l-aktar riskjużi (li jkollhom diffikultajiet biex jiksbu finanzjament mingħand mutwanti kummerċjali), huwa għalhekk probabbli li jseħħ mill-inqas xi telf għall-baġit tal-UE.

Il-kejl tal-istrumenti finanzjarji

Il-klassijiet li ġejjin ta’ assi u obbligazzjonijiet finanzjarji ma jitkejlux abbażi tal-valur ġust: il-flus u l-ekwivalenti ta’ flus, is-self, l-ammonti riċevibbli ta’ skambju u l-ammonti rekuperabbli mhux ta’ skambju, it-teħid b’self u obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn imkejla abbażi tal-kost amortizzat. L-ammont riportat ta’ dawk l-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji huwa meqjus bħala approssimazzjoni raġonevoli tal-valur ġust tagħhom.

L-attivitajiet ta’ għoti u teħid b’self għall-assistenza finanzjarja

It-tranżazzjonijiet ta’ għoti u teħid b’self, kif ukoll il-ġestjoni tat-teżor relatata, jitwettqu mill-UE skont ir-Regolamenti tal-Kunsill u tal-PE rispettivi, id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill u, jekk applikabbli, il-linji gwida interni. Ġew żviluppati manwali ta’ proċeduri bil-miktub, li jkopru oqsma speċifiċi bħat-teħid b’self, is-self u l-ġestjoni tat-teżor, li qegħdin jintużaw mill-unitajiet operazzjonali rilevanti. L-operazzjonijiet ta’ għoti b’self huma ffinanzjati minn teħid b’self back-to-back, li b'hekk ma jiġġenerawx rata tal-imgħax jew pożizzjonijiet tal-munita miftuħin.

It-Teżor

Ir-regoli u l-prinċipji għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet tat-teżor tal-Kummissjoni huma stipulati fir-Regolament tal-Kunsill 609/2014 (kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill 804/2016) u fir-Regolament Finanzjarju.

B’riżultat ta’ dawn ir-regolamenti, japplikaw il-prinċipji ewlenin li ġejjin:

- Ir-riżorsi proprji jitħallsu mill-Istati Membri f’kontijiet miftuħa għal dan il-għan f’isem il-Kummissjoni mat-Teżor jew il-bank ċentrali nazzjonali. Il-Kummissjoni tista’ tiġbed minn dawn il-kontijiet biss sabiex tkopri l-ħtiġijiet ta’ flus tagħha.

- Ir-Riżorsi Proprji jitħallsu mill-Istati Membri fil-muniti nazzjonali tagħhom, filwaqt li l-pagamenti tal-Kummissjoni jiġu denominati l-aktar f’EUR.

- Il-kontijiet bankarji miftuħa f’isem il-Kummissjoni ma jistgħux jinġibdu flus minnhom b’tali mod li dawn ikollhom bilanċ negattiv. Din ir-restrizzjoni ma tapplikax għall-kontijiet tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni f’każ ta’ inadempjenza fuq self ikkuntrattat jew iggarantit skont ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-UE u f’ċerti kundizzjonijiet f’każ li r-rekwiżiti tar-riżorsi tal-flus jaqbżu l-assi tal-kontijiet.

- Il-fondi miżmuma f’kontijiet bankarji denominati f’muniti oħrajn minbarra f’EUR jintużaw jew għall-pagamenti fl-istess muniti jew inkella jiġu konvertiti perjodikament f’EUR.

Minbarra l-kontijiet tar-riżorsi proprji, infetħu kontijiet bankarji oħrajn mill-Kummissjoni, mal-banek ċentrali u banek kummerċjali, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tal-pagamenti u sabiex jiġu riċevuti ammonti oħrajn għajr il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit.

L-operazzjonijiet tat-teżor u tal-pagamenti huma awtomatizzati ferm u jiddependu fuq sistemi tal-informazzjoni moderni. Jiġu applikati proċeduri speċifiċi biex jiggarantixxu s-sigurtà tas-sistema u jiżguraw is-segregazzjoni tad-dmirijiet f’konformità mar-Regolament Finanzjarju, l-istandards tal-kontroll intern tal-Kummissjoni u l-prinċipji tal-awditjar.

Sett miktub ta’ linji gwida u proċeduri jirregola l-ġestjoni tal-operazzjonijiet tat-teżor u tal-pagamenti tal-Kummissjoni bil-għan li jkun limitat ir-riskju operattiv u finanzjarju u li jiġi żgurat livell ta’ kontroll adegwat. Huma jkopru oqsma differenti ta’ operat (pereżempju: l-eżekuzzjoni tal-pagamenti u l-ġestjoni tal-flus, it-tbassir tal-flussi tal-flus, il-kontinwità tan-negozju, eċċ.), u l-konformità mal-linji gwida u l-proċeduri hija kkontrollata regolarment. Barra minn hekk, l-informazzjoni tiġi skambjata bejn id-Direttorat Ġenerali għall-Baġit u d-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji dwar il-ġestjoni tar-riskji u l-aħjar prattiki.

Multi

Multi msarrfin b'mod provviżorju: depożiti

L-ammonti riċevuti qabel l-2010 għadhom fil-kontijiet bankarji ma' banek speċifikament magħżula għad-depożitu ta' multi msarrfin b'mod provviżorju. L-għażla tal-banek issir f'konformità mal-proċeduri tal-offerti definiti mir-Regolament Finanzjarju. It-tqegħid ta' fondi ma' banek speċifiċi jiġi ddeterminat mill-politika dwar l-immaniġġjar tar-riskji interni li tiddefinixxi r-rekwiżiti ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u l-ammont ta' fondi li jistgħu jitqiegħdu fi proporzjon mal-ekwità tal-kontroparti. Ir-riskji finanzjarji u operazzjonali jiġu identifikati u evalwati u l-konformità mal-politiki u l-proċeduri interni tiġi vverifikata b'mod regolari.

Multi msarrfin b'mod provviżorju: portafoll BUFI

Mill-2010 'l quddiem, il-multi imposti u msarrfin b'mod provviżorju jiġu investiti f'fond maħluq speċifikament, il-BUFI. L-objettivi ewlenin tal-portafoll huma t-tnaqqis tar-riskji assoċjati mas-swieq finanzjarji u t-trattament ugwali tal-entitajiet kollha mmultati billi jiġi offrut redditu garantit ikkalkolat fuq l-istess bażi. L-immaniġġjar tal-assi għall-multi msarrfa b'mod provviżorju jitwettaq mill-Kummissjoni f'konformità mal-linji gwida interni dwar l-immaniġġjar tal-assi. Ġew żviluppati manwali ta' proċeduri bil-miktub, li jkopru oqsma speċifiċi bħat-teħid b'self, is-self u l-ġestjoni tat-teżor, li qegħdin jintużaw mill-unitajiet operazzjonali rilevanti. Ir-riskji finanzjarji u operazzjonali jiġu identifikati u evalwati u l-konformità mal-linji gwida u l-proċeduri interni tiġi vverifikata b'mod regolari.

L-objettivi tal-attivitajiet tal-immaniġġjar tal-assi huma li l-multi mħallsin b'mod provviżorju lill-Kummissjoni jiġu investiti b'tali mod li:

- jiġi żgurat li l-fondi jkunu faċilment disponibbli meta jkunu meħtieġa, filwaqt li
- jiġi mmirat li jinkiseb, f'ċirkustanzi normali, redditu li bħala medja jkun allinjat mar-redditu tal-Parametru Referenzjarju tal-BUFI nieqes il-kostijiet imġarrab, filwaqt li jiġi ppreservat l-ammont nominali għall-multi li tħallsu fil-portafoll qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid f'Awwissu 2018.

L-investimenti huma ristretti essenzjalment għall-kategoriji li ġejjin: depożiti ta' żmien fiss ma' Banek Ċentrali tal-Istati Membri, aġenziji tad-dejn sovran, banek li huma l-proprjetà sħiħa tal-Istat jew garantiti mill-Istat jew istituzzjonijiet supranazzjonali, kif ukoll bonds, kambjali u Ċertifikati ta' Depożitu maħruġa minn istituzzjonijiet sovrani jew supranazzjonali.

Garanziji bankarji

Ammonti sinifikanti ta' garanziji maħruġa minn istituzzjonijiet finanzjarji jinżammu mill-Kummissjoni fir-rigward tal-multi li timponi fuq kumpaniji li jiksru r-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni (ara n-nota **2.6.1.2**). Dawn il-garanziji huma pprovduti minn kumpaniji mmultati bħala alternattiva minflok jagħmlu pagamenti provviżorji. Il-garanziji huma ġestiti f'konformità mal-politika dwar l-immaniġġjar tar-riskji interni. Ir-riskji finanzjarji u operazzjonali jiġu identifikati u evalwati u l-konformità mal-politiki u l-proċeduri interni tiġi vverifikata b'mod regolari.

Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni

Ir-regoli u l-prinċipji għall-immaniġġar ta' assi tal-Fond ta' Garanzija huma stabbiliti fil-Konvenzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-BEI bid-data tal-25 ta' Novembru 1994 u l-emendi sussegwenti bid-dati tas-17 u t-23 ta' Settembru 1996, it-8 ta' Mejju 2002, il-25 ta' Frar 2008, id-9 ta' Novembru 2010 u t-28 ta' Ottubru 2018. Dan il-Fond ta' Garanzija jopera biss f'euro. Huwa jinvesti esklussivament f'din il-munita sabiex jiġi evitat kull riskju tar-rati tal-kambju. L-immaniġġjar tal-assi huwa bbażat fuq ir-regoli tradizzjonali tal-prudenza li jiġu osservati għall-attivitajiet finanzjarji. Hija se jkollha tagħti attenzjoni partikolari biex jitnaqqsu r-riskji u biex jiġi żgurat li l-assi ġestiti jkunu jistgħu jinbiegħu jew jiġu ttrasferiti mingħajr dewmien sinifikanti, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-impenji koperti.

Il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS

Il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS ġie stabbilit bir-Regolament dwar il-FEIS – ara n-nota **2.4.1.** Ir-regoli u l-prinċipji għall-immaniġġjar tal-assi tal-Fond huma stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016)165 tal-21 ta' Jannar 2016. L-assi ġestiti għandhom jipprovdu likwidità suffiċjenti b'rabta mas-sejħiet ta' garanzija potenzjali, filwaqt li għadhom jimmiraw li jtejbu r-ritorn u l-livell ta' riskju li huwa kompatibbli maż-żamma ta' livell għoli ta' sigurtà u stabbiltà.

Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD

Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD ġie stabbilit skont ir-Regolament dwar l-EFSD – ara n-nota **2.4.1**. L-immaniġġjar tal-assi tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD jitwettaq mill-Kummissjoni skont il-linji gwida interni u l-linji gwida dwar l-immaniġġjar ta' assi li huma inklużi bħala l-Anness 1 għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017)7693 tat-22 ta' Novembru 2017. L-assi mmaniġġjati għandhom jipprovdu likwidità suffiċjenti b'rabta mas-sejħiet ta' garanzija potenzjali, filwaqt li xorta għadhom jimmiraw li jottimizzaw il-livell ta' ritorn u riskju li huwa kompatibbli maż-żamma ta' grad għoli ta' sigurtà u stabbiltà.

6.3. RISKJU TAL-VALUTA

Skopertura tal-istrumenti finanzjarji tal-UE għar-riskju tal-valuta fi tmiem is-sena - il-pożizzjoni netta

Miljuni ta' EUR

	31.12.2018						
	USD	GBP	DKK	SEK	EUR	Oħrajn	Total
Assi finanzjarji							
Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	*619*	*57*	*18*	*7*	*14 725*	*17*	*15 443*
Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit	*(475)*	–	–	–	*491*	–	*16*
*Self**	*6*	*0*	–	–	*56*	*5*	*67*
Riċevibbli u rekuperabbli	*19*	*4 109*	*99*	*109*	*20 026*	*303*	*24 664*
Flus u l-ekwivalenti ta' flus	*49*	*1 524*	*290*	*406*	*14 338*	*1 505*	*18 113*
	218	**5 690**	**407**	**523**	**49 635**	**1 830**	**58 303**
Obbligazzjonijiet finanzjarji							
Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit	–	–	–	–	*(20)*	*(2)*	*(22)*
Ammonti pagabbli	*(2)*	*(1)*	*(0)*	*(0)*	*(32 218)*	*(5)*	*(32 227)*
	(2)	**(1)**	**(0)**	**(0)**	**(32 238)**	**(7)**	**(32 249)**
Total	**216**	**5 689**	**407**	**523**	**17 397**	**1 824**	**26 055**

Miljuni ta' EUR

	31.12.2017						
	USD	GBP	DKK	SEK	EUR	Oħrajn	Total
Assi finanzjarji							
Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	*680*	*57*	*17*	*56*	*12 806*	*16*	*13 632*
Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit	*(632)*	–	–	–	*655*	–	*23*
*Self**	*6*	*0*	–	–	*123*	*7*	*137*
Riċevibbli u rekuperabbli	*15*	*549*	*63*	*86*	*11 591*	*62*	*12 366*
Flus u l-ekwivalenti ta' flus	*49*	*3 180*	*27*	*693*	*18 468*	*1 694*	*24 111*
	118	**3 787**	**107**	**835**	**43 642**	**1 779**	**50 268**
Obbligazzjonijiet finanzjarji							
Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit	–	–	–	–	–	*(2)*	*(2)*
Ammonti pagabbli	*(4)*	*(2)*	*(0)*	*(1)*	*(39 029)*	*(12)*	*(39 048)*
	(4)	**(2)**	**(0)**	**(1)**	**(39 029)**	**(14)**	**(39 050)**
Total	**114**	**3 785**	**107**	**834**	**4 613**	**1 765**	**11 218**

** Minbarra s-self spalla ma' spalla għal assistenza finanzjarja.*

Kieku l-EUR issaħħet kontra muniti oħrajn b'10 %, hija kien ikollha l-impatt li ġej:

Miljuni ta' EUR

	Riżultat ekonomiku			
	USD	GBP	DKK	SEK
2018	*(7)*	*(512)*	*(35)*	*(47)*
2017	*(5)*	*(339)*	*(8)*	*(71)*

EUR miljuni

Assi netti				
	USD	GBP	DKK	SEK
31.12.2018	*(13)*	*(5)*	*(2)*	*(1)*
31.12.2017	*(5)*	*(5)*	*(2)*	*(5)*

Kieku l-EUR iddgħajfet kontra dawn il-muniti b'10 %, hija kien ikollha l-impatt li ġej:

Miljuni ta' EUR

Riżultat ekonomiku				
	USD	GBP	DKK	SEK
2018	*9*	*625*	*43*	*57*
2017	*6*	*414*	*10*	*87*

Miljuni ta' EUR

Assi netti				
	USD	GBP	DKK	SEK
31.12.2018	*16*	*6*	*2*	*1*
31.12.2017	*7*	*6*	*2*	*6*

L-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self għall-assistenza finanzjarja

L-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji fil-parti l-kbira tagħhom huma f'EUR, u għalhekk l-UE ma għandha ebda riskju tal-kambju.

It-Teżor

Ir-riżorsi proprji mħallsa mill-Istati Membri f'muniti oħra minbarra l-EUR jinżammu fil-kontijiet tar-riżorsi proprji, skont ir-Regolament tal-Kunsill 609/2014 (kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill 804/2016). Huma jiġu kkonvertiti f'EUR meta jkunu meħtieġa sabiex ikopru għall-eżekuzzjoni tal-pagamenti. Il-proċeduri applikati għall-ġestjoni ta' dawn il-fondi huma stipulati mir-regolament imsemmi hawn fuq. F'numru limitat ta' każijiet, dawn il-fondi jintużaw direttament għall-pagamenti li jridu jiġu eżegwiti fl-istess muniti.

Għadd ta' kontijiet f'muniti tal-UE minbarra l-EUR, u f'USD u CHF, jinżammu mill-Kummissjoni ma' banek kummerċjali, għall-fini tal-eżekuzzjoni ta' pagamenti denominati f'dawn l-istess muniti. Dawn il-kontijiet jiġu rifornuti skont l-ammont ta' pagamenti li jridu jiġu eżegwiti u, bħala konsegwenza, il-bilanċi tagħhom ma jirrappreżentawx l-iskopertura għar-riskju tal-valuta.

Meta rikavati mixxelanji (minbarra rikavati minn riżorsi proprji) jiġu riċevuti f'valuti li mhumiex EUR, jew jiġu ttrasferiti fil-kontijiet tal-Kummissjoni miżmuma fl-istess valuti, jekk ikunu meħtieġa sabiex ikopru l-eżekuzzjoni ta' pagamenti, jew jiġu kkonvertiti f'EUR u mbagħad ittrasferiti f'kontijiet miżmuma f'EUR. Il-kontijiet imprest miżmuma f'valuti li mhumiex EUR jiġu rifornuti skont il-ħtiġijiet stmati ta' pagamenti lokali b'terminu qasir fl-istess valuti. Il-bilanċi fuq dawn il-kontijiet jinżammu fil-limiti rispettivi tagħhom.

Multi

Multi msarrfin b'mod provviżorju (depożiti u l-portafoll BUFI) u garanziji bankarji

Billi l-multi kollha jiġu imposti u jitħallsu f'EUR, ma hemm l-ebda riskju tal-kambju.

Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni

L-assi finanzjarji ta' dan il-fond huma f'EUR u, għalhekk, ma hemm ebda riskju tal-valuta. Is-self surrogat lill-UE bħala riżultat tas-sejħiet fuq il-Fond wara inadempjenzi fil-ħlas minn benefiċjarju ta' self jitwettaq fil-munita oriġinali tiegħu u għalhekk jesponi lill-UE għal riskju tal-valuta. Ma hemm ebda attività li tikkumpensa għall-varjazzjonijiet fil-munita barranija (attivitajiet ta' "ħheġġjar") minħabba inċertezza li tirrigwardja l-għażla taż-żmien għall-ħlas lura tas-self.

Il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS

Il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS bħalissa qed jopera kemm f'EUR kif ukoll f'USD. Ir-riskju tal-valuta jiġi ġestit permezz tad-dħul f'kuntratti tad-derivattivi (kuntratti forward f'muniti barranin) li jiħħeġġjaw il-valur tas-suq tal-portafoll tal-investimenti f'USD. Il-limitu għall-iskopertura mhux iħħeġġjata massima tal-kambju huwa stabbilit bħala 1 % tal-valur tal-portafoll totali fi ħdan il-punt ta' riferiment u l-allokazzjonijiet tal-istrateġija annwali. B'hekk, ċaqliq 'il fuq jew 'l isfel fil-valur tas-suq tal-investimenti f'USD fuq jew taħt il-limitu ta' 1 % iwassal għal kummerċ ta' riekwilibriju (kuntratt forward ġdid fl-istess direzzjoni jew fid-direzzjoni opposta), permezz tal-aġġustament jew it-treġġigħ lura tal-pożizzjoni ħħeġġjata, kif xieraq. L-aġġustament mill-ġdid tal-ħeġġ jista' jkun ispirat ukoll miċ-ċaqliq fir-rata tal-kambju EUR/USD.

Is-self surrogat lill-UE bħala riżultat tas-sejħiet fuq il-Fond wara inadempjenzi fil-ħlas minn benefiċjarju ta' self jitwettaq fil-munita oriġinali tiegħu u għalhekk jesponi lill-UE għal riskju tal-valuta. Għas-self surrogat, ma hemm ebda attività li tikkumpensa għall-varjazzjonijiet fil-valuta (attivitajiet ta' "ħħeġġjar") minħabba inċertezza li tirrigwardja l-għażla taż-żmien għall-ħlas lura tas-self.

Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD

Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD bħalissa jopera b'EUR biss, iżda l-linji gwida dwar l-immaniġġjar ta' assi għall-Fond ta' Garanzija tal-EFSD jipprovdu għall-possibbiltà li jsir investiment f'ċerti assi mhux denominati f'EUR.

6.4. RISKJU TA' ĊAQLIQ FIR-RATA TAL-IMGĦAX

It-tabella li ġejja turi s-sensittività tar-rati tal-imgħax tal-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ jekk wieħed jassumi bidla possibbli fir-rati tal-imgħax ta' +/- 100 punt bażi (1 %).

Miljuni ta' EUR

	Żieda (+)/tnaqqis (−) f'punti bażi	Effett fuq l-assi netti
2018: Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	*+100*	*(348)*
	-100	*374*
2017: Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	*+100*	*(359)*
	-100	*382*

L-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self għall-assistenza finanzjarja

Minħabba n-natura tal-attivitajiet tagħha ta' għoti ta' self u teħid b'self, l-UE għandha assi u obbligazzjonijiet sinifikanti li jrendu l-imgħax. Madankollu, ma hemm ebda riskju tar-rata tal-imgħax peress li t-teħid b'self huwa paċut b'self ekwivalenti bl-istess patti u kundizzjonijiet (back to back).

It-Teżor

It-teżor tal-Kummissjoni ma jissellifx flus; għalhekk, bħala konsegwenza, mhuwiex espost għal riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax. Madankollu, l-imgħax jiġi kkalkolat fuq il-bilanċi miżmuma fuq il-kontijiet bankarji differenti. Għalhekk, il-Kummissjoni implimentat miżuri sabiex tiżgura li l-imgħax akkumulat fuq il-kontijiet bankarji tagħha jkun jirrifletti b'mod regolari r-rati tal-imgħax tas-suq, kif ukoll il-fluttwazzjoni possibbli tagħhom.

Il-kontijiet li jinfetħu mat-Teżori tal-Istati Membri għal riċevuti ta' riżorsi proprji ma jkollhomx imgħaxijiet u jkunu ħielsa mit-tariffi. Kontijiet miżmuma ma' banek ċentrali nazzjonali jistgħu jiġu rimunerati skont ir-rati uffiċjali applikati minn kull istituzzjoni. Billi xi rimunerazzjonijiet applikati għal dawn il-kontijiet jistgħu attwalment ikunu negattivi, hemm fis-seħħ proċeduri għall-ġestjoni tal-flus sabiex jitnaqqsu l-bilanċi miżmuma f'dawn il-kontijiet.

Barra minn hekk, il-kontijiet tar-riżorsi proprji huma protetti minn kwalunkwe impatt ta' interessi negattivi skont ir-Regolament tal-Kunsill 609/2014 u kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill 804/2016.

Il-bilanċi mil-lum għall-għada li jinżammu f'kontijiet ta' banek kummerċjali jakkumulaw l-imgħax kuljum. Dan huwa bbażat fuq ir-rati varjabbli tas-suq li għalihom jiġi applikat marġini kuntrattwali (pożittiv jew negattiv). B'mod ġenerali, ir-rati applikati mill-banek kummerċjali huma kuntrattwalment imnižżla għal

żero. Bħala riżultat, ma jeżisti l-ebda riskju li l-Kummissjoni tikseb imgħax b'rati aktar baxxi mir-rati tas-suq.

Multi

Multi msarrfin b'mod provviżorju (depożiti, portafoll BUFI) u garanziji bankarji

Il-multi msarrfin b'mod provviżorju jiġu investiti f'portafoll ta' strumenti tas-suq tal-flus u bonds għal perjodu ta' żmien twil b'tul medju ta' 2,58 snin.

Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni

Il-baġit ipprovdut fil-Fond ta' Garanzija jiġi investit f'portafoll ta' strumenti tas-suq tal-flus u bonds għal perjodu ta' żmien twil b'tul medju totali tal-portafoll ta' 2,58 snin.

Il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS

Il-baġit ipprovdut fil-Fond ta' Garanzija tal-FEIS jiġi investit f'portafoll ta' strumenti tas-suq tal-flus u bonds għal perjodu ta' żmien twil b'tul medju totali tal-portafoll ta' 2,4 snin.

Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD

Peress li l-ewwel provvediment tal-baġit għadu kif jibda fi tmiem l-2018, il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD primarjament jikkonsisti fi flus miżmuma f'banek ċentrali. Id-durata medja tal-portafolli tammonta għal 0,03 snin.

6.5. RISKJU TA' KREDITU

L-ammonti li jirrappreżentaw l-iskopertura tal-UE għar-riskju ta' kreditu fit-tmiem tal-perjodu ta' rapportar huma l-ammonti riportati tal-istrumenti finanzjarji kif divulgati fin-nota **2**.

Analiżi tal-età tal-assi finanzjarji li mhumiex indeboliti

Miljuni ta' EUR

	Total	La skaduti u lanqas indeboliti	Skaduti iżda mhux indeboliti		
			< 1 sena	1-5 snin	> 5 snin
Self	*53 939*	*53 939*	*0*	*–*	*–*
Riċevibbli u rekuperabbli	*24 664*	*14 737*	*6 585*	*3 209*	*134*
Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit	*16*	*16*	*–*	*–*	*–*
Total fil-31.12.2018	**78 620**	**68 692**	**6 585**	**3 209**	**134**
Self	*54 981*	*54 980*	*0*	*–*	*–*
Riċevibbli u rekuperabbli	*12 366*	*8 905*	*2 894*	*359*	*208*
Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit	*23*	*23*	*–*	*–*	*–*
Total fil-31.12.2017	**67 369**	**63 908**	**2 894**	**359**	**208**

L-ammonti riċevibbli u l-ammonti rekuperabbli anqas minn sena (1) jinkludu ammonti rekuperabbli relatati mal-multi tal-kompetizzjoni li jammontaw għal EUR 6 366 miljun, filwaqt li l-ammonti riċevibbli u rekuperabbli bejn sena (1) u 5 snin fihom ammonti rekuperabbli ta' EUR 3 136 miljun li jikkonċernaw multi tal-kompetizzjoni. L-ammonti msemmija qabel fil-parti l-kbira huma koperti minn garanziji bankarji, u b'hekk l-iskopertura tal-Kummissjoni għar-riskju ta' kreditu hija baxxa. Il-kumpaniji mmultati jipprovdu dawn il-garanziji bħala alternattiva minflok jagħmlu pagamenti provviżorji.

Il-kwalità kreditizja tal-assi finanzjarji li la jkunu skadew u lanqas huma indeboliti

Miljuni ta' EUR

31.12.2018	AFS*	Assi finanzjarji fl-FVSD**	Self	Riċevibbli u rekuperabbli	Flus	Total
Kontropartijiet bi klassifikazzjoni tal-kreditu esterna						
Grad prim u għoli	*9 019*	*16*	*98*	*9 064*	*14 950*	*33 146*
Grad medju superjuri	*3 209*	*–*	*23 513*	*755*	*2 740*	*30 217*
Grad medju inferjuri	*1 765*	*–*	*25 775*	*1 456*	*181*	*29 177*
Grad mhux ta' investiment	*–*	*–*	*4 488*	*200*	*221*	*4 909*
	13 993	**16**	**53 874**	**11 475**	**18 092**	**97 449**
Kontropartijiet mingħajr klassifikazzjoni tal-kreditu esterna						
Grupp 1	*–*	*–*	*64*	*3 262*	*21*	*3 347*
Grupp 2	*–*	*–*	*2*	*0*	*–*	*2*
	–	**–**	**66**	**3 262**	**21**	**3 349**
Total	**13 993**	**16**	**53 939**	**14 737**	**18 113**	**100 797**

Miljuni ta' EUR

31.12.2017	AFS*	Assi finanzjarji fl-FVSD**	Self	Riċevibbli u rekuperabbli	Flus	Total
Kontropartijiet bi klassifikazzjoni tal-kreditu esterna						
Grad prim u għoli	*8 068*	*16*	*143*	*2 989*	*19 261*	*30 477*
Grad medju superjuri	*1 794*	*–*	*23 585*	*293*	*3 977*	*29 650*
Grad medju inferjuri	*2 186*	*–*	*27 195*	*846*	*463*	*30 691*
Grad mhux ta' investiment	*–*	*–*	*3 977*	*110*	*389*	*4 476*
	12 048	**16**	**54 901**	**4 239**	**24 090**	**95 293**
Kontropartijiet mingħajr klassifikazzjoni tal-kreditu esterna						
Grupp 1	*–*	*6*	*80*	*4 665*	*21*	*4 772*
Grupp 2	*–*	*–*	*–*	*1*	*–*	*1*
	–	**6**	**80**	**4 666**	**21**	**4 773**
Total	**12 048**	**23**	**54 980**	**8 904**	**24 111**	**100 067**

* *Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ (minbarra strument ta' ekwità u l-Fond Unitarju).*
** *Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit.*

Fit-Tabella ta' hawn fuq mhumiex inklużi assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ fil-forma ta' strumenti azzjonarji mingħajr klassifikazzjoni tal-kreditu esterna. L-erba' kategoriji ta' riskju msemmija hawn fuq huma fil-prinċipju bbażati fuq il-kategoriji ta' klassifikazzjoni ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni esterni u jikkorrispondu għal:

- Grad prim u għoli: Moody P-1, Aaa – Aa3; S&P A-1+, A-1, AAA – AA -; Fitch F1+, F1, AAA – AA- u ekwivalenti
- Grad medju superjuri: Moody P-2, A1 – A3; S&P A-2, A+ – A-; Fitch F2, A+ - A- u ekwivalenti
- Grad medju inferjuri: Moody P-3, Baa1 – Baa3, S&P A-3, BBB+ – BBB-; Fitch F-3, BBBB+ - BBB- u ekwivalenti
- Grad mhux ta' investiment: Moody mhux prinċipali, Ba1 – C; S&P B, C, BB+ – D; Fitch B, C, BB+ - D u ekwivalenti

L-UE tuża dawn il-kategoriji tal-aġenziji esterni ta' klassifikazzjoni bħala punt ta' referenza, b'mod partikolari għal strumenti finanzjarji u banek kummerċjali, iżda, wara li tagħmel l-analiżi tagħha stess ta' każijiet individwali, tista' żżomm ammonti f'waħda mill-kategoriji ta' riskju msemmija hawn fuq, anki jekk waħda jew aktar mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni msemmija hawn fuq jistgħu jkunu naqqsu l-grad tal-kontroparti korrispondenti. Fir-rigward tal-kontropartijiet mhux ikklassifikati, il-grupp 1 jirrigwardja d-debituri mingħajr inadempjenzi fil-passat u l-grupp 2 jirrigwardja d-debituri b'inadempjenzi fil-passat.

L-ammonti murija hawn fuq taħt self u riċevibbli kategorizzati fi grad mhux ta' investiment huma relatati primarjament ma' self għal appoġġ finanzjarju żborżat mill-Kummissjoni lill-Istati Membri f'diffikultajiet finanzjarji u ammonti rekuperabbli kontra ċerti Stati Membri abbażi tar-regolamenti dwar ir-riżorsi proprji jew fuq bażi ġuridika oħra. L-ammont taħt flus kontanti huwa relatat ma' kontijiet bankarji tar-riżorsi proprji miftuħa fit-Teżor jew fil-banek ċentrali tal-Istati Membri sabiex iżommu l-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji kif previst fir-regolament imsemmi hawn fuq. Il-Kummissjoni tista' tiġbed minn dawn il-kontijiet biss sabiex tkopri l-ħtiġijiet ta' flus kontanti li jirriżultaw mill-eżekuzzjoni tal-baġit.

L-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self għall-assistenza finanzjarja

L-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tiġi ġestita l-ewwel billi jinkisbu garanziji tal-Istati fil-każ tal-Euratom, imbagħad permezz tal-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni (AMF u Euratom), u mbagħad permezz tal-possibbiltà ta' prelevament tal-fondi meħtieġa mill-kontijiet tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni mal-Istati Membri u fl-aħħar mill-aħħar permezz tal-Baġit tal-UE.

Il-leġiżlazzjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tistabbilixxi l-limitu massimu għall-pagamenti tar-riżorsi proprji għal 1,20 % tal-ING tal-Istati Membri u matul l-2018 fil-fatt intużaw 0,90 % sabiex ikopru l-approprjazzjonijiet ta' pagament. Dan ifisser li, fil-31 ta' Diċembru 2018, kien jeżisti marġini disponibbli ta' 0,30 % sabiex ikopri dawn il-garanziji. Għaldaqstant, l-UE hija intitolata li titlob lill-Istati Membri kollha sabiex jiżguraw konformità mal-obbligu legali tal-UE lejn il-mutwanti tagħha.

It-Teżor

Il-biċċa l-kbira tar-riżorsi tat-teżor tal-Kummissjoni jinżammu, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill 609/2014 (kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill 804/2016) dwar ir-riżorsi proprji, fil-kontijiet miftuħa mill-Istati Membri għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tagħhom (riżorsi proprji). Dawn il-kontijiet kollha huma miżmuma mat-teżori tal-Istati Membri jew mal-banek ċentrali nazzjonali. Dawn l-istituzzjonijiet għandhom l-aktar riskju ta' kreditu baxx (jew kontroparti) għall-Kummissjoni, minħabba li l-iskopertura hija mal-Istati Membri tagħha. Għall-parti tar-riżorsi tat-teżor tal-Kummissjoni miżmuma ma' banek kummerċjali sabiex tkopri l-eżekuzzjoni tal-pagamenti, ir-rifurniment ta' dawn il-kontijiet isir abbażi tal-prinċipju ta' "eżatt fil-ħin" u jiġi ġestit awtomatikament mis-sistema ta' ġestjoni tal-flus tat-teżor. F'kull kont jinżammu livelli ta' flus minimi, li jqisu l-ammont medju tal-pagamenti ta' kuljum eżegwiti minnu. B'konsegwenza ta' dan, l-ammont totali miżmum f'dawn il-kontijiet mil-lum għall-għada jibqa' kostantament f'livelli baxxi (b'mod ġenerali inqas minn EUR 80 miljun, bħala medja, mifruxa fuq 20 kont) u b'hekk jiġi żgurat li l-iskopertura tal-Kummissjoni għar-riskju tkun limitata. Dawn l-ammonti għandhom jitqiesu fir-rigward tal-bilanċi kumplessivi ta' kull jum tat-teżor li fl-2018 kienu jvarjaw bejn EUR 6 biljun u EUR 37 biljun, u b'ammont kumplessiv ta' pagamenti magħmula mill-kontijiet tal-Kummissjoni fl-2018 li qabeż il-EUR 155 biljun.

Barra minn hekk, huma applikati linji gwida speċifiċi għall-għażla tal-banek kummerċjali sabiex ikompli jiġi minimizzat ir-riskju tal-kontroparti li għalih hija esposta l-Kummissjoni:

- Il-banek kummerċjali kollha jintgħażlu permezz ta' sejħa għall-offerti. Il-klassifikazzjoni minima tal-kreditu għal perjodu qasir li hija meħtieġa għall-ammissjoni fil-proċeduri tal-offerti hija P-1 ta' Moody's jew l-ekwivalenti. Jista' jiġi aċċettat livell aktar baxx f'ċirkostanzi speċifiċi u debitament ġustifikati.

- Il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tal-banek kummerċjali li fihom għandha kontijiet il-Kummissjoni jiġu mmonitorjati fuq bażi ta' kuljum.

- Fid-delegazzjonijiet barra l-UE, jinżammu kontijiet imprest ma' banek lokali magħżula permezz ta' proċedura tal-offerti simplifikata. Ir-rekwiżiti tal-klassifikazzjoni jiddependu fuq is-sitwazzjoni lokali u jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti minn pajjiż għal ieħor. Sabiex tiġi limitata l-iskopertura għar-riskju, il-bilanċi fuq dawn il-kontijiet jinżammu fl-aktar livelli baxxi possibbli (meta jitqiesu l-ħtiġijiet operattivi), jiġu rifornuti regolarment u l-limiti massimi applikati jiġu riveduti fuq bażi annwali.

Multi

Multi msarrfin b'mod provviżorju: depożiti

Il-banek b'depożiti għall-multi msarrfin b'mod provviżorju qabel l-2010 jintgħażlu permezz ta' proċedura tal-offerti f'konformità mal-politika dwar l-immaniġġar tar-riskji li tiddefinixxi r-rekwiżiti ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u l-ammont ta' fondi li jistgħu jitqiegħdu fi proporzjon mal-ekwità tal-kontroparti.

Bħala regola ġenerali, għall-banek kummerċjali li ntgħażlu speċifikament għad-depożitu tal-multi msarrfin b'mod provviżorju, hija meħtieġa klassifikazzjoni minima fit-tul ta' A- (S&P jew ekwivalenti) u b'żewġ aġenziji tal-klassifikazzjoni. Jiġu applikati miżuri speċifiċi fil-każ li l-banek f'dan il-grupp ikunu soġġetti għal tnaqqis fil-grad. Barra minn hekk, l-ammont iddepożitat ma' kull bank huwa limitat għal ċertu perċentwal tal-fondi proprji tiegħu, li jvarja skont il-livell tal-klassifikazzjoni ta' kull istituzzjoni. Il-kalkolu ta' dawn il-limiti jieħu f'kunsiderazzjoni wkoll l-ammont ta' garanziji pendenti maħruġa lill-Kummissjoni mill-istess istituzzjoni. Il-konformità tad-depożiti pendenti mar-rekwiżiti tal-politika applikabbli tiġi riveduta b'mod regolari.

Multi msarrfin b'mod provviżorju: portafoll BUFI

Għal investimenti tad-dejn sovran minn multi msarrfin b'mod provviżorju imposti mill-2010, il-Kummissjoni tassumi l-iskopertura għar-riskju ta' kreditu. L-ogħla konċentrazzjoni ta' skopertura hija lejn Spanja, li tirrappreżenta 16 % tal-portafoll. Il-ħames pajjiżi bl-ogħla skopertura (Spanja, Franza, il-Lussemburgu, il-Ġermanja u l-Italja) ilkoll flimkien jirrappreżentaw 67 % tal-portafoll tal-investiment. Il-klassifikazzjoni ta' kreditu medja ponderata tal-portafoll hija A (S&P jew l-ekwivalenti).

Garanziji bankarji

Il-politika dwar il-ġestjoni tar-riskji applikata għall-aċċettazzjoni ta' tali garanziji tiżgura kwalità kreditizja għolja għall-Kummissjoni. Il-konformità tal-garanziji pendenti mar-rekwiżiti tal-politika applikabbli tiġi riveduta b'mod regolari.

Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni

Il-linji gwida dwar l-immaniġġjar tal-assi miftiehma tal-portafoll tat-teżor u/jew l-istrateġija tal-investiment jiddefinixxu ċerti limiti u restrizzjonijiet sabiex jillimitaw l-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tal-portafoll. Tali limiti u restrizzjonijiet jinkludu kriterji tal-eliġibbiltà, limiti ta' kreditu assoluti f'termini nominali skont il-kategorija tal-emittent, limiti tal-konċentrazzjoni relattiva skont il-kategorija tal-emittent u limiti tal-konċentrazzjoni għal kull ħruġ. L-investimenti kollha huma kklassifikati fl-inqas grad ta' investiment.

Il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS

Il-linji gwida dwar l-immaniġġjar tal-assi u l-istrateġiji ta' investiment u riskju jiddefinixxu ċerti limiti u restrizzjonijiet sabiex jillimitaw l-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tal-portafoll, li ġeneralment ikun limitat għall-grad tal-investiment. Il-klassifikazzjoni ta' kreditu medja ponderata tal-portafoll hija A (S&P jew l-ekwivalenti).

Minħabba li, sal-31 ta' Diċembru 2018, l-unika kontroparti għall-kuntratti forward tal-muniti pendenti kollha hija l-Banque de France, ma ġie implimentat ebda titjib tal-kreditu, bħal kollateral, ftehimiet ta' netting jew garanziji, minn din id-data. L-iskopertura massima għar-riskju ta' kreditu għad-derivattivi f'munita barranija li għandhom valur ġust pożittiv fl-aħħar tal-perjodu tar-rapportar hija ugwali għall-ammont riportat fuq il-karta bilanċjali.

Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD

Il-linji gwida dwar l-immaniġġjar ta' assi, l-istrateġiji ta' riskju u investiment jiddefinixxu ċerti limiti u restrizzjonijiet sabiex jillimitaw l-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tal-portafoll, li ġeneralment tkun limitata għall-grad tal-investiment. Il-klassifikazzjoni medja ponderata tal-kreditu tal-portafoll hija ta' AAA (S&P jew ekwivalenti) bl-applikazzjoni tal-klassifikazzjoni sovrana għall-flus miżmuma f'bank ċentrali.

6.6. RISKJU TA' LIKWIDITÀ

Analiżi tal-maturità tal-obbligazzjonijiet finanzjarji skont il-maturità kuntrattwali li jifdal

Miljuni ta' EUR

	< 1 sena	1-5 snin	> 5 snin	Total
Teħid b'self	*(2 350)*	*(17 363)*	*(34 158)*	*(53 872)*
Ammonti pagabbli	*(32 227)*	*–*	*–*	*(32 227)*
Oħrajn	*(252)*	*(648)*	*(1 112)*	*(2 012)*
Total fil-31.12.2018	**(34 829)**	**(18 011)**	**(35 270)**	**(88 110)**
Teħid b'self	*(6 700)*	*(14 862)*	*(33 279)*	*(54 841)*
Ammonti pagabbli	*(39 048)*	*–*	*–*	*(39 048)*
Oħrajn	*(150)*	*(665)*	*(1 255)*	*(2 070)*
Total fil-31.12.2017	**(45 898)**	**(15 527)**	**(34 534)**	**(95 959)**

Strumenti finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit

Miljuni ta' EUR

	< 1 sena	1-5 snin	> 5 snin	Total
L-istadju tal-ħlas tad-derivattiva	*(490)*	*(2)*	*(6)*	*(498)*
L-istadju ta' riċeviment tad-derivattiva	*477*	*–*	*–*	*477*
Il-flussi tal-flus netti fil-31.12.2018	**(14)**	**(2)**	**(6)**	**(21)**
L-istadju tal-ħlas tad-derivattiva	*(634)*	*(2)*	*–*	*(635)*
L-istadju ta' riċeviment tad-derivattiva	*638*	*–*	*–*	*638*
Il-flussi tal-flus netti fil-31.12.2017	**5**	**(2)**	**–**	**3**

L-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self għall-assistenza finanzjarja

Ir-riskju tal-likwidità li jiġi mit-teħid b'self ġeneralment jiġi paċut permezz tas-self b'termini u kundizzjonijiet ekwivalenti (operazzjonijiet "spalla ma' spalla"). Għall-AMF u l-Euratom, il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni jservi ta' riżerva ta' likwidità (jew xibka ta' sikurezza) f'każ ta' inadempjenza tal-pagament u dewmien fil-pagamenti tal-mutwatarji. Għall-BOP, ir-Regolament tal-Kunsill 431/2009 jipprevedi proċedura li tagħti biżżejjed żmien għall-mobilizzazzjoni tal-fondi permezz tal-kontijiet tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni mal-Istati Membri. Għall-EFSM, ir-Regolament tal-Kunsill 407/2010 jipprevedi proċedura simili.

It-Teżor

Il-prinċipji tal-baġit tal-UE jiżguraw li r-riżorsi tal-flus ġenerali għal sena partikolari jkunu dejjem suffiċjenti għall-eżekuzzjoni tal-pagamenti kollha. Fil-fatt, il-kontribuzzjonijiet totali tal-Istati Membri flimkien mad-dħul mixxelanju huma daqs l-ammont tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għas-sena finanzjarja. Madankollu, il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jiġu riċevuti fi tnax-il pagament akkont kull xahar matul is-sena, filwaqt li l-pagamenti huma soġġetti għal ċerta staġjonalità. Barra minn hekk, skont ir-Regolament tal-Kunsill 609/2014 (dwar il-metodi u l-proċedura biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni riżorsi proprji, emendati bir-Regolament tal-Kunsill 804/2016), il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri relatati mal-baġits emendatorji aprovati f'xahar partikolari (N) isiru disponibbli biss jew fl-ewwel jum ta' xogħol tax-xahar N+1 (jekk approvati qabel is-16 tax-xahar partikolari) jew fl-ewwel jum ta' xogħol tax-xahar N+2 (jekk approvati fis-16 jew aktar tard ta' dak ix-xahar partikolari), filwaqt li l-approprjazzjonijiet ta' pagament relatati jkunu disponibbli minnufih.

Sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi tat-teżor disponibbli dejjem ikunu biżżejjed sabiex ikopru l-pagamenti li jridu jiġu eżegwiti fi kwalunkwe xahar partikolari, hemm fis-seħħ proċeduri rigward il-previżjoni regolari tal-flus, filwaqt li jistgħu jiġu eżerċitati riżorsi proprji jew finanzjament addizzjonali bil-quddiem mill-Istati Membri jekk ikun meħtieġ, sa ċerti limiti u taħt ċerti kundizzjonijiet. L-istaġjonalità tal-infiq u r-restrizzjonijiet baġitarji ġenerali f'dawn l-aħħar snin irriżultaw fil-ħtieġa għal aktar monitoraġġ tar-ritmu tal-pagamenti matul is-sena. Minbarra dak li ntqal hawn fuq, fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' kuljum tat-teżor tal-Kummissjoni, l-għodod awtomatizzati għall-ġestjoni tal-likwidità jiżguraw li, fuq bażi ta' kuljum, tkun disponibbli likwidità suffiċjenti fuq kull wieħed mill-kontijiet bankarji tal-Kummissjoni.

Multi

Multi msarrfin b'mod provviżorju: portafoll BUFI

Il-Fond huwa ġestit skont il-prinċipju li l-assi għandu jkollhom livell suffiċjenti ta' likwidità u mobilizzazzjoni fir-rigward tal-impenji rilevanti. Il-portafoll huwa magħmul prinċipalment minn titoli likwidi ħafna li jistgħu jinbiegħu sabiex jintlaħqu l-flussi ta' ħruġ ta' flus mhux mistennija. Barra minn hekk, is-sehem ta' flus, ekwivalenti ta' flus u titoli li jimmaturaw fi żmien sena (1) huwa ta' 23 %.

Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni

Il-Fond huwa ġestit skont il-prinċipju li l-assi għandu jkollhom livell suffiċjenti ta' likwidità u mobilizzazzjoni fir-rigward tal-impenji rilevanti. Għaldaqstant, il-fond iżomm ammont biżżejjed ta' assi monetarji biex ikopri l-flussi ta' ħruġ b'terminu qasir. Is-sehem ta' flus, ekwivalenti ta' flus u titoli li jimmaturaw fi żmien sena (1) huwa ta' 9,2 %.

Il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS

Il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS huwa ġestit skont il-prinċipju li l-assi għandu jkollhom livell suffiċjenti ta' likwidità u mobilizzazzjoni fir-rigward tal-impenji rilevanti. Il-portafoll huwa magħmul minn assi likwidi li jistgħu jinbiegħu sabiex jintlaħqu l-flussi ta' ħruġ ta' flus mhux mistennija. Barra minn hekk, is-sehem ta' flus, ekwivalenti ta' flus u titoli li jimmaturaw fi żmien sena (1) huwa ta' 22 %.

Is-saldu tal-kuntratti tad-derivattivi huwa gross u huwa bbażat fuq il-maturità kuntrattwali tagħhom. L-obbligi jiġu onorati permezz tal-bejgħ ta' assi denominati f'USD u/jew tranżazzjoni ta' swap, fejn huwa possibbli li jinħoloq fluss ta' ħruġ ta' flus minħabba differenzi fir-rata tal-kambju.

Ma hija meħtieġa ebda ġestjoni tal-likwidità fir-rigward tar-rekwiżiti ta' kollateral/marġini, minħabba li l-kontroparti tal-iħħeġġjar attwali taċċetta li topera mal-Kummissjoni mingħajr l-ebda rekwiżit għal eżerċitar ta' kollateral/marġini.

Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD

Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD huwa ġestit skont il-prinċipju li l-assi għandu jkollhom livell suffiċjenti ta' likwidità u mobilizzazzjoni fir-rigward tal-impenji rilevanti.

Il-portafoll huwa msawwar minn 97 % flus miżmuma f'kontijiet kurrenti.

Strumenti finanzjarji oħrajn – obbligazzjonijiet finanzjarji derivattivi

Fl-2017, l-UE daħlet f'kuntratt ta' derivattivi (opzjoni ta' kambju tal-valuti barrani) li jkopri l-iżvalutazzjoni tal-kambju tal-valuti barranin b'rabta ma' self mogħti minn istituzzjonijiet finanzjarji (ara n-nota **2.11.2**). Barra minn hekk, il-garanzija tal-UE fuq portafolli ta' ekwità miżmuma mill-Grupp tal-BEI wasslet għal obbligu finanzjarju biex jiġu koperti bidliet fil-valur jew indebolimenti fl-investimenti sottostanti. Rigward l-istrumenti finanzjarji l-oħra ffinanzjati mill-Baġit tal-UE, l-ammont li għalih hija responsabbli l-UE skont dawn l-istrumenti ma jistax jaqbeż l-ammont impenjat, li huwa r-riskju tal-likwidità mitigat minn dak il-fatt.

7. DIKJARAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET RELATATI

7.1. PARTIJIET RELATATI

Il-partijiet relatati tal-UE huma l-entitajiet ikkonsolidati tal-UE, l-assoċjati u l-persunal prinċipali tal-maniġment ta' dawn l-entitajiet. It-tranżazzjonijiet bejn dawn l-entitajiet iseħħu bħala parti mill-operazzjonijiet normali tal-UE u, minħabba li dan huwa l-każ, ma huwa meħtieġ ebda rekwiżit speċifiku ta' divulgazzjoni għal dawn it-tranżazzjonijiet f'konformità mar-regoli tal-kontabbiltà tal-UE.

7.2. INTITOLAMENTI PRINĊIPALI TAL-ĠESTJONI

Għall-finijiet tal-preżentazzjoni ta' informazzjoni dwar tranżazzjonijiet tal-partijiet relatati rigward il-ġestjoni prinċipali tal-UE, tali persuni huma murija hawnhekk taħt ħames kategoriji:

Kategorija 1: il-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Kategorija 2: il-Viċi President tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Viċi Presidenti l-oħrajn tal-Kummissjoni

Kategorija 3: is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, il-Membri tal-Kummissjoni, l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-President u l-Membri tal-Qorti Ġenerali, il-President u l-Membri tat-Tribunal Ewropew tas-Servizz Ċivili, l-Ombudsman u l-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-*Data*

Kategorija 4: il-President u l-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Kategorija 5: l-ogħla uffiċjali fiċ-ċivil tal-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji

Sommarju tal-intitolamenti tagħhom huwa mogħti hawn taħt – aktar informazzjoni tista' tinstab fir-Regolamenti tal-Persunal ippubblikati fuq is-sit web Europa, li huwa d-dokument uffiċjali li jiddeskrivi d-drittijiet u l-obbligi tal-uffiċjali kollha tal-UE. Il-persunal prinċipali tal-maniġment ma rċieva ebda self preferenzjali mill-UE.

INTITOLAMENTI FINANZJARJI PRINĊIPALI TAL-ĠESTJONI

EUR

Intitolament (għal kull impjegat)	Kategorija 1	Kategorija 2	Kategorija 3	Kategorija 4	Kategorija 5
Salarju bażiku (fix-xahar)	*27 903,32*	*25 274,75 - 26 285,75*	*20 219,80 - 22 747,28*	*21 837,39 - 23 252,78*	*12 856,84 - 20 219,80*
Allowance Residenzjali jew tal-Espatrijazzjoni	*15%*	*15%*	*15%*	*15%*	*0-4%-16%*
Benefiċċji tal-familja:					
Unità domestika (% tas-salarju)	2% + 187,69	2% + 187,69	2% + 187,69	2% + 187,69	2% + 187,69
Wild dipendenti	410,11	410,11	410,11	410,11	410,11
Edukazzjoni	100,18	100,18	100,18	100,18	100,18
Preprimarja, jew	278,25	278,25	278,25	278,25	278,25
Edukazzjoni barra mill-post tax-xogħol	556,5	556,5	556,5	556,5	556,5
Allowance tal-imħallfin li jippresiedu	*Mhux applikabbli*	*Mhux applikabbli*	*638,43*	*Mhux applikabbli*	*Mhux applikabbli*
Benefiċċju għar-rappreżentanza	*1 512,12*	*971,82*	*638,43*	*Mhux applikabbli*	*Mhux applikabbli*
Spejjeż tal-ivvjaġġar annwali	*Mhux applikabbli*	*Mhux applikabbli*	*Mhux applikabbli*	*Mhux applikabbli*	*Mhux applikabbli*
Trasferimenti lil Stat Membru:					
Allowance għall-edukazzjoni*	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva
% tas-salarju*	5%	5%	5%	5%	5%
% tas-salarju mingħajr cc	massimu ta' 25 %	massimu ta' 25 %	massimu ta' 25 %	massimu ta' 25 %	massimu ta' 25 %
Spejjeż tar-rappreżentanzi	*Rimborżati*	*Rimborżati*	*Rimborżati*	*Mhux applikabbli*	*Mhux applikabbli*
Bidu tal-impieg:					
Spejjeż tal-installazzjoni	55 806,65	50 549,49 - 52 571,49	40 439,60 - 45 494,55	43 674,78 - 46 505,55	Rimborżati
Spejjeż tal-ivvjaġġar tal-familja	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati
Spejjeż taċ-ċaqliq	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati
Tluq mill-kariga:					
Spejjeż tar-risistemazzjoni	27 903,32	25 274,75 - 26 285,75	20 219,80 - 22 747,28	21 837,39 - 23 252,78	Rimborżati
Spejjeż tal-ivvjaġġar tal-familja	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati
Spejjeż taċ-ċaqliq	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati
Tranżizzjoni (% tas-salarju)**	40 % - 65 %	40 % - 65 %	40 % - 65 %	40 % - 65 %	Mhux applikabbli
Assigurazzjoni medika	Koperta	Koperta	Koperta	Koperta	Koperta
Pensjoni (% tas-salarju, qabel it-taxxa)	*Massimu ta' 70 %*	*Massimu ta' 70 %*	*Massimu ta' 70 %*	*Massimu ta' 70 %*	*Massimu ta' 70 %*
Tnaqqis:					
Taxxa fuq is-salarju	8% - 45%	8% - 45%	8% - 45%	8% - 45%	8% - 45%
Assigurazzjoni medika (% tas-salarju)	*1,7 %*	*1,7 %*	*1,7 %*	*1,7 %*	*1,7 %*
Imposta speċjali fuq is-salarju	7%	7%	7%	7%	6-7 %
Tnaqqis tal-pensjoni	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	10,0 %
L-għadd ta' persuni fi tmiem is-sena	**3**	**6**	**93**	**28**	**112**

** Bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni ("CC")*

*** Imħallas għall-ewwel 3 snin wara t-tluq.*

8. EVENTI WARA D-DATA TAL-KARTA BILANĊJALI

Fid-data tal-iffirmar ta' dawn il-kontijiet, ma nġiebet ebda kwistjoni materjali għall-attenzjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni, jew li ġiet irrapportata lilu, li kienet teħtieġ divulgazzjoni separata f'din it-taqsima. Il-kontijiet u n-noti relatati tħejjew billi ntużat l-aktar informazzjoni riċenti disponibbli u dan huwa rifless fl-informazzjoni ppreżentata.

9. KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-KONSOLIDAZZJONI

A. ENTITAJIET KONTROLLATI (52)

1. Istituzzjonijiet u korpi konsultattivi (11)

Il-Parlament Ewropew	*Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*
Il-Kunsill Ewropew	*Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Il-Kummissjoni Ewropea	*L-Ombudsman Ewropew*
Qorti Ewropea tal-Awdituri	*Il-Kumitat tar-Reġjuni*
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	*Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	

2. Aġenziji tal-UE (39)

2.1. Aġenziji Eżekuttivi (6)

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura	*Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji*
Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel	*L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks*
Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka	*Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka*

2.2. Aġenziji Deċentralizzati (33)

Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima	*Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel*
L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini	*L-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea*
L-Awtorità Ewropea tas-Sorveljanza tal-GNSS	*Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti*
Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi	*Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd*
Il-Fużjoni għall-Enerġija (L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni)	*Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga*
Il-Eurojust	*Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea*
Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi	*L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL)*
Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol	*Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni*
Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard	*L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni*
Aġenzija Ewropea għall-Ambjent	*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali*
Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali	*Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol*
Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija	*Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea*
Awtorità Bankarja Ewropea	*Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq*
Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil	*Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ*
L-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi	*Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol*
Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)	*L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)*
EU-LISA (L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja)	

3. Entitajiet ikkontrollati oħrajn (2)

Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (f'likwidazzjoni)	*Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija*

B. ASSOĊJATI (1)

Fond Ewropew tal-Investiment

ENTITAJIET MINURI

L-entitajiet elenkati hawn taħt ma ġewx ikkonsolidati bl-użu tal-metodu tal-ekwità fir-rapporti finanzjarji kkonsolidati tal-UE għall-2018 abbażi tal-immaterjalità:

Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika

Industriji b'bażi Bijoloġika hija Sħubija Pubblika-Privata ('Public-Private Partnership' - PPP) bejn l-UE u l-Konsorzju tal-Industriji b'bażi Bijoloġika ('Bio-based Industries Consortium' - BIC). Il-BBI hija ddedikata biex tagħmel użu sħiħ mill-potenzjal tal-bijoekonomija Ewropea, billi ddawwar ir-residwi bijoloġiċi u l-iskart fi prodotti ta' kuljum aktar ekoloġiċi permezz ta' teknoloġiji innovattivi u bijoraffineriji, li huma fil-qalba tal-bijoekonomija.

L-Impriża Konġunta "Clean Sky"

"Clean Sky" huwa l-akbar programm ta' riċerka Ewropew li jiżviluppa teknoloġija innovattiva u mill-aktar avvanzata mmirata biex tnaqqas is-CO2, l-emissjonijiet tal-gassijiet u l-livelli ta' storbju prodotti mill-inġenji tal-ajru. "Clean Sky", li hija ffinanzjata mill-programm tal-UE Orizzont 2020, tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kollaborazzjoni tal-industrija tal-ajru Ewropea, tat-tmexxija globali u tal-kompetittività.

L-impriża Konġunta Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi (IMI)

L-IMI hija l-akbar inizjattiva pubblika-privata tal-Ewropa mmirata biex tħaffef l-iżvilupp ta' mediċini aħjar u aktar sikuri għall-pazjenti. L-IMI hija impriża konġunta bejn l-Unjoni Ewropea u assoċjazzjoni tal-industrija farmaċewtika.

L-Impriża Konġunta Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL) (amalgamazzjoni tal-impriżi konġunti preċedenti ARTEMIS u ENIAC)

ECSEL hija PPP fil-komponenti u s-sistemi elettroniċi, li tnaqqas id-distakk bejn ir-riċerka u l-esplojtazzjoni, tallinja l-istrateġiji sabiex iżżid l-investimenti nazzjonali u Ewropej u tibni ekosistema avvanzata.

L-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu ('Fuel Cells Hydrogen' - FCH)

FCH hija PPP li tappoġġja l-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (RTD) fit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-enerġija tal-idroġenu fl-Ewropa. L-għan tagħha huwa li taċċellera l-introduzzjoni ta' dawn it-teknoloġiji fis-suq, filwaqt li tagħmel użu sħiħ mill-potenzjal tagħhom bħala strument fil-kisba ta' sistema tal-enerġija li ma tużax ħafna karbonju.

L-Impriża Konġunta ta' Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR)

SESAR hija PPP responsabbli għall-immodernizzar tas-sistema Ewropea tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) permezz tal-koordinazzjoni u l-konċentrazzjoni tal-isforzi tar-riċerka u l-innovazzjoni rilevanti kollha tal-ATM fl-UE.

L-Impriża Konġunta Shift2Rail

Shift2Rail hija l-ewwel inizjattiva teknoloġika konġunta Ewropea fis-settur ferrovjarju li tfittex riċerka u innovazzjoni (R&I) ffokata u soluzzjonijiet xprunati mis-suq billi taċċellera l-integrazzjoni ta' teknoloġiji ġodda u avvanzati f'soluzzjonijiet innovattivi ta' prodotti ferrovjarji.

Il-kontijiet annwali tal-entitajiet imsemmija hawn fuq huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-siti web rispettivi tagħhom.

DISKUSSJONI U ANALIŻI TAR-RAPPORT FINANZJARJU

SENA FINANZJARJA 2018

Ta' min jinnota li minħabba t-tqarrib taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, jista' jidher li xi data finanzjarja fit-tabelli ta' hawn taħt tidher li ma taqbilx fl-għadd finali.

KONTENUT

1. RAPPORTI FINANZJARJI KONSOLIDATI TAL-UE: SITWAZZJONI FINANZJARJA FL-2018 109
1.1. DĦUL....... 109
1.2. SPEJJEŻ....... 110
1.3. ASSI 111
1.4. OBBLIGAZZJONIJIET 118
2. ĠESTJONI TAR-RISKJI U L-INĊERTEZZI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE....... 119
2.1. AMBJENT MAKROEKONOMIKU....... 119
2.2. OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI BAĠITARJI GĦAL ASSISTENZA FINANZJARJA 120
2.3. GARANZIJI BAĠITARJI....... 121
2.4. RIŻERVA GĦAL MIN JIDĦOL ĠDID (New Entrants' Reserve, NER) 300 122

L-għan ta’ din id-Diskussjoni u Analiżi tar-Rapport Finanzjarju (FSDA) huwa li tgħin lill-qarrejja jifhmu l-pożizzjoni finanzjarja, l-prestazzjoni finanzjarja u l-fluss tal-flus ippreżentati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tal-UE. L-informazzjoni ppreżentata f’din l-FSDA ma ġietx awditjata.

1. RAPPORTI FINANZJARJI KONSOLIDATI TAL-UE: SITWAZZJONI FINANZJARJA FL-2018

1.1. DĦUL

Id-dħul ikkonsolidat tal-UE jinkorpora l-ammonti relatati mat-tranżazzjonijiet ta’ skambju u mat-tranżazzjonijiet mhux ta’ skambju, b’dawn tal-aħħar ikunu l-aktar sinifikanti.

It-tabella ta’ hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kategoriji ewlenin tat-tranżazzjonijiet mhux ta’ skambju.

Ix-xejra fuq ħames snin tad-dħul minn tranżazzjonijiet prinċipali mhux ta’ skambju (f’miljuni ta’ EUR)



Peress li d-dħul tal-baġit għandu jkun daqs (jew jisboq) in-nefqa tal-baġit, il-fattur ewlieni wara t-tendenza tad-dħul murija hawn fuq huwa l-pagamenti magħmula kull sena. Fl-2018, iż-żieda ta’ 20 % fid-dħul ikkonsolidat, għal EUR 163 biljun, meta mqabbel mas-sena preċedenti, kienet prinċipalment dovuta għal dawn li ġejjin:

- żieda ta’ EUR 27 biljun fir-riżorsi tal-ING, jew 35 % meta mqabbel mas-sena preċedenti. Dan l-effett primarjament jirrifletti l-impatt tat-tkabbir tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament fil-baġit tal-2018. Iż-żieda qawwija hija primarjament relatata mar-riżorsi baxxi mill-ING tal-2017, u l-effett tas-surplus baġitarju mill-2016, EUR 6,4 biljun, rikonoxxut fi “dħul ieħor minn tranżazzjonijiet mhux tal-kambju”. Fl-2018, is-surplus baġitarju mill-2017, rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu fil-31 ta’ Diċembru 2018, kien ferm anqas, EUR 0,6 biljun, li jispjega, minn naħa, il-ħtieġa akbar għal riżorsi tal-ING peress li r-riżorsa tal-ING tintuża biex tiġi ffinanzjata l-parti tal-baġit mhux koperta minn kwalunkwe sors ieħor ta’ dħul u, min-naħa l-oħra, it-tnaqqis fi “dħul ieħor”;

- żieda ta’ EUR 2,2 biljun fir-Riżorsi Proprji Tradizzjonali relatata ma’ ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE mir-Renju Unit matul il-perjodu bejn Novembru 2011 u Ottubru 2017. Bħala konsegwenza ta’ dan il-ksur, intalab ukoll imgħax għal ħlas tard ta’ EUR 1,3 biljun, li jispjega ż-żieda fid-dħul finanzjarju; u

- żieda ta’ EUR 2 biljun, meta mqabbla mal-2017, f’multi tal-kompetizzjoni maħruġa mill-UE, bħala riżultat tal-ksur tal-liġi minn entitajiet privati.

1.2. SPEJJEŻ

Il-komponent prinċipali tal-ispejjeż rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji kkonsolidati huwa l-pagamenti ta' trasferiment taħt il-mod ta' ġestjoni kondiviża, li jinkludi l-fondi li ġejjin: (i) Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG); (ii) Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u strumenti oħrajn tal-iżvilupp rurali; (iii) Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK); u (iv) Fond Soċjali Ewropew (FSE). Dawn il-fondi kienu jikkostitwixxu kważi 66 % tal-ispejjeż totali fl-2018 - il-qasma tista' tinstab fiċ-ċart ta' hawn taħt.

Piż relattiv tal-ispejjeż ewlenin implimentati mill-Istati Membri (ġestjoni kondiviża) għas-sena finanzjarja tal-2018



L-ispejjeż imġarrba taħt ġestjoni diretta jirrappreżentaw l-implimentazzjoni tal-baġit mill-Kummissjoni, mill-aġenziji eżekuttivi u mill-fondi fiduċjarji. Taħt il-ġestjoni indiretta, il-baġit jiġi implimentat minn aġenziji tal-UE, korpi tal-UE, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet oħrajn.

L-ispejjeż imġarrba taħt ġestjoni diretta u indiretta kienu jammontaw għal madwar 19 % tal-ispejjeż totali (EUR 28,5 biljun) u baqgħu stabbli meta mqabbla mas-sena finanzjarja preċedenti.

L-UE tirrikonoxxi ċerti obbligi ta' ħlas futuri bħala spejjeż, anki jekk għadhom mhumiex murija fil-kontijiet baġitarji bbażati fuq il-ħlasijiet. L-ammonti importanti huma murija taħt l-ammonti pagabbli u l-imposti dovuti rigward l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali u anki taħt l-obbligazzjonijiet tal-pensjonijiet u tal-benefiċċji tal-impjegati relatati mad-drittijiet tal-pensjoni u ta' wara l-impjieg miksuba mill-Kummissarji, mill-MPE u mill-persunal.

B'mod ġenerali, l-ispejjeż żdiedu b'16 %, għal EUR 149 biljun, meta mqabbla mal-2017, liema żieda primarjament irriżultat mill-ispejjeż mill-programmi implimentati mill-Istati Membri li żdiedu b'madwar 24 %, jew EUR 19,8-il biljun, minħabba livell ogħla ta' spejjeż imġarrba b'rabta mal-fażi kurrenti tal-programmi fejn żdiedet l-implimentazzjoni. Il-programmi ewlenin li kkontribwew għal din iż-żieda kienu l-FEŻR u l-FK u l-FSE, li flimkien jirrappreżentaw żieda ta' EUR 17,2 biljun.

1.3. ASSI

L-aktar partiti sinifikanti fuq in-naħa tal-assi tal-karta bilanċjali huma l-assi finanzjarji (self mogħti, assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ, flus kontanti) u l-ammonti ta' prefinanzjament, li jikkostitwixxu kważi 79 % tal-assi tal-UE.

Kompożizzjoni tal-assi konsolidati tal-UE



Fil-31 ta' Diċembru 2018, l-assi totali kienu ta' EUR 174,4 biljun, li jirriflettu żieda ta' bejn wieħed u ieħor 5 %. Il-bidliet ewlenin kienu:

- żieda ta' EUR 12,5-il biljun fl-ammonti riċevibbli u rekuperabbli b'terminu qasir, direttament relatati maż-żieda fid-dħul tal-2018 mhux imsarrfa fid-data ta' rapportar;
- l-effett imsemmi hawn fuq kien ikkumpensat f'parti minnu minn tnaqqis fil-flus u ekwivalenti ta' flus ta' EUR 6 biljun (ara hawn taħt);
- żieda ta' EUR 1 biljun f'assi finanzjarji primarjament relatati mal-provvedimenti tal-Fond ta' Garanzija għall-operazzjonijiet tal-FEIS; u
- żieda ta' EUR 0,4 biljun fi proprjetà, impjanti u tagħmir (PPE) li rriżultat mill-iżviluppi ulterjuri tal-assi spazjali (Galileo u Copernicus).

B'mod ġenerali, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jagħmlu ħilithom sabiex iżommu l-ammonti miżmuma bħala flus u ekwivalenti ta' flus f'livell baxx. Il-bilanċ tal-flus ta' EUR 18,1-il biljun fi tmiem is-sena huwa aktar baxx milli kien fl-2017 u jikkostitwixxi l-elementi prinċipali li ġejjin:

- Rigward ir-riżorsi proprji, il-bilanċ tat-teżor fi tmiem is-sena jinkludi EUR 0,75 biljun imħallsa minn qabel minn uħud mill-Istati Membri b'rabta mal-baġit emendatorju 6 adottat fl-2018.
- Ammont ta' EUR 1,4 biljun f'multi imposti mill-Kummissjoni għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, li ssarraf b'mod definittiv fl-2018 u li għadu ma ġiex inkluż f'xi baġit emendatorju, ukoll huwa parti mill-bilanċ tat-teżor fi tmiem is-sena.
- Il-bilanċ tat-teżor jinkludi wkoll dħul assenjat u approprjazzjonijiet ta' pagament oħrajn ta' EUR 7,4 biljun.

Prefinanzjament

Ta' min jinnota li l-livell ta' prefinanzjament huwa influwenzat b'mod sinifikanti miċ-ċiklu tal-QFP - pereżempju, fil-bidu ta' perjodu tal-QFP, wieħed jista' jistenna li jitħallsu avvanzi kbar lill-Istati Membri skont il-politika ta' koeżjoni. Il-Kummissjoni tagħmel kull sforz biex tiżgura li l-livelli ta' prefinanzjament jinżammu f'livell xieraq. Għandu jinstab bilanċ bejn l-iżgurar ta' finanzjament suffiċjenti għall-proġetti u r-rikonoxximent f'waqtu tal-infiq.

Il-prefinanzjament totali (minbarra avvanzi oħrajn lill-Istati Membri u kontribuzzjonijiet għall-fondi fiduċjarji Bêkou u Afrika) fuq il-karta bilanċjali tal-UE jammonta għal EUR 43,4 biljun (2017: EUR 44,3 biljun), li kważi kollha huma relatati ma' attivitajiet tal-Kummissjoni. Madwar 60 % tal-prefinanzjament tal-Kummissjoni jikkonċerna l-ġestjoni kondiviża, li jfisser li l-implimentazzjoni tal-baġit hija ddelegata lill-Istati Membri (il-Kummissjoni żżomm irwol superviżorju).

Prefinanzjament mill-Kummissjoni skont il-mod ta' ġestjoni



L-aktar ammont ta' prefinanzjament sinifikanti taħt il-modalità ta' ġestjoni kondiviża jirrigwardja l-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni (EUR 14,6-il biljun), li jinsab f'livell simili għall-2017.

STRUMENTI FINANZJARJI

L-entrati li ġejjin huma murija fit-termini tal-kontabbiltà bħala strumenti finanzjarji fir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-UE:

- L-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE: taħt din ix-xorta ta' implimentazzjoni tal-baġit, il-fondi jew diġà ġew żborżati lill-kontijiet fiduċjarji ġestiti mill-entitajiet fdati u jibqgħu disponibbli (bħala flus kontanti u ekwivalenti ta' flus u titoli ta' dejn) sabiex ikopru t-talbiet għal ħlas ta' garanzija fil-ġejjieni, jew inkella ġew investiti f'ekwità;

- L-assi finanzjarji miżmuma f'fondi ta' garanzija għall-garanziji baġitarji: taħt din ix-xorta ta' implimentazzjoni tal-baġit, l-UE tipprovdi garanziji lil kontropartijiet li għalihom il-finanzjament huwa biss ipprovdut parzjalment permezz ta' fondi ta' garanzija stabbiliti mill-Kummissjoni u b'hekk jinħolqu obbligazzjonijiet kontinġenti għall-baġit tal-UE - ara n-nota **4.1**; u

- L-għoti b'self u t-teħid b'self relatat għall-programmi ta' assistenza finanzjarja.

Strumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE

Is-sinifikat u l-volum tal-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE taħt ġestjoni diretta u indiretta jiżdiedu minn sena għal sena. Il-kunċett bażiku wara dan l-approċċ, b'kuntrast mal-metodu tradizzjonali ta' implimentazzjoni tal-baġit li jagħti għotjiet u sussidji, huwa li għal kull euro li jintefaq mill-baġit permezz ta' strumenti finanzjarji, il-benefiċjarju finali jirċievi aktar minn EUR 1 bħala appoġġ finanzjarju minħabba l-effett ta' ingranaġġ. Dan l-użu tal-baġit tal-UE għandu l-għan li jimmassimizza l-impatt tal-fondi disponibbli. L-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE jeżistu fil-forma ta' strumenti ta'

garanzija, strumenti ta’ ekwità u strumenti ta’ self - ara l-ħarsa ġenerali mill-QFP fit-tabella ta’ hawn taħt. L-assi f’dawn l-istrumenti jinżammu fi flus u l-ekwivalenti ta’ flus jew inkella jiġu investiti fi strumenti ta’ ekwità u titoli ta’ dejn kategorizzati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ fir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-UE.

Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ li huma relatati mal-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE (il-valur fi tmiem is-sena):



It-tabelli li ġejjin jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE għal kull QFP u l-valuri tagħhom fil-31 ta’ Diċembru 2018:

Miljuni ta’ EUR

Relatat ma’ aktar minn QFP wieħed	Assi*	Obbligazzjonijiet**	Garanziji***
Garanziji u strumenti ta’ kondiviżjoni tar-riskji:			
Il-faċilità ta’ Garanzija taħt il-Balkani tal-Punent (EDIF)	37	(34)	-
	37	**(34)**	**-**
Strumenti ta’ ekwità:			
Il-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (‘European Fund for Southeast Europe’ - EFSE)	165	-	-
Il-Fond “Green for Growth” għar-Reġjun tal-Viċinat tal-Lvant	63	(0)	-
Il-Fond MENA għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (SANAD)	25	-	-
Il-Fond ta’ Innovazzjoni tal-Intrapriżi (‘Enterprise Innovation Fund’ - ENIF)	18	-	-
Il-Fond ta’ Espansjoni tal-Intrapriżi (‘Enterprise Expansion Fund’ - ENEF)	10	-	-
Inizjattiva ta’ Mikrofinanzjament għall-Fond tad-Dejn tal-Asja (MIFA)	9	-	-
	290	**(0)**	**-**
Total	**327**	**(34)**	**-**

QFP 2014-2020	Assi	Obbligazzjonijiet	Garanziji
Garanziji u strumenti ta’ kondiviżjoni tar-riskji:			
Orizzont 2020 — Garanzija Servizz għal Self u Garanzija InnovFin għar-RuŻ	1 107	(43)	(934)
Orizzont 2020 — Garanzija InnovFin għall-SMEs	902	(381)	(533)
Strument ta’ Dejn tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE DI)	598	(2)	(579)
Il-Faċilità ta’ Garanzija tas-Self COSME	310	(613)	(2)
Finanzjament Privat għal Strument ta’ Effiċjenza Enerġetika (PF4EE)	34	(0)	(5)
Faċilità ta’ Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi	30	(12)	-
Il-Programm tal-Inklużjoni Finanzjarja għall-Intrapriżi Mikro, Żgħar u ta’ Daqs Medju (MSME) ta’ SEMED	25	-	(11)
Il-Faċilità ta’ Garanzija ta’ Self lill-Istudenti	14	(1)	-
Il-Faċilità ta’ Finanzjament tal-SMEs fis-Sħubija tal-Lvant	13	(4)	(1)
Il-Faċilità ta’ Finanzjament tal-Kapital Naturali	12	(0)	(6)

QFP 2014-2020	Assi	Obbligazzjonijiet	Garanziji
(tkompli mill-paġna preċedenti)			
Il-Programm in-Nisa fin-Negozju fis-Sħubija tal-Lvant	4	-	(4)
Appoġġ għad-Diversifikazzjoni Ekonomika Mongoljana	2	-	-
Faċilità ta' Trasferibbiltà u Konvertibbiltà (T&C)	1	(1)	-
	3 052	**(1 057)**	**(2 075)**
Strumenti ta' ekwità:			
Il-Faċilità ta' Ekwità InnovFin ta' Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni	368	(10)	-
COSME - Il-Faċilità ta' Ekwità għat-Tkabbir	67	(2)	-
Il-Faċilità tal-Kapital ta' Riskju għall-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar	24	-	-
"Climate Investor One"	22	-	-
Il-Faċilità ta' Investiment tal-Amerika Latina	12	-	-
Fond ta' Kummerċ u ta' Investiment fl-Agrikoltura Afrikana	11	-	-
	504	**(12)**	**-**
Strumenti mħalltin:			
Faċilità ta' Garanzija għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u l-Bini ta' Kapaċità	73	(39)	-
Żona ta' Kummerċ Ħieles Profonda u Komprensiva tal-UE	68	(6)	-
ElectriFI	31	-	-
Inizjattiva ta' Finanzjament għall-Agrikoltura	10	-	-
	182	**(44)**	**-**
Total	**3 738**	**(1 113)**	**(2 075)**

QFP ta' qabel l-2014	Assi	Obbligazzjonijiet	Garanziji
Garanziji u strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji:			
Il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji ('Risk Sharing Finance Facility' - RSFF)	731	(65)	(642)
Il-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs taħt is-CIP	83	(151)	-
Il-Programm Pluriennali ('Multi Annual Program' - MAP) għall-Intrapriżi	32	(31)	-
Il-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs	7	-	-
Faċilità Ewropea ta' Garanzija għall-Mikrofinanzjament Progress	4	(4)	-
	857	**(251)**	**(642)**
Strumenti ta' ekwità:			
Il-Faċilità għall-SMEs Innovattivi u b'Rata Għolja ta' Tkabbir taħt is-CIP	410	(6)	-
Il-Faċilità ta' Ekwità ta' Programm Qafas Pluriennali	208	-	-
Il-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika	104	-	-
Il-Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli	90	(20)	-
Fond Ewropew ta' Mikrofinanzjament Progress	68	-	-
Il-Fond Marguerite	43	-	-
Il-Faċilità Ewropea għall-Bidu ta' Negozju Teknoloġiku, 1998 ('European Technology Start-up Facility' - ETF)	9	(0)	-
Proġetti Pilota għat-Trasferiment tat-Teknoloġija	0	-	-
	932	**(26)**	**-**
Strumenti mħalltin:			
L-istrument għall-kooperazzjoni ekonomika u finanzjarja permezz tal-MEDA	140	(2)	-
L-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI)	120	(2)	-
	260	**(4)**	**-**
Total	**2 049**	**(281)**	**(642)**
Total Globali	**6 115**	**(1 428)**	**(2 717)**

**   L-assi ppreżentati f'din it-tabella jinkludu bosta partiti tar-rapporti finanzjarji (Disponibbli għall-bejgħ ta' EUR 4 387 miljun (li EUR 1 294 miljun minnhom huma strumenti ta' ekwità); Flus u ekwivalenti ta' flus ta' EUR 1 615 miljun; Self ta' EUR 64 miljun u partiti oħrajn fl-ammont ta' EUR 49 miljun).*
***   L-obbligazzjonijiet ippreżentati f'din it-tabella jinkludu bosta partiti tar-rapporti finanzjarji (Provvedimenti ta' EUR 1 337 miljun; Ammonti pagabbli ta' EUR 69 miljun u partiti oħrajn fl-ammont ta' EUR 22 miljun).*
**** Għal ċerti garanziji, ir-riskju meħud mill-UE huwa kopert kompletament permezz tal-provvedimenti magħmula.*

Assi finanzjarji miżmuma f'fondi ta' garanzija għall-garanziji baġitarji

Il-Kummissjoni waqqfet fondi ta' garanzija sabiex ikopru l-garanziji baġitarji (ara n-nota **4.1.1** tar-rapporti finanzjarji kkonsolidati) mogħtija lill-grupp tal-BEI. Dawn il-fondi ta' garanzija jiġu pprovduti permezz ta' pagamenti mill-baġit tal-UE sabiex jipprovdu marġini ta' likwidità kontra t-telf potenzjali mill-operazzjonijiet garantiti. Il-pagamenti lill-fondi ta' garanzija jiġu investiti fi strumenti finanzjarji, inklużi titoli ta' dejn, flus kontanti u depożiti ta' żmien fiss. Fil-31 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni għandha assi finanzjarji fi:

- il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni ta' EUR 2,5 biljun;
- il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS ta' EUR 5,5 biljun; u
- il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD ta' EUR 0,3 biljun.

Is-self u t-teħid b'self relatat għall-programmi ta' assistenza finanzjarja

L-appoġġ finanzjarju għall-Istati Membri u l-pajjiżi terzi fil-forma ta' self bilaterali ffinanzjat mis-swieq kapitali bil-garanzija tal-baġit tal-UE huwa pprovdut mill-Kummissjoni skont id-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Il-Kummissjoni, li taġixxi f'isem l-UE, bħalissa qed topera tliet programmi ewlenin:

- Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM);
- Assistenza tal-Bilanċ tal-Pagamenti ('Balance of Payments' - BOP); u
- Assistenza Makrofinanzjarja (AMF), li taħtha tista' tagħti self.

Il-kapital meħtieġ sabiex jiffinanzja s-self mogħti mill-UE jinġabar fis-swieq kapitali jew ma' istituzzjonijiet finanzjarji.

Fil-31 ta' Diċembru 2018, l-ammont nominali tas-self mogħti għal assistenza finanzjarja taħt l-EFSM u l-BOP kien:

Biljuni ta' EUR

	BTP			EFSM*			TOTAL
	Il-Latvja	Ir-Rumanija	Total	L-Irlanda	Il-Portugall	Total	
Total mogħti	3,1	5,0**	8,1	22,5	26,0	48,5	56,6
Total żborżat fil-31.12.2018	2,9	5,0	7,9	22,5	24,3	46,8	54,7
Total imħallas lura fil-31.12.2018	(2,2)	(4)	(6,2)	-	-	-	(6,2)
Ammont pendenti fil-31.12.2018	0,7	1	1,7	22,5	24,3	46,8	48,5

* *Mingħajr tranżazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid.*
** *Minbarra l-assistenza prekawzjonarja.*

EFSM

L-EFSM inħoloq sabiex jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri kollha li qed jesperjenzaw jew huma mhedda serjament minn tfixkil finanzjarju ekonomiku serju kkawżat minn okkorrenzi eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tagħhom. L-EFSM intuża sabiex jipprovdi assistenza finanzjarja, kondizzjonali fuq l-implimentazzjoni ta' riformi, lill-Irlanda u lill-Portugall bejn l-2011 u l-2014.

Dan il-programm skada u issa ma jista' jittieħed ebda self addizzjonali, għalkemm jibqa' fis-seħħ għal kompiti speċifiċi bħall-estensjoni tal-maturitajiet għal self lill-Irlanda u lill-Portugall u l-għoti ta' self tranżitorju.

Il-punti ewlenin tal-programm tal-EFSM huma dawn li ġejjin:

L-Irlanda

- L-Irlanda talbet l-ammont totali sħiħ ta' EUR 22,5 biljun mogħti mill-EFSM f'Diċembru 2010. Dan l-ammont ġie żborżat fi tmien pagamenti akkont bejn Jannar 2011 u Marzu 2014;

- L-Irlanda għandha l-għażla li ttawwal il-maturità tas-self tal-EFSM abbażi tal-estensjoni tal-maturità medja massima ponderata għal 19,5 snin mogħtija mill-Kunsill fl-2013;

- Il-ħlasijiet lura ta' EUR 3,4 biljun u EUR 0,5 biljun kienu skedati għal April u Ottubru 2018, rispettivament. L-Irlanda talbet estensjoni tal-maturità u l-ammonti ġew approvati u ttieħdu b'self b'suċċess fis-swieq fl-2018. Dawn issa ġew skedati mill-ġdid għal ħlas lura f'żewġ pagamenti akkont ta' EUR 2,4 biljun u EUR 1,5 biljun fl-2025 u fl-2033, rispettivament.

Il-Portugall

- Il-Portugall talab EUR 24,3 biljun minn total ta' EUR 26 biljun mogħtija mill-EFSM f'Mejju 2011. Dan l-ammont ġie żborżat f'seba' pagamenti akkont bejn Mejju 2011 u Novembru 2014. Ħlas lura ta' EUR 0,6 biljun kien skedat għal Ottubru 2018 iżda, bħalma seħħ fil-każ tal-Irlanda, il-Portugal talab l-estensjoni tal-maturità u s-self ġie rifinanzjat fis-swieq b'data ta' maturità ġdida fl-2033.

BTP

Il-BOP huwa programm ta' assistenza maħsub għal pajjiżi barra ż-żona tal-euro li qegħdin jesperjenzaw jew li huma mhedda minn diffikultajiet fir-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti tagħhom. L-assistenza tal-BOP tieħu l-forma ta' self b'terminu medju li huwa kondizzjonali fuq l-implimentazzjoni ta' politiki maħsuba sabiex jindirizzaw il-problemi ekonomiċi sottostanti. Ġeneralment, l-assistenza tal-bilanċ tal-pagamenti mill-UE tiġi offruta f'kooperazzjoni mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u ma' pajjiżi jew istituzzjonijiet internazzjonali oħrajn.

L-assistenza finanzjarja tal-UE fuq terminu medju taħt il-faċilità tal-BOP ġiet attivata f'Novembru 2008 sabiex tgħin lill-Ungerija u, sussegwentement, lil-Latvja u lir-Rumanija, f'Jannar u Mejju 2009 rispettivament, jerġgħu jistabbilixxu l-fiduċja fis-suq għal impenn totali ta' EUR 14,6-il biljun. Il-programm ta' assistenza tal-BOP għall-Ungerija skada fl-2010 u tħallas lura kompletament fl-2016. Iż-żewġ programmi ta' assistenza għal-Latvja u għar-Rumanija skadew fl-2012, u għalhekk ma jistgħu jiġu żborżati l-ebda pagamenti parzjali addizzjonali.

Barra minn hekk, iż-żewġ programmi ta' assistenza prekawzjonarja għar-Rumanija skadew fl-2013 u fl-2015 mingħajr ma ġew prelevati.

Il-punti ewlenin huma dawn li ġejjin:

- Matul l-2018, l-Istati Membri benefiċjarji tal-BOP irrimborżaw fil-ħin u bis-sħiħ ammont totali ta' EUR 1,45 biljun, li minnhom EUR 1,35 biljun kienu relatati ma' rimborż ta' kapital mir-Rumanija, bil-bqija li huma relatati mal-imgħax; u

- L-ammont pendenti fi tmiem l-2018 huwa ta' EUR 1,7 biljun b'kollox, EUR 0,7 biljun għal-Latvja u EUR 1 biljun għar-Rumanija.

AMF

L-AMF hija forma ta' għajnuna finanzjarja estiża mill-UE lil pajjiżi msieħba barra l-UE li qed jesperjenzaw kriżi ta' bilanċ tal-pagamenti. Hija tieħu l-forma ta' self jew għotjiet fuq perjodu ta' żmien medju/twil, jew kombinazzjoni ta' dawn, u hija disponibbli biss għal pajjiżi li jibbenifikaw minn programm ta' żborż tal-FMI.

Is-self pendenti fil-31 ta' Diċembru 2018 taħt il-programm tal-AMF kien ta' EUR 4,4 biljun f'ammonti nominali.

1.4. OBBLIGAZZJONIJIET

L-aktar partiti sinifikanti fuq in-naħa tal-obbligazzjoni tal-karta bilanċjali jikkonsistu primarjament f'erba' partiti ewlenin: (i) l-obbligu tal-pensjoni u obbligazzjonijiet oħrajn ta' benefiċċji tal-impjegati; (ii) it-teħid b'self; (iii) l-ammonti pagabbli lil partijiet terzi u (iv) l-imposti dovuti.

Il-kompożizzjoni tal-obbligazzjonijiet fuq il-karta bilanċjali konsolidata tal-UE



Fil-31 ta' Diċembru 2018, l-obbligazzjonijiet totali kienu ta' EUR 235,9 biljun, li baqgħu fl-istess livell bħas-sena preċedenti.

Il-bidliet ewlenin kienu relatati mal-effetti li ġejjin:

- L-ammonti pagabbli naqsu b'EUR 6,8 biljun minħabba tnaqqis fl-ammonti dovuti lill-Istati Membri b'rabta mar-riżorsi proprji (jiġifieri l-kontribuzzjonijiet għall-baġit tal-UE li għandhom jiġu rimborżati fi tmiem is-sena wara l-baġit emendatorju). Din is-sena kien hemm kontribuzzjonijiet addizzjonali dovuti mingħand l-Istati Membri;

- Tnaqqis ħafif fl-obbligazzjonijiet finanzjarji ta' EUR 1 biljun li jirriżulta primarjaemnt mill-ħlas lura tat-teħid b'self (EUR 1,35 biljun), b'rabta mas-self ipprovdut lir-Rumanija, taħt il-programm BOP; u

- L-effetti ta' hawn fuq ġew paċuti minn żieda ta' EUR 7,3 biljun fl-obbligazzjoni tal-benefiċċji tal-impjegati.

B'mod ġenerali, il-partiti l-oħrajn kollha tal-obbligazzjoni baqgħu stabbli. Ta' min jinnota li l-obbligazzjonijiet finanzjarji fit-tul (teħid b'self) żdiedu, filwaqt li kienu paċuti minn tnaqqis simili fl-element ta' terminu qasir. Dan huwa relatat ma' skedar mill-ġdid tad-dejn tal-EFSM għall-Irlanda (EUR 3,9 biljun) u għall-Portugall (EUR 0,6 biljun).

Il-pretensjonijiet u l-fatturi tal-ispejjez totali riċevuti u rikonoxxuti fl-intestatura tal-ammonti pagabbli tal-karta bilanċjali.



Assi netti

L-eċċess tal-obbligazzjonijiet fuq l-assi ma jfissirx li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jinsabu f'diffikultajiet finanzjarji, iżda pjuttost ifisser li ċerti obbligazzjonijiet ser jiġu ffinanzjati minn baġits annwali futuri. Ħafna mill-ispejjeż huma rikonoxxuti skont ir-regoli dwar il-kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti fis-sena kurrenti, għalkemm effettivament jistgħu jitħallsu fis-snin ta' wara jew aktar tard u ffinanzjati bl-użu ta' baġits futuri; id-dħul relatat se jitqies fil-perjodi futuri biss. L-aktar ammonti sinifikanti li għandhom jiġu enfasizzati huma l-attivitajiet tal-FAEG (li l-biċċa l-kbira tagħhom normalment titħallas fl-ewwel trimestru tas-sena ta' wara) u l-obbligazzjoni tal-benefiċċji tal-impjegati (li jridu jitħallsu matul it-30 sena, u aktar, li ġejjin).

2. ĠESTJONI TAR-RISKJI U L-INĊERTEZZI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE

2.1. AMBJENT MAKROEKONOMIKU

L-ambjent makroekonomiku tal-UE[13] għandu impatt fuq il-kapaċità tal-Istati Membri tal-UE li jissodisfaw l-obbligi ta' finanzjament tagħhom lejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE u, b'hekk, fuq il-kapaċità tal-UE li tkompli timplimenta l-politiki tal-UE.

L-ekonomija Ewropea kibret għas-sitt sena konsekuttiva fl-2018, iżda r-rata ta' tkabbir kienet anqas minn dik antiċipata, speċjalment fit-tieni nofs tas-sena, minħabba taħlita ta' fatturi interni u esterni. Fatturi domestiċi jinkludu t-tfixkil fis-settur tal-manifattura Ewropew (b'mod partikolari l-produzzjoni tal-karozzi) fit-tielet trimestru u t-tensjonijiet soċjali u l-inċertezza fil-politika fiskali f'ċerti Stati Membri. Uħud mill-aktar fatturi esterni importanti jinkludu l-inċertezza akbar rigward il-politiki kummerċjali, b'mod partikolari bejn l-Istati Uniti u ċ-Ċina u xejra ta' tnaqqis fil-produzzjoni globali tal-manifattura li rriżultaw fi tkabbir aktar dgħajjef fil-kummerċ dinji, li ħalla impatt fuq iż-żona tal-euro b'mod partikolari.

Minkejja dawn l-iżviluppi, il-prinċipji fundamentali tal-ekonomija Ewropea għadhom b'saħħithom u tul is-sentejn li jmiss l-ekonomija hija mistennija tkompli tikber iżda b'pass aktar moderat.

13 Għal aktar informazzjoni, ara: Il-Kummissjoni Ewropea "Previżjoni Ekonomika Ewropea, Xitwa 2019", URL: https://ec.europa.eu/info/publications/european-economic-forecast-winter-2019_mt

Il-PDG taż-żona tal-euro u tal-UE huwa mistenni li ser ikun kiber b’1,9 % fl-2018. Il-PDG taż-żona tal-euro huwa mbassar li se jikber b’1,3 % fl-2019 u 1,6 % fl-2020, filwaqt li t-tbassir tat-tkabbir tal-PDG tal-UE huwa ta’ 1,5 % fl-2019 u ta’ 1,7 % fl-2020.

B’mod ġenerali l-inflazzjoni kellha medja ta’ 1,7% fl-2018, jiġifieri żdiedet mill-1,5% tal-2017. Bis-suppożizzjonijiet tal-prezz taż-żejt għall-2019 u l-2020 li issa huma anqas milli kienu fil-ħarifa tal-2018, l-inflazzjoni fiż-żona tal-euro hija mbassra li se timmodera għal 1,4% fl-2019 qabel ma taqbad tiżdied ftit għal 1,5% fl-2020. Għall-UE sħiħa, l-inflazzjoni hija mbassra li se tilħaq medja ta’ 1,6% din is-sena u mbagħad tiżdied għal 1,8% fl-2020.

Is-suq tax-xogħol taż-żona tal-euro kompla jitjieb fl-ewwel tliet trimestri tal-2018. Fit-tielet trimestru tal-2018 in-numru ta’ persuni impjegati laħaq l-ogħla livell li qatt ġie rreġistrat fiż-żona tal-euro u f’Diċembru 2018 ir-rata tal-qgħad fiż-żona tal-euro kienet ta’ 7,9%, l-anqas livell minn Ottubru 2008 ’l hawn.

Ir-riskji għall-prospettivi ekonomiċi baqgħu sostanzjali, hekk kif it-tensjonijiet kummerċjali u l-evoluzzjoni inċerta tagħhom għadhom qed joħolqu tħassib. L-Istati Uniti jistgħu jkunu affettwati minn tibdiliet f’daqqa fil-politika fiskali. L-ekonomija Ċiniża jaf qiegħda tikkalma ħafna aktar milli kien antiċipat. Is-swieq finanzjarji globali u ħafna swieq emerġenti huma vulnerabbli għal tibdiliet f’daqqa fl-aptit għar-riskju u l-aspettattiva tat-tkabbir. Għall-UE, il-fatturi domestiċi jistgħu jkunu aktar dejjiema milli kien antiċipat u “Brexit” għadu sors ta’ inċertezza.

Mil-lat pożittiv, kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol li għadhom favorevoli jistgħu jirriżultaw f’domanda domestika aktar b’saħħitha filwaqt li użu aktar estensiv tal-fondi tal-UE fil-pajjiżi riċevituri jista jiskatta investimenti addizzjonali. Il-prospettivi għall-PDG globali għadhom stabbli, filwaqt li hu mistenni jespandi għal 3,8% għas-sentejn li ġejjin.

2.2. OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI BAĠITARJI GĦAL ASSISTENZA FINANZJARJA

L-attivitajiet ta’ għoti u teħid b’self tal-UE għall-programmi ta’ assistenza finanzjarja huma operazzjonijiet mhux baġitarji. B’mod ġenerali, il-fondi miġbura jingħataw b’self spalla ma’ spalla lill-pajjiż benefiċjarju, jiġifieri bl-istess kupun, maturità u ammont. Minkejja l-metodoloġija spalla ma’ spalla, is-servizz tad-dejn tal-istrumenti ta’ finanzjament huwa obbligu legali tal-UE, li trid tiżgura li l-pagamenti kollha jsiru b’mod sħiħ u f’waqtu. Il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ proċeduri sabiex tiżgura l-ħlas lura tas-self meħud anki f’każ ta’ inadempjenza tas-self.

It-teħid b’self tal-UE jikkostitwixxi obbligi diretti u mhux kondizzjonali tal-UE u dawn huma garantiti mill-Istati Membri tal-UE (obbligazzjonijiet kontinġenti baġitarji). It-teħid b’self għall-finanzjament tas-self lil pajjiżi barra mill-UE huwa kopert mill-Fond ta’ Garanzija għal azzjonijiet esterni. Jekk Stat Membru benefiċjarju jsir inadempjenti, is-servizz tad-dejn jiġi prelevat mill-bilanċ tat-teżor disponibbli għall-Kummissjoni, jekk ikun possibbli. Jekk dan ma jkunx possibbli, il-Kummissjoni tippreleva l-fondi neċessarji mill-Istati Membri. L-Istati Membri tal-UE huma legalment obbligati, skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar ir-riżorsi proprji (l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill 609/2014), li jagħmlu disponibbli biżżejjed fondi sabiex jissodisfaw l-obbligi tal-UE. B’hekk, l-investituri huma esposti biss għar-riskju ta’ kreditu tal-UE, mhux għal dak tal-benefiċjarju tas-self iffinanzjat. L-għoti ta’ self “spalla ma’ spalla” jiżgura li l-baġit tal-UE ma jassumi ebda riskju ta’ ċaqliq fir-rata tal-imgħax jew riskju tal-kambju.

Għal kull programm tal-pajjiżi, id-deċiżjonijiet tal-PE, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni jiddeterminaw l-ammont kumplessiv mogħti, l-għadd ta’ pagamenti akkont li għandhom jitħallsu u l-maturità massima (medja) tal-pakkett tas-self. Sussegwentement, il-Kummissjoni u l-pajjiż benefiċjarju jaqblu fuq il-parametri tas-self/tal-finanzjament, b’mod partikolari l-maturità tal-pagamenti akkont. Barra minn hekk, il-pagamenti akkont kollha tas-self, ħlief l-ewwel wieħed, jiddependu fuq il-konformità mal-kundizzjonijiet tal-politika, fil-kuntest ta’ assistenza finanzjarja konġunta bejn l-UE/FMI, li huwa fattur ieħor li jinfluwenza ż-żmien meta jsiru l-operazzjonijiet ta’ finanzjament. Dan jimplika li ż-żmien u l-maturitajiet tal-ħruġ jiddependu fuq l-attività relatata ta’ għoti b’self tal-UE. Il-finanzjament huwa denominat b’mod esklussiv f’euro u l-ispettru tal-maturità huwa ta’ minn tlieta (3) sa 30 sena.

It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-iskeda ta' rimborż ippjanat f'valur nominali għall-ammonti pendenti ta' self tal-EFSM u tal-BOP fil-31 ta' Diċembru 2018:

Biljuni ta' EUR

	BTP			EFSM			TOTAL
	Il-Latvja	Ir-Rumanija	Total	L-Irlanda	Il-Portugall	Total	
2019	0,5	1,0	1,5	-	-	-	1,5
2021	-	-	-	3,0	6,8	9,8	9,8
2022	-	-	-	-	2,7	2,7	2,7
2023	-	-	-	2,0	1,5	3,5	3,5
2024	-	-	-	0,8	1,8	2,6	2,6
2025	0,2	-	0,2	2,4	-	2,4	2,6
2026	-	-	-	2,0	2,0	4,0	4,0
2027	-	-	-	1,0	2,0	3,0	3,0
2028	-	-	-	2,3	-	2,3	2,3
2029	-	-	-	1,0	0,4	1,4	1,4
2031	-	-	-	-	2,2	2,2	2,2
2032	-	-	-	3,0	-	3,0	3,0
2033	-	-	-	1,5	0,6	2,1	2,1
2035	-	-	-	2,0	-	2,0	2,0
2036	-	-	-	-	1,0	1,0	1,0
2038					1,8	1,8	1,8
2042	-	-	-	1,5	1,5	3,0	3,0
Total	**0,7**	**1,0**	**1,7**	**22,5**	**24,3**	**46,8**	**48,5**

Il-mekkaniżmi intergovernattivi ta' stabbiltà finanzjarja l-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) huma barra l-qafas tat-Trattat tal-UE u b'hekk mhumiex inklużi fil-kontijiet annwali konsolidati tal-UE.

2.3. GARANZIJI BAĠITARJI

L-UE tat garanziji lill-Grupp tal-BEI fuq is-self mogħti barra l-UE u fuq l-operazzjonijiet ta' dejn u ekwità koperti mill-garanzija tal-FEIS. Fil-31 ta' Diċembru 2018, l-UE tiżvela fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tagħha (ara n-nota **4.1.1**) obbligazzjonijiet kontinġenti għaż-żewġ garanziji, filwaqt li l-ammonti li jikkostitwixxu l-obbligazzjonijiet preżenti huma rikonoxxuti bħala dispożizzjonijiet fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji)(ara n-nota **2.10** tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati). Sabiex jittaffa r-riskju li jista' jkollhom it-talbiet għal ħlas ta' garanzija mill-Grupp tal-BEI fuq il-baġit tal-UE, l-UE ħolqot fondi ta' garanzija ddedikati, jiġifieri l-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni u l-Fond ta' Garanzija tal-FEIS.

Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni huwa pprovdut mill-baġit tal-UE sabiex ikopri 9 % tas-self garantit għall-attivitajiet b'mandat tal-għoti b'self estern tal-BEI lil pajjiżi terzi pendenti fi tmiem is-sena. Fil-31 ta' Diċembru 2018, il-valur tal-assi totali ta' EUR 2,5 biljun ikopri skopertura ta' ammonti żborżati ta' EUR 20,7 biljun.

Il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS beda jopera fl-2016. Skont ir-Regolament emendat dwar il-FEIS (ir-Regolament UE 2017/2396), il-limitu massimu tal-garanzija tal-UE tal-FEIS żdied għal EUR 26 biljun (mis-EUR 16-il biljun inizjali) u l-limitu għall-fond ta' garanzija naqas għal 35 % (mill-50 % inizjali) mill-obbligu totali tal-garanzija tal-UE. Għalhekk, il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS issa huwa mistenni li jilħaq ammont totali ta' EUR 9,1 biljun. Il-Ftehim dwar il-FEIS ġie emendat fl-2018, f'konformità mar-Regolament emendat dwar il-FEIS. L-assi totali li kienu jikkostitwixxu l-Fond ta' Garanzija tal-FEIS fil-31 ta' Diċembru 2018 huma ta' EUR 5,5 miljun, li jkopru skopertura tal-ammonti żborżati ta' EUR 15,8-il biljun.

Skont ir-Regolament dwar l-EFSD (ir-Regolament UE 2017/1601), ġie stabbilit fond ta' garanzija ġdid: il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD. L-ewwel kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-UE fil-fond ġew riċevuti fl-2018 iżda sal-31 ta' Diċembru 2018 l-ebda ftehim ta' garanzija ma kien għadu daħal fis-seħħ.

2.4. RIŻERVA GĦAL MIN JIDĦOL ĠDID (New Entrants' Reserve, NER) 300

Il-Fond NER 300 joriġina mill-bejgħ tal-allowances tal-Iskema tal-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet u jappartjeni għall-Istati Membri li jużaw il-flus biex jiffinanzjaw proġetti innovattivi ta' dimostrazzjoni tal-enerġija b'livell baxx ta' karbonju. Il-Kummissjoni tiġġestixxi l-programm f'isem l-Istati Membri, filwaqt li l-BEI huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-assi tal-Fond NER 300 u jaġixxi bħala konsulent tekniku, skont il-Ftehim ta' Kooperazzjoni mal-Kummissjoni. Peress li la d-dħul mill-konċessjonijiet u lanqas l-ispejjeż għall-proġetti ffinanzjati ma huma parti mill-baġit tal-UE, dawn l-ammonti mhumiex kontabilizzati fil-kontijiet tal-UE.

RAPPORTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI BAĠITARJA U NOTI TA' SPJEGA

Għandu jiġi nnotat li minħabba l-arrotondament taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, xi data finanzjarja fit-tabelli ta' hawn taħt tista' tidher li ma taqbilx fl-għadd finali.

KONTENUT

RIŻULTAT TAL-BAĠIT TAL-UE 125
DIKJARAZZJONI TAT-TQABBIL TAL-BAĠIT U L-AMMONTI REALI 126
NOTI GĦAR-RAPPORTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI BAĠITARJA 128
1. IL-QAFAS TAL-BAĠIT TAL-UE 128
1.1. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI GĦALL-2014 SAL-2020; 128
1.2. INTESTATURI DETTALJATI TAL-QFP (PROGRAMMI) 129
1.3. BAĠIT ANNWALI 131
1.4. DĦUL 132
1.5. KALKOLU TAR-RIŻULTAT TAL-BAĠIT 133
1.6. RIKONĊILJAZZJONI TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU MAR-RIŻULTAT TAL-BAĠIT 134
2. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE GĦALL-2018 – KUMMENTARJU 135
2.1. DĦUL 135
2.2. NEFQA 137
3. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL TAL-BAĠIT TAL-UE 138
3.1. SOMMARJU TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL TAL-BAĠIT 138
4. IMPLEMENTAZZJONI TAN-NEFQA TAL-BAĠIT TAL-UE 139
4.1. QFP: TQASSIM U BIDLIET FL-APPROPRJAZZJONIJIET TA’ IMPENN U TA’ PAGAMENT 139
4.2. QFP: IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA’ IMPENN 140
4.3. QFP: L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA’ PAGAMENT . 141
4.4. QFP: ĊAQLIQ FL-IMPENJI PENDENTI (RAL) 142
4.5. QFP: IMPENJI PENDENTI SKONT IS-SENA TAL-ORIĠINI 143
4.6. QFP DETTALJAT: TQASSIM U BIDLIET FL-APPROPRJAZZJONIJIET TA’ IMPENN U TA’ PAGAMENT 144
4.7. QFP DETTALJAT: IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA’ IMPENN 150
4.8. QFP DETTALJAT: L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA’ PAGAMENT 156
4.9. QFP DETTALJAT: ĊAQLIQ FL-IMPENJI PENDENTI (RAL) 163
4.10. QFP DETTALJAT: IMPENJI PENDENTI SKONT IS-SENA TAL-ORIĠINI 168
5. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT SKONT L-ISTITUZZJONI 171
5.1. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL TAL-BAĠIT 171
5.2. IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA’ IMPENN 172
5.3. IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA’ PAGAMENT 173
6. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-AĠENZIJI 174
6.1. DĦUL TAL-BAĠIT 174

6.2. APPROPRAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI U GĦALL-ĦLASIJIET SKONT L-AĠENZIJA 176

RIŻULTAT TAL-BAĠIT TAL-UE

Miljuni ta' EUR

	Nota	2018	2017
Dħul għas-sena finanzjarja	1.1	159 318	139 691
Pagamenti kontra l-approprjazzjonijiet tas-sena attwali	1.2	(154 833)	(135 764)
Approprjazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena N+1	1.3	(1 675)	(1 796)
Kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet mhux użati riportati mis-sena N-1	1.4	106	40
Evoluzzjoni tad-dħul assenjat	1.5	(1 114)	(1 450)
Differenzi fir-rata tal-kambju għas-sena	1.6	(1)	(166)
Riżultat tal-baġit		**1 802**	**555**

Ir-riżultat tal-baġit tal-UE jintradd lura lill-Istati Membri fl-2019 permezz ta' tnaqqis tal-ammonti dovuti minnhom. Dan hu kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 608/2014 li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Kalkolu tar-riżultat tal-baġit.

1.1 Dħul għas-sena finanzjarja: tirreferi għat-tabella 3.1 "Sommarju tal-implimentazzjoni tad-Dħul tal-Baġit tal-UE", kolonna 8 "Dħul Totali".

1.2 Pagamenti kontra l-approprjazzjonijiet tas-sena kurrenti: irreferi għat-tabella 4.3 "QFP – Implimentazzjoni tal-Approprjazzjonijiet ta' pagament", kolonna 2 "Pagamenti magħmula mill-baġit adottat u kolonna 4 "Pagamenti magħmula mid-dħul assenjat".

1.3 Approprjazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena N+1: irreferi għat-tabella 4.3 "QFP – Implimentazzjoni tal-Approprjazzjonijiet ta' pagament", kolonna 7 riporti awtomatiċi flimkien mal-kolonna 8 riport permezz ta' deċiżjoni.

1.4 Kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-sena N-1: tqis l-ammont tal-approprjazzjonijiet ta' pagament (awtomatiċi u permezz ta' deċiżjoni) fi tmiem is-sena ta' qabel u l-"Pagamenti magħmula mir-riporti" tas-sena kurrenti bħal fil-kolonna 3 tat-tabella 4.3 "QFP – Implimentazzjoni tal-Approprjazzjonijiet ta' pagament".

1.5 Evoluzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' dħul assenjati totali fi tmiem is-sena: tikkalkola d-differenza fl-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' dħul assenjati fi tmiem is-sena ta' qabel (flimkien) u l-ammont tal-approprjazzjonijiet ta' dħul assenjati fi tmiem is-sena kurrenti (bħal fil-kolonna 9 tat-tabella 4.3 "QFP – Implimentazzjoni tal-Approprjazzjonijiet ta' pagament" - imnaqqsa) sabiex tinkiseb il-varjazzjoni netta tad-dħul assenjat fis-sena kurrenti.

1.6 Id-differenzi fir-rata tal-kambju jinkludu differenzi realizzati u mhux realizzati fir-rata tal-kambju.

DIKJARAZZJONI TAT-TQABBIL TAL-BAĠIT U L-AMMONTI REALI

Dħul tal-baġit

Miljuni ta' EUR

		Baġit inizjali adottat	Baġit finali adottat	Intitolamenti stabbiliti	Dħul
1	Riżorsi proprji	142 832	142 364	142 373	142 330
	11 - Imposti fuq iz-zokkor	*–*	*(93)*	*(85)*	*(85)*
	12 - Dazji doganali	*22 844*	*20 165*	*20 360*	*20 317*
	13 - Il-VAT	*17 250*	*17 149*	*17 133*	*17 133*
	14 - L-ING	*102 739*	*105 143*	*104 979*	*104 979*
	15 - Korrezzjoni tal-iżbilanċi baġitarji	*–*	*–*	*(19)*	*(19)*
	16-Tnaqqis tal-kontribuzzjoni bbażata fuq l-ING tan-Netherlands u tal-Isvezja	*–*	*–*	*6*	*6*
3	Bilanċi pożittivi, bilanċi u aġġustamenti	–	556	581	581
4	Dħul li jakkumula minn persuni li jaħdmu mal-istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-Unjoni	1 547	1 547	1 552	1 542
5	Dħul li jakkumula mill-operat amministrattiv tal-istituzzjonijiet	45	45	583	563
6	Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet b'konnessjoni mal-ftehimiet u l-programmi tal-Unjoni	110	110	13 346	12 777
7	Imgħaxijiet fuq pagamenti tardivi u multi	115	115	14 592	1 473
8	Operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self	6	6	39	39
9	Dħul mixxellanju	25	25	24	13
	Total	**144 681**	**144 768**	**173 090**	**159 318**

Nefqa baġitarja: impenji skont l-intestatura tal-qafas finanzjajru pluriennali (QFP)

Miljuni ta' EUR

	Intestatura tal-QFP	Baġit inizjali adottat	Baġit finali adottat	Approprijazzjonijiet totali disponibbli	Impenji magħmula
1	Tkabbir inklużiv u intelliġenti	77 534	77 532	89 649	87 357
	1a: Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	*22 001*	*22 000*	*25 864*	*23 773*
	1b: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	*55 532*	*55 532*	*63 785*	*63 585*
2	Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali	59 285	59 239	62 419	60 560
	li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	*43 235*	*43 233*	*45 284*	*44 364*
3	Is-sigurtà u ċ-ċittadinanza	3 493	3 492	4 015	3 855
4	Ewropa Globali	9 569	10 379	11 448	11 062
5	Amministrazzjoni	9 666	9 666	10 508	10 124
	li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	*4 015*	*4 015*	*4 465*	*4 280*
6	Kumpensi	–	–	–	–
8	Riżerva negattiva u defiċit riportati mis-sena finanzjarja preċedenti	–	–	–	–
9	Strumenti Speċjali	567	388	429	180
	Total	**160 114**	**160 696**	**178 468**	**173 139**

Nefqa baġitarja: pagamenti skont l-intestatura tal-qafas finanzjajru pluriennali (QFP)

Miljuni ta' EUR

	Intestatura tal-QFP	Baġit inizjali adottat	Baġit finali adottat	Approprijazzjonijiet totali disponibbli	Pagamenti li saru
1	Tkabbir inklużiv u intelliġenti	66 624	66 733	80 917	75 876
	1a: Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	*20 097*	*20 155*	*25 073*	*21 408*
	1b: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	*46 527*	*46 578*	*55 844*	*54 468*
2	Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali	56 084	56 241	59 648	58 046
	li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	*43 189*	*43 180*	*45 436*	*44 310*
3	Is-sigurtà u ċ-ċittadinanza	2 981	3 013	3 305	3 108
4	Ewropa Globali	8 906	8 813	10 788	9 519
5	Amministrazzjoni	9 666	9 667	11 355	9 944
	li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	*4 015*	*4 015*	*4 963*	*4 140*
6	Kumpensi	–	–	–	–
8	Riżerva negattiva u defiċit riportati mis-sena finanzjarja preċedenti	–	–	–	–
9	Strumenti Speċjali	420	302	340	180
	Total	**144 681**	**144 768**	**166 353**	**156 673**

NOTI GĦAR-RAPPORTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI BAĠITARJA

1. IL-QAFAS TAL-BAĠIT TAL-UE

Il-kontijiet baġitarji jinżammu f'konformità mar-Regolament Finanzjarju (RF) u mar-regoli ta' applikazzjoni tiegħu. Il-baġit ġenerali huwa l-istrument li jipprevedi u jawtorizza d-dħul u l-infiq tal-Unjoni kull sena, fil-limiti massimi u dispożizzjonijiet oħrajn stipulati fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali skont l-atti leġiżlattivi li jikkonċernaw il-programmi pluriennali adottati skont dak il-qafas.

1.1. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI GĦALL-2014 SAL-2020;

Miljuni ta' EUR

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Total
1. Tkabbir inklużiv u intelliġenti	52 756	77 986	69 304	73 512	76 420	79 924	83 661	513 563
1.a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	*16 560*	*17 666*	*18 467*	*19 925*	*21 239*	*23 082*	*25 191*	*142 130*
1.b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	*36 196*	*60 320*	*50 837*	*53 587*	*55 181*	*56 842*	*58 470*	*371 433*
2. Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali	49 857	64 692	64 262	60 191	60 267	60 344	60 421	420 034
li minnhom: nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	*43 779*	*44 190*	*43 951*	*44 146*	*44 163*	*44 241*	*44 264*	*308 734*
3. Is-sigurtà u ċ-ċittadinanza	1 737	2 456	2 546	2 578	2 656	2 801	2 951	17 725
4. Ewropa Globali	8 335	8 749	9 143	9 432	9 825	10 268	10 510	66 262
5. Amministrazzjoni	8 721	9 076	9 483	9 918	10 346	10 786	11 254	69 584
li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	*7 056*	*7 351*	*7 679*	*8 007*	*8 360*	*8 700*	*9 071*	*56 224*
6. Kumpensi	29	–	–	–	–	–	–	29
8. Riżerva negattiva	–	–	–	–	–	–	–	–
9. Strumenti Speċjali	–	–	–	–	–	–	–	–
Approprjazzjonijiet ta' impenn	**121 435**	**162 959**	**154 738**	**155 631**	**159 514**	**164 123**	**168 797**	**1 087 197**
Approprjazzjonijiet ta' pagament totali	**135 762**	**140 719**	**130 694**	**142 906**	**154 565**	**159 235**	**162 406**	**1 026 287**

It-tabella ta' hawn fuq turi l-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) bil-prezzijiet kurrenti. L-2018 kienet il-ħames sena finanzjarja koperta mill-QFP 2014-2020. Il-limitu massimu globali għall-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2018 kien ta' EUR 159 514-il miljun, ekwivalenti għal 1,02 % tal-ING tal-UE, filwaqt li l-limitu massimu korrispondenti għall-approprjazzjonijiet ta' pagament kien ta' EUR 154 565 miljun, jew 0,98 % tal-ING tal-UE validu matul is-sena baġitarja 2018.

Ġew miftiehma dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà ġodda għall-QFP 2014-2020. Waħda mid-dispożizzjonijiet il-ġodda hija l-possibbiltà li jiġu ttrasferiti l-marġini mhux minfuqa taħt il-limiti massimi tal-pagamenti għas-snin ta' wara - permezz tal-Marġini Globali għall-Pagamenti fil-qafas tal-aġġustament tekniku tal-QFP għas-sena ta' wara. Għalhekk, l-ammont li ma ntefaqx mill-2016 (EUR 13 991 miljun fi prezzijiet kurrenti) u mill-2017 (EUR 16 414-il miljun fi prezzijiet kurrenti) ġie ttrasferit għas-snin 2018-2020 u l-limiti massimi tal-2016-2020 ġew aġġustati kif xieraq – ara l-aġġustament tekniku msemmi hawn fuq tal-QFP għall-2018 u l-aġġustament tekniku għall-2019 (COM(2018) 282 tat-23 ta' Mejju 2018).

Fit-23 ta' Mejju 2018 il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għall-2019 f'konformità mal-movimenti fl-ING (ESA 2010) (COM(2018) 282 final tat-23 ta' Mejju 2018).

Spjegazzjoni tal-intestaturi varji tal-QFP tingħata hawn taħt:

Intestatura1 - Tkabbir Intelliġenti u Inklużiv

Din l-intestatura hija maqsuma f'żewġ komponenti separati, iżda marbuta ma' xulxin:

1a Il-kompetittività għat-tkabbir u l-impiegi, li tinkludi n-nefqa fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-politika soċjali, is-suq intern u l-politiki ta' appoġġ.

1b Il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, maħsuba sabiex issaħħaħ il-konverġenza tal-Istati Membri u r-reġjuni l-inqas żviluppati, sabiex tikkomplementa l-istrateġija tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli barra r-reġjuni li għandhom livell aktar baxx ta' prosperità u sabiex tappoġġja l-kooperazzjoni interreġjonali.

Intestatura 2 – Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali

L-Intestatura 2 tinkludi l-politiki komuni tal-agrikoltura u s-sajd, u l-miżuri ambjentali, b'mod partikolari l-programm Life +.

Intestatura 3 – Is-sigurtà u ċ-ċittadinanza

L-intestatura 3 (Sigurta u ċittadinanza) tirrifletti l-importanza dejjem tikber marbuta ma' ċerti oqsma fejn l-UE ġiet allokata kompiti partikolari – il-ġustizzja u l-affarijiet interni, il-ħarsien tal-fruntieri, il-politika dwar l-immigrazzjoni u l-ażil, is-saħħa pubblika u l-ħarsien tal-konsumatur, il-kultura, iż-żgħażagħ, l-informazzjoni u d-djalogu maċ-ċittadini.

Intestatura 4 – Ewropa Globali

L-Intestatura 4 tkopri l-azzjoni esterna kollha, inklużi l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-għajnuna umanitarja, l-istrumenti ta' qabel l-adeżjoni u tal-viċinat. Il-FEŻ jibqa' barra mill-baġit tal-UE u mhuwiex parti mill-QFP.

Intestatura 5 - Amministrazzjoni

Din l-intestatura tkopri l-infiq amministrattiv għall-istituzzjonijiet kollha, għall-pensjonijiet u għall-Iskejjel Ewropej. L-ispejjeż amministrattivi jsawru t-total tan-nefqa tal-istituzzjonijiet għajr il-Kummissjoni.

Intestatura 6 - Kumpens

F'konformità mal-qbil politiku li l-Istati Membri l-ġodda ma għandhomx isiru kontributuri netti għall-baġit fil-bidu nett tas-sħubija tagħhom, kien previst kumpens taħt din l-intestatura. Dan l-ammont kien disponibbli bħala trasferimenti lilhom sabiex jibbilanċja d-dħul u l-kontribuzzjonijiet baġitarji tagħhom.

Intestatura 9 – Strumenti speċjali

Il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà jippermettu lill-UE timmobilizza l-fondi meħtieġa sabiex tirreaġixxi għal avvenimenti mhux previsti bħal sitwazzjonijiet ta' kriżi u emerġenza. Il-kamp ta' applikazzjoni, l-allokazzjoni finanzjarja u l-modalitajiet operattivi tagħhom huma previsti fir-regolament tal-QFP u fil-Ftehim Interistituzzjonali. Fil-kuntest attwali tan-nefqa mnaqqsa, huma jistgħu jiżguraw ukoll li r-riżorsi baġitarji jkunu jistgħu jirrispondu għall-prijoritajiet li qegħdin jevolvu, sabiex b'hekk kull euro jintuża fejn ikun l-aktar meħtieġ. Għalhekk, il-biċċa l-kbira tal-mekkaniżmi ta' flessibbiltà jinżammu barra mill-QFP u l-finanzjament jista' jiġi mmobilizzat 'il fuq mil-limiti massimi tal-infiq.

1.2. INTESTATURI DETTALJATI TAL-QFP (PROGRAMMI)

L-intestaturi tal-QFP ikomplu jinqasmu f'intestaturi dettaljati, li jikkorrispondu għall-programmi ta' nfiq prinċipali (eż. Orizzont 2020, Erasmus+, eċċ.). Il-bażijiet ġuridiċi sottostanti għall-implimentazzjoni tal-baġit huma adottati f'dan il-livell tal-programm. Il-programmi huma l-istruttura li tintuża b'mod komuni għar-rapportar dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati. It-tabelli skont il-programmi huma disponibbli fir-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja (ara t-tabelli **4.6 - 4.10** aktar 'il quddiem).

1.3. BAĠIT ANNWALI

Kull sena, il-Kummissjoni toħroġ estimi tad-dħul u l-infiq tal-Istituzzjonijiet kollha għas-sena u tfassal abbozz ta' baġit li tibgħat lill-awtorità baġitarja. Abbażi ta' dan l-abbozz ta' baġit, il-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni tiegħu, li mbagħad tkun is-suġġett tan-negozjati bejn iż-żewġ naħat tal-awtorità baġitarja. Il-President tal-PE jiddikjara li l-abbozz konġunt finalment ġie adottat u b'hekk il-baġit sar infurzabbli. Matul is-sena inkwistjoni jiġu adottati baġits emendatorji. L-eżekuzzjoni tal-baġit hija prinċipalment ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni.

L-istruttura tal-baġit għall-Kummissjoni tikkonsisti f'approprjazzjonijiet amministrattivi u operattivi. L-Istituzzjonijiet l-oħrajn għandhom biss approprjazzjonijiet amministrattivi. Barra minn hekk, il-baġit jiddistingwi bejn żewġ tipi ta' approprjazzjonijiet: approprjazzjonijiet mhux differenzjati u approprjazzjonijiet differenzjati. L-approprjazzjonijiet mhux differenzjati jintużaw sabiex jiffinanzjaw operazzjonijiet ta' natura annwali (li huma konformi mal-prinċipju tal-annwalità). L-approprjazzjonijiet differenzjati jintużaw sabiex jirrikonċiljaw il-prinċipju tal-annwalità mal-ħtieġa li jiġu ġestiti l-operazzjonijiet pluriennali. L-approprjazzjonijiet differenzjati jinqasmu f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament:

- approprjazzjonijiet ta' impenn: ikopru l-kost totali tal-obbligi legali konklużi għas-sena finanzjarja kurrenti għal operazzjonijiet mifruxa fuq għadd ta' snin. Madankollu, l-impenji baġitarji għal azzjonijiet mifruxa fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq bosta snin f'pagamenti akkont annwali meta l-att bażiku jistipula hekk.

- approprjazzjonijiet ta' pagament: ikopru l-infiq li jirriżulta mill-impenji konklużi fis-sena finanzjarja kurrenti u/jew fi snin finanzjarji preċedenti.

Fil-kontijiet, it-tipi ta' finanzjament huma miġbura flimkien f'żewġ entrati ewlenin:

- Approprjazzjonijiet baġitarji finali adottati; u
- Approprjazzjonijiet addizzjonali li jinkludu:
  - Riporti mis-sena preċedenti (ir-regolament finanzjarju jippermetti għadd limitat ta' każijiet fejn l-ammonti mhux minfuqa jistgħu jiġu riportati mis-sena preċedenti għas-sena kurrenti); u
  - Id-dħul assenjat li jirriżulta mir-rimborżi, mill-kontribuzzjonijiet minn partijiet/pajjiżi terzi għall-programmi tal-UE u mill-ħidma mwettqa għal partijiet terzi jiġi assenjat direttament għal-linji baġitarji tal-infiq korrispondenti u jikkostitwixxi t-tielet pilastru tal-finanzjament.

It-tipi ta' finanzjament kollha flimkien jifformaw l-approprjazzjonijiet disponibbli.

1.4. DĦUL

1.4.1. Dħul mir-riżorsi proprji

Il-maġġoranza kbira tad-dħul jiġi minn riżorsi proprji, li jikkonsistu fil-kategoriji li ġejjin:

(1) Riżorsi proprji tradizzjonali (RPT): ġeneralment jirrappreżentaw +/- 14 % tad-dħul minn riżorsi proprji.

(2) Riżorsa bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT): ġeneralment jirrappreżentaw 12 % tad-dħul minn riżorsi proprji.

(3) Riżorsa bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING): ġeneralment jirrappreżentaw +/- 74 % tad-dħul minn riżorsi proprji.

L-allokazzjoni tar-riżorsi proprji ssir f'konformità mar-regoli stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE (ORD 2014). Din id-deċiżjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2016 u bdiet tapplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2014.

L-ammont totali ta' riżorsi proprji allokati lill-Unjoni sabiex ikopru l-approprjazzjonijiet annwali għall-pagamenti ma għandux jaqbeż il-1,20 % tat-total tal-ING tal-Istati Membri kollha.

1.4.2. Riżorsi proprji tradizzjonali (RPT)

Ir-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) jikkonsistu f'dazji doganali (imposti fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi) u imposti fuq iz-zokkor (imħallsin minn produtturi taz-zokkor sabiex jiffinanzjaw in-nefqa fuq l-organizzazzjoni komuni taz-zokkor fis-suq) imposti fuq l-operaturi ekonomiċi u miġbura mill-Istati Membri f'isem l-UE. Madankollu, l-Istati Membri jżommu 20 % bħala kumpens għall-kostijiet tal-ġbir tagħhom. L-ammonti kollha stabbiliti ta' riżorsi proprji tradizzjonali għandhom jiddaħħlu f'wieħed jew ieħor mill-kontijiet miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti.

- Fil-kontijiet ordinarji previsti fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament Nru 609/2014: l-ammonti kollha rkuprati jew garantiti.
- Fil-kontijiet separati previsti wkoll fl-Artikolu msemmi hawn fuq: l-ammonti kollha li għadhom ma ġewx irkuprati u/jew garantiti; l-ammonti garantiti iżda kkontestati jistgħu jiddaħħlu wkoll f'dan il-kont.

Ir-riżorsi proprji tradizzjonali jridu jiddaħħlu fil-kont tal-Kummissjoni mat-teżor jew mal-bank ċentrali nazzjonali mill-Istat Membru sa mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara d-19-il jum tat-tieni xahar wara x-xahar li matulu l-intitolament ikun stabbilit (jew irkuprat fil-każ ta' kont separat).

1.4.3. Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)

It-taxxa fuq il-valur miżjud ('value added tax' - VAT) tiġi imposta fuq il-bażijiet tal-VAT tal-Istati Membri, li huma armonizzati għal dan il-għan f'konformità mar-regoli tal-UE. Madankollu, il-bażi tal-VAT għandha limitu massimu ta' 50 % tal-ING ta' kull Stat Membru. Ir-rata uniformi tal-VAT applikata hija ffissata għal 0,30 %, ħlief għall-perjodu 2014-2020, fejn ir-rata tal-ġbir għall-Ġermanja, in-Netherlands u l-Isvezja kienet iffissata għal 0,15 %.

1.4.4. L-introjtu nazzjonali gross (ING)

Ir-riżorsa bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING) tintuża sabiex tiffinanzja l-parti tal-baġit li mhijiex koperta minn kwalunkwe sorsi ta' dħul oħrajn. L-istess rata perċentwali tiġi imposta fuq l-ING ta' kull Stat Membru, li hija stabbilita f'konformità mar-regoli tal-UE.

Ir-riżorsi bbażati fuq il-VAT u l-ING jiġu ddeterminati fuq il-bażi tal-previżjonijiet tal-bażijiet rilevanti li jsiru meta jkun qed jitħejja l-abbozz tal-baġit. Sussegwentement, dawn il-previżjonijiet jiġu riveduti u aġġornati matul is-sena finanzjarja inkwistjoni permezz ta' baġit emendatorju. Id-differenzi bejn l-

ammonti dovuti mill-Istati Membri b'referenza għall-bażijiet attwali u s-somom attwalment imħallsa fuq il-bażi tal-previżjonijiet (riveduti), pożittivi jew negattivi, huma eżerċitati mill-Kummissjoni mingħand l-Istati Membri għall-ewwel jum tax-xogħol ta' Ġunju tat-tieni sena wara s-sena finanzjarja inkwistjoni. Matul l-erba' snin ta' wara xorta jkunu jistgħu jsiru korrezzjonijiet fil-bażijiet attwali tal-VAT u tal-ING, sakemm ma tinħariġx riżerva. Dawn ir-riżervi għandhom jitqiesu bħala pretensjonijiet potenzjali fuq l-Istati Membri għal ammonti mhux stabbiliti billi l-impatt finanzjarju tagħhom ma jistax jiġi kkalkolat bi preċiżjoni. Meta jkun jista' jiġi stabbilit l-ammont eżatt, ir-riżorsi korrispondenti bbażati fuq il-VAT u l-ING jinġabru jew b'konnessjoni mal-eżerċitar tal-bilanċ tal-VAT u tal-ING jew inkella b'sejħiet individwali għall-fondi.

1.4.5. Il-korrezzjoni tar-Renju Unit

F'Ġunju 1984, il-Kunsill Ewropew waqqaf mekkaniżmu ta' korrezzjoni tal-iżbilanċ baġitarji favur ir-Renju Unit (li jnaqqas il-pagamenti tar-riżorsi proprji filwaqt li jżid il-pagamenti ta' Stati Membri oħrajn) f'Fontainebleau. Il-Ġermanja, l-Awstrija, l-Isvezja u n-Netherlands jibbenifikaw minn finanzjament imnaqqas tal-korrezzjoni tar-Renju Unit (ristrett għal kwart tas-sehem normali tagħhom).

1.4.6. Tnaqqis gross

Il-Kunsill Ewropew tas-7-8 ta' Frar 2013 ikkonkluda li d-Danimarka, in-Netherlands u l-Iżvezja għandhom jibbenifikaw minn tnaqqis gross fil-kontribuzzjonijiet annwali tagħhom abbażi tal-ING għall-perjodu 2014-2020 filwaqt li l-Awstrija bbenefikat minn tnaqqisiet gross għall-perjodu 2014-2016 biss. It-tnaqqis annwali huwa kif ġej: Id-Danimarka EUR 130 miljun, in-Netherlands EUR 695 miljun u l-Isvezja EUR 185 miljun.

1.5. KALKOLU TAR-RIŻULTAT TAL-BAĠIT

Ir-riżultat tal-baġit tal-UE jintradd lura lill-Istati Membri matul is-sena ta' wara permezz ta' tnaqqis tal-ammonti dovuti minnhom għal dik is-sena.

L-ammonti ta' riżorsi proprji mdaħħlin fil-kontijiet huma dawk ikkreditati matul is-sena għall-kontijiet miftuħa f'isem il-Kummissjoni mill-gvernijiet tal-Istati Membri. Id-dħul jinvolvi wkoll, fil-każ ta' bilanċ pożittiv, ir-riżultat tal-baġit għas-sena finanzjarja preċedenti. Id-dħul l-ieħor imdaħħal fil-kontijiet huwa l-ammont effettivament riċevut matul is-sena.

Għall-finijiet tal-kalkolu tar-riżultat tal-baġit għas-sena, in-nefqa tinkludi l-pagamenti li saru għall-approprjazzjonijiet tas-sena flimkien ma' kwalunkwe waħda mill-approprjazzjonijiet għal dik is-sena li huma riportati għas-sena ta' wara. Il-pagamenti magħmula għall-approprjazzjonijiet tas-sena jfissru l-pagamenti li jsiru mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà sal-31 ta' Diċembru tas-sena finanzjarja. Għall-FAEG, il-pagamenti huma dawk effettwati mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru N-1 u l-15 ta' Ottubru N, sakemm l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà jkun ġie nnotifikat bl-impenn u l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Jannar N+1. In-nefqa tal-FAEG tista' tkun soġġetta għal deċiżjoni ta' konformità wara kontrolli fl-Istati Membri.

Ir-riżultat tal-baġit jinkludi żewġ elementi: ir-riżultat tal-UE u r-riżultat tal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-EFTA li jappartjenu għaż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). F'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 608/2014 li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea, dan ir-riżultat jirrappreżenta d-differenza bejn:

- id-dħul totali rċevut għas-sena finanzjarja; u
- il-pagamenti totali magħmula għall-approprjazzjonijiet tas-sena kurrenti flimkien mal-ammont totali tal-approprjazzjonijiet ta' dik is-sena riportati għas-sena ta' wara.

Dawn li ġejjin jiżdiedu maċ-ċifra li tirriżulta jew jitnaqqsu minnha:

- il-bilanċ nett tal-kanċellazzjonijiet tal-approprjazzjonijiet ta' pagament riportati mis-snin preċedenti u kwalunkwe pagamenti li, minħabba l-varjazzjonijiet fir-rata tal-euro, jaqbżu l-approprjazzjonijiet mhux differenzjati riportati mis-sena preċedenti;
- l-evoluzzjoni ta' dħul assenjat; u

- il-qligħ u t-telf nett mir-rati tal-kambju rreġistrati matul is-sena.

L-approprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja preċedenti fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi u x-xogħol għalihom, li min-natura tagħhom qatt ma jiskadu, huma inklużi bħala approprjazzjonijiet addizzjonali għas-sena finanzjarja. Dan jispjega d-differenza bejn ir-riporti mis-sena preċedenti fir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena N u dawk riportati għas-sena ta' wara fir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena N-1. L-approprjazzjonijiet magħmula disponibbli mill-ġdid wara l-ħlas lura tal-pagamenti akkont jiġu injorati meta jkun qed jiġi kkalkolat ir-riżultat tal-baġit.

L-approprjazzjonijiet ta' pagament riportati jinkludu: riporti awtomatiċi u riporti permezz ta' deċiżjoni. Il-kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-sena preċedenti turi l-kanċellazzjonijiet tal-approprjazzjonijiet riportati awtomatikament u permezz ta' deċiżjoni.

1.6. RIKONĊILJAZZJONI TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU MAR-RIŻULTAT TAL-BAĠIT

Miljuni ta' EUR

	2018	2017
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA	**13 918**	**8 082**
Dħul		
Intitolamenti stabbiliti fis-sena attwali iżda li għadhom ma nġabrux	*(6 220)*	*(4 408)*
Intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti u miġbura fis-sena kurrenti	*9 331*	*10 739*
Dħul dovut (nett)	*(4 015)*	*(257)*
Spejjeż		
Spejjeż dovuti (netti)	*4 511*	*3 725*
Spejjeż mis-sena preċedenti mħallsin fis-sena kurrenti	*(6 086)*	*(3 574)*
Effett nett tal-prefinanzjament	*(8 634)*	*(12 059)*
Approprjazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena ta' wara	*(2 941)*	*(3 373)*
Pagamenti li jsiru minn riporti u kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati	*2 098*	*1 784*
Ċaqliq fil-provvedimenti	*3 567*	*6 752*
Oħrajn	*(4 175)*	*(6 676)*
Riżultat ekonomiku tal-Aġenziji u l-KEFA	**448**	**(179)**
RIŻULTAT TAL-BAĠIT TAS-SENA	**1 802**	**555**

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-riżultat ekonomiku għas-sena jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-prinċipji kontabilistiċi fuq id-dovuti, filwaqt li r-riżultat tal-baġit huwa bbażat fuq regoli modifikati tal-kontabbiltà abbażi tal-ħlasijiet. Minħabba li r-riżultat ekonomiku u r-riżultat tal-baġit it-tnejn ikopru l-istess tranżazzjonijiet sottostanti, huwa kontroll utli li jiġi aċċertat li huma rikonċiljabbli.

Entrati saldatorji - Dħul

Id-dħul baġitarju attwali għal sena finanzjarja jikkorrispondi għad-dħul miġbur mill-intitolamenti stabbiliti matul is-sena u għall-ammonti miġbura mill-intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti. Għalhekk, l-intitolamenti stabbiliti fis-sena kurrenti, iżda li għadhom ma nġabrux, għandhom jitnaqqsu mir-riżultat ekonomiku għall-finijiet ta' rikonċiljazzjoni minħabba li ma jifformawx parti mid-dħul baġitarju. Għall-kuntrarju, l-intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti u miġbura fis-sena kurrenti jridu jiżdiedu mar-riżultat ekonomiku għall-finijiet ta' rikonċiljazzjoni.

Id-dħul dovut jikkonsisti prinċipalment fi dħul dovut għall-agrikoltura, ir-riżorsi proprji, l-imgħaxijiet u d-dividendi. Huwa biss l-effett nett, jiġifieri d-dħul dovut għas-sena kurrenti nieqes id-dħul dovut mit-treġġigħ lura mis-sena preċedenti, li jittieħed f'kunsiderazzjoni.

Entrati saldatorji – Infiq

L-ispejjeż dovuti jikkonsistu prinċipalment f'dovuti magħmula għall-finijiet ta' 'cut-off' fl-aħħar tas-sena, jiġifieri l-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji tal-fondi tal-UE iżda li jkunu għadhom ma ġewx

irrapportati lill-Kummissjoni. Huwa biss l-effett nett, jiġifieri l-ispejjeż dovuti għas-sena kurrenti neqsin l-ispejjeż dovuti mit-treġġigħ lura mis-sena preċedenti, li jittieħed f'kunsiderazzjoni. Il-pagamenti magħmula fis-sena kurrenti b'rabta mal-fatturi rreġistrati fis-snin ta' qabel huma parti min-nefqa baġitarja tas-sena kurrenti u, għalhekk, iridu jiżdiedu mar-riżultat ekonomiku għal finijiet ta' rikonċiljazzjoni.

L-effett nett tal-prefinanzjament huwa l-kombinazzjoni ta' (1) l-ammonti ġodda tal-prefinanzjament imħallsa fis-sena kurrenti u rikonoxxuti bħala nfiq baġitarju tas-sena u (2) l-ikklerjar tal-prefinanzjament permezz tal-kostijiet eliġibbli aċċettati matul is-sena kurrenti. Dan tal-aħħar jirrappreżenta spiża f'termini ta' dovuti iżda mhux fil-kontijiet baġitarji, minħabba li l-ħlas tal-prefinanzjament inizjali diġà tqies bħala nefqa baġitarja fiż-żmien meta tħallas.

Minbarra l-pagamenti magħmula għall-approprjazzjonijiet tas-sena, l-approprjazzjonijiet għal dik is-sena li huma riportati għas-sena ta' wara jridu jiġu kkunsidrati wkoll fil-kalkolu tar-riżultat tal-baġit għas-sena (f'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 608/2014). L-istess japplika għall-pagamenti baġitarji li jsiru fis-sena kurrenti minn riporti mis-snin preċedenti u l-kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament li ma jintużawx.

Iċ-ċaqliq fil-provvedimenti jirrigwardja l-estimi fi tmiem is-sena magħmula fir-rapporti finanzjarji (prinċipalment benefiċċji tal-impjegati) li ma għandhomx impatt fuq il-kontijiet baġitarji. Ammonti ta' rikonċiljazzjoni oħrajn jinkludu elementi differenti, bħall-amortizzament/id-deprezzament tal-assi, l-akkwiżizzjonijiet tal-assi, il-pagamenti ta' lokazzjonijiet ta' kapital u l-parteċipazzjonijiet finanzjarji li għalihom it-trattamenti tal-baġit u tal-kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti huma differenti.

2. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE GĦALL-2018 – KUMMENTARJU

2.1. DĦUL

Fil-baġit inizjali adottat tal-UE, iffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew fit-30 ta' Novembru 2017, l-ammont tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kien ta' EUR 144 681 miljun u l-ammont li jrid jiġi ffinanzjat mir-riżorsi proprji kien jammonta għal total ta' EUR 142 832 miljun. L-estimi tad-dħul u tal-infiq fil-baġit inizjali ġeneralment jiġu aġġustati matul is-sena finanzjarja, b'dawn il-modifiki jiġu ppreżentati f'baġits emendatorji. L-aġġustamenti fir-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING jiżguraw li d-dħul ibbaġitjat ikun jaqbel eżattament man-nefqa bbaġitjata. F'konformità mal-prinċipju tal-ekwilibriju, id-dħul u l-infiq tal-baġit (approprjazzjonijiet ta' pagament) iridu jkunu f'bilanċ.

Matul l-2018 ġew adottati sitt baġits emendatorji. Wara li jiġu kkunsidrati dawn ukoll, id-dħul finali adottat għall-2018 ammonta għal EUR 144 767,9 miljun u t-total iffinanzjat mir-riżorsi proprji kien (EUR 142 363,7 miljun). Il-fattur ewlieni għat-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri fl-2018 kien is-surplus mis-sena finanzjarja preċedenti (EUR 555,5 miljun) kontrobilanċjati ftit b'żieda netta tal-approprjazzjonijiet ta' pagament (EUR 86,9 miljun).

F'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat tar-riżorsi proprji, il-ġbir ta' riżorsi proprji tradizzjonali kien qrib ħafna tal-ammonti mbassra. Dan huwa primarjament dovut għall-fatt li l-estimi tal-baġit ġew immodifikati fiż-żmien meta ġie stabbilit il-baġit emendatorju 6/2018 (primarjament fuq il-bażi tal-previżjonijiet tar-rebbiegħa 2018).

Il-pagamenti finali tal-VAT u tal-ING mill-Istati Membri jikkorrespondu wkoll mill-qrib għall-istima baġitarja finali. Id-differenzi bejn l-ammonti mbassra u l-ammonti effettivament imħallsa huma dovuti għad-differenzi bejn ir-rati tal-euro użati għall-finijiet baġitarji u r-rati fis-seħħ fiż-żmien meta l-Istati Membri barra l-UEM fil-fatt għamlu l-pagamenti tagħhom.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-bilanċi tal-VAT u l-ING, ir-regoli huma stabbiliti fl-Artikolu 10b tar-Regolament dwar it-Tqegħid għad-Dispożizzjoni (ir-Regolament 609/2014). Il-proċedura ma tinvolvi ebda baġit emendatorju u, għalhekk, il-Kummissjoni titlob direttament lill-Istati Membri jħallsu l-ammonti netti. L-impatt għall-baġit tal-UE kien qrib żero minħabba din is-sistema ta' netting.

L-intestatura "Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet b'rabta mal-ftehimiet u l-programmi tal-UE" tikkonċerna prinċipalment id-dħul mill-korrezzjonijiet finanzjarji (il-FEIS, il-FAEG u l-FAEŻR), il-parteċipazzjoni ta'

pajjiżi terzi fil-programmi ta' riċerka, l-approvazzjoni tal-kontijiet f'fondi agrikoli u kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħrajn għal programmi/attivitajiet tal-UE. Parti sostanzjali minn dan it-total huwa magħmul mid-dħul assenjat, li ġeneralment jagħti lok għad-dħul ta' approprjazzjonijiet addizzjonali min-naħa tal-infiq. Fl-2018, dawn il-kontribuzzjonijiet laħqu total ta' (EUR 12,8-il biljun).

Id-dħul minn multi jirrigwardja prinċipalment il-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni.

2.2. NEFQA

Il-baġit tal-2018 kellu l-għan li jikseb bilanċ tajjeb bejn l-implimentazzjoni ta' programmi li għaddejjin u l-indirizzar tal-isfidi ġodda. Għalhekk, huwa bena fuq l-impenji li saru fis-snin preċedenti u jagħmel użu mil-lok eżistenti għal flessibbiltà sabiex iwieġeb għall-isfidi skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014–2020. Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP 2014-2020 żiedet il-kapaċità tal-baġit tal-UE biex jiġu indirizzati l-isfidi u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri.

F'konformità mal-evoluzzjoni annwali prevista fil-QFP, l-approprjazzjonijiet proposti fl-abbozz ta' baġit ġew stabbiliti għal EUR 160,7 biljun (1,4 % ogħla meta mqabbla mal-baġit għall-2017) f'impenji, u EUR 144,7 biljun (8 %) f'pagamenti, li jikkorrispondu għal 1,02 % u 0,92 % tal-ING tal-UE, rispettivament. Rigward il-pagamenti, ix-xogħol b'lura ta' pagamenti anormali osservat fil-bidu tal-QFP ġie solvut fl-2016, u kien mistenni li ħafna programmi se jaqbdu pass kostanti, b'mod partikolari fil-"Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" (intestatura 1b tal-baġit).

Fl-2018, il-Kummissjoni ma ppreżentat ebda aġġustament sinifikanti permezz tal-baġits emendatorji. L-uniċi aġġustamenti ġew proposti fil-Baġit Emendatorju Nru 6 fejn il-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament u impenn ġie aġġustat biex jiġi allinjat aktar mill-qrib mal-estimi tal-ħtiġijiet b'mod konġunt mat-Trasferiment Globali.

L-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet disponibbli fl-2018

L-implimentazzjoni tal-2018 għat-tipi kollha ta' approprjazzjonijiet (baġit, riporti mill-2017 u dħul assenjat) kienet 97 % għall-impenji u 94 % għall-pagamenti. L-approprjazzjonijiet mill-baġit ġew implimentati bis-sħiħ fl-2018 (99,9 % fl-impenji u 98,5 % fil-pagamenti). Ir-rata tal-implimentazzjoni titla' għal 99,8 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u 99,7 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament meta tassumi l-konsum sħiħ tal-ammonti riportati għall-2019.

L-intestaturi kollha laħqu livelli għoljin ta' implimentazzjoni. Rigward l-istrumenti speċjali, l-implimentazzjoni sħiħa mhix objettiv peress li dawn jiġu mmobilizzati fi kriżijiet jew f'ċirkustanzi imprevisti biss.

Impenji Pendenti

L-impenji pendenti (RAL, ammonti impenjati li għadhom ma tħallsux) kienu ta' EUR 281,2 biljun fl-aħħar tal-2018. Iż-żieda tal-RAL kienet anqas minn dik prevista, u laħqet it-EUR 13,5-il biljun, bħala riżultat tal-effett kombinat tal-approprjazzjonijiet ta' impenn addizzjonali mill-Baġit Emendatorju Nru 3 (b'rabta mal-estensjoni tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija) u implimentazzjoni aħjar milli mistennija tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament li joriġinaw mit-tipi kollha ta' sorsi, jiġifieri vvotati, riportait mill-2017 u dħul assenjat.

Analiżi aktar dettaljata tal-aġġustamenti baġitarji, il-kuntest rilevanti tagħhom, il-ġustifikazzjoni u l-impatt rilevanti tagħhom hija ppreżentata fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja 2018, il-Parti A "Ħarsa ġenerali fil-livell tal-baġit" u l-Parti B li tittratta kull intestatura tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

Riżultat tal-baġit

Meta mqabbel mar-riżultat tal-baġit tal-2017, li kien l-anqas livell fl-istorja ta' EUR 0,56 biljun, ir-riżultat tal-baġit tal-2018 huwa ogħla u jammonta għal EUR 1,8 biljun; dan jirriżulta primarjament mil-lat tad-dħul, fejn id-dħul mill-kontribuzzjonijiet u r-rifużjonijiet b'rabta mal-ftehimiet u l-programmi tal-Unjoni kien materjali fl-2018 (EUR 12,8-il biljun). L-approprjazzjonijiet ta' pagament laħqu implimentazzjoni kważi sħiħa (94 %), l-ammonti li ma ntefqux (5 %) ġew awtorizzati għar-riportar għall-2019 u l-ammont mhux użat huwa insinifikanti.

3. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL TAL-BAĠIT TAL-UE

3.1. SOMMARJU TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL TAL-BAĠIT

Miljuni ta’ EUR

	Titolu	Approprjazzjonijiet tal-introjtu		Intitolamenti stabbiliti			Dħul			Dħul bħala % tal-baġit	Pen-denti
		Baġit inizjali adottat	Baġit finali adottat	Sena kurrenti	Riportati	Total	Fuq l-intitolamenti tas-sena kurrenti	Fuq l-intitolamenti riportati	Total		
		1	2	3	4	5=3+4	6	7	8=6+7	9=8/2	10=5-8
1	Riżorsi proprji	142 832	142 364	142 334	39	142 373	142 329	0	142 330	100 %	44
3	Bilanċi pożittivi, bilanċi u aġġustamenti	–	556	581	–	581	581	–	581	105 %	–
4	Dħul li jakkumula minn persuni li jaħdmu mal-istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-Unjoni	1 547	1 547	1 541	11	1 552	1 531	11	1 542	100 %	10
5	Dħul li jakkumula mill-operat amministrattiv tal-istituzzjonijiet	45	45	559	24	583	545	18	563	1 250 %	20
6	Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet b’konnessjoni mal-ftehimiet u l-programmi tal-Unjoni	110	110	13 021	324	13 346	12 619	157	12 777	11 615 %	569
7	Imgħaxijiet fuq pagamenti tardivi u multi	115	115	6 778	7 814	14 592	897	576	1 473	1 281 %	13 119
8	Operazzjonijiet ta’ għoti u teħid b’self	6	6	24	15	39	24	15	39	631 %	–
9	Dħul mixxellanju	25	25	17	6	24	12	1	13	53 %	10
	Total	**144 681**	**144 768**	**164 856**	**8 234**	**173 090**	**158 539**	**779**	**159 318**	**110 %**	**13 771**

4. IMPLEMENTAZZJONI TAN-NEFQA TAL-BAĠIT TAL-UE

4.1. QFP: TQASSIM U BIDLIET FL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN U TA' PAGAMENT

Miljuni ta' EUR

Intestatura tal-QFP		**Approprjazzjonijiet ta' impenn**						**Approprjazzjonijiet ta' pagament**					
		Approprjazzjonijiet baġitarji			Approprjazzjonijiet addizzjonali		**Approprjazzjonijiet totali disponibbli**	Approprjazzjonijiet baġitarji			Approprjazzjonijiet addizzjonali		**Approprjazzjonijiet totali disponibbli**
		Baġit inizjali adottat	Baġits emendatorji u trasferimenti	Baġit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat		Baġit inizjali adottat	Baġits emendatorji u trasferimenti	Baġit finali adottat	Riporti	Dħul assenjat	
		1	2	3=1+2	4	5	6=3+4+5	7	8	9=7+8	10	11	12=9+10+11
1	Tkabbir inklużiv u intelliġenti	77 534	(2)	77 532	123	11 994	89 649	66 624	108	66 733	120	14 064	80 917
	1a: Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	*22 001*	*(2)*	*22 000*	*4*	*3 861*	*25 864*	*20 097*	*57*	*20 155*	*108*	*4 811*	*25 073*
	1b: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	*55 532*	*–*	*55 532*	*119*	*8 133*	*63 785*	*46 527*	*51*	*46 578*	*13*	*9 253*	*55 844*
2	Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali	59 285	(46)	59 239	451	2 729	62 419	56 084	157	56 241	663	2 744	59 648
	li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	*43 235*	*(1)*	*43 233*	*451*	*1 601*	*45 284*	*43 189*	*(9)*	*43 180*	*656*	*1 601*	*45 436*
3	Is-sigurtà u ċ-ċittadinanza	3 493	(1)	3 492	247	276	4 015	2 981	32	3 013	16	276	3 305
4	Ewropa Globali	9 569	810	10 379	64	1 005	11 448	8 906	(93)	8 813	315	1 659	10 788
5	Amministrazzjoni	9 666	–	9 666	11	832	10 508	9 666	0	9 667	854	834	11 355
	li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	*4 015*	*–*	*4 015*	*11*	*439*	*4 465*	*4 015*	*–*	*4 015*	*507*	*441*	*4 963*
6	Kumpensi	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–
8	Riżerva negattiva u deficit riportati mis-sena finanzjarja preċedenti	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–
9	Strumenti Speċjali	567	(179)	388	–	41	429	420	(118)	302	0	38	340
	Total	**160 114**	**583**	**160 696**	**895**	**16 876**	**178 468**	**144 681**	**87**	**144 768**	**1 970**	**19 616**	**166 353**

4.2. QFP: IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN

Miljuni ta' EURi

	Intestatura tal-QFP	**Total totali disponibbli**	Impenji magħmula					Approprjaz. riportati għall-2019			Approprjazzjonijiet li jiskadu			
			mill-baġit finali adottat	minn riporti	mid-dħul assenjat	Total	%	dħul assenjat	riporti permezz ta' deċiżjoni	Total	mill-baġit finali adottat	minn riporti	mid-dħul assenjat	Total
		1	2	3	4	5=2+3+4	6=5/1	7	8	9=7+8	10	11	12	13=10+11+12
1	Tkabbir inklużiv u intelliġenti	89 649	77 514	114	9 729	87 357	97 %	2 265	0	2 265	18	9	0	27
	1a: Kompetittività għat-tkabbir u l-impiegi	*25 864*	*21 988*	*4*	*1 780*	*23 773*	*92 %*	*2 080*	*0*	*2 081*	*11*	*0*	*0*	*11*
	1b: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	*63 785*	*55 525*	*110*	*7 949*	*63 585*	*100 %*	*184*	*–*	*184*	*7*	*9*	*–*	*16*
2	Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali	62 419	58 774	442	1 344	60 560	97 %	1 385	460	1 845	6	9	–	15
	li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	*45 284*	*42 771*	*442*	*1 152*	*44 364*	*98 %*	*449*	*460*	*908*	*3*	*9*	*–*	*11*
3	Is-sigurtà u ċ-ċittadinanza	4 015	3 491	247	118	3 855	96 %	158	–	158	2	–	0	2
4	Ewropa Globali	11 448	10 377	64	621	11 062	97 %	383	–	383	2	–	0	2
5	Amministrazzjoni	10 508	9 545	7	572	10 124	96 %	259	1	260	119	5	0	124
	li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	*4 465*	*3 939*	*7*	*334*	*4 280*	*96 %*	*105*	*0*	*105*	*76*	*5*	*0*	*81*
6	Kumpensi	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–
8	Riżerva negattiva u defiċit riportati mis-sena finanzjarja preċedenti	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–
9	Strumenti Speċjali	429	180	–	–	180	42 %	41	64	104	144	–	–	144
	Total	**178 468**	**159 881**	**873**	**12 385**	**173 139**	**97 %**	**4 491**	**525**	**5 015**	**291**	**23**	**0**	**314**

4.3. QFP: L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT

Miljuni ta' EURi

Intestatura tal-QFP	**Total totali disponibbli**	**Pagamenti li saru**					**Approprjazzjonijiet riportati għall-2019**				**Approprjazzjonijiet li jiskadu**			
		mill-baġit finali adottat	minn riporti	mid-dħul assenjat	Total	%	riporti awtomat.	riporti permezz ta' deċiż.	dħul assenjat	Total	mill-baġit finali adottat	minn riporti	mid-dħul assenjat	Total
	1	2	3	4	5=2+3+4	6=5/1	7	8	9	10=7+8+9	11	12	13	14=11+12+13
1 Tkabbir inklużiv u intelliġenti	80 917	66 540	107	9 230	75 876	94 %	130	3	4 833	4 966	59	14	1	74
1a: Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	*25 073*	*19 993*	*97*	*1 318*	*21 408*	*85 %*	*117*	*3*	*3 492*	*3 612*	*41*	*11*	*1*	*53*
1b: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	*55 844*	*46 547*	*10*	*7 912*	*54 468*	*98 %*	*13*	*–*	*1 341*	*1 354*	*18*	*3*	*–*	*21*
2 Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali	59 648	55 576	643	1 827	58 046	97 %	193	460	918	1 570	13	20	–	33
li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	*45 436*	*42 533*	*636*	*1 142*	*44 310*	*98 %*	*186*	*460*	*459*	*1 104*	*2*	*20*	*–*	*22*
3 Is-sigurtà u ċ-ċittadinanza	3 305	2 980	11	117	3 108	94 %	9	–	159	167	25	5	0	29
4 Ewropa Globali	10 788	8 711	310	498	9 519	88 %	65	–	1 161	1 226	37	5	0	42
5 Amministrazzjoni	11 355	8 731	768	445	9 944	88 %	818	2	389	1 209	120	82	1	203
li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	*4 963*	*3 435*	*446*	*259*	*4 140*	*83 %*	*508*	*0*	*182*	*690*	*76*	*58*	*–*	*133*
6 Kumpensi	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–	–
8 Riżerva negattiva u defiċit riportati mis-sena finanzjarja preċedenti	–	–	–	–	–	–	0	–	–	–	–	–	–	–
9 Strumenti Speċjali	340	157	0	22	180	53 %	0	–	16	16	144	0	–	144
Total	**166 353**	**142 695**	**1 840**	**12 138**	**156 673**	**94 %**	**1 214**	**465**	**7 475**	**9 154**	**398**	**126**	**2**	**526**

4.4. QFP: ĊAQLIQ FL-IMPENJI PENDENTI (RAL)

Miljuni ta' EUR

	Intestatura tal-QFP	Impenji pendenti fi tmiem is-sena preċedenti				Impenji tas-sena kurrenti				**Impenji pendenti totali fi tmiem is-sena**
		Impenji riportati mis-sena preċedenti	Diżimpenji/ Rivalwazzjonijiet/ Kanċellazzjonijiet	Pagamenti	Impenji pendenti fi tmiem is-sena	Impenji li saru matul is-sena	Pagamenti	Kanċellazzjoni ta' impenji li ma jistgħux jiġu riportati	Impenji pendenti fi tmiem is-sena	
		1	2	3	4=1+2+3	5	6	7	8=5+6+7	9=4+8
1	Tkabbir inklużiv u intelliġenti	196 837	(1 323)	(67 640)	127 874	87 357	(8 237)	(4)	79 117	206 991
	1a: Kompetittività għat-tkabbir u l-impiegi	*35 576*	*(932)*	*(13 691)*	*20 953*	*23 773*	*(7 717)*	*(4)*	*16 052*	*37 006*
	1b: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	*161 260*	*(392)*	*(53 948)*	*106 920*	*63 585*	*(520)*	*(0)*	*63 064*	*169 985*
